Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 28 ta' Settembru 2020
(OR. en)

11213/20

**Fajl Interistituzzjonali:**
**2020/0279(COD)**

ASILE 9
MIGR 100
CODEC 896
CADREFIN 280

**NOTA TA' TRASMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 28 ta' Settembru 2020 |
| lil: | Is-Sur Jeppe TRANHOLM-MIKKELSEN, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2020) 610 final |
| Suġġett: | Proposta għal REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL dwar il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill (KE) 2003/109 u r-Regolament propost (UE) XXX/XXX [Il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil] |

Id-delegazzjonijiet għandhom isibu mehmuż id-dokument COM(2020) 610 final.

Mehmuż: COM(2020) 610 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 23.9.2020
COM(2020) 610 final

2020/0279 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill (KE) 2003/109 u r-Regolament propost (UE) XXX/XXX [Il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil]**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

{SWD(2020) 207 final}

MT MT

# MEMORANDUM TA' SPJEGAZZJONI

## 1. KUNTEST TAL-PROPOSTA

### 1.1. Raġunijiet għall-proposta u l-objettivi tagħha

Fil-Linji Gwida Politiċi tal-Kummissjoni, il-President Ursula von der Leyen ħabbret Patt Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, li jinvolvi approċċ komprensiv lejn il-fruntieri esterni, is-sistemi tal-ażil u r-ritorn, iż-żona Schengen tal-moviment liberu u d-dimensjoni esterna.

Il-Patt il-ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, ippreżentat flimkien ma' din il-proposta għal Regolament ġdid dwar il-ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni[1], jirrappreżenta bidu ġdid fuq il-migrazzjoni bbażata fuq approċċ komprensiv għall-ġestjoni tal-migrazzjoni. Din il-proposta tistabbilixxi qafas komuni għall-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni fil-livell tal-UE bħala kontribut ewlieni għall-approċċ komprensiv u tfittex li tippromwovi l-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri. Abbażi tal-prinċipji ġenerali tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà, il-Patt il-ġdid jirrakkomanda t-tfassil integrat tal-politika li jgħaqqad flimkien il-politiki fl-oqsma tal-ażil, il-migrazzjoni, ir-ritorn, il-protezzjoni tal-fruntieri esterni, il-ġlieda kontra l-kuntrabandu tal-migranti u r-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi ewlenin li jirriflettu approċċ sħiħ tal-gvern. Huwa jirrikonoxxi li approċċ komprensiv ifisser ukoll espressjoni aktar b'saħħitha, aktar sostenibbli u tanġibbli tal-prinċipju tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà, li ssib il-bilanċ tagħha f'kuntest usa', li twessa' l-attenzjoni lil hinn mill-kwistjoni li l-Istat Membru huwa responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. Dawn il-prinċipji għalhekk jenħtieġ li jiġu applikati għall-ġestjoni kollha tal-migrazzjoni, li jvarjaw mill-iżgurar tal-aċċess għall-protezzjoni internazzjonali għall-indirizzar tal-migrazzjoni irregolari u l-movimenti mhux awtorizzati.

L-isfidi tal-ġestjoni tal-migrazzjoni, li jvarjaw mill-iżgurar ta' bilanċ tal-isforzi fit-trattament tal-applikazzjonijiet għall-ażil sal-iżgurar ta' identifikazzjoni rapida ta' dawk fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali jew ir-ritorn effettiv ta' dawk li ma għandhomx bżonn ta' protezzjoni, ma għandux ikollhom jiġu trattati biss mill-Istati Membri individwali, iżda mill-UE kollha kemm hi. Barra minn hekk, il-pressjoni fuq is-sistemi tal-ażil tal-Istati Membri tkompli tpoġġi piż kbir fuq l-Istati Membri tal-ewwel wasla kif ukoll fuq is-sistemi tal-ażil ta' Stati Membri oħra permezz ta' movimenti mhux awtorizzati. Is-sistema attwali tal-migrazzjoni mhijiex biżżejjed biex jiġu indirizzati dawn ir-realtajiet. B'mod partikolari, bħalissa ma hemm l-ebda mekkaniżmu effettiv ta' solidarjetà fis-seħħ u l-ebda regola effiċjenti dwar ir-responsabbiltà. Għalhekk huwa meħtieġ qafas Ewropew li jista' jmexxi l-interdipendenza bejn il-politiki u d-deċiżjonijiet tal-Istati Membri. Dan il-qafas għandu jqis ir-realtajiet tal-migrazzjoni li dejjem qed jinbidlu, u dan fisser żieda fil-kumplessità u ħtieġa intensifikata għall-koordinazzjoni.

Din il-proposta għal Regolament Ġdid dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni għandha l-għan li tissostitwixxi r-Regolament ta' Dublin attwali u terġa' tniedi r-riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA) permezz tal-istabbiliment ta' qafas komuni li jikkontribwixxi għall-approċċ komprensiv għall-ġestjoni tal-migrazzjoni permezz ta' tfassil ta' politika integrat fil-qasam tal-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni, inkluż kemm il-komponenti interni kif ukoll dawk esterni tagħha. Dan l-approċċ il-ġdid jankra s-sistema eżistenti f'qafas usa' li jista' jirrifletti l-approċċ tal-gvern kollu u jiżgura l-koerenza u l-effettività tal-

1 ĠU L […], […], p. […].

azzjonijiet u l-miżuri meħuda mill-Unjoni u l-Istati Membri tagħha. Dan l-approċċ jinkludi wkoll mekkaniżmu ġdid u aktar komprensiv għas-solidarjetà biex jiġi żgurat il-funzjonament normali tas-sistema tal-migrazzjoni, kif ukoll kriterji ssimplifikati u mekkaniżmi aktar effiċjenti biex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.

Din il-proposta tipprovdi għal mekkaniżmu ġdid ta' solidarjetà li huwa flessibbli u sensittiv fid-disinn sabiex ikun jista' jiġi aġġustat għas-sitwazzjonijiet differenti ppreżentati mill-isfidi migratorji differenti li qed jiffaċċjaw l-Istati Membri, billi jiġu stabbiliti miżuri ta' solidarjetà li l-Istati Membri jistgħu jagħżlu liema minnhom jikkontribwixxu. Dan l-approċċ il-ġdid għas-solidarjetà jipprovdi appoġġ kontinwu u divers lill-Istati Membri taħt pressjoni jew riskju ta' pressjoni u jinkludi proċess speċifiku biex jiġu indirizzati l-ispeċifiċitajiet tal-iżbarki wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ. Barra minn hekk, l-Istati Membri se jkunu jistgħu joffru kontribuzzjonijiet volontarji fi kwalunkwe ħin. Il-Kummissjoni se tiżgura l-koordinazzjoni ta' dawn il-miżuri f'kull ħin.

Din il-proposta tinkludi wkoll dispożizzjonijiet biex jissaħħaħ ir-ritorn tal-migranti irregolari. Għal dan il-għan, hija tintroduċi mekkaniżmu li jiffaċilita l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi dwar ir-ritorn u r-riammissjoni u li jissumplimenta l-mekkaniżmu stabbilit mill-Artikolu 25a tar-Regolament dwar il-Kodiċi dwar il-Viżi (UE) 810/2019[2]. Dan il-mekkaniżmu ġdid jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tippreżenta lill-Kunsill rapport li jidentifika miżuri effettivi biex jinċentivaw u jtejbu l-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi biex jiffaċilitaw ir-ritorn u r-riammissjoni, kif ukoll il-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri għall-istess għan, filwaqt li jitqiesu l-interessi u r-relazzjonijiet ġenerali mal-pajjiżi terzi kkonċernati. Il-Kummissjoni se tiddependi fuq il-kontribut tas-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna u d-Delegazzjonijiet tal-UE. Imbagħad, il-Kummissjoni u l-Kunsill jikkunsidraw kwalunkwe azzjoni ulterjuri xierqa li għandha tiġi implimentata f'dak ir-rigward, fil-limiti tal-kompetenzi rispettivi tagħhom. Dan il -mekkaniżmu u l-Koordinatur il-ġdid tar-ritorn tal-UE, appoġġati minn network ta' rappreżentanti ta' livell għoli, imħabbra fil-Patt il-ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, se jikkontribwixxu għal approċċ strateġiku u koordinat komuni dwar ir-ritorn u r-riammissjoni fost l-Istati Membri, il-Kummissjoni u l-aġenziji tal-Unjoni.

Barra minn hekk, il-miżuri ta' solidarjetà se jinkludu wkoll possibbiltajiet ġodda għall-Istati Membri biex jipprovdu assistenza lil xulxin fit-twettiq ta' ritorni, fil-forma ta' sponsorizzazzjoni ta' ritorn. Taħt din il-forma ġdida ta' miżura ta' solidarjetà, l-Istati Membri jimpenjaw ruħhom li jirritornaw migranti irregolari f'isem Stat Membru ieħor, li jwettqu l-attivitajiet kollha meħtieġa għal dan il-għan direttament mit-territorju tal-Istat Membru benefiċjarju (eż. konsulenza għar-ritorn, djalogu politiku ewlieni ma' pajjiżi terzi, l-għoti ta' appoġġ għar-ritorn volontarju assistit u r-reintegrazzjoni). Attivitajiet bħal dawn huma addizzjonali għal dawk imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta (EBCGA) bis-saħħa tal-mandat tagħha u jinkludu b'mod partikolari miżuri li l-Aġenzija ma tistax timplimenta (pereżempju li toffri appoġġ diplomatiku lill-Istat Membru benefiċjarju fir-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi). Madankollu, meta r-ritorn ma jkunx ġie ffinalizzat fi żmien 8 xhur, il-migranti irregolari jiġu trasferiti lejn it-territorju tal-Istat Membru li jipprovdi sponsorizzazzjoni bil-ħsieb li jkomplu minn hemm l-isforzi biex jinfurzaw id-deċiżjonijiet ta' ritorn.

---

2 Ir-Regolament (UE) 2019/1155 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 810/2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (il-Kodiċi dwar il-Viżi), ĠU L 188, 12.7.2019, p. 25.

L-approċċ il-ġdid għall-ġestjoni tal-migrazzjoni jinkludi wkoll it-titjib tar-regoli dwar ir-responsabbiltà għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, sabiex jikkontribwixxi għat-tnaqqis ta' movimenti mhux awtorizzati b'mod proporzjonat u raġonevoli.

Din il-proposta tistabbilixxi wkoll qafas ta' governanza mibni fuq strateġiji nazzjonali tal-Istati Membri, li se jikkontribwixxi għal Strateġija Ewropea dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni li se tistabbilixxi l-approċċ strateġiku għall-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni fil-livell Ewropew u dwar l-implimentazzjoni tal-ażil, il-migrazzjoni, u politiki ta' ritorn skont l-approċċ komprensiv.

***Riforma tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA)***

Il-Patt jibni fuq il-proposti tal-Kummissjoni għar-riforma tas-SEKA mill-2016 sal-2018 u jintroduċi elementi ġodda addizzjonali biex jiġi żgurat il-bilanċ meħtieġ għal qafas komuni li jgħaqqad l-aspetti kollha tal-politika tal-ażil u l-migrazzjoni. Ir-riforma proposta tal-2016 dwar l-ażil kienet tikkonsisti f'seba' proposti leġiżlattivi: ir-Regolament ta' Dublin riformulat[3], ir-Regolament Eurodac riformulat[4], ir-Regolament li jistabbilixxi l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil[5], ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil[6], ir-Regolament dwar il-Kwalifika[7], id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza riformulata[8], u r-Regolament dwar Qafas ta' Risistemazzjoni tal-Unjoni[9]. F'Settembru 2018, il-Kummissjoni ressqet ukoll proposta emendata għar-Regolament li jistabbilixxi l-Aġenzija tal-UE għall-Ażil[10].

Filwaqt li sar progress sinifikanti fuq numru minn dawn il-proposti, u ntlaħqu ftehimiet politiċi provviżorji bejn il-koleġiżlaturi dwar il-proposti għar-Regolament dwar il-Kwalifiki, id-Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza, ir-Regolament Qafas dwar ir-Risistemazzjoni tal-Unjoni, ir -Regolament Eurodac u l-ewwel proposta li tistabbilixxi l-Aġenzija tal-UE għall-Ażil, inkiseb inqas progress fuq il-proposti għar-Regolament ta' Dublin u r-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil, l-aktar minħabba opinjonijiet diverġenti fil-Kunsill. Lanqas ma kien hemm appoġġ suffiċjenti biex jintlaħaq qbil dwar biss xi wħud mill-proposti għar-riforma tal-ażil qabel ftehim dwar ir-riforma sħiħa.

Flimkien ma' din il-proposta, il-Kummissjoni qed tippreżenta proposta li temenda l-proposta tal-2016 għal Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil[11] u l-proposta għal Regolament li jintroduċi skrinjar[12] ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi u persuni mingħajr Stat fil-fruntieri esterni, li jistabbilixxi rabta mingħajr xkiel bejn l-istadji kollha tal-proċedura ta' migrazzjoni, inkluż fażi ġdida ta' qabel id-dħul kif ukoll ritorn aktar malajr ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi mingħajr dritt li jibqgħu fl-Unjoni.

---

[3] COM(2016) 270 final.
[4] COM(2016) 194 final.
[5] COM(2016) 271 final.
[6] COM(2016) 467 final.
[7] COM(2016) 466 final.
[8] COM(2016) 465 final.
[9] COM(2016) 468 final.
[10] COM(2018) 633 final.
[11] ĠU L […], […], p. […].
[12] ĠU L […], […], p. […].

Barra minn hekk, il-Kummissjoni qed tippreżenta proposta li temenda l-proposta tal-2016 għar-riformulazzjoni tar-Regolament Eurodac[13] biex tistabbilixxi rabta ċara u konsistenti bejn individwi speċifiċi u l-proċeduri li huma soġġetti għalihom sabiex jassistu aħjar fil-kontroll tal-migrazzjoni irregolari u l-iskoperta ta' movimenti mhux awtorizzati u biex tappoġġa l-implimentazzjoni tal-mekkaniżmu ta' solidarjetà l-ġdid.

Fl-aħħar nett, il-Kummissjoni qed tippreżenta wkoll proposta għal Regolament dwar il-ġestjoni ta' sitwazzjonijiet ta' kriżi sabiex jiġu stabbiliti l-għodod meħtieġa biex jiġu ttrattati sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' *force majeure*. Dan l-istrument għandu l-għan li jindirizza sitwazzjonijiet eċċezzjonali ta' influss bil-massa ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat li jaslu b'mod irregolari fi Stat Membru, jew riskju imminenti ta' tali wasliet, li jkunu ta' tali skala u natura li jirrendi s-sistema tal-ażil, l-akkoljenza jew ir-ritorn tal-Istat Membru mhux funzjonali, u li jirriskjaw li jkollhom konsegwenzi serji għall-funzjonament tas-Sistema Komuni Ewropea tal-Ażil u s-sistema tal-ġestjoni tal-migrazzjoni tal-Unjoni, jew li jirriżultaw f'impossibbiltà li jiġu applikati, kif ukoll li jiġu previsti regoli derogatorji f'sitwazzjonijiet ta' *force majeure*.

### 1.2. L-objettivi tal-proposta

Huwa meħtieġ approċċ komprensiv għall-ġestjoni tal-migrazzjoni biex tinbena fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri, biex tiġi żgurata l-konsistenza tal-approċċ tal-UE dwar l-ażil, il-ġestjoni tal-migrazzjoni, il-protezzjoni tal-fruntieri esterni u r-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi rilevanti, filwaqt li jiġi rikonoxxut li l-effettività tal-approċċ ġenerali tiddependi fuq li l-komponenti kollha jiġu indirizzati b'mod konġunt u b'mod integrat. Din tqis ukoll is-sentenzi reċenti tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-kawżi konġunti C-715/17, C-718/17 and C-719/17, fejn il-Qorti sabet li "il-piżijiet […] għandhom, bħala prinċipju, jitqassmu bejn l-Istati Membri l-oħrajn kollha, b'mod konformi mal-prinċipju ta' solidarjetà u ta' tqassim ġust tar-responsabbiltajiet bejn l-Istati Membri, peress li, skont l-Artikolu 80 TFUE, dan il-prinċipju jirregola l-politika tal-Unjoni fil-qasam tal-ażil".

Fl-2016, il-Kummissjoni pproponiet sistema fejn, meta fuq il-bażi tal-ġerarkija tal-kriterji tar-responsabbiltà, Stat Membru ġie determinat li huwa responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, dak l-Istat Membru jibqa' responsabbli b'mod permanenti biex jeżamina kwalunkwe applikazzjoni jew rappreżentazzjoni oħra magħmula mill-istess applikant. Is-sistema ġiet issupplimentata b'mekkaniżmu ta' allokazzjoni korrettiva obbligatorju u awtomatiku li, abbażi ta' fattur ta' referenza, ġie skattat meta Stat Membru kien iffaċċjat bi pressjoni sproporzjonata, li tiżgura sistema ċara u vinkolanti ta' kondiviżjoni tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri. Il-Parlament Ewropew adotta l-mandat ta' negozjar tiegħu fis-16 ta' Novembru 2017, li kien jinkludi proposta biex il-kriterju tal-ewwel dħul u l-kriterju awtomatiku tal-ewwel applikazzjoni jiġu sostitwiti b'sistema ta' allokazzjoni fejn l-applikant ikun jista' jagħżel li jiġi allokat lil wieħed mill-erba' Stati Membri bl-inqas applikazzjonijiet. Min-naħa tal-Kunsill, l-Istati Membri ma setgħux jaqblu fuq approċċ komuni u n-negozjati waqfu.

Bil-għan li jingħeleb l-istagħġnar attwali u li jiġi pprovdut qafas usa' u solidu għall-politiki dwar il-migrazzjoni u l-ażil, il-Kummissjoni beħsiebha tirtira l-proposta tal-2016. Din il-proposta tħassar u tibdel ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni

[13] ĠU L […], […], p. […].

internazzjonali ddepożitata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat ("ir-Regolament Dublin III").

B'mod partikolari, din il-proposta għandha l-għan li:

- tistabbilixxi qafas komuni li jikkontribwixxi għall-approċċ komprensiv għall-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni bbażat fuq il-prinċipji ta' tfassil ta' politika integrat u ta' solidarjetà u kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà;
- tiżgura l-kondiviżjoni tar-responsabbiltà permezz ta' mekkaniżmu ġdid ta' solidarjetà billi tistabbilixxi sistema li tipprovdi s-solidarjetà fuq bażi kontinwa fi żminijiet normali u tgħin lill-Istati Membri b'miżuri effettivi (ir-rilokazzjoni jew l-isponsorjar tar-ritorn u kontribuzzjonijiet oħra mmirati lejn it-tisħiħ tal-kapaċità tal-Istati Membri fil-qasam tal-ażil, l-akkoljenza u r-ritorn u fid-dimensjoni esterna) biex jiġġestixxu l-migrazzjoni fil-prattika fejn ikunu ffaċċjati bi pressjoni migratorja. Dan l-approċċ jinkludi wkoll proċess speċifiku għas-solidarjetà li għandu jiġi applikat għall-wasliet wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ;
- isaħħaħ il-kapaċità tas-sistema biex tiddetermina b'mod effiċjenti u effettiv Stat Membru wieħed responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali. B'mod partikolari, dan jillimita l-waqfien tal-klawsoli tar-responsabbiltà kif ukoll il-possibbiltajiet ta' trasferiment tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri minħabba l-azzjonijiet tal-applikant, u jqassar b'mod sinifikanti l-limiti ta' żmien biex jintbagħtu t-talbiet u biex jintlaqgħu t-tweġibiet, sabiex jiġi żgurat li l-applikanti jkollhom determinazzjoni aktar mgħaġġla tal-Istat Membru responsabbli u b'hekk aċċess aktar rapidu għall-proċeduri għall-għoti ta' protezzjoni internazzjonali;
- jiskoraġġixxi l-abbużi u jipprevjeni l-movimenti sekondarji tal-applikanti fl-UE, b'mod partikolari billi jinkludi obbligi ċari għall-applikanti li japplikaw fl-Istat Membru tal-ewwel dħul jew permanenza legali u jibqgħu fl-Istat Membru li jkun ġie ddeterminat li huwa responsabbli. Dan jirrikjedi wkoll konsegwenzi materjali proporzjonati f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi tagħhom.

### 1.3. Konsistenza mad-dispożizzjonijiet ta' politika eżistenti fil-qasam tal-politika

Is-sistema li tiddetermina liema Stat Membru huwa responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali hija l-pedament tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil. Din hija marbuta b'mod sħiħ mal-istrumenti legali u ta' politika fil-qasam tal-ażil, b'mod partikolari l-proċeduri tal-ażil, standards għall-kwalifika ta' individwi għal protezzjoni internazzjonali, u l-kundizzjonijiet ta' akkoljenza, kif ukoll ta' risistemazzjoni.

Din il-proposta hija wkoll konsistenti mar-regoli dwar il-kontroll fuq il-fruntieri, fil-fruntieri esterni kif stabbiliti fil-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen u tikkontribwixxi għall-objettiv ta' ġestjoni effettiva tal-fruntieri esterni bħala korollarju neċessarju għall-moviment liberu tal-persuni fl-Unjoni. Bit-twessigħ tal-ambitu tal-miżuri biex jiġu indirizzati l-isfidi migratorji, il-proposta tkompli tnaqqas il-ħtieġa li jerġgħu jiġu introdotti kontrolli fuq il-fruntieri interni.

Barra minn hekk, il-konsistenza hija żgurata bil-ġestjoni integrata Ewropea effettiva tal-fruntieri fil-livell tal-Unjoni u f'dak nazzjonali kif definit fir-Regolament dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta. Il-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri hija korollarja meħtieġa għall-moviment liberu tal-persuni fl-Unjoni u hija komponent fundamentali ta' żona ta' libertà, sigurtà u ġustizzja. Hija wkoll ċentrali għal din il-proposta u tikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-prinċipju ta' politika integrata biex ittejjeb l-approċċ komprensiv għall-ġestjoni tal-migrazzjoni previst f'din il-proposta.

Din il-proposta hija konsistenti bis-sħiħ mal-Komunikazzjoni dwar il-Patt il-ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil u l-Pjan Direzzjonali ta' inizjattivi li jakkumpanjawha, inkluż il-proposta għal emenda mmirata tar-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil u r-Regolament li jintroduċi skrinjar, li jiżgura li l-migranti jkunu soġġetti għal skrinjar tal-identità, is-saħħa u s-sigurtà u jiġu direzzjonati lejn ritorn jew proċedura ta' ażil inkluż, fejn rilevanti, il-proċedura ta' ażil jew ta' ritorn tal-fruntiera stabbilita fil-proposta ta' emenda tar-Regolament dwar il-Proċedura ta' Ażil. Il-proposta hija wkoll konsistenti mal-proposta li temenda l-proposta tal-2016 għar-riformulazzjoni tar-Regolament Eurodac[14].

Din il-proposta hija wkoll konsistenti bis-sħiħ mal-Pjan ta' Azzjoni għall-Migrazzjoni u l-Kriżi li jipprovdi qafas operattiv għall-monitoraġġ u l-antiċipazzjoni tal-flussi migratorji u s-sitwazzjoni migratorja, il-bini tar-reżiljenza kif ukoll l-organizzazzjoni ta' rispons koordinat għal kriżi tal-migrazzjoni. B'mod partikolari, il-proposta tagħmel użu sħiħ mir-rapporti maħruġa u mill-attivitajiet tal-qafas tan-network fil-Pjan ta' Azzjoni.

Il-proposta tkompli ssaħħaħ il-qafas u l-politika legali tar-ritorn tal-UE, billi ssaħħaħ il-kapaċità tal-Unjoni li taġixxi fuq il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi permezz ta' mekkaniżmu li jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni biex tikkunsidra u tressaq miżuri biex ittejjeb din il-kooperazzjoni, lil hinn mill-miżuri diġà previsti fil-Kodiċi dwar il-Viżi.

Il-konsistenza hija żgurata wkoll bil-ftehimiet politiċi provviżorji li diġà ntlaħqu dwar ir-Regolament dwar il-kwalifiki, id-Direttiva dwar il-kundizzjonijiet ta' akkoljenza riformulata, ir-Regolament Qafas dwar ir-Risistemazzjoni tal-Unjoni, u r-Regolament li jistabbilixxi l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-ażil, li l-Kummissjoni tappoġġa bis-sħiħ. Peress li l-għanijiet li fuqhom huma msejsa dawn il-proposti għadhom validi llum, għandu jintlaħaq ftehim dwar dawn il-proposti mill-aktar fis possibbli.

Madankollu, peress li ma seta' jinstab l-ebda ftehim dwar il-proposta għal Regolament ta' Dublin ippubblikata fl-4 ta' Mejju 2016, u peress li din il-proposta tinkludi mekkaniżmu ta' solidarjetà strutturat ġdid u tqis ukoll bidliet oħrajn proposti fl-2016 li primarjament għandhom l-għan li jagħmlu l-proċeduri li jwasslu għal trasferiment ta' Dublin aktar effettiv, bħal notifiki ta' teħid lura u limitazzjoni tat-trasferiment tar-responsabbiltà, huwa meħtieġ li dik il-proposta tiġi rtirata.

Il-Kummissjoni pproponiet ukoll mekkaniżmu ta' rilokazzjoni f'każ ta' kriżi f'Settembru 2015 [15], sabiex tfassal soluzzjoni strutturali biex jiġu ttrattati sitwazzjonijiet ta' kriżi bħal dawk fil-Greċja u fl-Italja li wasslu għaż-żewġ deċiżjonijiet ta' rilokazzjoni adottati mill-Kunsill f'Settembru 2015[16]. Peress li l-proposta għal Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni tinkludi dispożizzjonijiet biex jiġu indirizzati r-realtajiet tal-flussi migratorji permezz ta' rilokazzjoni u sponsorjar ta' ritorn fi żminijiet ta' pressjoni migratorja, u peress li l-proposta għal Regolament li jindirizza sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' *force majeure* fil-qasam tal-migrazzjoni u l-ażil tipprevedi wkoll regoli speċifiċi għar-rilokazzjoni u l-isponsorjar tar-ritorn biex jiġu ttrattati strutturalment sitwazzjonijiet ta' kriżi, il-Kummissjoni beħsiebha

[14] ĠU L […], […], p. […].
[15] COM (2015) 450 final.
[16] Id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2015/1523 tal-14 ta' Settembru 2015 u d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2015/1601 tat-22 ta' Settembru 2015.

tirtira l-proposta għal mekkaniżmu ta' rilokazzjoni f'każ ta' kriżi ta' Settembru 2015 u tirrevoka d-Direttiva dwar il-Protezzjoni Remporanja[17].

## 1.4. Konsistenza ma' politiki oħrajn tal-Unjoni

Din il-proposta hija konsistenti mal-approċċ komprensiv u fit-tul għall-ġestjoni tal-migrazzjoni stabbilit fil-Patt il-Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, li jinvolvi t-tqegħid tal-politika tal-migrazzjoni fil-qalba tar-relazzjonijiet ma' sħab ta' pajjiżi terzi; l-integrazzjoni tal-ġestjoni tal-fruntieri esterni fil-politika usa' tal-UE dwar il-ġestjoni tal-migrazzjoni; il-bini ta' proċeduri mingħajr xkiel, ġusti u effiċjenti għall-ażil u r-ritorn u t-tisħiħ taż-żona Schengen tal-moviment liberu abbażi tal-fiduċja bejn l-Istati Membri. Parti ewlenija ta' dan l-approċċ hija l-promozzjoni ta' rotot legali lejn l-UE biex tattira t-talenti għas-suq tax-xogħol tal-UE u tipprovdi protezzjoni lil dawk fil-bżonn permezz ta' risistemazzjoni u perkorsi supplimentari oħra għall-protezzjoni u l-iżvilupp ta' politiki ddedikati biex jgħinu l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi fis-soċjetajiet Ewropej.

Billi jistabbilixxi qafas li jindirizza l-approċċ sħiħ tar-rotta għall-ġestjoni tal-migrazzjoni permezz tal-bini ta' sħubiji ma' pajjiżi terzi, dan ir-Regolament jikkontribwixxi għall-objettivi tal-UE ta' politika esterna ambizzjuża u wiesgħa bbażata fuq sħubija ma' pajjiżi terzi. Dan jiżgura wkoll konsistenza mal-għanijiet umanitarji tal-Unjoni espressi permezz ta' appoġġ għar-refuġjati f'pajjiżi terzi.

Din il-proposta hija konsistenti mal-proposta għall-iskrinjar u b'mod partikolari tikkontribwixxi għas-salvagwardji b'saħħithom għad-drittijiet fundamentali permezz tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ previst fiha. Fil-proposta għal regolament li jistabbilixxi l-obbligu tal-iskrinjar fil-fruntieri esterni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li, fil-prinċipju, ma jissodisfawx il-kundizzjonijiet tad-dħul - qed jiġi propost mekkaniżmu ġdid ta' monitoraġġ biex jiżgura li d-drittijiet fundamentali jiġu osservati matul l-eżami u li kwalunkwe allegazzjoni ta' ksur tad-drittijiet fundamentali tiġi investigata sew. Dan il-monitoraġġ huwa parti mid-dispożizzjonijiet ta' governanza tar-Regolament propost, li jistipula li l-Istati Membri għandhom jintegraw ir-riżultati tal-mekkaniżmu ta' monitoraġġ nazzjonali tagħhom skont ir-Regolament ta' skrinjar fl-istrateġiji nazzjonali tagħhom previsti f'dan ir-Regolament propost. Barra minn hekk, ir-Rapport annwali dwar il-ġestjoni tal-Migrazzjoni se jinkludi wkoll ir-riżultati tar-rappurtar dwar il-monitoraġġ u se jipproponi titjib fejn xieraq.

Sabiex jiġu appoġġati miżuri ta' solidarjetà ffukati fuq ir-rilokazzjoni u t-trasferimenti sussegwenti, flimkien mat-trasferimenti koperti mill-proċeduri għad-determinazzjoni tar-responsabbiltà tal-Istati Membri, din il-proposta tipprevedi somom f'daqqa li għandhom jitħallsu lill-Istati Membri u hija konsistenti bis-sħiħ mal-baġit tal-UE biex tinċentiva miżuri bħal dawn u l-applikazzjoni effiċjenti tar-Regolament.

Din il-proposta tkompli ssaħħaħ il-politiki fil-qasam tas-sigurtà. Permezz ta' regoli speċifiċi stabbiliti f'dan ir-Regolament, ir-responsabbiltà għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali se tiġi stabbilita malajr fejn il-persuna tippreżenta riskju għas-sigurtà nazzjonali u l-ordni pubblika, u se tipprevjeni kwalunkwe trasferiment ulterjuri ta' tali persuni lejn Stati Membri oħra. Għalhekk, il-proposta ssaħħaħ ukoll l-għan tas-sigurtà previst fil-proposta għal Regolament ta' skrinjar, skont liema, verifika tas-sigurtà bħal din se tkun obbligatorja.

[17] Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/55/KE tal-20 ta' Lulju 2001 dwar l-istandards minimi sabiex tingħata protezzjoni temporanja fl-eventwalità ta' influss bil-massa ta' persuni spostati u dwar il-miżuri li jippromwovu bilanċ fl-isforzi bejn l-Istati Membri meta jirċievu dawn il-persuni u li jġorru l-konsegwenzi ta' dawn, ĠU L 212, 7.8.2001, p. 12.

## 2. BAŻI ĠURIDIKA, SUSSIDJARJETÀ U PROPORZJONALITÀ

### 2.1. Bażi ġuridika

Din il-proposta tħassar u tissostitwixxi r-Regolament (UE) Nru 604/2013 u twessa' l-kamp ta' applikazzjoni biex jinkludi qafas komuni li jikkontribwixxi għall-approċċ komprensiv għall-ġestjoni tal-migrazzjoni, minbarra l-introduzzjoni ta' approċċ usa' għas-solidarjetà, u għalhekk għandu jiġi adottat fuq il-bażi ġuridika xierqa, jiġifieri l-Artikolu 78, it-tieni paragrafu, punt (e) u l-Artikolu 79, it-tieni paragrafu, punt (c) tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), skont il-proċedura leġiżlattiva ordinarja.

### 2.2. Ġeometrija varjabbli

L-Irlanda hija marbuta bir-Regolament (UE) Nru 604/2013, wara n-notifika tax-xewqa tagħhom li jieħdu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament abbażi tal-Protokoll dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda fir-rigward tal-ispazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja anness mat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE) u mat-TFUE[18].

Skont il-Protokoll imsemmi hawn fuq, l-Irlanda tista' tiddeċiedi li tieħu sehem fl-adozzjoni ta' din il-proposta. Għandhom ukoll din l-għażla wara l-adozzjoni tal-proposta.

Skont il-Protokoll dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, annessa mat-TUE u t-TFUE, id-Danimarka ma tipparteċipax fl-adozzjoni mill-Kunsill tal-miżuri skont it-Titolu V tat-TFUE (bl-eċċezzjoni tal-"miżuri li jiddeterminaw il-pajjiżi terzi li ċ-ċittadini tagħhom iridu jkunu fil-pussess ta' viża meta jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri, jew miżuri li għandhom x'jaqsmu ma' format uniformi għall-viżi"). Madankollu, peress li d-Danimarka tapplika r-Regolament ta' Dublin preżenti, fuq il-bażi ta' ftehim internazzjonali li kkonkludiet mal-KE fl-2006[19], hi għandha, skont l-Artikolu 3 ta' dak il-Ftehim, tinnotifika lill-Kummissjoni bid-deċiżjoni tagħha jekk hux se timplimenta jew le l-Partijiet III, V u VII tar-Regolament emendat.

### 2.3. Impatt tal-proposta fuq Stati Membri mhux tal-UE assoċjati mas-sistema ta' Dublin

B'mod parallel mal-assoċjazzjoni ta' diversi pajjiżi li mhumiex Stati Membri tal-UE mal-acquis ta' Schengen, l-Unjoni kkonkludiet bosta ftehimiet li jassoċjaw lil dawn il-pajjiżi mal-acquis ta' Dublin/Eurodac ukoll:

- il-ftehim li jassoċja lill-Iżlanda u lin-Norveġja, konkluż fl-2001;
- il-ftehim li jassoċja lill-Iżvizzera, konkluż fit-28 ta' Frar 2008;
- il-protokoll li jassoċja lil-Liechtenstein, konkluż fis-7 ta' Marzu 2011.

---

[18] L-istess japplika għar-Renju Unit matul il-perjodu ta' tranżizzjoni skont il-Ftehim dwar il-Ħruġ.

[19] Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għall-ażil iddepożitata fid-Danimarka jew f'xi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea u l-"Eurodac" għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' Dublin, ĠU L 66, 8.3.2006, p. 38.

Sabiex jinħolqu d-drittijiet u l-obbligi bejn id-Danimarka – li kif spjegat hawn fuq assoċjat ruħha mal-acquis ta' Dublin/Eurodac permezz ta' ftehim internazzjonali – u l-pajjiżi assoċjati msemmija hawn fuq, ġew konklużi żewġ strumenti oħra bejn l-Unjoni u l-pajjiżi assoċjati[20].

F'konformità mat-tliet ftehimiet imsemmija hawn fuq, il-pajjiżi assoċjati għandhom jaċċettaw l-acquis ta' Dublin/Eurodac u l-iżviluppi tiegħu mingħajr eċċezzjoni. Huma ma jiħdux sehem fl-adozzjoni ta' kwalunkwe att li jemenda jew li jibni fuq l-acquis ta' Dublin (inkluż għalhekk din il-proposta) iżda jridu jinnotifikaw lill-Kummissjoni f'perjodu ta' żmien stabbilit dwar id-deċiżjoni tagħhom ta' jekk humiex se jaċċettaw jew le l-kontenut ta' dak l-att, ladarba jiġi approvat mill-Parlament Ewropew u mill-Kunsill. Fil-każ li n-Norveġja, l-Iżlanda, l-Iżvizzera jew il-Liechtenstein ma jaċċettawx att li jemenda jew li jibni fuq l-acquis ta' Dublin/Eurodac, il-ftehimiet rispettivi jintemmu, sakemm il-Kumitat Konġunt/Imħallat stabbilit mill-ftehimiet ma jiddeċidix mod ieħor b'unanimità.

Ir-Regolament propost għandu ambitu usa' lil hinn mis-suġġett tal-ftehimiet imsemmija hawn fuq, u jistabbilixxi approċċ komprensiv ibbażat fuq qafas komuni għall-ġestjoni tal-migrazzjoni filwaqt li jippreserva d-dispożizzjonijiet ewlenin relatati mad-determinazzjoni tar-responsabbiltà għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, li jibqgħu parti ewlenija mir-Regolament. Sabiex jiġi żgurat li l-ftehimiet mad-Danimarka u l-pajjiżi assoċjati li jirregolaw il-parteċipazzjoni tagħhom fis-sistema ta' Dublin jiġu ppreservati, id-Danimarka, in-Norveġja, l-Iżlanda, l-Iżvizzera u l-Liechtenstein, jekk dan l-att jiġi aċċettat, ikunu marbutin biss mill-Partijiet III, V u VII ta' dan ir-Regolament.

## 2.4. Sussidjarjetà

It-Titolu V tat-TFUE dwar l-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja jagħti lill-Unjoni Ewropea ċerti poteri dwar dawn il-kwistjonijiet. Dawn is-setgħat iridu jkunu eżerċitati f'konformità mal-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, jiġifieri jekk u sa fejn l-objettivi tal-azzjoni proposta ma jistgħux jintlaħqu b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jistgħu għalhekk minħabba l-iskala jew l-effetti tal-azzjoni proposta, jintlaħqu aħjar mill-Unjoni Ewropea.

Din il-proposta tissimplifika r-regoli attwali stabbiliti fir-Regolament (UE) Nru 604/2013 u għandha l-għan li tiżgura l-applikazzjoni korretta ta' dawn ir-regoli li se jillimitaw il-movimenti mhux awtorizzati ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi bejn l-Istati Membri, kwistjonijiet li huma ta' natura transfruntiera. Dawn ir-regoli huma ssuplimentati minn mekkaniżmu ġdid ta' solidarjetà biex tiġi stabbilita sistema li tindirizza sitwazzjonijiet fejn l-Istati Membri qed jiffaċċjaw pressjoni migratorja. Dan l-approċċ jipprevedi wkoll l-inklużjoni ta' miżuri ta' solidarjetà applikati għall-wasliet wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ sabiex jiġi pprovdut appoġġ lill-Istati Membri li jittrattaw l-isfidi ta' tali wasliet.

[20] Il-Protokoll bejn il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipalità ta' Liechtenstein għall-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għall-ażil magħmula fi Stat Membru jew fl-Iżvizzera (konkluż fl-24.10.2008, ĠU L 161, 24.06.2009, p. 8) u l-Protokoll tal-Ftehim bejn il-Komunità, ir-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli għall-eżaminar ta' talba għall-ażil iddepożitata fi Stat Membru, fl-Iżlanda u fin-Norveġja, ĠU L 93, 3.4.2001.

Il-kisba ta' dawn l-għanijiet teħtieġ azzjoni fil-livell tal-UE peress li huma ta' natura transfruntiera. Huwa ċar li l-azzjonijiet ta' Stati Membri individwali ma jistgħux iwieġbu b'mod sodisfaċenti għall-ħtieġa għal approċċ komuni tal-UE għal problema komuni.

## 2.5. Proporzjonalità

Skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, kif stabbilit fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li huwa neċessarju sabiex jintlaħqu l-objettivi tiegħu.

Fir-rigward tal-approċċ komprensiv ibbażat fuq qafas komuni, dan ir-Regolament jistabbilixxi l-prinċipji ewlenin ta' tali approċċ sostnut minn struttura ta' monitoraġġ u governanza meħtieġa biex tiġi żgurata l-implimentazzjoni tiegħu. Permezz tal-prinċipji ta' tfassil ta' politika integrata u dawk relatati mas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà, l-Istati Membri għandhom interess komuni biex jiżguraw l-implimentazzjoni koerenti tal-ġestjoni tal-migrazzjoni fil-livell tal-UE. Dawn id-dispożizzjonijiet ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq l-objettiv li s-sitwazzjoni tiġi indirizzata b'mod effettiv.

Fir-rigward ta' simplifikazzjoni tar-regoli għad-determinazzjoni tal-Istati Membri responsabbli għall-eżaminazzjoni ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali, il-bidliet proposti huma limitati għal dak li hu meħtieġ biex ikun permess l-operat effettiv tas-sistema, kemm fir-rigward ta' aċċess aktar rapidu tal-applikanti għall-proċeduri tal-għoti ta' protezzjoni internazzjonali u tal-kapaċità tal-amministrazzjonijiet tal-Istati Membri biex japplikaw is-sistema.

Fir-rigward tal-introduzzjoni ta' mekkaniżmu ta' solidarjetà ġdid, ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 ma jipprevedix, fil-forma attwali tiegħu, għodod biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet fejn Stati Membri jħabbtu wiċċhom ma' pressjoni migratorja. Barra minn hekk, ir-Regolament attwali ma jindirizzax is-sitwazzjoni speċifika ppreżentata mill-wasliet wara l-operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ. Id-dispożizzjonijiet dwar is-solidarjetà li tintroduċi l-proposta jippruvaw jindirizzaw dan in-nuqqas. Dawn id-dispożizzjonijiet ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa meħtieġ sabiex jintlaħaq l-objettiv li s-sitwazzjoni tiġi indirizzata b'mod effettiv.

## 2.6. Għażla tal-istrument

Minħabba li l-mekkaniżmu eżistenti ta' Dublin ġie stabbilit permezz ta' Regolament, l-istess strument legali jintuża biex jiġi stabbilit approċċ komprensiv ibbażat fuq qafas komuni għall-ġestjoni effettiva tal-migrazzjoni, is-simplifikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' Dublin u l-ikkumplimentar tiegħu b'mekkaniżmu ta' solidarjetà.

# 3. RIŻULTATI TAL-EVALWAZZJONIJIET *EX-POST*, TAL-KONSULTAZZJONIJIET MAL-PARTIJIET IKKONĊERNATI U TAL-VALUTAZZJONIJIET TAL-IMPATT

**Il-ġbir ta' għarfien dwar l-implimentazzjoni u l-applikazzjoni tal-leġiżlazzjoni eżistenti**

## 3.1. It-tfassil ta' politika bbażata fuq l-evidenza

Il-Kummissjoni wettqet analiżi tas-sitwazzjoni u r-riżultati tagħha jinsabu f'aktar dettall fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanja l-Patt il-ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil u l-proposti leġiżlattivi u mhux leġiżlattivi tiegħu. Dan jenfasizza l-iżviluppi reċenti fil-qasam tal-ġestjoni tal-migrazzjoni u jenfasizza li t-tnedija mill-ġdid tar-riforma tas-sistema għad-

determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali u mod ġdid ta' kondiviżjoni tal-piżijiet huma elementi ewlenin għal bidu ġdid.

L-analiżi tenfasizza li, għalkemm l-għadd ta' wasliet irregolari lejn l-Unjoni naqas b'mod drammatiku b'92% mill-eqqel tal-kriżi fl-2015, għad hemm għadd ta' sfidi strutturali li jqiegħdu f'pressjoni s-sistemi tal-ażil, tal-akkoljenza u tar-ritorn tal-Istati Membri. Dawn jinkludu proporzjon dejjem akbar ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali mingħajr talbiet ġenwini li x'aktarx ma jirċevux protezzjoni fl-UE b'żieda fil-piż amministrattiv li tirriżulta u dewmien fl-għoti ta' protezzjoni għal dawk li għandhom bżonn ġenwin ta' protezzjoni kif ukoll fenomenu persistenti ta' ċaqliq 'il quddiem migranti fi ħdan l-UE. Barra minn hekk, l-isfidi għall-awtoritajiet tal-Istati Membri biex jiżguraw is-sikurezza tal-applikanti u l-persunal tagħhom meta jiffaċċjaw il-kriżi tal-COVID-19 għandhom jiġu rikonoxxuti wkoll.

Filwaqt li l-għadd jew il-wasliet irregolari naqsu maż-żmien, is-sehem tal-migranti li jaslu minn pajjiżi b'rati ta' rikonoxximent aktar baxxi minn 20 % żdied minn 13 % fl-2015 għal 55 % fl-2018. Fl-istess ħin, kien hemm ukoll sehem dejjem akbar ta' każijiet kumplessi, li jikkunsmaw aktar riżorsi biex jiġu pproċessati, peress li l-wasla ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi bi ħtiġijiet ċari ta' protezzjoni internazzjonali fl-2015-2016 ġiet parzjalment sostitwita minn wasliet imħallta ta' persuni ta' nazzjonalitajiet b'rati ta' rikonoxximent aktar diverġenti. Barra minn hekk, minkejja t-tnaqqis madwar l-UE fil-wasliet irregolari, l-għadd ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali kompla jiżdied, u laħaq differenza ta' erba' darbiet fl-għadd ta' wasliet. Din ix-xejra tindika li l-applikanti li ma japplikawx fl-ewwel Stat Membru tal-wasla, applikazzjonijiet multipli għall-protezzjoni internazzjonali fl-UE, u l-ħtieġa għal riforma tas-sistema attwali ta' Dublin. Fl-aħħar nett, l-isfidi maħluqa mill-iżbarki wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ għadhom jippersistu. Fl-2019, nofs il-wasliet irregolari kollha bil-baħar ġew żbarkati wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ li jqiegħdu pressjoni partikolari fuq ċerti Stati Membri unikament minħabba l-pożizzjoni ġeografika tagħhom.

L-analiżi tkompli tagħti dettalji dwar il-fatt li ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li l-applikazzjonijiet tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali jiġu miċħuda, li jirrappreżentaw madwar 370,000 persuna fl-UE kull sena[21], jeħtieġ li jiġu indirizzati fil-proċedura ta' ritorn. Skont l-istatistika disponibbli għall-Kummissjoni, dan jirrappreżenta madwar 80% tan-numru totali ta' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa kull sena[22]. Il-proporzjon dejjem jiżdied ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali li mhumiex probabbli li jirċievu din il-protezzjoni fl-UE jirriżulta f'piż akbar biex jiġu pproċessati mhux biss l-applikazzjonijiet, iżda wkoll ir-ritorn ta' migranti irregolari li qatt ma applikaw għall-protezzjoni internazzjonali jew li l-applikazzjonijiet tagħhom ġew rifjutati, inkluż bħala manifestament infondati jew inammissibbli. U naturalment dan jaffettwa l-ħeffa li biha jingħata l-istatus lil dawk li verament għandhom bżonn ta' protezzjoni internazzjonali.

L-analiżi tenfasizza li hemm dgħufijiet u nuqqasijiet strutturali importanti fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-politika Ewropea dwar l-ażil u l-migrazzjoni. Is-sistemi tal-ażil u r-ritorn tal-Istati Membri għadhom fil-biċċa l-kbira tagħhom mhux armonizzati, u b'hekk joħolqu differenzi fl-istandards ta' protezzjoni, ineffiċjenzi fil-proċeduri u jinkoraġġixxu

21 Il-medja tad-deċiżjonijiet negattivi dwar l-ażil mill-awtoritajiet determinanti fl-2015-2019 fl-EU-27.

22 Il-proporzjon bejn in-numru medju ta' deċiżjonijiet negattivi dwar l-ażil u n-numru medju ta' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġin fil-perjodu 2015-2019 (456 625) huwa ta' 81,6 % tan-numru totali ta' deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġin.

movimenti mhux awtorizzati ta' migranti madwar l-Ewropa biex ifittxu kundizzjonijiet ta' akkoljenza u prospetti aħjar għall-permanenza tagħhom b'effetti mhux mixtieqa għaż-żona Schengen. Il-ġestjoni tal-migrazzjoni tista' titqies permezz tal-perspettiva ta' oqsma ta' politika differenti, b'kull qasam għandu l-fokus u l-atturi tiegħu stess. Kull qasam ta' politika jfittex li jindirizza sfidi individwali, mingħajr ma jirrikonoxxi kif dan jaffettwa l-qafas ġenerali tal-ġestjoni tal-migrazzjoni u kif dan jidħol fil-qafas komprensiv li huwa meħtieġ biex jibbenefika minn sistema ġestita tajjeb. B'mod ġenerali, id-dokument ta' evidenza jirrikonoxxi li hemm nuqqas ta' tfassil ta' politika integrat, li jiġbor flimkien il-politiki differenti f'ħaġa sħiħa koerenti.

Id-dokument ta' evidenza jkompli jenfasizza li n-nuqqas ta' sistema sostenibbli li taħdem għall-Istati Membri kollha għandha konsegwenzi għall-possibbiltà li tiġi żgurata reattività immedjata u reali għall-fatturi esterni. Jiġifieri, ma hemm l-ebda mekkaniżmu strutturat ta' solidarjetà fis-sistema ta' Dublin attwali jew fis-SEKA b'mod ġenerali, anki jekk il-pressjoni fuq Stati Membri individwali tista' tvarja ħafna u tinbidel f'daqqa u b'mod imprevedibbli.

Barra minn hekk, in-nuqqas ta' approċċ koerenti tal-UE dwar ir-rabta bejn it-terminazzjoni ta' permanenza legali minħabba deċiżjoni negattiva dwar l-ażil u l-bidu ta' proċeduri ta' ritorn inkluż it-talba ta' riammissjoni lil pajjiżi terzi, inaqqas l-effettività tas-sistema sħiħa ta' ġestjoni tal-migrazzjoni. Barra minn hekk, hemm *data* insuffiċjenti jew mhux affidabbli, jew is-sorsi tad-*data* mhumiex sfruttati b'mod effiċjenti biżżejjed biex jagħtu stampa sħiħa. Id-*data* kwantitattiva pprovduta f'Jannar 2020 mill-Istati Membri dwar l-intensità ta' movimenti mhux awtorizzati osservati f'pajjiżhom kienet skarsa; minflok, il-kontribuzzjonijiet minn dsatax-il Stat Membru indikaw l-għadd ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali riċevuti, kif ukoll f'xi każijiet għall-għadd ta' talbiet ta' trasferiment ta' Dublin deħlin/ħerġin.

Dawn l-isfidi jistgħu jiġu indirizzati biss billi s-sistema Ewropea tal-ażil u l-migrazzjoni ssir aktar effiċjenti, komprensiva u sostenibbli billi l-ġestjoni tal-migrazzjoni tal-UE titqies bħala sett ta' politiki li jorbtu fuq il-bażi ta' tfassil ta' politika u regoli integrati, fejn l-effikaċja u n-nuqqasijiet ta' kull parti unika jaffettwaw is-sistema kollha kemm hi.

Barra minn hekk, l-analiżi tindika l-fatt li hemm bżonn ta' kunċett ta' solidarjetà usa'. Dan il-kunċett ta' solidarjetà għandu jkun obbligatorju fin-natura tiegħu sabiex ikun jista' jirreaġixxi b'mod prevedibbli u effettiv għar-realtajiet li qed jinbidlu b'sehem dejjem akbar ta' flussi mħallta ta' migrazzjoni lejn l-Unjoni, u sabiex jiżgura l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà f'konformità mat-Trattat. L-appoġġ minn Stat Membru għal ieħor huwa meħtieġ mhux biss fil-forma ta' rilokazzjoni ta' applikanti li ma jkunux fil-proċedura tal-fruntiera iżda wkoll f'ċerti każijiet ta' gruppi oħra, bħal applikanti li jkunu fil-proċedura tal-fruntiera u wkoll benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali. Barra minn hekk, l-Istati Membri għandu jkollhom il-possibbiltà li jibbenefikaw mis-solidarjetà fil-qasam tar-ritorn biex ikunu jistgħu jiġġestixxu aħjar is-sehem dejjem jikber ta' flussi mħallta ta' migrazzjoni. L-evidenza tissuġġerixxi wkoll li s-solidarjetà bejn l-Istati Membri li ħadu l-forma ta' kontribuzzjonijiet għall-bini tal-kapaċità u oqsma oħra ta' appoġġ urew li huma effettivi fl-assistenza ta' Stat Membru li qed jiffaċċja pressjoni migratorja. It-tagħlimiet miksuba minn skemi ta' solidarjetà preċedenti u kontinwi, jenfasizzaw li s-solidarjetà għandha tkun disponibbli wkoll fuq bażi kostanti fil-kuntest tal-iżbarki wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ. Id-dokument ta' evidenza jenfasizza wkoll li l-pressjoni migratorja tirriżulta minn fatturi differenti u għandha tiġi evalwata skont għadd ta' kriterji, li jestendu lil hinn mill-qasam tal-ażil għas-sitwazzjoni migratorja tal-Istati Membri, kif ukoll għal dik tal-UE kollha kemm hi (valutazzjoni kwalitattiva olistika).

Barra minn hekk, f'ċerti każijiet, l-appoġġ għall-funzjonament xieraq tas-sistemi tal-ażil, l-akkoljenza u r-ritorn kif ukoll il-ġestjoni tal-fruntieri rriżultaw effettivi wkoll. L-appoġġ reċiproku tal-Istati Membri u l-appoġġ fil-livell tal-UE għat-titjib u t-tisħiħ tar-relazzjonijiet ma' ċerti pajjiżi terzi, b'mod partikolari fir-rigward tar-riammissjoni, jistgħu jkunu wkoll ta' assistenza reali lil xi Stati Membri f'ċerti każijiet.

Fl-aħħar nett, id-dokument ta' evidenza jenfasizza l-ħtieġa għal regoli simplifikati u aktar effiċjenti għall-proċedura biex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. L-isfidi relatati mar-regoli attwali tas-sistema ta' Dublin dwar ir-responsabbiltà huma indirizzati permezz ta' għadd ta' miżuri fil-proposta l-ġdida. Xi wħud minn dawn kienu diġà proposti fl-2016, u xi wħud huma bbażati fuq ir-regoli attwali ta' Dublin.

Ir-responsabbiltajiet tal-Istati Membri għall-migrazzjoni jeħtieġ ukoll li jiġu aġġustati biex iqisu s-sitwazzjoni l-ġdida u jiġu kondiviżi b'mod ġust, fid-dawl tal-qafas usa' għall-ġestjoni tal-migrazzjoni. Huma meħtieġa regoli komuni dwar kif għandhom jiġu trattati flussi migratorji mħallta, jew mal-wasla jew meta ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu evitaw il-kontrolli fil-fruntieri esterni jinqabdu fuq art interna, biex tiġi stabbilita l-identità tagħhom, kif ukoll biex jitwettqu kontrolli tas-saħħa u s-sigurtà, il-bini fuq il-prattiki li diġà ġew żviluppati fl-approċċ tal-hotspot. Appoġġ ulterjuri u estensiv għandu jiġi mill-aġenziji tal-UE u permezz tal-finanzjament tal-UE kemm biex jgħin lill-Istati Membri jipprovdu l-kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà li se jkollhom jipprovdu kif ukoll fil-ġestjoni tar-responsabbiltajiet differenti tagħhom għall-flussi migratorji.

## 3.2. Evalwazzjonijiet "*ex post*"/kontrolli tal-idoneità tal-leġiżlazzjoni eżistenti

Wara l-impenn tagħha mħabbar fl-Aġenda Ewropea għall-Migrazzjoni, il-Kummissjoni kkummissjonat studji esterni dwar l-evalwazzjoni tas-sistema ta' Dublin fl-2016l[23]. L-evalwazzjoni vvalutat l-effettività, l-effiċjenza, ir-relevanza, il-konsistenza u l-valur miżjud tal-UE tar-Regolament Dublin III. Hija analizzat il-punt sa fejn ir-Regolament indirizza l-objettivi tiegħu, il-ħtiġijiet ta' politika usa' tal-UE u l-ħtiġijiet tal-partijiet konċernati fil-mira[24]. L-evalwazzjoni kienet tinkludi studju fil-fond dwar l-implimentazzjoni prattika tar-Regolament Dublin III fl-Istati Membri[25]. Is-sejbiet ewlenin huma miġbura fil-qosor hawn taħt, u stabbiliti f'aktar dettall fid-Dokument ta' Ħidma tal-Persunal li jakkumpanja l-Patt il-ġdid u l-proposti tiegħu. Barra minn hekk, il-Parlament Ewropew talab lill-Kunsill Ewropew

[23] Evalwazzjoni u rapporti ta' implimentazzjoni disponibbli fuq: http://ec.europa.eu/dgs/home-affairs/what-wedo/policies/asylum/examination-of-applicants/index_en.htm.

[24] L-evalwazzjoni kienet ibbażata fuq riċerka bbażata biss fuq id-dokumentazzjoni, analiżi kwantitattiva u konsultazzjonijiet ma' konsulenti legali/ta' politika f'total ta' 19-il Stat Membru (BE, BG, CH, CY, EL, FR, HR, HU, IT, LT, LV, MT, NL, NO, PL, RO, SE, SI, SK). Informazzjoni mit-12-il Stat Membru l-ieħor li qed jipparteċipaw fir-Regolament Dublin III ma waslitx fil-ħin biex tiġi inkluża fir-rapport.

[25] Firxa wiesgħa ta' partijiet konċernati ġew ikkonsultati, inkluż: Unitajiet ta' Dublin fl-amministrazzjonijiet nazzjonali tal-ażil, konsulenti legali/ta' politika, NGOs, avukati u rappreżentanti legali, awtoritajiet ta' appell u ta' rieżami, awtoritajiet tal-infurzar tal-liġi, awtoritajiet ta' detenzjoni, applikanti u/jew benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali. B'kollox saru 142 intervista. Iż-żjarat fuq il-post saru fi 15-il Stat Membru (AT, BE, DE, EL, FR, HU, LU, IT, MT, NL, NO, PL, SE, UK, CH), filwaqt li f'16 (BG, CY, CZ, DK, EE, ES, FI, HR, IE, LT, LV, PT, RO, SI, SK, li) saru intervisti bit-telefown.

dwar ir-Refuġjati u l-Eżiljati (ECRE) biex iwettaq studju dwar "ir-Regolament ta' Dublin dwar l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali"[26] fi Frar 2020.

*Ir-rilevanza tar-Regolament Dublin III*

Is-sistema għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali hija l-pedament tal-acquis tal-UE dwar l-ażil u l-objettivi tiegħu jibqgħu validi. Strument tal-UE għall-istabbiliment ta' kriterji u mekkaniżmu għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli huwa essenzjali diment li jkunu jeżistu sistemi nazzjonali separati tal-ażil fl-Unjoni. Mingħajr dan, l-Istati Membri jkollhom jiddependu fuq ftehimiet *ad hoc* bħal fiż-żminijiet ta' qabel Dublin u dan jagħmel id-determinazzjoni tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri diffiċli ferm. L-evalwazzjoni kkonkludiet li l-ebda strument nazzjonali jew bilaterali ma jista' jipprovdi l-istess effett ġenerali, li jista' jirriżulta f'nuqqas ta' indirizzar tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali li jaqgħu bejn il-ġurisdizzjonijiet nazzjonali. Ġew espressi fehmiet imħallta dwar l-impatt attwali tar-Regolament, li għandu jiżgura aċċess rapidu għall-proċeduri tal-ażil għall-applikant u jwassal għal strateġija fit-tul li tiskoraġġixxi applikazzjonijiet multipli. Dan jipprovdi aktar effiċjenza lis-sistema tal-ażil billi jipprevjeni l-użu ħażin u jnaqqas l-ispejjeż globali.

L-istudju reċenti tal-Parlament Ewropew jikkonferma wkoll il-ħtieġa għal sistema fejn Stat Membru wieħed huwa responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali abbażi ta' kriterji komuni u rekwiżiti evidenzjarji relatati, minkejja d-dgħufijiet attwali tiegħu.

*Implimentazzjoni tar-Regolament*

L-aktar problema sinifikanti enfasizzata fl-istudju estern ikkummissjonat mill-Kummissjoni, li ġie kkonfermat ukoll mill-Istati Membri u mill-partijiet interessati fil-konsultazzjonijiet li saru minn meta l-Kummissjoni adottat il-proposta tagħha fl-2016, kienet in-nuqqas ta' implimentazzjoni konsistenti u korretta madwar l-Istati Membri. Ġie konkluż ukoll li d-disinn tar-Regolament Dublin III kellu għadd ta' nuqqasijiet li għamluha aktar diffiċli li jintlaħqu l-objettivi ewlenin tiegħu. Il-ġerarkija tal-kriterji kif stipulata fir-Regolament Dublin III ma tqisx ir-realtajiet li jiffaċċjaw is-sistemi ta' migrazzjoni tal-Istati Membri, u lanqas ma timmira li jintlaħaq bilanċ tal-isforzi. Il-metodu tal-allokazzjoni tar-responsabbiltà jdewwem l-aċċess għall-proċedura tal-ażil. Taħt is-sistema attwali, l-applikanti jistgħu jdumu jistennew sa 10 xhur (fil-każ ta' talbiet għal "teħid lura") jew 11-il xahar (fil-każ ta' talbiet għal "teħid ta' responsabbiltà"), qabel ma tibda l-proċedura tal-eżami tat-talba għal protezzjoni internazzjonali. Dan ifixkel l-għan tas-sistema li jiġi żgurat li applikant ikollu aċċess rapidu għall-proċedura tal-ażil. Barra minn hekk, applikazzjonijiet multipli għall-protezzjoni internazzjonali jibqgħu problema komuni fl-UE. Fl-2019, 32 % tal-applikanti kienu diġà nedew applikazzjonijiet preċedenti fi Stati Membri oħra. Dan jissuġġerixxi li r-Regolament kellu ftit jew ebda effett fuq l-ilħuq tal-objettiv li jipprevjeni lill-applikanti milli jsegwu applikazzjonijiet multipli, u b'hekk inaqqas il-movimenti mhux awtorizzati.

Huwa ċar ukoll li r-Regolament Dublin III ma kienx imfassal biex jittratta sitwazzjonijiet ta' pressjoni migratorja jew qsim ġust tar-responsabbiltà fl-Istati Membri kollha. Lanqas ma jqis

[26] Rapport ta' evalwazzjoni disponibbli fuq: https://www.europarl.europa.eu/RegData/etudes/STUD/2020/642813/EPRS_STU(2020)642813_EN.pdf.

is-sitwazzjoni tal-ġestjoni tal-migrazzjoni ta' flussi migratorji mħallta u l-pressjoni konsegwenti ta' dawn il-flussi mqiegħda fuq is-sistemi ta' migrazzjoni tal-Istati Membri.

### 3.3. Konsultazzjonijiet mal-partijiet ikkonċernati

Il-profil politiku tal-migrazzjoni matul dawn l-aħħar snin u n-negozjati dwar il-proposti tal-2016 ifissru li diġà kien hemm dibattitu rikk u dettaljat dwar il-kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament. Barra minn hekk, il-Kummissjoni kkonsultat lill-Parlament Ewropew, lill-Istati Membri, u lill-partijiet interessati f'għadd ta' okkażjonijiet biex tiġbor il-fehmiet tagħhom dwar il-Patt il-Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil.

Attenzjoni partikolari kienet iffukata fuq il-ħidma mal-Parlament Ewropew li ripetutament esprima l-importanza ta' approċċ olistiku lejn politika sostenibbli dwar l-ażil u l-migrazzjoni. Il-ħtieġa għal approċċ olistiku għall-migrazzjoni kienet appoġġata wkoll fid-dokumenti ta' pożizzjoni ppreżentati minn diversi gruppi politiċi fil-Parlament Ewropew u saret sejħa ġenerali għal konklużjoni rapida dwar il-proposti għall-migrazzjoni u l-ażil. Il-Parlament Ewropew esprima l-fehma li approċċ olistiku għall-migrazzjoni għandu jqis id-dimensjoni esterna tal-UE, il-kapaċità li jiġu indirizzati l-kawżi fundamentali tal-migrazzjoni u li jiġu żviluppati sħubiji ġodda ma' pajjiżi terzi, mekkaniżmu stabbli ta' tiftix u salvataġġ, u jappoġġa r-risistemazzjonijiet, il-perkorsi legali u l-miżuri ta' integrazzjoni.

Il-Parlament Ewropew talab ukoll għal sistema ta' solidarjetà obbligatorja li tinkludi r-rilokazzjoni u l-ħtieġa għal soluzzjonijiet fit-tul u solidarjetà qawwija fuq il-miżuri tal-ażil. Dan ħareġ ukoll fil-kuntest tal-pandemija tal-coronavirus, sabiex jiġu evitati kriżijiet umanitarji.

Qabel it-tnedija tal-Patt il-Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, il-Kummissjoni ħadet sehem f'diskussjonijiet kontinwi mal-Istati Membri kollha u wara matul it-tħejjija tal-Patt. L-Istati Membri fehmu l-ħtieġa għal progress biex jissolvew id-dgħufijiet tas-sistema attwali, il-ħtieġa għal sistema ġdida ta' qsim ġust tar-responsabbiltà li għaliha l-Istati Membri kollha jkunu obbligati jikkontribwixxu, protezzjoni qawwija tal-fruntieri, l-importanza tad-dimensjoni esterna tal-migrazzjoni, u ritorni mtejba. L-intenzjoni tal-Kummissjoni li ssib forom ġodda ta' solidarjetà, pereżempju permezz tal-isponsorjar tar-ritorn, kienet ġeneralment milqugħa waqt il-fażi ta' konsultazzjoni.

B'mod parallel, il-Presidenzi Rumeni, Finlandiżi, Kroati u Ġermaniżi kellhom kemm skambji strateġiċi kif ukoll skambji tekniċi dwar il-futur ta' aspetti varji tal-politika tal-migrazzjoni li komplew jenfasizzaw dawn il-punti.

Fil-qafas ta' diversi fora tal-Kunsill organizzati taħt il-Presidenza Finlandiża, inkluża l-konferenza ta' Tampere 2.0 li saret fl-24-25 ta' Ottubru 2019 f'Ħelsinki u l-Forum ta' Salzburg li sar fi Vjenna fis-6-7 ta' Novembru 2019, l-Istati Membri laqgħu l-intenzjoni tal-Kummissjoni Ewropea li tniedi mill-ġdid ir-riforma ta' Dublin sabiex jinstabu forom ġodda ta' solidarjetà li għalihom l-Istati Membri kollha jistgħu jagħtu kontributi sinifikanti. L-Istati Membri enfasizzaw li l-miżuri ta' solidarjetà għandhom jimxu id f'id mal-miżuri ta' responsabbiltà. Barra minn hekk, huma enfasizzaw il-ħtieġa urġenti li jiġu miġġielda l-movimenti mhux awtorizzati fl-UE kif ukoll li jiġu infurzati r-ritorni għal dawk li ma għandhomx bżonn protezzjoni internazzjonali.

Il-Kummissjoni qieset ukoll ħafna rakkomandazzjonijiet tal-awtoritajiet nazzjonali u lokali[27], organizzazzjonijiet mhux governattivi u internazzjonali, bħall-UNHCR[28], IOM[29], kif ukoll gruppi ta' riflessjoni u akkademiċi, dwar kif wieħed għandu jaħseb għal bidu ġdid u jindirizza l-isfidi attwali tal-migrazzjoni skont l-istandards tad-drittijiet tal-bniedem. Fil-fehma tagħhom, bidu mill-ġdid tar-riforma għandu jirrevedi ċerti regoli għad-determinazzjoni tar-responsabbiltà u jipprovdi għal mekkaniżmu ta' solidarjetà obbligatorja inkluż għal persuni żbarkati wara operazzjoni ta' tiftix u salvataġġ. L-organizzazzjonijiet mhux governattivi wkoll huma favur li jkun hemm fehim komuni tar-responsabbiltà fost l-Istati Membri u talbu li r-regoli ta' Dublin riveduti jinkludu mekkaniżmu ta' rilokazzjoni aktar permanenti[30].

Il-Kummissjoni qieset ukoll il-fehmiet tal-partijiet interessati dwar il-ħtieġa li jinbena approċċ komprensiv għall-ġestjoni tal-migrazzjoni permezz ta' approċċ olistiku għall-migrazzjoni u l-ażil. Il-partijiet interessati kkonsultati esprimew il-fehmiet tagħhom dwar kif għandu jiġi elaborat prinċipju ġdid ta' solidarjetà u kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà, u laqgħu, b'mod ġenerali, l-intenzjoni tal-Kummissjoni li tniedi mill-ġdid ir-riforma tar-Regolament ta' Dublin sabiex jinstabu forom ġodda ta' solidarjetà.

Il-Kummissarju Johansson organizzat ukoll, f'diversi okkażjonijiet, konsultazzjonijiet immirati mal-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, mal-organizzazzjonijiet lokali mhux governattivi rilevanti fl-Istati Membri kif ukoll mal-imsieħba soċjali u ekonomiċi. F'dan il-proċess ta' konsultazzjoni, rakkomandazzjonijiet speċifiċi ffukaw fuq approċċ komuni għall-istandards speċifiċi għat-tfal wara l-Komunikazzjoni tal-2017 dwar it-Tfal fil-Migrazzjoni[31] u l-ħtieġa li tinbena sistema li tkun ġusta u tiżgura li d-drittijiet fundamentali jiġu protetti.

Il-Kummissjoni qieset ukoll il-kontribuzzjonijiet u l-istudji tan-Network Ewropew dwar il-Migrazzjoni[32], li tnedew fuq l-inizjattiva tagħha u li matul l-aħħar snin ħarġu diversi studji speċjalizzati u mistoqsijiet *ad hoc*.

### 3.4. Drittijiet fundamentali

Din il-proposta hija kompatibbli bis-sħiħ mad-drittijiet fundamentali u l-prinċipji ġenerali tal-Unjoni kif ukoll tad-dritt internazzjonali u tirrispettahom.

B'mod partikolari, li dawk li jfittxu l-ażil jiġu mgħarrfa aħjar dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u dwar id-drittijiet u l-obbligi tagħhom li fih, minn naħa waħda, jagħtihom il-possibbiltà jiddefendu d-drittijiet tagħhom aħjar u, min-naħa l-oħra, jikkontribwixxi biex jonqos il-livell tal-movimenti mhux awtorizzati billi dawk li qed ifittxu ażil ikunu iktar lesti li

[27] Pereżempju, il-Pjan ta' Azzjoni ta' Berlin dwar Politika Ewropea ġdida dwar l-Ażil, il-25 ta' Novembru 2019, iffirmat minn 33 organizzazzjoni u muniċipalitajiet.

[28] Ir-rakkomandazzjonijiet tal-UNHCR għall-Patt propost tal-Kummissjoni Ewropea dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, Jannar 2020.

[29] Rakkomandazzjonijiet tal-IOM għall-Patt tal-Unjoni Ewropea l-Ġdid dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil, Frar 2020.

[30] Rapport dwar il-Proġett tas-CEPS,*Search and rescue, disembarkation and relocation arrangements in the Mediterranean. Sailing Away from Responsibility? (Arranġamenti ta' tiftix u salvataġġ, żbarkar u rilokazzjoni fil-Mediterran. Nitbiegħdu mir-responsabbiltà?)*, Ġunju 2019.

[31] L-Inizjattiva għat-Tfal fil-Migrazzjoni appellat għal approċċ komuni biex tiġi indirizzata l-kwistjoni tat-tfal neqsin (mhux akkumpanjati u separati), biex jiġu stabbiliti mekkaniżmi effettivi biex jiġu indirizzati r-riskji tat-traffikar, u l-adozzjoni ta' standards speċifiċi għat-tfal għall-proċeduri tal-ażil.

[32] L-istudji u r-rapporti kollha tan-Network Ewropew dwar il-Migrazzjoni huma disponibbli fuq: https://ec.europa.eu/home-affairs/what-we-do/networks/european_migration_network_en.

jikkonformaw mas-sistema. L-effettività tad-dritt għal rimedju ġudizzjarju se tiżdied, billi jiġi speċifikat l-ambitu tal-appell u jiġi stabbilit l-għan għall-qrati jew it-tribunali li jieħdu deċiżjonijiet f'limitu ta' żmien armonizzat. Talba għal effett sospensiv għandha tiġi deċiża f'limitu ta' żmien armonizzat.

Id-dritt għal-libertà u l-moviment ħieles se jkun imsaħħaħ billi jitqassar iż-żmien li fih persuna tista' tinżamm f'detenzjoni fil-każijiet eċċezzjonali stabbiliti fir-Regolament u biss jekk f'konformità mal-prinċipji tan-neċessità u l-proporzjonalità.

Ir-rispett għall-ħajja privata u tal-familja se jkun imsaħħaħ, b'mod partikolari billi jitkabbar l-ambitu tar-Regolament biex jinkludi l-aħwa kif ukoll il-familji ffurmati f'pajjiżi ta' tranżitu.

Id-drittijiet tal-minorenni mhux akkumpanjati ġew imsaħħa wkoll permezz ta' definizzjoni aħjar tal-implimentazzjoni tal-prinċipju tal-aħjar interessi tat-tfal u billi ġie stabbilit mekkaniżmu biex issir deċiżjoni fl-aħjar interessi tat-tifel jew it-tifla fiċ-ċirkostanzi kollha li jimplikaw it-trasferiment ta' minorenni. Il-limitu ta' żmien biex tintbagħat talba biex tittieħed responsabbiltà huwa adattat ukoll biex iqis il-kumplessità tal-każijiet li jikkonċernaw it-traċċar u r-riunifikazzjoni tal-familja. Ir-regoli relatati mal-evidenza ġew issimplifikati sabiex tiġi żgurata determinazzjoni malajr tar-responsabbiltà u biex jissaħħaħ aktar id-dritt għall-unità tal-familja. Bl-istess mod, ir-rilokazzjoni ta' minorenni mhux akkumpanjati dejjem se jkollha tingħata prijorità u l-Istati Membri se jirċievu inċentiv finanzjarju ogħla f'dak ir-rigward fil-forma ta' kontribuzzjoni.

Sabiex jiġu evitati movimenti mhux awtorizzati, il-proposta tillimita d-dritt għal kundizzjonijiet ta' akkoljenza materjali fl-Istat Membru fejn l-applikant ikun meħtieġ li jkun preżenti, bl-eċċezzjoni tal-obbligu għall-Istati Membri kollha li jiżguraw standard ta' għajxien skont id-dritt tal-Unjoni, inkluża l-Karta tal-UE, u l-obbligi internazzjonali.

## 4. IMPLIKAZZJONIJIET BAĠITARJI

Ir-riżorsi finanzjarji totali meħtieġa biex isostnu l-implimentazzjoni ta' din il-proposta jammontaw għal EUR 1 113,500 miljun previsti għall-perjodu 2021-2027. Dan ikopri l-ispejjeż operazzjonali inklużi l-ispejjeż ta' trasferiment fil-forma ta' somom f'daqqa għal trasferimenti taħt dan ir-Regolament propost u għal trasferimenti b'rabta mar-rilokazzjoni fil-kuntest tad-dispożizzjonijiet ta' solidarjetà, relatati mar-rilokazzjoni tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali, benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali u ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment. Huma previsti inċentivi finanzjarji ogħla għar-rilokazzjoni ta' minorenni mhux akkumpanjati.

Il-ħtiġijiet finanzjarji huma kompatibbli mal-qafas finanzjarju pluriennali attwali u jistgħu jinvolvu l-użu ta' strumenti speċjali kif definit fir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013[33].

33 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE, Euratom) Nru 1311/2013 tat-2 ta' Diċembru 2013 li jistabbilixxi l-qafas finanzjarju pluriennali għas-snin 2014-2020, ĠU L 347, 20.12.2013, p. 884.

## 5. SPJEGAZZJONI FID-DETTALL TAD-DISPOŻIZZJONIJIET SPEĊIFIĊI TAL-PROPOSTA

Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas komuni li jfittex li jirrikonoxxi li l-isfida ta' wasliet irregolari ta' migranti fl-Unjoni ma għandhiex għalfejn tittieħed mill-Istati Membri individwali waħedhom, iżda mill-Unjoni kollha kemm hi. Ir-Regolament jikkontribwixxi għall-approċċ komprensiv billi jippromwovi t-tfassil integrat tal-politika fi ħdan il-qasam tal-applikazzjoni tiegħu.

Il-proposta żżomm ir-rabta bejn ir-responsabbiltajiet fil-qasam tal-ażil u r-rispett mill-Istati Membri tal-obbligi tagħhom f'termini ta' protezzjoni tal-fruntieri esterni, b'kunsiderazzjoni tal-obbligi internazzjonali tat-twettiq ta' operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, soġġetta għall-eċċezzjonijiet maħsuba biex jipproteġu l-unità tal-familja u l-aħjar interess tat-tfal. Il-kriterji attwali għad-determinazzjoni tar-responsabbiltà huma essenzjalment ippreservati, iżda qed jiġu proposti bidliet immirati, b'mod partikolari biex tissaħħaħ l-unità tal-familja billi tiġi estiża d-definizzjoni ta' membru tal-familja, tiġi ċċarata r-responsabbiltà ta' Stat Membru wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, u jiġi introdott kriterju ġdid relatat mal-pussess ta' diplomi edukattivi.

L-emendi ewlenin li saru għandhom l-għan li, minn naħa waħda, itejbu l-effiċjenza tas-sistema, b'mod partikolari billi jirrinforzaw ir-responsabbiltà ta' Stat Membru partikolari biex jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni interna, ladarba r-responsabbiltà tkun ġiet stabbilita. Min-naħa l-oħra, l-emendi għandhom l-għan li jillimitaw il-movimenti mhux awtorizzati, b'mod partikolari billi jħassru ċerti regoli dwar il-waqfien jew il-bdil tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri.

Is-sistema hija supplimentata b'approċċ ġdid għas-solidarjetà, ibbażat fuq qafas li jippermetti valutazzjoni f'ħin reali tas-sitwazzjoni fl-Istati Membri u fl-UE. Barra minn hekk, huma stabbiliti regoli proċedurali biex jiffaċilitaw ir-rilokazzjoni u l-isponsorjar tar-ritorn bħala mezz ta' solidarjetà.

### 5.1. L-istabbiliment ta' qafas komuni bbażat fuq l-approċċ komprensiv għall-ġestjoni tal-migrazzjoni

Sabiex jiġi implimentat il-qafas komuni, il-proposta tistabbilixxi għadd ta' prinċipji li għandhom jiggwidaw l-implimentazzjoni tal-ġestjoni tal-migrazzjoni inkluż il-ħtieġa għal tfassil integrat ta' politika u l-iżgurar tal-prinċipju tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà. Tiġi stabbilita struttura ta' governanza, fejn l-Istati Membri se jkollhom fis-seħħ strateġiji nazzjonali rigward l-implimentazzjoni ta' dan il-qafas, inkluż dwar l-ippjanar ta' kontinġenza għall-prevenzjoni tal-akkumulazzjoni ta' pressjoni migratorja u wkoll dwar il-monitoraġġ tad-drittijiet fundamentali.

Dawn l-istrateġiji se jikkontribwixxu għal Strateġija Ewropea ġdida dwar l-implimentazzjoni tal-elementi differenti li jkopru l-approċċ komprensiv u se jistabbilixxu l-approċċ strateġiku għall-ġestjoni tal-migrazzjoni fil-livell tal-Unjoni, biex b'hekk jippermettu l-possibbiltà ta' perspettiva li tħares 'il quddiem dwar ir-riskji u l-opportunitajiet preżenti fil-ġestjoni tal-migrazzjoni u kif l-aħjar li jiġu indirizzati. Kull sena, il-Kummissjoni se tippubblika rapport dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni li se jinkludi projezzjoni fuq medda qasira ta' żmien tal-evoluzzjoni tas-sitwazzjoni migratorja u jippermetti rispons f'waqtu għal xejriet li qed jevolvu fil-migrazzjoni u reazzjonijiet għar-riżultati tal-qafas ta' monitoraġġ. Dan il-qafas se jkun ikkumplimentat minn sistema ta' monitoraġġ regolari tas-sitwazzjoni migratorja permezz ta' rappurtar tas-sitwazzjoni mill-Kummissjoni. Din il-ħidma se tkun appoġġata mill-attivitajiet

taħt il-Pjan ta' Azzjoni għall-Migrazzjoni u l-kriżi, b'mod partikolari l-attivitajiet ta' monitoraġġ u rappurtar ipprovduti fih.

### 5.2. Mekkaniżmu ta' solidarjetà

- **Miżuri ta' solidarjetà li l-Istati Membri se jkunu obbligati li jiżguraw f'sitwazzjonijiet ta' pressjoni migratorja**

Jiġi stabbilit mekkaniżmu ġdid li kapaċi jwassal solidarjetà li kapaċi tindirizza l-pressjoni migratorja. Il-mekkaniżmu ta' solidarjetà huwa flessibbli fid-disinn sabiex ikun jista' jiġi applikat għal sitwazzjonijiet bi flussi migratorji u realtajiet differenti. Il-kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà li l-Istati Membri se jkunu taħt l-obbligu li jipprovdu jikkonsistu jew f'rilokazzjoni jew fi sponsorizzazzjoni tar-ritorn u hemm ukoll il-possibbiltà li jikkontribwixxu għal miżuri mmirati lejn il-kapaċità tal-Istati Membri fil-qasam tal-ażil, ir-riċeviment u r-ritorn u fid-dimensjoni esterna. L-Istati Membri se jkunu obbligati li jikkontribwixxu permezz ta' sehem ikkalkulat abbażi ta' koeffiċjent tad-distribuzzjoni ibbażat fuq 50 % tal-PDG u 50 % tal-popolazzjoni. Is-sehem tal-Istat Membru benefiċjarju għandu jiġi inkluż fil-koeffiċjent tad-distribuzzjoni sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri kollha qed jagħtu effett lill-prinċipju tal-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà.

***Rilokazzjoni***

L-ambitu propost ta' rilokazzjoni jinkludi applikanti għal protezzjoni internazzjonali li mhumiex soġġetti għall-proċedura fuq il-fruntiera skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil*]. Kwalunkwe rabta sinifikanti bejn il-persuna li għandha tiġi rilokata u l-Istat Membru ta' rilokazzjoni tinbena bħala element proċedurali. F'każijiet ta' pressjoni migratorja, ir-rilokazzjoni se tinkludi wkoll benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali sa tliet snin minn meta tali persuni jkunu ngħataw protezzjoni internazzjonali.

***Sponsorizzazzjoni tar-ritorn***

Ir-Regolament propost jinkludi l-possibbiltà li l-Istati Membri jagħżlu li jipprovdu l-kontribuzzjoni ta' solidarjetà tagħhom fil-forma ta' sponsorizzazzjoni tar-ritorn. Taħt l-isponsorizzazzjoni tar-ritorn, Stat Membru jimpenja ruħu li jappoġġa Stat Membru taħt pressjoni migratorja billi jwettaq l-attivitajiet meħtieġa għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi identifikati individwalment li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment mit-territorju ta' Stat Membru li jibbenefikaw minn miżura ta' solidarjetà obbligatorja, f'koordinazzjoni mill-qrib. Għal dan il-għan, l-Istat Membru li jisponsorja għandu, pereżempju, jipprovdi konsulenza dwar ir-ritorn u l-integrazzjoni mill-ġdid lil ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, jassisti r-ritorn volontarju u l-integrazzjoni mill-ġdid ta' migranti irregolari bl-użu tal-programm u r-riżorsi tagħhom, imexxi jew jappoġġa d-djalogu politiku ma' pajjiżi terzi għall-iffaċilitar tar-riammissjoni ta' migranti irregolari preżenti fl-Istat Membru benefiċjarju u jiżgura t-twassil ta' dokument tal-ivvjaġġar validu. Madankollu, jekk dawn l-isforzi ma jirnexxux wara 8 xhur, l-Istat Membru ta' sponsorizzazzjoni jittrasferixxi l-persuni kkonċernati u jkompli bl-isforzi tiegħu biex jirritornahom skont id-Direttiva dwar ir-Ritorn 2008/115/KE[34].

---

[34] Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi b'permanenza illegali fil-pajjiż, ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98.

L-attivitajiet koperti mill-isponsorizzazzjoni tar-ritorn huma addizzjonali għal dawk imwettqa mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u jinkludu b'mod partikolari attivitajiet li l-Aġenzija ma tistax timplimenta bis-saħħa tal-mandat tagħha (pereżempju billi toffri appoġġ diplomatiku lill-Istat Membru benefiċjarju fir-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi). Fejn l-Istati Membri jindikaw li se jagħmlu sponsorizzazzjoni tar-ritorn, huma għandhom jindikaw ukoll in-nazzjonalitajiet tal-pajjiżi terzi li għalihom huma lesti li jappoġġaw ir-ritorn: dan sabiex jiġi żgurat li l-isponsorizzazzjoni tintuża biex jiġu rritornati ċittadini ta' pajjiżi terzi li għalihom l-Istati Membri kkonċernati jistgħu jġibu valur miżjud.

- **Miżuri ta' solidarjetà wara żbarki minn operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ**

Ir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni se jistabbilixxi l-projezzjonijiet għal perjodu qasir antiċipati għar-rotot kollha għall-iżbarki wara dawn l-operazzjonijiet u r-rispons ta' solidarjetà li jkun meħtieġ biex isir kontribut għall-ħtiġijiet tal-Istati Membri tal-iżbark relatati kemm mar-rilokazzjoni tal-applikanti li ma jkunux fil-proċedura tal-fruntiera, jew mal-ħtiġijiet tal-kapaċità tal-Istati Membri kkonċernati. Ir-rapport għandu jindika wkoll is-sehem tal-miżuri ta' solidarjetà meħtieġa għal kull Stat Membru u għandu jispeċifika l-għadd totali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi koperti mill-miżuri ta' solidarjetà. L-Istati Membri l-oħrajn imbagħad jindikaw liema tip ta' miżura ta' solidarjetà għandhom l-intenzjoni li jieħdu jew permezz ta' rilokazzjoni tal-applikanti jew ta' miżuri fil-qasam tat-tisħiħ tal-kapaċitajiet jew id-dimensjoni esterna.

Fejn il-kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri jkunu biżżejjed, il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni, li għandu jistabbilixxi grupp ta' solidarjetà bil-għan li jipprovdi appoġġ għall-isfidi ffaċċjati mill-Istat Membru tal-iżbark.

Fejn l-indikazzjonijiet mill-Istati Membri ma jissodisfawx il-ħtiġijiet identifikati fir-Rapport dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni, il-Kummissjoni se tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-ishma ta' kull Stat Membru skont il-koeffiċjent tad-distribuzzjoni għar-rilokazzjoni. Fejn l-Istati Membri jkunu indikaw li beħsiebhom jieħdu miżuri fil-qasam tal-kapaċità jew fid-dimensjoni esterna, il-Kummissjoni se tistabbilixxi l-miżuri fl-att ta' implimentazzjoni. Jekk madankollu l-indikazzjonijiet mill-Istati Membri biex jieħdu miżuri fil-qasam tal-kapaċità jew fid-dimensjoni esterna jammontaw għal aktar minn 30 % tal-għadd meħtieġ ta' persuni li għandhom jiġu rilokati, il-Kummissjoni se tiżgura li l-Istati Membri jkollhom jikkontribwixxu nofs is-sehem tagħhom għar-rilokazzjoni. F'każijiet bħal dawn, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu wkoll li jikkontribwixxu permezz ta' sponsorizzazzjoni tar-ritorn.

Matul is-sena hekk kif iseħħu l-iżbarki, il-Kummissjoni se tuża l-grupp u se tħejji listi biex tqassam il-persuni li għandhom jiġu rilokati lejn l-Istati Membri kontributuri minn kull żbark jew grupp ta' żbarki. Fejn hemm ir-riskju li l-gruppi ta' solidarjetà ma jkunux biżżejjed minħabba għadd dejjem ikbar ta' żbarki, il-Kummissjoni se temenda l-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi ammont addizzjonali ta' miżuri previsti għar-rilokazzjoni għall-Istat Membru jew Stati Membri benefiċjarju partikolari, li għandu jkun limitat għal 50 % tal-ammont stabbilit fl-atti ta' implimentazzjoni. Barra minn hekk, fejn Stat Membru ta' żbark jirriskja li jaqa' taħt pressjoni migratorja, il-grupp ta' solidarjetà tiegħu jista' jintuża għall-finijiet ta' rilokazzjoni ta' persuni malajr sakemm jiġi adottat l-att ta' implimentazzjoni previst għal sitwazzjonijiet ta' pressjoni. Il-gruppi ta' Stati Membri oħra jistgħu jintużaw ukoll għal dan il-għan sakemm dan ma jipperikolax il-funzjonament tal-grupp tagħhom.

Fejn ir-Rapport dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni jidentifika li l-Istati Membri għandhom sfidi partikolari minħabba l-preżenza fit-territorju tagħhom ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma applikanti għall-protezzjoni internazzjonali u huma vulnerabbli, irrispettivament minn kif

qasmu l-fruntieri esterni, il-grupp ta' solidarjetà jista' jintuża wkoll għall-finijiet tar-rilokazzjoni ta' malajr ta' tali persuni.

**Solidarjetà obbligatorja f'sitwazzjonijiet ta' pressjoni migratorja**

***Il-valutazzjoni tal-pressjoni migratorja u r-rispons ta' solidarjetà***

Fejn Stat Membru jkun informa lill-Kummissjoni li huwa jikkunsidra li jkun taħt pressjoni migratorja, inkluż riskju ta' pressjoni b'riżultat ta' numru kbir ta' wasliet, inkluż fejn dawn il-wasliet jirriżultaw minn operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, il-Kummissjoni se tagħmel valutazzjoni tas-sitwazzjoni filwaqt li tqis is-sitwazzjoni partikolari li tipprevali fl-Istat Membru, fuq il-bażi ta' għadd ta' kriterji u l-informazzjoni disponibbli, inkluż l-informazzjoni miġbura taħt il-Pjan ta' Azzjoni għall-Migrazzjoni u l-Kriżi. Fejn il-valutazzjoni tindika li Stat Membru jkun taħt pressjoni migratorja, huwa se jidentifika l-ħtiġijiet ġenerali tal-Istat Membru u jindika l-miżuri xierqa meħtieġa biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni u l-Istati Membri l-oħrajn kollha għandhom jikkontribwixxu permezz ta' miżuri ta' rilokazzjoni jew sponsorizzazzjoni ta' ritorn jew kombinament ta' miżuri bħal dawn. Fejn Stat Membru nnifsu jkun Stat Membru benefiċjarju, dan ma jkunx taħt l-obbligu li jikkontribwixxi għas-solidarjetà. L-Istati Membri għandhom jindikaw it-tip ta' kontribuzzjonijiet li se jipprovdu fil-Pjanijiet ta' Rispons ta' Solidarjetà, li jintbagħtu lill-Kummissjoni.

Barra minn hekk, fejn ir-rapport dwar il-pressjoni migratorja jindika ħtieġa għal miżuri oħra ta' solidarjetà mmirati lejn it-tisħiħ tal-kapaċità tagħha fil-qasam tal-ażil, l-akkoljenza jew ir-ritorn jew miżuri fiż-żona tad-dimensjoni esterna sabiex jiġu indirizzati l-flussi migratorji, l-Istati Membri kontributuri jistgħu jindikaw miżuri bħal dawn fil-Pjanijiet ta' Rispons ta' Solidarjetà tagħhom minflok rilokazzjoni jew sponsorizzazzjoni tar-ritorn. Miżuri bħal dawn jistgħu jieħdu forom differenti li jvarjaw minn assistenza bl-implimentazzjoni ta' kapaċità ta' akkoljenza mtejba inkluż infrastruttura jew sistemi oħra biex itejbu l-kundizzjonijiet ta' akkoljenza ta' dawk li jfittxu l-ażil. Dan jista' jinkludi wkoll finanzjament immirat lejn il-ġestjoni tas-sitwazzjoni tal-ażil u l-migrazzjoni f'pajjiż terz speċifiku li qed jiġġenera flussi migratorji partikolari lejn Stat Membru. Fil-qasam tar-ritorn, miżuri bħal dawn jistgħu jinkludu, pereżempju, l-assistenza finanzjarja jew assistenza oħra ffukata fuq l-infrastruttura u l-faċilitajiet li jistgħu jkunu meħtieġa biex jittejjeb l-infurzar tar-ritorn jew biex jiġu pprovduti materjali jew mezzi ta' trasport għat-twettiq tal-operazzjonijiet. Fejn il-Kummissjoni tivvaluta li huma proporzjonati għas-sehem tal-Istat Membru u skont l-objettivi stabbiliti fil-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil, dawn il-kontribuzzjonijiet se jiġu speċifikati fl-att ta' implimentazzjoni.

Jekk, madankollu, l-indikazzjonijiet mill-Istati Membri biex jieħdu miżuri fil-qasam tal-kapaċità jew id-dimensjoni esterna jammontaw għal aktar minn 30 % tan-numru meħtieġ ta' persuni li għandhom jiġu rilokati jew soġġetti għal sponsorizzazzjoni tar-ritorn, il-Kummissjoni se tiżgura li l-Istati Membri se jkollhom jikkontribwixxu nofs is-sehem tagħhom għal dawn il-miżuri.

Stat Membru jista' jitlob ukoll tnaqqis fis-sehem tiegħu fejn jista' juri li matul il-ħames snin preċedenti, kien responsabbli għal aktar mid-doppju tal-medja *per capita* tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali tal-UE, u jista' jitlob tnaqqis ta' 10 % tas-sehem tiegħu. It-tnaqqis imbagħad se jitqassam b'mod proporzjonali bejn l-Istati Membri l-oħra.

***Atti ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar miżuri ta' solidarjetà***

Fi żmien ġimagħtejn mis-sottomissjoni tal-Pjanijiet ta' Rispons ta' Solidarjetà, il-Kummissjoni se tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-miżuri ta' solidarjetà li għandhom jittieħdu mill-Istati Membri għall-benefiċċju tal-Istat Membru taħt pressjoni migratorja.

L-att ta' implimentazzjoni għandu jistabbilixxi l-għadd totali ta' persuni li għandhom jiġu rilokati u/jew li għandhom ikunu soġġetti għal sponsorizzazzjoni tar-ritorn, b'kont meħud tal-kapaċità u l-ħtiġijiet tal-Istat Membru benefiċjarju fil-qasam tal-ażil u r-ritorn identifikati fil-valutazzjoni u jispeċifika s-sehem ta' kull Stat Membru abbażi ta' koeffiċjent tad-distribuzzjoni aġġustat f'konformità mat-talbiet magħmula mill-Istati Membri li urew li jikkwalifikaw għal tnaqqis. Huwa għandu jispeċifika wkoll il-miżuri fil-qasam tal-bini tal-kapaċità, l-appoġġ operattiv, jew miżuri fid-dimensjoni esterna li għandhom jittieħdu minn Stat Membru kontribwenti minflok ir-rilokazzjoni jew l-isponsorizzazzjoni tar-ritorn.

L-att ta' implimentazzjoni għandu jiġi adottat skont l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011, fejn għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament ġustifikati minħabba s-sitwazzjoni ta' pressjoni migratorja fi Stati Membri benefiċjarji, il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament li jibqgħu fis-seħħ għal perijodu li ma jaqbiżx sena (1).

- **Dispożizzjonijiet ġenerali dwar is-Solidarjetà**

***Forum ta' Solidarjetà***

F'sitwazzjonijiet ta' pressjoni migratorja, fejn il-kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà indikati mill-Istati Membri fil-Pjanijiet ta' Rispons ta' Solidarjetà ma jikkorrispondux mal-ħtiġijiet identifikati fil-valutazzjoni dwar il-pressjoni migratorja, il-Kummissjoni tlaqqa' l-Forum ta' Solidarjetà, li se jipprovdi opportunità għall-Istati Membri biex jaġġustaw il-kategorija tal-kontribuzzjonijiet tagħhom fil-Pjanijiet ta' Rispons ta' Solidarjetà tagħhom.

Meta l-kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà previsti ma jkunux biżżejjed biex jiżguraw il-funzjonament effiċjenti tal-appoġġ ta' solidarjetà għall-iżbarki wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, il-Kummissjoni se tlaqqa' l-Forum ta' Solidarjetà qabel tadotta l-att ta' implimentazzjoni addizzjonali previst f'dak l-Artikolu.

***Forom oħra ta' solidarjetà***

Stat Membru jista', fi kwalunkwe ħin, jitlob appoġġ ta' solidarjetà volontarju mingħand Stati Membri oħra. Kwalunkwe Stat Membru jista' jagħmel kontribuzzjonijiet volontarji għall-benefiċċju ta' dak l-Istat Membru, inkluż permezz ta' rilokazzjoni ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali soġġetti għall-proċedura fuq il-fruntiera f'konformità mar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil*] jew ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment. Barra minn hekk, l-Istati Membri jistgħu, fuq bażi volontarja, jagħmlu kontribuzzjonijiet immirati lejn it-tisħiħ tal-kapaċità tal-Istati Membri fil-qasam tal-ażil, l-akkoljenza u r-ritorn u fid-dimensjoni esterna. L-Istati Membri li kkontribwixxew jew li jkunu qed jippjanaw li jikkontribwixxu b'miżuri ta' solidarjetà għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni permezz tas-sottomissjoni ta' Pjan ta' Appoġġ ta' Solidarjetà anness ma' din il-proposta. Fejn tali kontribuzzjonijiet volontarji jikkorrispondu għall-miżuri stabbiliti f'att ta' implimentazzjoni dwar il-pressjoni migratorja, il-livell ta' kontribuzzjonijiet mill-Istati Membri jitnaqqas mis-sehem indikat fl-att ta' implimentazzjoni.

***Proċedura ta' rilokazzjoni***

Ir-Regolament propost jistabbilixxi l-proċeduri li għandhom jiġu segwiti qabel u wara r-rilokazzjoni u l-obbligi kemm tal-Istat Membru benefiċjarju kif ukoll tal-Istat Membru ta' rilokazzjoni. L-obbligi tal-Istat Membru benefiċjarju jinkludu dispożizzjonijiet relatati mal-identifikazzjoni u r-reġistrazzjoni tal-persuni kkonċernati għall-finijiet tar-rilokazzjoni u l-obbligu li jiġi żgurat li l-persuna kkonċernata ma tippreżentax periklu għas-sigurtà nazzjonali tal-ordni pubbliku. Fejn l-Istat Membru benefiċjarju jikkonkludi li l-persuna kkonċernata tippreżenta tali riskju għas-sigurtà, dik il-persuna ma għandhiex tiġi rilokata. Fejn il-persuna li għandha tiġi rilokata hija applikant, l-Istat Membru benefiċjarju għandu wkoll jivvaluta primarjament li ma jistax huwa stess jiġi determinat bħala l-Istat Membru responsabbli skont il-kriterji marbuta mar-riunifikazzjoni tal-familja jew ir-residenza/viża qabel ma tiġi applikata l-proċedura ta' rilokazzjoni, peress li dawn il-persuni jkollhom rabta qawwija mal-Istat Membru benefiċjarju u ma għandhomx jiġu rilokati band'oħra. L-obbligi tal-Istat Membru ta' rilokazzjoni jinkludu l-obbligu li tiġi rilokata persuna li mhijiex ta' periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku, u, fejn il-persuna tkun applikant, biex twettaq il-proċedura biex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli meta dan ma jkunx sar fl-Istat Membru benefiċjarju. Fejn il-persuna tkun benefiċjarja għall-protezzjoni internazzjonali, l-Istat Membru ta' rilokazzjoni għandu awtomatikament jagħti l-istatus rispettiv mogħti mill-Istat Membru benefiċjarju, sabiex jiġi żgurat li l-benefiċjarju jżomm l-istatus tiegħu jew tagħha u d-drittijiet korrispondenti anki jekk jiġi rilokat fi Stat Membru ieħor.

***Proċedura ta' sponsorizzazzjoni tar-ritorn***

Stat Membru li jimpenja ruħu li jipprovdi sponsorizzazzjoni tar-ritorn għandu jimpenja ruħu u jikkoordina mill-qrib mal-Istat Membru benefiċjarju sabiex jiddetermina l-miżuri ta' appoġġ speċifiċi li huma meħtieġa għat-twettiq tar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi identifikati individwalment li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment mit-territorju tal-Istat Membru benefiċjarju. Abbażi tar-riżultat tal-koordinazzjoni bejn l-Istati Membri kkonċernati, l-Istat Membru ta' sponsorizzazzjoni jieħu l-miżuri meħtieġa bil-għan li jiffaċilita u jikkonkludi b'suċċess il-proċeduri ta' ritorn, pereżempju billi jipprovdi appoġġ għar-ritorn volontarju assistit u r-reintegrazzjoni, iwassal jew jappoġġa d-djalogu politiku ma' pajjiżi terzi speċifiċi, jiżgura l-identifikazzjoni u t-twassil ta' dokumenti tal-ivvjaġġar validi jew jorganizza arranġamenti prattiċi għall-operazzjonijiet ta' ritorn bħal titjiriet charter jew skedati. F'dan l-istadju, l-Istat Membru benefiċjarju jibqa' madankollu responsabbli għat-twettiq ta' proċeduri ta' ritorn (eż. il-ħruġ tad-deċiżjoni ta' ritorn, appelli) fir-rigward tal-individwi kkonċernati u għandu japplika d-Direttiva ta' Ritorn.

L-Istati Membri ta' sponsorizzazzjoni għandhom jimplimentaw il-miżuri ta' appoġġ matul perjodu ta' żmien determinat minn qabel, stabbilit għal 8 xhur. Dan il-perjodu jibda mill-jum li fih il-Kummissjoni tadotta att ta' implimentazzjoni dwar is-solidarjetà f'sitwazzjonijiet ta' pressjoni migratorja. Jekk iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi sponsorjati jkunu għadhom mhumiex soġġetti għal deċiżjoni ta' ritorn meta jiġi adottat l-att ta' implimentazzjoni, il-perjodu jibda minn meta jinħarġu d-deċiżjonijiet ta' ritorn jew, jekk il-persuni ma jkunux ġew applikati b'suċċess għall-ażil u konsegwentement ikunu rċevew deċiżjonijiet ta' ritorn, minn meta ċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi ma jkollhomx aktar id-dritt li jibqgħu u ma jitħallewx jibqgħu.

Meta, minkejja l-isforzi konġunti mill-Istati Membri kkonċernati, ir-ritorn ma jkunx twettaq b'suċċess, mal-iskadenza tal-perjodu ta' 8 xhar, iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi jiġu trasferiti fit-territorju tal-Istat Membru ta' sponsorizzazzjoni. Għal dan il -għan, il-proċedura deskritta fit-taqsima preċedenti tapplika *mutatis mutandis*.

- **Appoġġ finanzjarju**

Il-proposta tipprovdi għal inċentivi finanzjarji għar-rilokazzjoni. Kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 10 000 se tingħata għal kull persuna rilokata (inkluż wara l-isponsorizzazzjoni tar-

ritorn jekk ir-ritorn ma kienx ta' suċċess). Il-kontribuzzjoni finanzjarja se tkun ta' EUR 12 000 meta l-persuna rilokata tkun minorenni mhux akkumpanjat/a. Barra minn hekk, se tingħata kontribuzzjoni finanzjarja ta' EUR 500 biex tkopri l-ispejjeż ta' trasferiment ta' persuni b'rabta mar-rilokazzjoni u mal-proċeduri stabbiliti f'dan ir-Regolament.

- **Emendi għal strumenti leġiżlattivi oħrajn**

Il-proposta tinkludi emenda għar-Regolament (UE) XXX/XXX [*Il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil*] biex jiġu introdotti d-dispożizzjonijiet finanzjarji li jirfdu dan ir-Regolament propost.

Il-proposta tinkludi wkoll emenda għad-Direttiva 2003/109/KE (Direttiva dwar ir-Residenza fit-Tul). Għal dawk li għandhom bżonn il-protezzjoni, il-prospett li jiksbu status ta' residenti fit-tul f'perjodu iqsar ta' żmien se jkun kontribut importanti biex tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni sħiħa u rapida tal-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali fl-Istat Membru ta' residenza. Il-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali għandhom ikunu jistgħu jiksbu status ta' residenti fit-tul fl-Istat Membru li tahom protezzjoni internazzjonali wara tliet snin ta' residenza legali u kontinwa f'dak l-Istat Membru, filwaqt li jiżguraw li, għal kundizzjonijiet oħrajn biex jiksbu l-istatus, il-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali se jkunu soġġetti għall-istess kundizzjonijiet bħal ċittadini oħra ta' pajjiżi terzi.

### 5.3. Simplifikazzjoni tal-proċedura għad-determinazzjoni tar-responsabbiltà u t-titjib tal-effiċjenza tagħha

Bl-għanijiet li jiġi żgurat li l-proċedura għad-determinazzjoni tar-responsabbiltà għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali taħdem bla problemi u b'mod sostenibbli, li tissodisfa l-għan tal-aċċess rapidu għall-proċedura tal-eżami u għall-protezzjoni għal dawk li jeħtiġuha, u li jiġu skoraġġuti movimenti sekondarji, qed jiġu proposti għadd ta' miżuri ta' titjib għas-sistema, b'mod partikolari:

- L-obbligu ta' applikant li japplika fl-Istat Membru jew tal-ewwel dħul irregolari jew, f'każ ta' permanenza legali, f'dak l-Istat Membru, kif propost fl-2016. Imbagħad, l-applikant ikun meħtieġ li jkun preżenti f'dak l-Istat Membru matul il-proċedura ta' determinazzjoni, u fl-Istat Membru responsabbli wara dik id-determinazzjoni. L-għan huwa li tiġi żgurata ġestjoni ordinata tal-flussi, sabiex tiffaċilita d-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli, u għalhekk aċċess iktar rapidu għall-proċedura tal-għoti ta' protezzjoni internazzjonali, u biex jiġu evitati movimenti mhux awtorizzati. B'din l-emenda, qiegħed jiġi ċċarat li l-applikant la għandu d-dritt jagħżel l-Istat Membru tal-applikazzjoni u lanqas l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni. F'każ ta' nuqqas ta' konformità ma' dan l-obbligu, applikant se jkun intitolat biss għad-drittijiet ta' akkoljenza materjali fejn hu (jew hija) jkun meħtieġ ikun preżenti.
- Persuni mogħtija protezzjoni immedjata skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [Regolament li jindirizza sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' *force majeure* fil-qasam tal-ażil u l-migrazzjoni] huma inklużi fid-definizzjoni ta' applikant biex jiġi żgurat li anki jekk l-applikazzjonijiet tagħhom ikunu pendenti (sospiżi), l-Istat Membru li jkun ta dak l-istatus ta' protezzjoni ma jkunx eżentat mill-obbligu tiegħu li jiddetermina l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni u jirrispetta l-kriterji u l-mekkaniżmi stabbiliti f'dan ir-Regolament. Meta Stat Membru ieħor jiġi determinat bħala l-Istat Membru responsabbli, il-protezzjoni immedjata għandha tieqaf meta jitwettaq it-trasferiment. Jekk il-persuni kkonċernati jmorru fi Stati Membri oħra u japplikaw għall-protezzjoni internazzjonali hemmhekk, l-Istat Membru responsabbli jkun obbligat li jerġa' jieħu dawn il-persuni skont il-proċeduri stabbiliti f'dan ir-Regolament.

- Kif propost fl-2016, qabel jiġu applikati l-kriterji għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli, ir-Regolament jintroduċi obbligu għall-Istati Membri biex jiżguraw li persuna ma tkunx ta' periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku ta' Stat Membru qabel jitwettaq trasferiment. Dan l-obbligu japplika għal kwalunkwe persuna soġġetta għall-proċeduri stabbiliti fir-Regolament, anki jekk il-persuna ma kinitx soġġetta għal skrinjar jew għal xi raġuni oħra ma għaddietx minn kontroll tas-sigurtà. Huwa l-ewwel Stat Membru li fih l-applikazzjoni ġiet irreġistrata li għandu jivvaluta jekk hemmx raġunijiet raġonevoli biex l-applikant jitqies bħala periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku ta' Stat Membru qabel jiġu applikati l-kriterji tar-responsabbiltà. Jekk il-valutazzjoni turi li l-applikant jippreżenta riskju għas-sigurtà, dak l-Istat Membru għandu jsir l-Istat Membru responsabbli. Fis-sitwazzjoni li l-persuna kkonċernata tippreżenta riskju għas-sigurtà wara li r-responsabbiltà tkun diġà ġiet determinata, it-trasferiment jista' jsir, diment li d-dispożizzjoni speċifika li tirreferi għall-iskambju ta' informazzjoni relatata mas-sigurtà tiġi rrispettata.
- Ir-rekwiżit tal-kooperazzjoni tal-applikanti huwa msaħħaħ bil-ħsieb li jiġi żgurat li l-awtoritajiet ikollhom l-informazzjoni kollha meħtieġa biex jiddeterminaw l-Istat Membru responsabbli u jekk l-applikant jikkwalifikax għall-protezzjoni internazzjonali, kif ukoll biex jipprevjenu ċ-ċirkomvenzjoni tar-regoli, b'mod partikolari ħarba. Ir-Regolament jistabbilixxi obbligi proporzjonati tal-applikant dwar l-għoti f'waqtu tal-elementi u l-informazzjoni kollha rilevanti biex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli kif ukoll dwar il-kooperazzjoni mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri. Huwa msemmi wkoll b'mod espliċitu li l-applikanti għandhom l-obbligu li jkunu preżenti u disponibbli għall-awtoritajiet ta' Stat Membru rilevanti u li jirrispettaw id-deċiżjoni ta' trasferiment. In-nuqqas tar-rispett tal-obbligi legali stabbiliti fir-Regolament se jkollhom konsegwenzi proċedurali proporzjonati għall-applikant, bħal preklużjoni li tiġi aċċettata informazzjoni li mingħajr ġustifikazzjoni tkun ġiet ppreżentata tard wisq.
- Ir-Regolament iwessa' l-ambitu tal-informazzjoni li trid tiġi pprovduta lill-applikanti. L-intervista personali għandha l-għan li tiffaċilita l-proċess tad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli billi tgħin biex tinġabar l-informazzjoni kollha meħtieġa. Madankollu ma għandhiex twassal biex tiddewwem il-proċedura meta l-applikant ikun ħarab jew meta tkun diġà ġiet ipprovduta informazzjoni suffiċjenti.
- Ir-regola li l-kriterji għandhom ikunu ddeterminati fuq il-bażi tas-sitwazzjoni eżistenti meta l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata għall-ewwel darba ma' Stat Membru, tapplika għall-kriterji kollha, inklużi dawk li għandhom x'jaqsmu mal-membri tal-familja u l-minorenni. Skadenza ċara biex tingħata l-informazzjoni rilevanti se tippermetti valutazzjoni u deċiżjoni rapidi.
- Ir-Regolament iżomm id-definizzjoni estiża tal-membri tal-familja proposta fl-2016 b'żewġ modi: billi (1) tinkludi l-aħwa ta' applikant u billi (2) tinkludi r-relazzjonijiet familjari li nħolqu wara t-tluq mill-pajjiż tal-oriġini iżda qabel il-wasla fit-territorju tal-Istat Membru. L-aħwa huma kategorija fil-mira iżda importanti fejn il-possibbiltà li tingħata prova tar-relazzjoni familjari u li din tiġi vverifikata hija relattivament faċli u b'hekk il-potenzjal għall-abbuż huwa baxx. L-estensjoni biex tkopri l-familji ffurmati matul it-tranżitu tirrifletti l-fenomeni migratorji riċenti bħal permanenzi itwal barra l-pajjiż tal-oriġini qabel ma jaslu fl-UE, inklużi f'kampijiet tar-refuġjati. Dawn l-estensjonijiet fil-mira tad-definizzjoni tal-familja għandhom l-għan li jipprovdu għal rabta sinifikanti bejn il-persuna kkonċernata u l-Istat Membru responsabbli, filwaqt li jitqiesu wkoll l-implikazzjonijiet usa' għall-familji kkonċernati; għalhekk, dawn huma

mistennija li jnaqqsu r-riskju tal-movimenti irregolari jew tal-ħrib tal-persuni koperti mir-regoli estiżi.

- Ir-regoli dwar l-evidenza meħtieġa biex tiġi stabbilita r-responsabbiltà qed isiru aktar flessibbli, b'mod partikolari sabiex tiġi ffaċilitata r-riunifikazzjoni effiċjenti tal-familja. Ir-regoli jiċċaraw li prova formali, bħal evidenza dokumentarja oriġinali u ttestjar tad-DNA, ma għandhiex tkun meħtieġa f'każijiet fejn l-evidenza ċirkostanzjali hija koerenti, verifikabbli u dettaljata biżżejjed biex tistabbilixxi r-responsabbiltà.
- Hemm għadd ta' modifiki proposti biex jissimplifikaw jew isaħħu l-kriterji tar-responsabbiltà stipulati fl-Artikoli 19, 21, u 22. Sabiex tissaħħaħ l-istabbiltà tas-sistema, fl-Artikolu 19 il-kriterji tar-responsabbiltà rigward il-viżi u d-dokumenti ta' residenza ġew iċċarati u l-applikazzjoni tagħhom ġiet estiża għal tliet snin rispettivament. Bl-istess mod, fl-Artikolu 21 dwar id-dħul irregolari, il-klawżola li tipprevedi waqfien tar-responsabbiltà wara 12-il xahar mid-dħul irregolari ġiet estiża għal tliet snin, u l-klawżola dwar il-permanenza illegali tħassret peress li din id-dispożizzjoni wriet li kienet ikkumplikata biex tiġi applikata fil-prattika minħabba d-diffikultà biex tingħata l-prova meħtieġa. B'rabta mal-kriterju ta' dħul b'eżenzjoni mill-viża, l-eċċezzjoni fir-rigward ta' dħul sussegwenti fi Stat Membru li għalih il-ħtieġa għal viża tad-dħul ġiet eżentata tħassret ukoll, b'konformità mal-approċċ li l-Istat Membru tal-ewwel dħul għandu, bħala regola, ikun responsabbli u sabiex jiġu evitati movimenti sekondarji mhux iġġustifikati wara d-dħul.
- Barra minn hekk, jiżdied kriterju ġdid relatat mal-pussess ta' diploma jew kwalifika maħruġa minn istituzzjoni edukattiva stabbilita minn Stat Membru sabiex jiġi żgurat li applikant jista' jkollu l-applikazzjoni tiegħu eżaminata minn Stat Membru li fih ikollu rabtiet sinifikanti. Tali diploma jew kwalifika għandha tirrappreżenta, bħala minimu, edukazzjoni sekondarja ekwivalenti għal-livell 2 tal-Klassifika Standard Internazzjonali tal-Edukazzjoni, operata minn stabbiliment tal-edukazzjoni jew istituzzjoni tal-edukazzjoni għolja definita fid-Direttiva (UE) 2016/801 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[35], skont il-liġi nazzjonali jew il-prattika amministrattiva tal-Istati Membri.
- Ir-Regolament jistabbilixxi limiti ta' żmien iqsar għall-passi differenti tal-proċedura, sabiex titħaffef il-proċedura tad-determinazzjoni biex l-applikant jingħata aċċess aktar mgħaġġel għall-proċedura tal-ażil. Dan jikkonċerna l-limiti ta' żmien għas-sottomissjoni u għat-tweġiba għal talba biex tittieħed ir-responsabbiltà, bl-eċċezzjoni ta' minorenni mhux akkumpanjati, li ssir in-notifika għat-teħid lura u li tittieħed deċiżjoni ta' trasferiment.
- L-iskadenza tal-iskadenzi f'ċerti każijiet biss tirriżulta f'bidla fir-responsabbiltà bejn l-Istati Membri. Dawn il-bidliet fir-responsabbiltà jidher li ħeġġew l-evażjoni tar-regoli u t-tfixkil tal-proċedura. Ir-regoli li jwasslu għal bidla fir-responsabbiltà fejn il-limitu ta' żmien biex tintbagħat notifika ta' teħid lura jkun skada għalhekk tħassru, kif ukoll ir-regoli li jwasslu għall-waqfien jew it-trasferiment tar-responsabbiltà minħabba l-imġiba tal-applikant. Jekk l-applikant jaħrab minn Stat Membru sabiex jevadi trasferiment lejn l-Istat Membru responsabbli, l-Istat Membru ta' trasferiment ikun jista' juża ż-żmien li jifdal tal-limitu ta' żmien ta' 6 xhur biex iwettaq it-trasferiment mill-mument li l-applikant jerġa' jsir disponibbli għall-awtoritajiet.

[35] Id-Direttiva (UE) 2016/801 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' riċerka, studji, taħriġ, servizz volontarju, skemi ta' skambju ta' skulari jew proġetti edukattivi u au pairing, ĠU L 132, 21.5.2016, p. 21.

- Kif propost fl-2016, it-talbiet għal teħid lura ġew trasformati f'notifiki sempliċi ta' teħid lura, minħabba li l-Istat Membru responsabbli se jkun evidenti mill-hit tal-Eurodac. L-Istat Membru nnotifikat issa se jingħata l-opportunità li joġġezzjona malajr għan-notifika minħabba li japplikaw ir-regoli limitati għal trasferiment u l-waqfien tar-responsabbiltà, jiġifieri fejn Stat Membru ieħor ma jkunx ittrasferixxi l-persuna lill-Istat Membru responsabbli fil-ħin, applika l-klawżola diskrezzjonali, jew il-persuna kkonċernata ħalliet it-territorju tal-Istati Membri f'konformità ma' deċiżjoni ta' ritorn. Din se tkun għodda sinifikanti biex jiġu indirizzati movimenti mhux awtorizzati, meta titqies il-prevalenza attwali ta' teħid lura aktar milli ta' talbiet għal teħid ta' responsabbiltà.
- Żdied obbligu fuq l-Istat Membru responsabbli biex jieħu lura benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali jew persuna risistemata, li jkun għamel applikazzjoni jew li jkun preżenti b'mod irregolari fit-territorju ta' Stat Membru ieħor. Dan l-obbligu se jagħti lill-Istati Membri l-għodda legali meħtieġa biex jinforzaw it-trasferimenti lura, li hija importanti biex jiġu limitati l-movimenti mhux awtorizzati.
- Ir-regoli dwar ir-rimedji ġew adattati sabiex il-proċess tal-appell jiġi mħaffef u armonizzat konsiderevolment. Minbarra li tiċċara d-dritt tal-applikant li jitlob l-effett ta' sospensjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment matul appell jew reviżjoni, il-proposta tistabbilixxi limitu ta' żmien speċifiku u qasir biex il-qrati jew it-tribunali jieħdu tali deċiżjonijiet.
- Il-proċedura ta' konċiljazzjoni bħala mekkaniżmu għas-soluzzjoni tat-tilwim, li qatt ma ntużat formalment minn meta ġiet prevista fil-Konvenzjoni ta' Dublin tal-1990 (għalkemm f'forma kemmxejn differenti), hija emendata biex issir operazzjonali u biex l-użu tagħha jiġi ffaċilitat.
- L-objettivi tal-mekkaniżmu ta' twissija bikrija u tħejjija eżistenti se jgħaddu għand l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil il-ġdida, kif stabbilit b'mod partikolari fil-Kapitolu 5 dwar il-monitoraġġ u l-valutazzjoni u fil-Kapitolu 6 dwar l-assistenza operattiva u teknika fil-proposta dwar l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil. It-tħassir ta' dak il-mekkaniżmu propost fl-2016 għalhekk inżamm f'dan ir-Regolament.
- Ġie stabbilit network ta' unitajiet ta' Dublin u dan qed jiġi ffaċilitat mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil biex tissaħħaħ il-koperazzjoni prattika u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż l-iżvilupp ta' għodod prattiċi u ta' gwida.
- F'dak li għandu x'jaqsam ma' minorenni mhux akkumpanjati, il-proposta tiċċara li l-Istat Membru fejn il-minorenni jkun iddepożita għall-ewwel darba l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tiegħu għandu jkun responsabbli, sakemm ma jintweriex li dan mhuwiex fl-aħjar interessi tal-minorenni. Din ir-regola tippermetti d-determinazzjoni rapida tal-Istat Membru responsabbli u għalhekk tippermetti aċċess rapidu għall-proċedura għal dan il-grupp vulnerabbli ta' applikanti, anke minħabba l-limiti ta' żmien imqassra proposti.
- Id-dispożizzjoni dwar il-garanziji għall-minorenni mhux akkumpanjati hija adattata biex il-valutazzjoni tal-aħjar interessi ssir aktar operattiva. Għalhekk, qabel it-trasferiment ta' minorenni mhux akkumpanjat lejn Stat Membru ieħor, l-Istat Membru ta' trasferiment għandu jiżgura li dan l-Istat Membru se jieħu l-miżuri meħtieġa skont ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil u skont id-Direttivi dwar l-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza mingħajr dewmien. Huwa stipulat ukoll li kwalunkwe deċiżjoni ta' trasferiment ta' minorenni mhux akkumpanjat trid tkun preċeduta minn valutazzjoni tal-aħjar interessi tiegħu, li għandha ssir malajr minn persunal kwalifikat.

2020/0279 (COD)

Proposta għal

**REGOLAMENT TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**

**dwar il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni u li jemenda d-Direttiva tal-Kunsill (KE) 2003/109 u r-Regolament propost (UE) XXX/XXX [Il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil]**

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-PARLAMENT EWROPEW U L-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidraw it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 78(2)(e) u l-Artikolu 79(2)(a),(b) u (c) tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni Ewropea,

Wara t-trażmissjoni tal-abbozz tal-att leġiżlattiv lill-parlamenti nazzjonali,

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew[36],

Wara li kkunsidraw l-opinjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni[37],

Waqt li jaġixxu skont il-proċedura ordinarja leġiżlattiva,

Billi:

(1) L-Unjoni, hija u tikkostitwixxi spazju ta' libertà, sigurtà u ġustizzja, jenħtieġ li tiżgura li ma jkunx hemm kontrolli fuq il-persuni fuq il-fruntieri interni u jenħtieġ li tiżviluppa politika komuni dwar l-ażil, l-immigrazzjoni u l-ġestjoni tal-fruntieri esterni tal-Unjoni, abbażi tas-solidarjetà bejn l-Istati Membri, li tkun ġusta lejn iċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi.

(2) Għal dan il-għan, huwa meħtieġ approċċ komprensiv bil-għan li tissaħħaħ il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri li jenħtieġ li tgħaqqad il-politika fl-oqsma tal-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni u lejn ir-relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi rilevanti, ir-rikonoxximent li l-effettività ta' approċċ bħal dan tiddependi fuq li l-komponenti kollha jiġu indirizzati b'mod konġunt u b'mod integrat.

(3) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jikkontribwixxi għal dak l-approċċ komprensiv billi jistabbilixxi qafas komuni għall-azzjonijiet tal-Unjoni u tal-Istati Membri fil-qasam tal-politiki dwar l-ażil u l-ġestjoni tal-migrazzjoni, billi telabora fuq il-prinċipju tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà skont l-Artikolu 80 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE). L-Istati Membri għalhekk jenħtieġ li jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa, *inter alia*, biex jipprovdu aċċess għall-protezzjoni internazzjonali u kundizzjonijiet ta' akkoljenza adegwati għal dawk fil-bżonn, li jippermetti l-applikazzjoni effettiva tar-regoli dwar id-determinazzjoni tal-Istat

36 ĠU C , , p. .
37 ĠU C , , p. .

Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, biex jiġu rritornati ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, biex tiġi evitata l-migrazzjoni irregolari kif ukoll il-movimenti mhux awtorizzati bejniethom, u biex jiġi pprovdut appoġġ lil Stati Membri oħra fil-forma ta' kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà, bħala l-kontribut tagħhom għall-approċċ komprensiv.

(4) Il-qafas komuni jenħtieġ li jiġbor flimkien il-ġestjoni tas-Sistema Ewropea Komuni tal-Ażil u dik tal-politika dwar il-migrazzjoni. L-għan tal-politika tal-migrazzjoni jenħtieġ li jkun li tiżgura l-ġestjoni effiċjenti tal-flussi tal-migrazzjoni, it-trattament ġust ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi residenti legalment fl-Istati Membri, kif ukoll il-prevenzjoni u miżuri mtejba għall-ġlieda kontra l-immigrazzjoni illegali u t-traffikar tal-bnedmin.

(5) Il-qafas komuni huwa meħtieġ sabiex jiġi indirizzat b'mod effettiv il-fenomenu li qed jiżdied ta' wasliet imħallta ta' persuni fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali u dawk li mhumiex, u b'rikonoxximent li l-isfida ta' wasliet irregolari ta' migranti fl-Unjoni jenħtieġ li ma jkollhiex għalfejn tintrefa' mill-Istati Membri individwali waħedhom, iżda mill-Unjoni kollha kemm hi. Sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkollhom l-għodod meħtieġa biex jamministraw b'mod effettiv din l-isfida flimkien mal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali, il-migranti irregolari jenħtieġ li jaqgħu wkoll fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament. L-ambitu ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jinkludi wkoll benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, persuni risistemati jew ammessi kif ukoll persuni mogħtija protezzjoni immedjata.

(6) Sabiex jiġi rifless l-approċċ tal-gvern kollu u sabiex jiġu żgurati l-koerenza u l-effikaċja tal-azzjonijiet u l-miżuri meħuda mill-Unjoni u mill-Istati Membri tagħha li jaġixxu fi ħdan il-kompetenzi rispettivi tagħhom, hemm bżonn ta' tfassil integrat tal-politika fil-qasam tal-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni, li tinkludi kemm il-komponenti interni kif ukoll dawk esterni tagħha, li hija parti mill-approċċ komprensiv.

(7) L-Istati Membri jenħtieġ li jkollhom biżżejjed riżorsi umani u finanzjarji u infrastruttura biex jimplimentaw b'mod effettiv il-politiki tal-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni u jenħtieġ li jiżguraw koordinazzjoni xierqa bejn l-awtoritajiet nazzjonali rilevanti kif ukoll mal-awtoritajiet nazzjonali tal-Istati Membri l-oħrajn.

(8) B'approċċ strateġiku, il-Kummissjoni jenħtieġ li tadotta Strateġija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Migrazzjoni u l-Ażil dwar l-implimentazzjoni tal-politiki tal-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni. L-Istrateġija jenħtieġ li tkun ibbażata fuq rapporti u analiżijiet rilevanti prodotti mill-aġenziji tal-Unjoni u fuq l-istrateġiji nazzjonali tal-Istati Membri.

(9) L-istrateġiji nazzjonali tal-Istati Membri jenħtieġ li jinkludu informazzjoni dwar l-ippjanar ta' kontinġenza u dwar l-implimentazzjoni tal-prinċipji ta' tfassil integrat ta' politika u ta' solidarjetà u kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà ta' dan ir-Regolament u l-obbligi legali li jirriżultaw minnu fil-livell nazzjonali.

(10) Sabiex jiġi żgurat li jkun hemm fis-seħħ sistema effettiva ta' monitoraġġ biex tiġi żgurata l-applikazzjoni tal-acquis dwar l-ażil, ir-riżultati tal-monitoraġġ imwettaq mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil u l-Frontex, tal-evalwazzjoni mwettqa skont ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1053/2013 kif ukoll dawk imwettqa skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament dwar l-iskrinjar*] jenħtieġ li jitqiesu wkoll f'dawn l-istrateġiji.

(11) Filwaqt li żżomm f'moħħha l-importanza li jiġi żgurat li l-Unjoni tkun imħejjija u tkun kapaċi taġġusta għar-realtajiet li qed jiżviluppaw u li qed jevolvu tal-ġestjoni tal-ażil u

l-migrazzjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ li tadotta, kull sena, Rapport dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni li jistabbilixxi l-evoluzzjoni probabbli tas-sitwazzjoni migratorja u t-tħejjija tal-Unjoni u l-Istati Membri biex jirrispondu u jadattaw għaliha. Ir-Rapport jenħtieġ li jinkludi wkoll ir-riżultati tar-rappurtar dwar il-monitoraġġ previst fl-istrateġiji nazzjonali u jenħtieġ li jipproponi titjib fejn ikunu evidenti d-dgħufijiet.

(12) Sabiex jiġi żgurat li l-għodod meħtieġa jkunu fis-seħħ biex jgħinu lill-Istati Membri jittrattaw l-isfidi li jistgħu jinqalgħu minħabba l-preżenza fit-territorju tagħhom ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma applikanti vulnerabbli għall-protezzjoni internazzjonali, irrispettivament minn kif qasmu l-fruntieri esterni, ir-Rapport jenħtieġ li jindika wkoll jekk l-Istati Membri msemmija humiex qed jiffaċċjaw sfidi bħal dawn. Dawk l-Istati Membri jenħtieġ ukoll li jkunu jistgħu jiddependu fuq l-użu tal-"grupp ta' solidarjetà" għar-rilokazzjoni ta' persuni vulnerabbli.

(13) Għall-implimentazzjoni effettiva tal-qafas komuni u biex jiġu identifikati l-lakuni, jiġu indirizzati l-isfidi u jiġi evitat li tinbena pressjoni migratorja, il-Kummissjoni jenħtieġ li timmonitorja u tirrapporta regolarment dwar is-sitwazzjoni migratorja.

(14) Politika ta' ritorn effettiva hija element essenzjali ta' sistema li tiffunzjona tajjeb tal-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni tal-Unjoni, fejn dawk li ma għandhomx id-dritt li jibqgħu fit-territorju tal-Unjoni jenħtieġ li jirritornaw. Minħabba li sehem sinifikanti ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali jista' jitqies bħala bla bażi, huwa meħtieġ li tissaħħaħ l-effettività tal-politika tar-ritorn. Billi tiżdied l-effiċjenza tar-ritorni u jitnaqqsu d-distakki bejn il-proċeduri tal-ażil u tar-ritorn, il-pressjoni fuq is-sistema tal-ażil tonqos, u dan jiffaċilita l-applikazzjoni tar-regoli dwar id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' dawk l-applikazzjonijiet kif ukoll jikkontribwixxi għal aċċess effettiv għall-protezzjoni internazzjonali għal dawk fil-bżonn.

(15) Biex tissaħħaħ il-kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi fil-qasam tar-ritorn u r-riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, huwa meħtieġ li jiġi żviluppat mekkaniżmu ġdid, li jinkludi l-politiki u l-għodod rilevanti kollha tal-UE, biex tittejjeb il-koordinazzjoni tal-azzjonijiet differenti f'diversi oqsma ta' politika minbarra l-migrazzjoni li l-Unjoni u l-Istati Membri jistgħu jieħdu għal dak il-għan. Dak il-mekkaniżmu jenħtieġ li jibni fuq l-analiżi mwettqa f'konformità mar-Regolament (UE) 810/2019 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[38] jew ta' kwalunkwe informazzjoni oħra disponibbli, u għandu jqis ir-relazzjonijiet ġenerali tal-Unjoni mal-pajjiż terz. Dak il-mekkaniżmu jenħtieġ li jservi wkoll biex jappoġġa l-implimentazzjoni tal-isponsorjar tar-ritorn.

(16) Sabiex tiġi żgurata kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà kif ukoll bilanċ tal-isforz bejn l-Istati Membri, jenħtieġ li jiġi stabbilit mekkaniżmu ta' solidarjetà li jkun effettiv u li jiżgura li l-applikanti jkollhom aċċess rapidu għall-proċeduri għall-għoti ta' protezzjoni internazzjonali. Tali mekkaniżmu jenħtieġ li jipprovdi għal tipi differenti ta' miżuri ta' solidarjetà u għandu jkun flessibbli u kapaċi jadatta għan-natura li qed tevolvi tal-isfidi migratorji li jkun qed jiffaċċja Stat Membru.

(17) Minħabba l-ħtieġa li jiġi żgurat il-funzjonament bla xkiel tal-mekkaniżmu ta' solidarjetà stabbilit f'dan ir-Regolament, għandu jiġi stabbilit Forum ta' Solidarjetà li

[38] Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi), ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1.

jkun fih ir-rappreżentanti tal-Istati Membri kollha u dan għandu jitlaqqa' mill-Kummissjoni.

(18) Minħabba l-karatteristiċi speċifiċi tal-iżbarki li jirriżultaw fil-kuntest ta' operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ imwettqa minn Stati Membri jew minn organizzazzjonijiet privati, kemm jekk taħt struzzjonijiet minn Stati Membri kif ukoll jekk b'mod awtonomu fil-kuntest tal-migrazzjoni, dan ir-Regolament jenħtieġ li jipprevedi proċess speċifiku applikabbli għan-nies żbarkati wara dawk l-operazzjonijiet irrispettivament minn jekk hemmx sitwazzjoni ta' pressjoni migratorja.

(19) Minħabba n-natura rikorrenti tal-iżbarki minn operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ fuq rotot migratorji differenti, ir-Rapport Annwali dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni jenħtieġ li jistabbilixxi l-projezzjonijiet fuq perjodu qasir ta' żbarki antiċipati għal operazzjonijiet bħal dawn u r-rispons ta' solidarjetà li jkun meħtieġ biex jikkontribwixxi għall-ħtiġijiet tal-Istati Membri tal-iżbark. Il-Kummissjoni jenħtieġ li tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi grupp ta' miżuri ta' solidarjetà ("il-grupp ta' solidarjetà") bil-għan li tgħin lill-Istat Membru tal-iżbark biex jindirizza l-isfidi ta' tali żbarki. Tali miżuri jenħtieġ li jinkludu applikanti għall-protezzjoni internazzjonali li mhumiex fil-proċedura tal-fruntiera jew miżuri fil-qasam tat-tisħiħ tal-kapaċità fil-qasam tal-ażil, l-akkoljenza u r-ritorn, jew appoġġ operazzjonali, jew miżuri fid-dimensjoni esterna.

(20) Sabiex tipprovdi rispons f'waqtu għas-sitwazzjoni speċifika wara żbarki minn operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, il-Kummissjoni, bl-assistenza tal-Aġenziji tal-Unjoni, jenħtieġ li tiffaċilita r-rilokazzjoni rapida ta' applikanti eliġibbli għal protezzjoni internazzjonali li mhumiex fil-proċedura tal-fruntiera. Taħt il-koordinazzjoni tal-Kummissjoni, l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta jenħtieġ li jfasslu l-lista ta' persuni eliġibbli li jridu jiġu rilokati fejn iridu jindikaw id-distribuzzjoni ta' dawk il-persuni fost l-Istati Membri kontribwenti.

(21) Il-persuni żbarkati jenħtieġ li jitqassmu b'mod proporzjonat fost l-Istati Membri.

(22) Il-kontribuzzjoni globali ta' kull Stat Membru għall-grupp ta' solidarjetà jenħtieġ li tiġi determinata permezz ta' indikazzjonijiet mill-Istati Membri dwar il-miżuri li permezz tagħhom huma jixtiequ jikkontribwixxu. Fejn il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri ma jkunux biżżejjed biex jipprovdu għal rispons ta' solidarjetà sostenibbli, il-Kummissjoni jenħtieġ li tingħata s-setgħa li tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-għadd totali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jridu jkunu koperti minn rilokazzjoni u s-sehem ta' dan in-numru għal kull Stat Membru għandu jiġi kkalkulat skont koeffiċjent tad-distribuzzjoni bbażata fuq il-popolazzjoni u l-PDG ta' kull Stat Membru. Fejn l-indikazzjonijiet mill-Istati Membri li jieħdu miżuri fil-qasam tal-kapaċità jew id-dimensjoni esterna jwasslu għal nuqqas ta' aktar minn 30 % tan-numru totali ta' rilokazzjonijiet identifikati fir-Rapport dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' taġġusta l-kontribuzzjonijiet ta' dawn l-Istati Membri li mbagħad jenħtieġ li jikkontribwixxu nofs is-sehem tagħhom identifikat skont il-koeffiċjent tad-distribuzzjoni jew permezz ta' rilokazzjoni, jew meta indikat hekk, permezz ta' sponsorizzazzjoni tar-ritorn.

(23) Sabiex jiġi żgurat li l-miżuri ta' appoġġ ikunu disponibbli f'kull ħin biex tiġi indirizzata s-sitwazzjoni speċifika tal-iżbarki minn operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, fejn l-għadd ta' żbarki wara operazzjoni ta' tiftix u salvataġġ ikun laħaq 80 % tal-gruppi ta' solidarjetà għal Stat Membru wieħed jew aktar li jibbenefikaw, il-

Kummissjoni jenħtieġ li tadotta atti ta' implimentazzjoni emendati li jżidu l-għadd totali ta' kontribuzzjonijiet b'50 %.

(24) Il-mekkaniżmu ta' solidarjetà jenħtieġ li jindirizza wkoll sitwazzjonijiet ta' pressjoni migratorja b'mod partikolari għal dawk l-Istati Membri li, minħabba l-pożizzjoni ġeografika tagħhom, huma esposti, jew x'aktarx ikunu esposti, għal pressjoni migratorja. Għal dan il-għan, il-Kummissjoni jenħtieġ li tadotta rapport li jidentifika jekk Stat Membru huwiex taħt pressjoni migratorja u li jistabbilixxi l-miżuri li jistgħu jappoġġaw lil dak l-Istat Membru fl-indirizzar tas-sitwazzjoni tal-pressjoni migratorja.

(25) Meta tkun qed tivvaluta jekk Stat Membru jkunx taħt pressjoni migratorja, il-Kummissjoni, abbażi ta' valutazzjoni kwalitattiva wiesgħa, jenħtieġ li tqis firxa wiesgħa ta' fatturi, inkluż in-numru ta' applikanti għall-ażil, qsim irregolari tal-fruntieri, deċiżjonijiet ta' ritorn maħruġa u infurzati, u relazzjonijiet ma' pajjiżi terzi rilevanti. Ir-rispons ta' solidarjetà jenħtieġ li jitfassal fuq il-bażi ta' każ b'każ sabiex ikun imfassal apposta għall-ħtiġijiet tal-Istat Membru inkwistjoni.

(26) Dawk il-persuni li huma aktar probabbli li jkollhom id-dritt li jibqgħu fl-Unjoni biss jenħtieġ li jiġu rilokati. Għalhekk, l-ambitu tar-rilokazzjoni tal-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali jenħtieġ li jkun limitat għal dawk li mhumiex soġġetti għall-proċedura fil-fruntiera stabbilita fir-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil*].

(27) Il-mekkaniżmu ta' solidarjetà jenħtieġ li jinkludi miżuri li jippromwovu kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà u bilanċ tal-isforz bejn l-Istati Membri anki fil-qasam tar-ritorn. Permezz tal-isponsorizzazzjoni tar-ritorn, Stat Membru jenħtieġ li jimpenja ruħu li jappoġġa Stat Membru taħt pressjoni migratorja fit-twettiq tal-attivitajiet meħtieġa għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, filwaqt li wieħed irid jżomm f'moħħu li l-Istat Membru benefiċjarju jibqa' responsabbli għat-twettiq tar-ritorn filwaqt li l-individwi jkunu preżenti fit-territorju tiegħu. Fejn tali attivitajiet ma jkunux irnexxew wara perjodu ta' tmien xhur, l-Istati Membri ta' sponsorizzazzjoni jenħtieġ li jittrasferixxu lil dawn il-persuni skont il-proċeduri stabbiliti f'dan ir-Regolament u jenħtieġ li japplikaw id-Direttiva 2008/115/KE; jekk ikun rilevanti, l-Istati Membri jistgħu jirrikonoxxu d-deċiżjoni tar-ritorn maħruġa mill-Istat Membru benefiċjarju f'applikazzjoni tad-Direttiva tal-Kunsill 2001/40[39]. L-isponsorizzazzjoni tar-ritorn jenħtieġ li tifforma parti mis-sistema komuni tal-UE ta' ritorn, inkluż l-appoġġ operazzjonali pprovdut permezz tal-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta u l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni biex tiġi promossa kooperazzjoni effettiva ma' pajjiżi terzi fil-qasam tar-ritorn u r-riammissjoni.

(28) Jenħtieġ li l-Istati Membri jinnotifikaw it-tip ta' kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà li jkunu se jieħdu permezz tat-tlestija ta' pjan ta' rispons ta' solidarjetà. Meta l-Istati Membri jkunu huma stess Stati Membri benefiċjarji, dawn jenħtieġ li ma jkunux obbligati li jagħmlu kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà lil Stati Membri oħra. Fl-istess ħin, fejn Stat Membru jkun ġarrab piż migratorju kbir fis-snin preċedenti, minħabba numru għoli ta' applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali jenħtieġ li jkun possibbli għal Stat Membru li jitlob tnaqqis tas-sehem tiegħu tal-kontribuzzjoni ta' solidarjetà lill-Istati Membri taħt pressjoni migratorja fejn tali kontribuzzjoni

[39] Id-Direttiva tal-Kunsill 2001/40/KE tat-28 ta' Mejju 2001 dwar ir-rikonoxximent reċiproku tad-deċiżjonijiet dwar l-espulsjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi, ĠU L 149, 2.6.2001, p. 34;

tikkonsisti f'rilokazzjoni jew fi sponsorizzazzjoni ta' ritorn. Dak it-tnaqqis jenħtieġ li jinqasam b'mod proporzjonali fost l-Istati Membri l-oħra li jieħdu miżuri bħal dawn.

(29) Fejn ir-Rapport dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni jidentifika l-ħtiġijiet fi Stat Membru taħt pressjoni migratorja fil-qasam tal-miżuri ta' kapaċità fil-qasam tal-ażil, l-akkoljenza u r-ritorn jew fid-dimensjoni esterna, l-Istati Membri kontributuri jenħtieġ li jkunu jistgħu jagħmlu kontribuzzjonijiet għal dawn il-ħtiġijiet minflok ir-rilokazzjoni jew l-isponsorizzazzjoni tar-ritorn. Sabiex jiġi żgurat li tali kontribuzzjonijiet ikunu proporzjonali għas-sehem tal-Istat Membru kontribwenti, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' żżid jew tnaqqas dawn il-kontribuzzjonijiet fl-att ta' implimentazzjoni. Fejn l-indikazzjonijiet mill-Istati Membri li jieħdu miżuri fil-qasam tal-kapaċità jew fid-dimensjoni esterna jwasslu għal nuqqas akbar minn 30 % tan-numru meħtieġ ta' persuni li jenħtieġ li jiġu rilokati jew soġġetti għal sponsorizzazzjoni tar-ritorn, il-Kummissjoni jenħtieġ li tkun tista' taġġusta l-kontribuzzjonijiet ta' dawn l-Istati Membri sabiex tiżgura li jikkontribwixxu nofs is-sehem tagħhom għar-rilokazzjoni jew għall-isponsorizzazzjoni tar-ritorn.

(30) Sabiex tiġi żgurata reazzjoni ta' solidarjetà komprensiva u effettiva u sabiex tingħata ċarezza lill-Istati Membri li jirċievu appoġġ, il-Kummissjoni jenħtieġ li tadotta att ta' implimentazzjoni li jispeċifika l-kontribuzzjonijiet li jridu jsiru minn kull Stat Membru. Tali kontribuzzjonijiet jenħtieġ li jkunu bbażati dejjem fuq it-tip ta' kontribuzzjonijiet indikati mill-Istat Membru kkonċernat fil-pjan ta' rispons ta' solidarjetà, ħlief fejn dak l-Istat Membru jkun naqas milli jissottometti wieħed. F'każijiet bħal dawn, il-miżuri stabbiliti fl-att ta' implimentazzjoni għall-Istat Membru kkonċernat jenħtieġ li jiġu ddeterminati mill-Kummissjoni.

(31) Koeffiċjent tad-distribuzzjoni bbażat fuq id-daqs tal-popolazzjoni u tal-ekonomija tal-Istati Membri jenħtieġ li tiġi applikata bħala punt ta' referenza għall-operat tal-mekkaniżmu ta' solidarjetà li jippermetti d-determinazzjoni tal-kontribuzzjoni globali ta' kull Stat Membru.

(32) Stat Membru jenħtieġ li jkun jista' jieħu, fuq inizjattiva tiegħu stess jew fuq talba ta' Stat Membru ieħor, miżuri oħrajn ta' solidarjetà fuq bażi volontarja biex jassisti lil dak l-Istat Membru fl-indirizzar tas-sitwazzjoni migratorja jew għall-prevenzjoni tal-pressjoni migratorja. Dawk il-kontribuzzjonijiet jenħtieġ li jinkludu miżuri mmirati lejn it-tisħiħ tal-kapaċità tal-Istat Membru taħt pressjoni jew lejn ir-rispons għal xejriet migratorji permezz ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi. Barra minn hekk, tali miżuri ta' solidarjetà jenħtieġ li jinkludu r-rilokazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu fil-proċedura tal-fruntiera kif ukoll ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment. Sabiex tiġi inċentivata s-solidarjetà volontarja, fejn l-Istati Membri jagħmlu kontribuzzjonijiet volontarji fil-forma ta' rilokazzjoni jew sponsorizzazzjoni tar-ritorn, dawk il-kontribuzzjonijiet jenħtieġ li jitqiesu fl-att ta' implimentazzjoni previst fir-rigward ta' sitwazzjonijiet ta' pressjoni migratorja.

(33) Is-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil (SEKA) inbniet progressivament bħala żona komuni ta' protezzjoni bbażata fuq l-applikazzjoni sħiħa u inklużiva tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra dwar l-Istatus ta' Refuġjati tat-28 ta' Lulju 1951, kif issupplimentata bil-Protokoll ta' New York tal-31 ta' Jannar 1967 ("il-Konvenzjoni ta' Ġinevra"), biex hekk ikun żgurat li ħadd ma jintbagħat lura għal persekuzzjoni, b'mod konformi mal-prinċipju ta' *non-refoulement*. F'dan ir-rigward, u mingħajr ma jiġu affettwati l-kriterji ta' responsabbiltà stabbiliti f'dan ir-Regolament, Stati Membri, li kollha jirrispettaw il-prinċipju ta' *non-refoulement*, jitqiesu bħala pajjiżi siguri għal ċittadini ta' pajjiżi terzi.

(34) Huwa xieraq li jiġi inkluż metodu ċar u li jista' jitħaddem biex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali fis-Sistema Ewropea Komuni tal-Asil[40]. Dak il-metodu jenħtieġ li jkun ibbażat fuq kriterji oġġettivi u ġusti kemm għall-Istati Membri kif ukoll għall-persuni kkonċernati. B'mod partikolari, dan il-metodu jenħtieġ li jagħmilha possibbli li jiġi ddeterminat minnufih l-Istat Membru responsabbli, biex ikun iggarantit aċċess effettiv għall-proċeduri għall-għoti ta' protezzjoni internazzjonali u l-għan tal-ipproċessar bil-ħeffa ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali ma jkunx kompromess.

(35) Dan ir-Regolament jenħtieġ li jkun ibbażat fuq il-prinċipji sottostanti tar-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[41] filwaqt li jiġi żviluppat il-prinċipju tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà bħala parti mill-qafas komuni. Għal dak il-għan, mekkaniżmu ġdid ta' solidarjetà jenħtieġ li jippermetti tħejjija msaħħa tal-Istati Membri biex jimmaniġġjaw il-migrazzjoni, biex jindirizzaw sitwazzjonijiet fejn l-Istati Membri jkunu ffaċċjati bi pressjoni migratorja u biex jiffaċilitaw appoġġ ta' solidarjetà regolari fost l-Istati Membri.

(36) Dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika għal applikanti għal protezzjoni sussidjarja u għal persuni eliġibbli għal protezzjoni sussidjarja sabiex jiġi żgurat trattament ugwali għall-applikanti u l-benefiċjarji kollha ta' protezzjoni internazzjonali, u konsistenza mal-acquis attwali tal-Unjoni dwar l-ażil, b'mod partikolari mar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament dwar il-Kwalifika*].

(37) Persuni mogħtija protezzjoni immedjata skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [Regolament li jindirizza sitwazzjonijiet ta' kriżi u *force majeure* fil-qasam tal-ażil u l-migrazzjoni] jenħtieġ li jkomplu jitqiesu bħala applikanti għall-protezzjoni internazzjonali, fid-dawl tal-applikazzjoni pendenti (sospiża) tagħhom għal protezzjoni internazzjonali skont it-tifsira tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil*]. Bħala tali, huma jenħtieġ li jaqgħu taħt il-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u jitqiesu bħala applikanti għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-kriterji u tal-mekkaniżmi għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli biex jeżamina l-applikazzjonijiet tagħhom għall-protezzjoni internazzjonali jew għall-proċedura għar-rilokazzjoni kif stabbilit f'dan ir-Regolament.

(38) Sabiex jiġu limitati l-movimenti mhux awtorizzati u sabiex jiġi żgurat li l-Istati Membri jkollhom l-għodod meħtieġa biex jiżguraw it-trasferimenti ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali li jkunu daħlu fit-territorju ta' Stat Membru ieħor li ma jkunx l-Istat Membru responsabbli mingħajr ma jissodisfaw il-kundizzjonijiet tal-permanenza f'dak l-Istat Membru l-ieħor lill-Istat Membru responsabbli, u sabiex tiġi żgurata solidarjetà effettiva bejn l-Istati Membri, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika wkoll għall-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali. Bl-istess mod, dan ir-Regolament jenħtieġ li japplika għal persuni risistemati jew ammessi minn Stat Membru skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament Qafas dwar ir-Risistemazzjoni tal-Unjoni*] jew li jingħataw protezzjoni internazzjonali jew status umanitarju taħt skema nazzjonali ta' risistemazzjoni.

---

40 Kif stabbilit mill-Kunsill Ewropew fil-laqgħa speċjali tiegħu f'Tampere fil-15 u fis-16 ta' Ottubru 1999.

41 Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat liema hu l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ppreżentata għand wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna apolida, ĠU L 180, 29.6.2013, p. 31.

(39) Fl-istess ħin, u minħabba l-importanza li tiġi ffaċilitata l-integrazzjoni sħiħa tal-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali fl-Istat Membru ta' residenza, jenħtieġ li jiġi previst il-prospett li jinkiseb status ta' resident fit-tul f'perjodu ta' żmien iqsar. Il-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali jenħtieġ li għaldaqstant ikunu jistgħu jakkwistaw status ta' residenza fit-tul fi Stat Membru li jkun tahom protezzjoni internazzjonali wara tliet snin ta' residenza legali u kontinwa f'dak l-Istat Membru. Fir-rigward ta' kundizzjonijiet oħra biex jinkiseb l-istatus, il-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali jenħtieġ li jkunu meħtieġa jissodisfaw l-istess kundizzjonijiet bħal ċittadini oħra ta' pajjiżi terzi. Għaldaqstant, id-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE[42] jenħtieġ li tiġi emendata bix-xieraq.

(40) Għal raġunijiet ta' effiċjenza u ta' ċertezza legali, huwa essenzjali li r-Regolament ikun ibbażat fuq il-prinċipju li r-responsabbiltà tiġi ddeterminata darba biss, sakemm il-persuna kkonċernata ma tkunx ħalliet it-territorju tal-Istati Membri f'konformità ma' deċiżjoni ta' ritorn jew ordni ta' tkeċċija.

(41) Id-Direttiva XXX/XXX/UE [*Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet tal-Akkoljenza*] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[43] jenħtieġ li tapplika għall-proċedura li tiddetermina l-Istat Membru responsabbli kif regolat min dan ir-Regolament, soġġett għal-limitazzjonijiet fl-applikazzjoni ta' dik id-Direttiva.

(42) Ir-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil*] tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[44] jenħtieġ li japplika wkoll u mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet dwar is-salvagwardji proċedurali regolati skont dan ir-Regolament, soġġett għal-limitazzjonijiet fl-applikazzjoni ta' dak ir-Regolament.

(43) F'konformità mal-Konvenzjoni tan-Nazzjonijiet Uniti dwar id-Drittijiet tat-Tfal tal-1989 u mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-aħjar interess tat-tifel/tifla jenħtieġ li jkun konsiderazzjoni prinċipali tal-Istati Membru meta japplikaw dan ir-Regolament. Meta jivvalutaw l-aħjar interessi tat-tfal, l-Istati Membri jenħtieġ li b'mod partikolari jieħdu rendikont tal-benessri u tal-iżvilupp soċjali tal-minorenni, konsiderazzjonijiet ta' sigurtà u sikurezza u l-fehmiet tal-minorenni skont l-età jew il-livell ta' maturità tiegħu jew tagħha, inkluż l-isfond tiegħu jew tagħha. Barra minn dan, jenħtieġ li jiġu stabbiliti garanziji proċedurali speċifiċi għal minorenni mhux akkumpanjati minħabba l-vulnerabbiltà partikolari tagħhom.

(44) F'konformità mal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet Umani u l-Libertajiet Fundamentali u mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, ir-rispett lejn il-ħajja tal-familja jenħtieġ li tkun konsiderazzjoni prinċipali tal-Istati Membri fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(45) Sabiex jiġi evitat li persuni li jirrappreżentaw riskju għas-sigurtà jiġu trasferiti bejn l-Istati Membri, huwa meħtieġ li jiġi żgurat li l-Istat Membru fejn applikazzjoni tkun irreġistrata għall-ewwel darba ma japplikax il-kriterji ta' responsabbiltà jew l-Istat Membru benefiċjarju ma japplikax il-proċedura ta' rilokazzjoni fejn ikun hemm bażi raġonevoli biex il-persuna kkonċernata titqies bħala ta' periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku.

---

42 Id-Direttiva tal-Kunsill 2003/109/KE tal-25 ta' Novembru 2003 dwar l-istatus ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu residenti għat-tul, ĠU L 016, 23.1.2004, p. 44.

43 Direttiva XXX/XXX/UE (test sħiħ)

44 Direttiva XXX/XXX/UE (test sħiħ)

(46) L-ipproċessar flimkien tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali tal-membri ta' familja waħda minn Stat Membru wieħed jenħtieġ li jagħmel possibbli li jkun żgurat li l-applikazzjonijiet ikunu eżaminati b'mod komplet, li d-deċiżjonijiet meħuda fir-rigward tagħhom ikunu konsistenti u li l-membri tal-istess familja ma jiġux isseparati.

(47) Id-definizzjoni ta' membru ta' familja f'dan ir-Regolament jenħtieġ li tinkludi lill-aħwa tal-applikant. Ir-riunjoni tal-aħwa hija ta' importanza partikolari biex jitjiebu l-possibbiltajiet ta' integrazzjoni tal-applikanti u għalhekk jitnaqqsu l-movimenti mhux awtorizzati. Il-kamp ta' applikazzjoni tad-definizzjoni ta' membru ta' familja jenħtieġ li jirrifletti wkoll ir-realtà tax-xejriet migratorji attwali, skont liema l-applikanti ta' spiss jaslu fit-territorju tal-Istati Membri wara perjodi twal fi tranżitu. Id-definizzjoni jenħtieġ li għalhekk tinkludi familji li ffurmaw barra mill-pajjiż tal-oriġini, iżda qabel il-wasla tagħhom fit-territorju tal-Istat Membru. Dan it-twessigħ limitat u mmirat tal-ambitu tad-definizzjoni huwa mistenni li jnaqqas l-inċentiv għal xi movimenti mhux awtorizzati ta' dawk li jfittxu l-ażil fl-UE.

(48) Sabiex ikun żgurat ir-rispett sħiħ tal-prinċipju tal-unità tal-familja u għall-aħjar interess tat-tifel/tifla, l-eżistenza ta' relazzjoni ta' dipendenza bejn applikant u t-tifel/tifla, aħwa jew ġenitur tiegħu/tagħha minħabba tqala jew maternità, l-istat tas-saħħa jew ix-xjuħija tal-applikant, jenħtieġ li ssir kriterju ta' responsabbiltà vinkolanti. Meta l-applikant huwa minorenni mhux akkompanjat, il-preżenza ta' membru tal-familja jew qarib f'territorju ta' Stat Membru ieħor li jista' jieħu ħsiebu jew ħsiebha jenħtieġ li wkoll issir kriterju ta' responsabbiltà vinkolanti. Sabiex ma jiġux imħeġġa movimenti mhux awtorizzati ta' minorenni mhux akkompanjati, li mhumiex fl-aħjar interess tagħhom, fin-nuqqas ta' membru tal-familja jew ta' qarib, l-Istat Membru responsabbli jenħtieġ li jkun dak fejn l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tal-minorenni mhux akkompanjat ġiet irreġistrata l-ewwel, sakemm ma jintweriex li dan ma jkunx fl-aħjar interess tat-tifel/tifla. Qabel ma minorenni mhux akkompanjat jiġi ttrasferit lejn Stat Membru ieħor, l-Istat Membru ta' trasferiment jieħu l-miżuri kollha meħtieġa u xierqa biex jiżgura protezzjoni adegwata tat-tifel/tifla u partikolarment ta' ħatra fil-pront ta' rappreżentat jew rappreżentanti bil-kompitu li jiżguraw ir-rispett tad-drittijiet kollha li huma intitolati għalihom. Kwalunkwe deċiżjoni li minorenni mhux akkompanjat jiġi ttrasferit jenħtieġ li ssir wara valutazzjoni tal-aħjar interessi tiegħu minn persunal bil-kwalifiki u bl-għarfien meħtieġa.

(49) Ir-regoli dwar l-evidenza jenħtieġ li jippermettu riunifikazzjoni tal-familja aktar rapida minn dik li kienet s'issa. Huwa għalhekk meħtieġ li jiġi ċċarat li prova formali, bħal evidenza dokumentarja oriġinali u ttestjar tad-DNA, ma għandhiex tkun meħtieġa f'każijiet fejn l-evidenza ċirkostanzjali hija koerenti, verifikabbli u dettaljata biżżejjed biex tiġi stabbilita r-responsabbiltà għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.

(50) Fejn il-persuni jkollhom diploma jew kwalifika oħra fil-pussess tagħhom, l-Istat Membru fejn tkun inħarġet id-diploma jenħtieġ li jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni tagħhom. Dan jiżgura eżami rapidu tal-applikazzjoni fl-Istat Membru li miegħu l-applikant għandu rabtiet sinifikanti bbażati fuq tali diploma.

(51) Meta jitqies li Stat Membru jenħtieġ li jibqa' responsabbli għal persuna li tkun daħlet b'mod irregolari fit-territorju tiegħu, huwa wkoll meħtieġ li tiġi inkluża s-sitwazzjoni meta l-persuna tidħol fit-territorju wara operazzjoni ta' tiftix u salvataġġ. Jenħtieġ li tiġi stabbilita deroga minn dan il-kriterju ta' responsabbiltà għas-sitwazzjoni fejn Stat

Membru jkun irriloka persuni li jkunu qasmu l-fruntiera esterna ta' Stat Membru ieħor b'mod irregolari jew wara operazzjoni ta' tiftix u salvataġġ. F'sitwazzjoni bħal din, l-Istat Membru ta' rilokazzjoni jenħtieġ li jkun responsabbli jekk il-persuna tapplika għall-protezzjoni internazzjonali.

(52) Kull Stat Membru jenħtieġ li jkun jista' jidderoga mill-kriterji ta' responsabbiltà, b'mod partikolari fuq bażijiet umanitarji u ta' kompassjoni, sabiex jingħaqdu flimkien membri ta' familja, qraba jew relazzjonijiet familjari oħra u jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għandu jew fi Stat Membru ieħor, anke jekk dan l-eżami ma jkunx taħt ir-responsabbiltà tiegħu skont il-kriterji vinkolanti stabbiliti f'dan ir-Regolament.

(53) Sabiex ikun żgurat li jiġu rrispettati l-għanijiet ta' dan ir-Regolament u jiġu impeduti l-ostakli għall-applikazzjoni effiċjenti ta' dan ir-Regolament, partikolarment sabiex jiġu evitati l-ħarbiet u l-movimenti mhux awtorizzati bejn l-Istati Membri, huwa meħtieġ li jiġu stabbiliti obbligi ċari li jrid jikkonforma magħhom l-applikant fil-kuntest tal-proċedura, li jrid jiġi infurmat dwarha sew u fil-pront. Il-ksur ta' dawn l-obbligi legali jenħtieġ li jwassal għal konsegwenzi proċedurali xierqa u proporzjonali għall-applikant u għal konsegwenzi xierqa u proporzjonali f'termini tal-kundizzjonijiet tal-akkoljenza tiegħu jew tagħha. F'konformità mal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-Istat Membru fejn tiġi ppreżentata applikazzjoni bħal din jenħtieġ li fi kwalunkwe każ jiżgura li l-bżonnijiet materjali immedjati tal-persuna jkunu koperti.

(54) Sabiex tiġi limitata l-possibbiltà li l-imġiba tal-applikanti twassal għall-waqfien jew għaċ-ċaqliq tar-responsabbiltà lejn Stat Membru ieħor, jenħtieġ li jitħassru r-regoli li jippermettu l-waqfien jew iċ-ċaqliq tar-responsabbiltà meta l-persuna titlaq mit-territorju tal-Istati Membri għal mill-inqas tliet xhur matul l-eżami tal-applikazzjoni jew tkun ħarbet biex tevita trasferiment lejn l-Istat Membru responsabbli għal aktar minn 18-il xahar. Iċ-ċaqliq tar-responsabbiltà meta l-limitu ta' żmien biex tintbagħat notifika ta' teħid lura ma jkunx ġie rispettat mill-Istat Membru li jinnotifika jenħtieġ li jitneħħa wkoll sabiex jiskoraġġixxi ċ-ċirkomvenzjoni tar-regoli u l-imblukkar tal-proċedura. F'sitwazzjonijiet fejn persuna tkun daħlet fi Stat Membru b'mod irregolari mingħajr ma tapplika għall-ażil, il-perjodu li warajh ir-responsabbiltà ta' dak l-Istat Membru tieqaf u Stat Membru ieħor fejn dik il-persuna sussegwentement tapplika jsir responsabbli, jenħtieġ li jiġi estiż, biex il-persuni jiġu inċentivati aktar biex jikkonformaw mar-regoli u japplikaw fl-ewwel Stat Membru tad-dħul u b'hekk jillimitaw movimenti mhux awtorizzati u jżidu l-effiċjenza ġenerali tas-SEKA.

(55) Jenħtieġ li tkun organizzata intervista personali mal-applikant sabiex tkun iffaċilitata d-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli li jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali sakemm l-applikant ma jkunx ħarab, ma jkunx attenda l-intervista mingħajr raġunijiet iġġustifikati jew l-informazzjoni mogħtija mill-applikant ma tkunx biżżejjed biex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsibbli. Malli tiġi rreġistrata l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, l-applikant jenħtieġ li jiġi infurmat b'mod partikolari dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, dwar il-fatt li l-Istat Membru responsabbli għall-eżaminazzjoni tal-applikazzjoni tiegħu għall-protezzjoni internazzjonali huwa bbażat fuq kriterji oġġettivi, dwar id-drittijiet tiegħu jew tagħha kif ukoll dwar l-obbligi skont dan ir-Regolament u dwar il-konsegwenzi ta' nuqqas ta' konformità magħhom.

(56) Sabiex tkun garantita il-protezzjoni effettiva tad-drittijiet tal-individwi kkonċernati jenħtieġ li jiġu stabbiliti salvagwardji legali u d-dritt għal rimedju effettiv fir-rigward ta' deċiżjonijiet dwar it-trasferimenti lejn l-Istat Membru responsabbli, f'konformità,

b'mod partikolari mal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. Sabiex jiġi żgurat li jiġi rispettat id-dritt internazzjonali, rimedju effettiv kontra tali deċiżjonijiet jenħtieġ li jkopri kemm l-analiżi tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament kif ukoll l-eżami tas-sitwazzjoni legali u fattwali fl-Istat Membru li lejh jiġi ttrasferit l-applikant. Il-kamp ta' applikazzjoni tar-rimedju effettiv jenħtieġ li jkun limitat għal valutazzjoni ta' jekk id-drittijiet fundamentali tal-applikanti għar-rispett tal-ħajja tal-familja, id-drittijiet tat-tfal, jew il-projbizzjoni ta' riskju ta' trattament inuman u degradanti jkunux inkisru.

(57) Sabiex tiġi ffaċilitata l-applikazzjoni bla xkiel ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li l-Istati Membri, fil-każijiet kollha, jindikaw l-Istat Membru responsabbli fl-Eurodac wara li jkunu kkonkludew il-proċeduri għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli, inkluż f'każijiet fejn ir-responsabbiltà tirriżulta min-nuqqas ta' rispett tal-limiti ta' żmien biex jintbagħtu jew jitwieġbu talbiet biex tittieħed ir-responsabilità, it-twettiq ta' trasferiment, kif ukoll f'każijiet fejn l-Istat Membru tal-ewwel applikazzjoni jsir responsabbli jew ikun impossibbli li jitwettaq it-trasferiment lejn l-Istat Membru primarjament responsabbli minħabba nuqqasijiet sistemiċi li jirriżultaw f'riskju ta' trattament inuman jew degradanti u sussegwentement Stat Membru ieħor jiġi stabbilit bħala responsabbli.

(58) Sabiex jiġi żgurat li determinazzjoni tar-responsabilità ssir bla dewmien, l-iskadenzi biex isiru u jingħataw tweġibiet għal talbiet biex tittieħed ir-responsabilità, biex isiru n-notifiki ta' teħid lura, kif ukoll biex isiru u jiġu deċiżi l-appelli, jenħtieġ li jiġu ssimplifikati u mqassra.

(59) Id-detenzjoni ta' applikanti jenħtieġ li tiġi applikata skont il-prinċipju bażiku li persuni jenħtieġ li ma jiġux detenuti fuq il-bażi unika li huma qegħdin ifittxu l-protezzjoni internazzjonali. Id-detenzjoni jenħtieġ li tkun għal perjodu qasir kemm jista' jkun, u soġġetta għall-prinċipji tan-neċessità u l-proporzjonalità u, għaldaqstant, tkun permessa biss bħala miżura tal-aħħar għażla. B'mod partikolari, id-detenzjoni ta' applikanti trid tkun skont l-Artikolu 31 tal-Konvenzjoni ta' Ġinevra. Il-proċeduri previsti minn dan ir-Regolament fir-rigward ta' persuna detenuta jenħtieġ li jiġu applikati bħala kwistjoni ta' prijorità, fl-iqsar skadenzi possibbli. Fir-rigward tal-garanziji ġenerali li jirregolaw id-detenzjoni, kif ukoll il-kundizzjonijiet tad-detenzjoni, fejn xieraq, l-Istati Membri jenħtieġ li japplikaw id-dispożizzjonijiet tad-Direttiva XXX/XXX/UE [*Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza*] wkoll għal persuni detenuti abbażi ta' dan ir-Regolament.

(60) In-nuqqasijiet fis-sistemi tal-ażil, jew fallimenti tagħhom, spiss aggravati jew ikkontribwiti minn pressjonijiet partikolari fuqhom, jistgħu jpoġġu f'perikolu l-funzjonament mingħajr problemi tas-sistema mpoġġija fis-seħħ taħt dan ir-Regolament, li jista' jwassal għal riskju ta' ksur tad-drittijiet tal-applikanti kif stipulati fl-*acquis* tal-Unjoni dwar l-ażil u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, drittijiet internazzjonali tal-bniedem oħra u drittijiet tar-rifuġjati.

(61) F'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1560/2003[45], it-trasferimenti lejn l-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għall-

[45] Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1560/2003 tat-2 ta' Settembru 2003 li jistabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 343/2003 li jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi determinat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ppreżentata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz, ĠU L 222, 5.9.2003, p. 3.

protezzjoni internazzjonali jistgħu jitwettqu fuq bażi volontarja, bi tluq taħt superviżjoni jew taħt skorta. L-Istati Membri jenħtieġ li jippromwovu t-trasferimenti volontarji billi jagħtu informazzjoni adegwata lill-persuna kkonċernata u jenħtieġ li jiżguraw li t-trasferimenti taħt superviżjoni jew taħt skorta jsiru b'mod uman, f'konformità sħiħa mad-drittjiet fundamentali u b'rispett għad-dinjità umana, kif ukoll fl-aħjar interessi tat-tfal u filwaqt li jiġu kkunsidrati l-iżviluppi fil-ġurisprudenza relevanti, b'mod partikolari fir-rigward tat-trasferimenti fuq bażijiet umanitarji.

(62) Sabiex tiġi żgurata proċedura ta' rilokazzjoni ċara u effiċjenti, jenħtieġ li jiġu stabbiliti regoli speċifiċi għal Stat Membru benefiċjarju u għal Stat Membru kontribwenti. Ir-regoli u s-salvagwardji relatati mat-trasferimenti stabbiliti f'dan ir-Regolament jenħtieġ li japplikaw għat-trasferimenti għall-finijiet ta' rilokazzjoni ħlief fejn dawn ma jkunux rilevanti għal tali proċedura.

(63) Biex jingħata appoġġ lill-Istati Membri li jidħlu f'rilokazzjoni bħala miżura ta' solidarjetà, jenħtieġ li jiġi pprovdut appoġġ finanzjarju mill-baġit tal-Unjoni. Sabiex l-Istati Membri jiġu inċentivati jagħtu prijorità lir-rilokazzjoni ta' minorenni mhux akkumpanjati, jenħtieġ li tiġi pprovduta kontribuzzjoni ta' inċentiv ogħla.

(64) L-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament tista' tkun iffaċilitata, u l-effikaċja tiegħu tista' tiżdied, b'arranġamenti bilaterali bejn Stati Membri biex titjieb il-komunikazzjoni bejn id-dipartimenti kompetenti, filwaqt li jitnaqqsu l-limiti ta' żmien għal proċeduri jew għas-simplifikazzjoni tal-ipproċessar ta' talbiet biex tittieħed ir-responsabilità jew notifiki ta' teħid lura, jew l-istabbiliment ta' proċeduri għat-twettiq ta' trasferimenti.

(65) Jenħtieġ li tiġi żgurata kontinwità bejn is-sistema biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 604/2013 u s-sistema stabbilita b'dan ir-Regolament. Bl-istess mod, jenħtieġ li tiġi żgurata l-konsistenza bejn dan ir-Regolament u r-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament Eurodac*].

(66) Jenħtieġ li jiġi stabbilit network ta' awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u dan jenħtieġ li jiġi ffaċilitat mill-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil biex tissaħħaħ il-koperazzjoni prattika u l-kondiviżjoni tal-informazzjoni dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż l-iżvilupp ta' għodod prattiċi u gwida.

(67) It-tħaddim tas-sistema tal-Eurodac, kif stabbilita bir-Regolament (UE) XXX/XXXX [*ir-Regolament Eurodac*], jenħtieġ li tiffaċilita l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(68) L-operazzjoni tas-Sistema ta' Informazzjoni dwar il-Viża, kif stabbilita bir-Regolament (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[46], u b'mod partikolari l-implimentazzjoni tal-Artikoli 21 u 22 tiegħu, jenħtieġ li tiffaċilita l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

(69) Fir-rigward tat-trattament ta' persuni li jaqgħu fil-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, Stati Membri huma marbuta bl-obbligi tagħhom taħt strumenti tad-dritt internazzjonali, inkluż il-każistika rilevanti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem.

[46] Ir-Regulation (KE) Nru 767/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Lulju 2008 dwar is-Sistema tal-Informazzjoni dwar il-Viża (VIS) u l-iskambju ta' *data* bejn l-Istati Membri dwar viżi għal perjodu qasir, ĠU L 218, 13.8.2008, p. 60.

(70) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[47] japplika għall-ipproċessar tad-*data* personali mill-Istati Membri skont dan ir-Regolament. L-Istati Membri jenħtieġ li jimplimentaw miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa biex jiżguraw u jkunu jistgħu juru li l-ipproċessar ikun qed jitwettaq skont dan ir-Regolament u skont id-dispożizzjonijiet li jispeċifikaw ir-rekwiżiti tiegħu f'dan ir-Regolament. B'mod partikolari dawn il-miżuri jenħtieġ li jiżguraw is-sigurtà tad-*data* personali pproċessata skont dan ir-Regolament u b'mod partikolari biex jiġi evitat l-aċċess jew id-divulgazzjoni illegali jew mhux awtorizzati, it-tibdil jew it-telf tad-*data* personali pproċessata. L-awtorità jew l-awtoritajiet superviżorji kompetenti ta' kull Stat Membru jenħtieġ li jimmonitorjaw il-legalità tal-ipproċessar tad-*data* personali mill-awtoritajiet ikkonċernati, inkluż it-trażmissjoni lill-awtoritajiet kompetenti għat-twettiq tal-kontrolli tas-sigurtà.

(71) Sabiex jiġu żgurati kundizzjonijiet uniformi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, jenħtieġ li jiġu konferiti setgħat ta' implimentazzjoni fuq il-Kummissjoni. Dawk is-setgħat jenħtieġ li jiġu eżerċitati skont ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[48].

(72) Il-proċedura ta' eżami jenħtieġ li tintuża għall-adozzjoni ta' formola standard għall-iskambju ta' informazzjoni rilevanti dwar minorenni mhux akkumpanjati; ta' kundizzjonjiiet uniformi għall-konsultazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni dwar minorenni u persuni dipendenti; ta' kundizzjonjiet uniformi dwar it-tħejjija u s-sottomissjoni ta' talbiet biex tittieħed ir-responsabbiltà u notifikazzjonijiet ta' talbiet għal teħid lura; ta' żewġ listi ta' elementi relevanti ta' evidenza u evidenza ċirkostanzjali, u r-reviżjoni perjodika tagħhom; ta' *laissez-passer*; ta' kundizzjonijiet uniformi għall-konsultazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni fir-rigward ta' trasferimenti; ta' formola standard għall-iskambju ta' *data* qabel trasferiment; ta' ċerifikat tas-saħħa komuni; ta' kundizzjonijiet uniformi u arranġamenti prattiċi għall-iskambju ta' informazzjoni dwar id-*data* dwar is-saħħa tal-persuna qabel trasferiment, u ta' mezzi siguri ta' trażmissjoni elettronika għat-trażmissjoni ta' talbiet.

(73) Il-Kummissjoni jenħtieġ li tadotta atti ta' implimentazzjoni applikabbli immedjatament għal raġunijiet imperattivi ta' urġenza debitament iġġustifikati minħabba s-sitwazzjoni ta' pressjoni migratorja preżenti fi Stat Membru.

(74) Sabiex jiġu pprovduti regoli supplimentari, is-setgħa li jiġu adottati atti skont l-Artikolu 290 tat-TFUE jenħtieġ li tiġi ddelegata lill-Kummissjoni fir-rigward tal-identifikazzjoni ta' membri tal-familja jew qraba ta' minorenni mhux akkumpanjati; il-kriterji biex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' rabtiet familjari mixhuda bi provi; il-kriterji għall-evalwazzjoni tal-kapaċità ta' qarib li jieħu ħsieb il-minorenni mhux akkumpanjat, inkluż fil-każijiet fejn il-membri tal-familja, l-aħwa jew il-qraba tal-minorenni mhux akkumpanjat ikunu joqogħdu f'aktar minn Stat Membru wieħed; l-elementi biex tiġi vvalutata rabta ta' dipendenza; il-kriterji biex tiġi evalwata l-kapaċità ta' persuna sabiex tieħu ħsieb ta' persuna dipendenti u l-elementi li jridu jittieħdu f'konsiderazzjoni sabiex tiġi vvalutata l-inabilità li wieħed jivjaġġa għal

---

[47] Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' *data* personali u dwar il-moviment liberu ta' tali *data*, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-*Data*) (Test b'rilevanza għaż-ŻEE), ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1.

[48] Ir-Regolament (UE) Nru 182/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Frar 2011 li jistabbilixxi r-regoli u l-prinċipji ġenerali dwar il-modalitajiet ta' kontroll mill-Istati Membri tal-eżerċizzju mill-Kummissjoni tas-setgħat ta' implimentazzjoni, ĠU L 55, 28.2.2011, p. 13.

perjodu sinifikanti ta' żmien. Fit-twettiq tas-setgħat tagħha li tadotta atti ddelegati, il-Kummissjoni ma għandhiex teċċedi l-ambitu tal-aħjar interessi tat-tifel/tifla kif previst f'dan ir-Regolament. Huwa ta' importanza partikolari li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul il-ħidma ta' tħejjija tagħha, anke fil-livell ta' esperti, u li dawk il-konsultazzjonijiet jitwettqu f'konformità mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016. B'mod partikolari, sabiex tiġi żgurata parteċipazzjoni ugwali fit-tħejjija ta' atti delegati, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill jirċievu d-dokumenti kollha fl-istess ħin li jirċevuhom l-esperti tal-Istati Membri, u l-esperti tagħhom sistematikament ikollhom aċċess għal-laqgħat tal-gruppi ta' esperti tal-Kummissjoni li jittrattaw it-tħejjija ta' atti delegati.

(75) Iridu jsiru għadd ta' bidliet sostantivi fir-Regolament (UE) Nru 604/2013. Fl-interess taċ-ċarezza, dak ir-Regolament jenħtieġ li jiġi revokat.

(76) Il-monitoraġġ effettiv ta' dan ir-Regolament jitlob illi huwa jiġi evalwat f'intervalli regolari.

(77) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji li huma rrikonoxxuti, b'mod partikolari, fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea. B'mod partikolari, dan ir-Regolament jfittex li jiżgura osservanza sħiħa tad-dritt tal-ażil iggarantit bl-Artikolu 18 tal-Karta kif ukoll tad-drittijiet rikonoxxuti taħt l-Artikoli 1, 4, 7, 24 u 47 tiegħu. Dan ir-Regolament jenħtieġ għalhekk li jkun implimentat kif meħtieġ.

(78) Ladarba l-objettiv ta' dan ir-Regolament, jiġifieri l-istabbiliment tal-kriterji u mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat, u l-istabbiliment ta' mekkaniżmu ta' solidarjetà biex jappoġġa lill-Istati Membri sabiex jindirizzaw sitwazzjoni ta' pressjoni migratorja, ma jistax jinkiseb b'mod suffiċjenti mill-Istati Membri u jista', għalhekk, minħabba l-iskala u l-effetti ta' dan ir-Regolament, jinkiseb aħjar fil-livell tal-Unjoni, l-Unjoni tista' tadotta miżuri skont il-prinċipju tas-sussidjarità kif iddikjarat fl-Artikolu 5 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea (TUE). Skont il-prinċipju tal-proporzjonalità, kif stabbilit fl-istess Artikolu, dan ir-Regolament ma jmurx lil hinn minn dak li hu meħtieġ biex jintlaħaq dak l-objettiv.

(79) F'konformità mal-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 22 dwar il-pożizzjoni tad-Danimarka, mehmuż mat-TUE u mat-TFUE, id-Danimarka mhux qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu, Peress li l-Partijiet III, V u VII ta' dan ir-Regolament jikkostitwixxu emendi fi ħdan it-tifsira tal-Artikolu 3 tal-Ftehim konkluż bejn il-Komunità Ewropea u r-Renju tad-Danimarka dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi sabiex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli biex jeżamina talba għall-ażil iddepożitata fid-Danimarka jew f'xi Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea u l-'Eurodac' għat-tqabbil tal-marki tas-swaba' għall-applikazzjoni effettiva tal-Konvenzjoni ta' Dublin[49], id-Danimarka trid tinnotifika lill-Kummissjoni dwar id-deċiżjoni tagħha jekk hijiex se timplimenta l-kontenut ta' tali emendi jew le, fil-mument tal-adozzjoni tal-emendi jew fi żmien 30 jum wara dan.

(80) [F'konformità mal-Artikolu 3 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u tal-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja, anness mat-TUE u

[49] ĠU L 66, 8.3.2006, p. 38

mat-TFUE, l-Irlanda nnotifikat ix-xewqa tagħha li tieħu sehem fl-adozzjoni u fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament]

JEW

(81) [Taħt l-Artikoli 1 u 2 tal-Protokoll Nru 21 dwar il-pożizzjoni tar-Renju Unit u l-Irlanda fir-rigward tal-Ispazju ta' Libertà, Sigurtà u Ġustizzja anness mat-TUE u mat-TFUE, u bla ħsara għall-Artikolu 4 ta' dak il-Protokoll, l-Irlanda mhijiex qed tieħu sehem fl-adozzjoni ta' dan ir-Regolament u mhijiex marbuta bih jew soġġetta għall-applikazzjoni tiegħu.]

(82) Fir-rigward tal-Iżlanda u n-Norveġja, il-Partijiet III, V u VII ta' dan ir-Regolament jikkostitwixxu leġiżlazzjoni ġdida f'qasam li huwa kopert mis-suġġett tal-Anness tal-Ftehim konkluż mill-Komunità Ewropea u r-Repubblika tal-Iżlanda u r-Renju tan-Norveġja dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli għall-eżaminazzjoni tat-talba għall-ażil iddepożitata fi Stat Membru jew fl-Iżlanda jew fin-Norveġja[50].

(83) Fir-rigward tal-Iżvizzera, il-Partijiet III, V u VII ta' dan ir-Regolament jikkostitwixxu atti jew miżuri li jemendaw jew jibnu fuq id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi għall-ħatra tal-Istat responsabbli għall-eżami ta' talba għall-ażil imressqa fi Stat Membru jew fl-Iżvizzera[51].

(84) Fir-rigward tal-Liechtenstein, il-Partijiet III, V u VII ta' dan ir-Regolament jikkostitwixxu atti jew miżuri li jemendaw jew jibnu fuq id-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 1 tal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Żvizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli biex jeżamina talba għall-ażil iddepożitata fi Stat Membru jew fl-Iżvizzera msemmija fl-Artikolu 3 tal-Protokoll bejn il-Komunità Ewropea, il-Konfederazzjoni Żvizzera u l-Prinċipat tal-Liechtenstein dwar l-adeżjoni tal-Prinċipat tal-Liechtenstein mal-Ftehim bejn il-Komunità Ewropea u l-Konfederazzjoni Svizzera dwar il-kriterji u l-mekkaniżmi biex jiġi stabbilit l-Istat responsabbli biex jeżamina talba għall-ażil iddepożitata fi Stat Membru jew fl-Iżvizzera[52].

ADOTTAW DAN IR-REGOLAMENT:

# PARTI I

## *KAMP TA' APPLIKAZZJONI U DEFINIZZJONIJIET*

### *Artikolu 1*

### *Mira u suġġett*

Skont il-prinċipju tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà, u bl-għan li tissaħħaħ il-fiduċja reċiproka, dan ir-Regolament:

(a) jistabbilixxi qafas komuni għall-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni fl-Unjoni;

(b) jistabbilixxi mekkaniżmu għas-solidarjetà;

[50] ĠU L 93, 3.4.2001, p. 40.
[51] ĠU L 53, 27.2.2008, p. 5.
[52] ĠU L 160, 18.6.2011, p. 37.

(c) jistabbilixxi l-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.

*Artikolu 2*

*Definizzjonijiet*

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament:

(a) "ċittadin ta' pajjiż terz" tfisser kwalunkwe persuna li mhijiex ċittadin tal-Unjoni fis-sens tal-Artikolu 20(1) tat-Trattat tal-KE u li mhijiex persuna li tgawdi d-dritt tal-moviment liberu taħt id-dritt tal-Unjoni, kif definit fl-Artikolu 2(5) tar-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[53];

(b) "applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali" jew "applikazzjoni" tfisser talba għal protezzjoni magħmula lil Stat Membru minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat, li jista' jinftiehem li qed ifittex status ta' rifuġjat jew status ta' protezzjoni sussidjarja;

(c) "applikant" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat li jkunu għamlu applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali li fir-rigward tagħha ma tkunx ittieħdet deċiżjoni, jew tkun ittieħdet u tkun jew soġġetta għal rimedju fl-Istat Membru kkonċernat, irrispettivament minn jekk l-applikant għandux dritt li jibqa' jew jitħalla jibqa' skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil*], inkluż persuna li tkun ingħatat protezzjoni immedjata skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [ir-Regolament li jindirizza sitwazzjonijiet ta' kriżi u ta' *force majeure* fil-qasam tal-ażil u l-migrazzjoni];

(d) "eżami ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali" tfisser eżami tal-ammissibbiltà jew tal-merti ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil*] u r-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament dwar il-Kwalifika*], esklużi proċeduri għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli skont dan ir-Regolament;

(e) "irtirar ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali" tfisser l-irtirar espliċitu jew impliċitu ta' applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil*];

(f) "benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat li tkun ingħatat protezzjoni internazzjonali kif definit fl-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament dwar il-Kwalifika*];

(g) "membri tal-familja" tfisser, sakemm il-familja diġà kienet teżisti qabel l-applikant jew il-membru tal-familja wasal fit-territorju tal-Istati Membri, il-membri tal-familja tal-applikant li ġejjin li huma preżenti fit-territorju tal-Istati Membri:

  (i) il-konjuġi tal-applikant jew is-sieħeb mhux miżżewweġ tiegħu jew tagħha f'relazzjoni stabbli, fejn il-liġi jew il-prattika tal-Istat Membru kkonċernat tittratta koppji mhux miżżewġin b'mod komparabbli għal koppji miżżewġin skont il-liġi tiegħu relatata ma' ċittadini ta' pajjiż terz;

[53] Ir-Regolament (UE) 2016/399 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-9 ta' Marzu 2016 dwar Kodiċi tal-Unjoni dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għall-oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen), ĠU L 77, 23.3.2016, p. 1.

(ii) it-tfal minorenni ta' koppji msemmija fl-ewwel inċiż jew tal-applikant, bil-kundizzjoni li mhumiex miżżewġin u irrispettivament minn jekk tweldux fiż-żwieġ jew barra miż-żwieġ jew ġewx adottati kif definit taħt id-dritt nazzjonali;

(iii) meta l-applikant ikun minorenni u mhux miżżewweġ, il-missier, l-omm jew adult ieħor responsabbli għall-applikant, kemm jekk bil-liġi kif ukoll jekk bil-prattika tal-Istat Membru fejn l-adult ikun preżenti;

(iv) meta l-benefiċarju ta' protezzjoni internazzjonali jkun minorenni u mhux miżżewweġ, il-missier, l-omm jew adult ieħor responsabbli għalih jew għaliha, kemm jekk bil-liġi jew bil-prattika tal-Istat Membru fejn il-benefiċarju jkun preżenti;

(v) l-aħwa tal-applikant;

(h) "qarib" ifisser iz-zija jew iz-ziju jew in-nannu/a tal-applikant li huwa preżenti fit-territorju ta' Stat Membru, irrispettivament minn jekk l-applikant twelidx fiż-żwieġ jew barra ż-żwieġ jew ġiex adottat kif definit taħt id-dritt nazzjonali:

(i) "minorenni" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat taħt l-età ta' 18-il sena;

(j) "minorenni mhux akkumpanjat" tfisser minorenni li jasal fit-territorju tal-Istati Membri mhux akkumpanjat minn adult responsabbli għalih jew għaliha, kemm jekk bil-liġi jew bil-prattika tal-Istat Membru kkonċernat, u għaż-żmien li huwa jew hija ma tkunx fil-kura ta' tali adult; tinkludi minorenni li jitħalla mhux akkumpanjat wara li huwa jew hija jkunu daħlu fit-territorju tal-Istati Membri;

(k) "rappreżentant" tfisser persuna jew organizzazzjoni maħtura mill-korpi kompetenti sabiex tgħin u tirrappreżenta lill-minorenni mhux akkumpanjat fil-proċeduri previsti f'dan ir-Regolament bil-ħsieb li jiġu żgurati l-aħjar interessi tat-tifel/tifla u li tiġi eżerċitata l-kapaċità legali għall-minorenni fejn meħtieġ;

(l) "dokument ta' residenza" tfisser kull awtorizzazzjoni maħruġa mill-awtoritajiet ta' Stat Membru li tawtorizza ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat biex toqgħod fit-territorju tiegħu, inkluż id-dokumenti li jissostanzjaw l-awtorizzazzjoni biex jibqgħu fit-territorju taħt arranġamenti ta' protezzjoni temporanja jew sakemm iċ-ċirkostanzi li jimpedixxu milli ordni ta' tneħħija tkun eżegwita ma japplikawx aktar, ħlief viżas u awtorizzazzjonijiet maħruġa matul il-perjodu rekwiżit biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli kif stabbilit f'dan ir-Regolament jew matul l-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali jew applikazzjoni għal permess ta' residenza;

(m) "viża" tfisser l-awtorizzazzjoni jew deċiżjoni ta' Stat Membru meħtieġa għal transitu jew dħul għal permanenza intenzjonata f'dak l-Istat Membru jew f'diversi Stati Membri, inkluż:

(i) awtorizzazzjoni jew deċiżjoni maħruġa f'konformità mal-liġi nazzjonali tiegħu jew mad-dritt tal-Unjoni meħtieġa għal dħul għal permanenza intenzjonata f'dak l-Istat Membru ta' aktar minn 90 jum;

(ii) awtorizzazzjoni jew deċiżjoni maħruġa skont il-liġi nazzjonali tagħha jew id-dritt tal-Unjoni meħtieġa għad-dħul għal tranżitu minn jew permanenza intenzjonata f'dak l-Istat Membru li ma taqbiżx 90 jum fi kwalunkwe perjodu ta' 180 jum,

(iii) awtorizzazzjoni jew deċiżjoni valida għal tranżitu miż-żoni ta' tranżitu internazzjonali f'ajruport wieħed jew aktar tal-Istati Membri.

(n) "diploma jew kwalifika" tfisser diploma jew kwalifika li tinkiseb wara mill-inqas perjodu ta' studju ta' tliet xhur fi programm ta' edukazzjoni jew taħriġ vokazzjonali rikonoxxut tal-istat jew reġjonali, mill-inqas ekwivalenti għal-livell 2 tal-Klassifika Standard Internazzjonali tal-Edukazzjoni; operat minn stabbiliment tal-edukazzjoni skont il-liġi nazzjonali jew il-prattika amministrattiva tal-Istati Membri;

(o) "stabbiliment tal-edukazzjoni" tfisser kwalunkwe tip ta' edukazzjoni pubblika jew privata jew stabbiliment tat-taħriġ vokazzjonali stabbilit fi Stat Membru u rikonoxxut minn dak l-Istat Membru jew ikkunsidrat bħala tali skont il-liġi nazzjonali jew li l-korsijiet ta' studju jew taħriġ tiegħu huma rikonoxxuti skont il-liġi nazzjonali jew amministrattiva prattika;

(p) "ħarba" tfisser l-azzjoni li biha applikant ma jibqax disponibbli għall-awtoritajiet amministrattivi jew ġudizzjarji kompetenti, bħal meta jitlaq mit-territorju tal-Istat Membru mingħajr awtorizzazzjoni mingħand l-awtoritajiet kompetenti għal raġunijiet li ma jkunux lil hinn mill-kontroll tal-applikant;

(q) "riskju ta' ħarba" tfisser l-eżistenza ta' raġunijiet u ċirkostanzi speċifiċi f'kaž individwali, li huma bbażati fuq kriterji objettivi ddefiniti mil-liġi nazzjonali, biex wieħed jemmen li applikant li huwa soġġett għal proċedura ta' trasferiment jista' jaħrab;

(r) "Stat Membru benefiċjarju" tfisser l-Istat Membru li jibbenefika mill-miżuri ta' solidarjetà f'sitwazzjonijiet ta' pressjoni migratorja jew għall-iżbarki wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ kif stabbilit fil-Kapitoli I-III tal-Parti IV ta' dan ir-Regolament;

(s) "Stat Membru kontribwenti" tfisser Stat Membru li jikkontribwixxi jew li huwa obbligat jikkontribwixxi għall-miżuri ta' solidarjetà lejn Stat Membru benefiċjarju stabbiliti fil-Kapitoli I-III tal-Parti IV ta' dan ir-Regolament;

(t) "Stat Membru ta' sponsorizzazzjoni" tfisser Stat Membru li jimpenja ruħu li jirritorna ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment għall-benefiċċju ta' Stat Membru ieħor, filwaqt li jipprovdi l-isponsorizzazzjoni tar-ritorn imsemmi fl-Artikolu 55 ta' dan ir-Regolament;

(u) "rilokazzjoni" tfisser it-trasferiment ta' ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat mit-territorju ta' Stat Membru benefiċjarju lejn it-territorju ta' Stat Membru kontribwenti;

(v) "operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ" tfisser operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ kif imsemmi fil-Konvenzjoni Internazzjonali tal-1979 dwar it-Tiftix u s-Salvataġġ Marittimu adottata f'Hamburg, il-Ġermanja fis-27 ta' April 1979;

(w) "pressjoni migratorja" tfisser sitwazzjoni fejn hemm għadd kbir ta' wasliet ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat, jew riskju ta' tali wasliet, inkluż fejn dan jirriżulta minn wasliet wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, bħala riżultat tal-pożizzjoni ġeografika ta' Stat Membru u l-iżviluppi speċifiċi f'pajjiżi terzi li jiġġeneraw movimenti migratorji li jitfgħu piż anke fuq sistemi tal-ażil u l-akkoljenza ppreparati sew u jeħtieġu azzjoni immedjata;

(x) "persuna risistemata jew ammessa" tfisser persuna li ġiet aċċettata minn Stat Membru għall-ammissjoni skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [*Regolament Qafas*

*dwar ir-Risistemazzjoni tal-Unjoni*] jew taħt skema nazzjonali ta' risistemazzjoni barra l-qafas ta' dak ir-Regolament;

(y) "Aġenzija tal-Ażil" tfisser l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil kif stabbilita mir-Regolament (UE) XXX/XXX [*Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar l-Ażil*];

(z) "deċiżjoni ta' ritorn" tfisser deċiżjoni jew att amministrattiv jew ġudizzjarju, li jgħid jew jiddikjara li l-permanenza ta' ċittadin ta' pajjiż terz hija illegali u li jimponi jew jiddikjara obbligu ta' ritorn li jirrispetta d-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[54];

(aa) "ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed fil-pajjiż illegalment" tfisser ċittadin ta' pajjiż terz li ma jissodisfax, jew li ma għadux jissodisfa l-kundizzjonijiet ta' dħul kif stabbiliti fl-Artikolu 6 tar-Regolament (UE) 2016/399 jew kundizzjonijiet oħrajn għal dħul, permanenza jew residenza fi Stat Membru.

# PARTI II

## *QAFAS KOMUNI GĦALL-ĠESTJONI TAL-AŻIL U L-MIGRAZZJONI*

### *Artikolu 3*

### *Approċċ komprensiv għall-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni*

L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jieħdu azzjonijiet fil-qasam tal-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni abbażi ta' approċċ komprensiv. Dak l-approċċ komprensiv għandu jindirizza r-rotot migratorji kollha li jaffettwaw il-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni u għandu jikkonsisti mill-komponenti li ġejjin:

(a) sħubiji ta' benefiċċju reċiproku u kooperazzjoni mill-qrib ma' pajjiżi terzi rilevanti, inkluż dwar perkorsi legali għal ċittadini ta' pajjiżi terzi fil-bżonn ta' protezzjoni internazzjonali u għal dawk li b'mod ieħor jiġu ammessi biex jirrisjedu legalment fl-Istati Membri li jindirizzaw il-kawżi ewlenin tal-migrazzjoni irregolari, appoġġ lill-imsieħba li jospitaw għadd kbir ta' migranti u refuġjati li jeħtieġu protezzjoni u l-bini tal-kapaċitajiet tagħhom fil-ġestjoni tal-fruntieri, l-ażil u l-migrazzjoni, il-prevenzjoni u l-ġlieda kontra l-migrazzjoni irregolari u l-kuntrabandu tal-migranti, u t-tisħiħ tal-kooperazzjoni dwar ir-riammissjoni

(b) kooperazzjoni mill-qrib u sħubija reċiproka bejn l-istituzzjonijiet u l-korpi tal-Unjoni, l-Istati Membri u l-organizzazzjonijiet internazzjonali;

(c) implimentazzjoni sħiħa tal-politika komuni dwar il-viżi;

(d) il-ġestjoni u l-prevenzjoni effettivi tal-migrazzjoni irregolari;

(e) il-ġestjoni effettiva tal-fruntieri esterni tal-Unjoni, ibbażata fuq il-ġestjoni integrata Ewropea tal-fruntieri;

(f) rispett sħiħ tal-obbligi stabbiliti fid-dritt internazzjonali u Ewropew dwar persuni salvati fuq il-baħar;

---

[54] Id-Direttiva 2008/115/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Diċembru 2008 dwar standards u proċeduri komuni fl-Istati Membri għar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, ĠU L 348, 24.12.2008, p. 98.

(g) aċċess għal proċeduri għall-għoti u l-irtirar tal-protezzjoni internazzjonali fit-territorju tal-Unjoni u r-rikonoxximent ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew persuni mingħajr Stat bħala refuġjati jew benefiċjarji ta' protezzjoni sussidjarja;

(h) id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, abbażi ta' responsabbiltà u regoli u mekkaniżmi kondiviżi għas-solidarjetà;

(i) aċċess għall-applikanti għal kundizzjonijiet ta' akkoljenza adegwati;

(j) ġestjoni effettiva tar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiż terz li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment;

(k) miżuri effettivi biex jipprovdu inċentivi u appoġġ għall-integrazzjoni ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali fl-Istati Membri;

(l) miżuri mmirati lejn it-tnaqqis u l-indirizzar tal-fatturi abilitanti tal-migrazzjoni irregolari lejn u l-permanenza illegali fl-Unjoni, inkluż l-impjieg illegali;

(m) il-mobilizzazzjoni u l-użu sħiħ tal-għodod operattivi stabbiliti fil-livell tal-Unjoni, b'mod partikolari l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, l-Aġenzija tal-Ażil, l-eu-LISA u l-Europol, kif ukoll is-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni tal-Unjoni fuq skala kbira;

(n) implimentazzjoni sħiħa tal-qafas Ewropew għat-tħejjija u l-ġestjoni tal-kriżi.

*Artikolu 4*

*Il-prinċipju tat-tfassil integrat tal-politika*

1. L-Unjoni u l-Istati Membri għandhom jiżguraw il-koerenza tal-politiki dwar l-ażil u l-ġestjoni tal-migrazzjoni, inkluż kemm il-komponenti interni kif ukoll dawk esterni ta' dawk il-politiki.

2. L-Unjoni u l-Istati Membri li jaġixxu fi ħdan il-kompetenzi rispettivi tagħhom għandhom ikunu responsabbli għall-implimentazzjoni tal-politiki tal-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni.

3. L-Istati Membri, bl-appoġġ tal-Aġenziji tal-Unjoni, għandhom jiżguraw li għandhom il-kapaċità li jimplimentaw b'mod effettiv il-politiki tal-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni, filwaqt li jitqies l-approċċ komprensiv imsemmi fl-Artikolu 3, inkluż ir-riżorsi umani u finanzjarji u l-infrastruttura meħtieġa.

*Artikolu 5*

*Il-prinċipju tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà*

1. Fl-implimentazzjoni tal-obbligi tagħhom, l-Istati Membri għandhom josservaw il-prinċipju tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà u għandhom iqisu l-interess kondiviż fil-funzjonament effettiv tal-politiki tal-Unjoni dwar l-ażil u l-ġestjoni tal-migrazzjoni. L-Istati Membri għandhom:

   (a) jistabbilixxu u jżommu sistemi nazzjonali ta' ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni li jipprovdu aċċess għal proċeduri ta' protezzjoni internazzjonali, jagħtu tali protezzjoni lil dawk li huma fil-bżonn u jiżguraw ir-ritorn ta' dawk li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment;

(b) jieħdu l-miżuri kollha meħtieġa u proporzjonati biex inaqqsu u jipprevjenu l-migrazzjoni irregolari lejn it-territorji tal-Istati Membri, f'kooperazzjoni mill-qrib u fi sħubija ma' pajjiżi terzi rilevanti, inkluż fir-rigward tal-prevenzjoni u l-ġlieda kontra t-traffikar tal-migranti;

(c) japplikaw b'mod korrett u malajr ir-regoli dwar id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali u, fejn meħtieġ, iwettqu t-trasferiment lejn l-Istat Membru responsabbli skont il-Kapitoli I-VI tal-Parti III;

(d) jipprovdu appoġġ lil Stati Membri oħra fil-forma ta' kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà abbażi tal-ħtiġijiet stabbiliti fil-Kapitoli I-III tal-Parti IV;

(e) jieħdu l-miżuri raġonevoli u proporzjonati kollha biex jipprevjenu u jikkoreġu movimenti mhux awtorizzati bejn l-Istati Membri.

2. L-appoġġ finanzjarju u operattiv mill-Unjoni għall-implimentazzjoni tal-obbligi għandu jiġi pprovdut skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [*Il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil*] u r-Regolament (UE) XXX/XXX [*Il-Fond għall-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri*].

*Artikolu 6*

*Il-governanza u l-monitoraġġ tas-sitwazzjoni migratorja*

1. Il-Kummissjoni għandha tadotta Strateġija Ewropea ta' Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni li tistabbilixxi l-approċċ strateġiku għall-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni fil-livell tal-Unjoni u dwar l-implimentazzjoni tal-politiki ta' ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni f'konformità mal-prinċipji stabbiliti f'din il-Parti. Il-Kummissjoni għandha tittrażmetti l-Istrateġija lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

2. L-Istrateġija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Migrazzjoni u l-Ażil għandha tqis dan li ġej:

(a) l-istrateġiji nazzjonali tal-Istati Membri msemmija fil-paragrafu 3 ta' dan l-Artikolu;

(b) informazzjoni miġbura mill-Kummissjoni skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni Nru XXX dwar Mekkaniżmu tal-UE għat-Tħejjija għall-Migrazzjoni u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "il-Pjan ta' Azzjoni għall-Migrazzjoni u l-Kriżi"; ir-rapporti maħruġa taħt dak il-qafas kif ukoll l-attivitajiet tan-Network dwar it-Tħejjija għall-Migrazzjoni u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet;

(c) ir-rapporti u l-analiżijiet rilevanti mill-aġenziji tal-Unjoni;

(d) informazzjoni miġbura matul l-evalwazzjonijiet li saru fil-mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ ta' Schengen skont l-Artikolu 4 tar-Regolament (UE) Nru 1053/2013[55].

3. L-Istati Membri għandu jkollhom fis-seħħ strateġiji nazzjonali biex jiżguraw kapaċità suffiċjenti għall-implimentazzjoni ta' sistema effettiva ta' ġestjoni tal-ażil u

[55] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen, ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27.

l-migrazzjoni skont il-prinċipji stabbiliti f'din il-Parti. Dawk l-istrateġiji għandhom jinkludu ppjanar ta' kontinġenza fil-livell nazzjonali, filwaqt li jitqies l-ippjanar ta' kontinġenza skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [*Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil*], ir-Regolament (UE) 2019/1896[56] (Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta) u d-Direttiva XXX/XXX/UE [*Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta 'Akkoljenza*] u r-rapporti tal-Kummissjoni maħruġa fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni tal-Preparazzjoni għall-Migrazzjoni u l-Kriżijiet. Dawn l-istrateġiji nazzjonali għandhom jinkludu informazzjoni dwar kif l-Istat Membru qed jimplimenta l-prinċipji stabbiliti f'din il-Parti u l-obbligi legali li joħorġu minnhom fil-livell nazzjonali. Huma għandhom iqisu strateġiji rilevanti oħrajn u miżuri ta' appoġġ eżistenti b'mod partikolari taħt ir-Regolament (UE) XXX/XXX [*Il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil*] u r-Regolament (UE) XXX/XXX [*Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil*] u jkunu koerenti u kumplimentari mal-istrateġiji nazzjonali għall-ġestjoni integrata tal-fruntieri stabbiliti skont l-Artikolu 8(6) tar-Regolament (UE) 2019/1896. Ir-riżultati tal-monitoraġġ imwettaq mill-Aġenzija tal-Ażil u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, tal-evalwazzjoni mwettqa skont ir-Regolament tal-Kunsill Nru 1053/2013 kif ukoll dawk imwettqa skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament dwar l-Iskrinjar*], għandhom jitqiesu wkoll f'dawn l-istrateġiji.

4. Il-Kummissjoni għandha tadotta Rapport dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni kull sena li jistabbilixxi l-evoluzzjoni antiċipata tas-sitwazzjoni migratorja u t-tħejjija tal-Unjoni u l-Istati Membri. Fil-każ ta' flussi migratorji ġġenerati minn operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Istati Membri kkonċernati u r-Rapport għandu jistabbilixxi l-għadd totali ta' żbarki mbassra fuq medda qasira ta' żmien u r-rispons ta' solidarjetà li jkun meħtieġ biex jikkontribwixxi għall-ħtiġijiet tal-Istati Membri tal-iżbark permezz ta' rilokazzjoni u permezz ta' miżuri fil-qasam tal-bini tal-kapaċità, l-appoġġ operazzjonali u l-miżuri fil-qasam tad-dimensjoni esterna. Ir-Rapport għandu jindika wkoll jekk Stati Membri partikolari jiffaċċjawx sfidi ta' kapaċità minħabba l-preżenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li huma vulnerabbli u jinkludi r-riżultati tar-rappurtar dwar il-monitoraġġ elenkat fil-paragrafu 3, inkluża l-informazzjoni miġbura fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Preparazzjoni tal-Migrazzjoni u l-Kriżijiet u jipproponi titjib fejn xieraq.

5. L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu l-istrateġiji nazzjonali sa mhux aktar tard minn [sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament]. L-ewwel Strateġija Ewropea għall-Ġestjoni tal-Migrazzjoni u l-Ażil għandha tiġi adottata mhux aktar tard minn [18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament] u l-ewwel Rapport dwar il-ġestjoni tal-Migrazzjoni għandu jinħareġ mhux aktar tard minn [sena wara d-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament].

6. Il-Kummissjoni għandha timmonitorja u tipprovdi informazzjoni dwar is-sitwazzjoni migratorja permezz ta' rapporti regolari tas-sitwazzjoni bbażati fuq *data* u informazzjoni ta' kwalità tajba pprovduti mill-Istati Membri, mis-Servizz Ewropew għall-Azzjoni Esterna, mill-Aġenzija tal-Ażil, mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta, mill-Europol u mill-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali u b'mod partikolari l-informazzjoni miġbura fil-qafas tal-Pjan ta' Azzjoni għall-Migrazzjoni u l-Kriżijiet u n-Network tiegħu.

---

[56] Ir-Regolament (UE) 2019/1896 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Novembru 2019 dwar il-Gwardja Ewropea tal-Fruntiera u tal-Kosta u li jħassar ir-Regolamenti (UE) Nru 1052/2013 u (UE) 2016/1624, ĠU L 295, 14.11.2019, p. 1.

*Artikolu 7*

*Kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi biex jiġu ffaċilitati r-ritorn u r-riammissjoni*

1. Fejn il-Kummissjoni, abbażi tal-analiżi mwettqa skont l-Artikolu 25a(2) jew (4) tar-Regolament (UE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[57] u ta' kwalunkwe informazzjoni oħra disponibbli, tqis li pajjiż terz mhuwiex qed jikkoopera biżżejjed fuq ir-riammissjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment, u mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 25(a)(5) ta' dak ir-Regolament, għandha tippreżenta rapport lill-Kummissjoni li jinkludi, fejn xieraq, l-identifikazzjoni ta' kwalunkwe miżura li tista' tittieħed biex tittejjeb il-kooperazzjoni ta' dak il-pajjiż terz fir-rigward tar-riammissjoni, filwaqt li jitqiesu r-relazzjonijiet ġenerali tal-Unjoni mal-pajjiż terz.

2. Fejn il-Kummissjoni tqis li jkun xieraq, għandha tidentifika wkoll fir-rapport tagħha miżuri mfassla biex jippromwovu l-kooperazzjoni fost l-Istati Membri biex jiffaċilitaw ir-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment.

3. Abbażi tar-rapport imsemmi fil-paragrafu 1, il-Kummissjoni u l-Kunsill, fil-kompetenzi rispettivi tagħhom, għandhom jikkunsidraw l-azzjonijiet xierqa filwaqt li jqisu r-relazzjonijiet ġenerali tal-Unjoni mal-pajjiż terz.

4. Il-Kummissjoni għandha żżomm lill-Parlament Ewropew infurmat bl-implimentazzjoni ta' dan l-Artikolu.

# PARTI III

## *IL-KRITERJI U L-MEKKANIŻMI BIEX IKUN IDDETERMINAT L-ISTAT MEMBRU RESPONSABBLI*

## KAPITOLU I

### *PRINĊIPJI ĠENERALI U SALWAGWARDJI*

*Artikolu 8*

*L-aċċess għall-proċedura tal-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali*

1. L-Istati Membri għandhom jeżaminaw applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali minn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat li tapplika fit-territorju ta' xi wieħed minnhom, inkluż fil-konfini jew fiż-żoni ta' tranżitu. L-applikazzjoni għandha tiġi eżaminata minn Stat Membru wieħed, li għandu jkun dak li l-kriterji ddikjarati fil-Kapitolu II tal-Parti III juru li huwa responsabbli.

2. Fejn ebda Stat Membru responsabbli ma jkun jista' jinħatar fuq il-bażi tal-kriterji elenkati f'dan ir-Regolament, l-ewwel Stat Membru li fih l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali kienet iddepożitata għandu jkun responsabbli biex jeżaminaha.

[57] Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi, ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1.

3. Fejn huwa impossibbli li Stat Membru jittrasferixxi applikant għall-Istat Membru primarjament nominat bħala responsabbli għax ikun hemm raġunijiet sostanzjali biex wieħed jemmen li hemm difetti sistemiċi fil-proċedura tal-ażil u fil-kundizzjonijiet ta' akkoljenza għall-applikanti f'dak l-Istat Membru, li jirriżultaw f'riskju ta' trattament inuman jew degradanti fis-sens tal-Artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, l-Istat Membru determinanti għandu jkompli jeżamina l-kriterji stipulati fil-Kapitolu II tal-Parti III sabiex jistabbilixxi jekk Stat Membru ieħor jistax jiġi nominat bħala responsabbli.

Fejn Stat Membru ma jkunx jista' jwettaq it-trasferiment skont l-ewwel subparagrafu għal kwalunkwe Stat Membru nominat abbażi tal-kriterji stipulati fil-Kapitolu II tal-Parti III jew għall-ewwel Stat Membru li miegħu tkun ġiet reġistrata l-applikazzjoni, dak l-Istat Membru għandu jsir l-Istat Membru responsabbli.

4. Jekk ma jkunx sar kontroll tas-sigurtà previst fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament dwar l-Iskrinjar*], l-ewwel Stat Membru li fih kienet irreġistrata l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandu jeżamina jekk hemmx raġunijiet raġonevoli biex l-applikant jitqies bħala periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku ta' dak l-Istat Membru kemm jista' jkun malajr wara r-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni, qabel jiġu applikati l-kriterji biex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli skont il-Kapitolu II jew il-klawżoli stabbiliti fil-Kapitolu III tal-Parti III.

Jekk ikun sar kontroll tas-sigurtà previst fl-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament dwar l-Iskrinjar*], iżda l-ewwel Stat Membru li fih kienet reġistrata l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali jkollu raġunijiet iġġustifikati biex jeżamina jekk hemmx raġunijiet raġonevoli biex l-applikant jitqies bħala ta' periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku ta' dak l-Istat Membru, dak l-Istat Membru għandu jwettaq l-eżami mill-aktar fis possibbli wara r-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni, qabel japplika l-kriterji għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli skont il-Kapitolu II jew il-klawżoli stabbiliti fil-Kapitolu III tal-Parti III.

Meta l-kontroll tas-sigurtà mwettaq skont l-Artikolu 11 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament dwar l-Iskrinjar*] jew skont l-ewwel u t-tieni subparagrafi ta' dan il-paragrafu juri li hemm raġunijiet raġonevoli biex l-applikant jitqies ta' periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku tal-Istat Membru li jwettaq il-kontroll tas-sigurtà, dak l-Istat Membru għandu jkun l-Istat Membru responsabbli.

5. Kull Stat Membru għandu jżomm id-dritt li jibgħat applikant lejn pajjiż terz sikur, soġġett għar-regoli u s-salvagwardji stabbiliti mir-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil*].

*Artikolu 9*

*L-obbligi tal-applikant*

1. Fejn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat tkun bi ħsiebha tagħmel applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, l-applikazzjoni għandha ssir u tiġi rreġistrata fl-Istat Membru tal-ewwel dħul.

2. B'deroga mill-paragrafu 1, fejn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat tkun fil-pussess ta' permess ta' residenza validu jew viża valida, l-applikazzjoni għandha ssir u tiġi rreġistrata fl-Istat Membru li jkun ħareġ il-permess ta' residenza jew viża.

Fejn ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat li bi ħsiebhom jagħmlu applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali jkollhom permess ta' residenza jew viża li tkun skadiet, l-applikazzjoni għandha ssir u tiġi rreġistrata fl-Istat Membru fejn ikunu preżenti.

3. L-applikant għandu jikkoopera bis-sħiħ mal-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri fi kwistjonijiet koperti minn dan ir-Regolament, b'mod partikolari billi jippreżenta mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard mill-intervista msemmija fl-Artikolu 12, l-elementi u l-informazzjoni kollha disponibbli għalih rilevanti għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli. Fejn l-applikant ma jkunx f'pożizzjoni fiż-żmien tal-intervista li jissottometti evidenza biex jissostanzja l-elementi u l-informazzjoni pprovduta, l-awtorità kompetenti tista' tistabbilixxi limitu ta' żmien fil-perjodu msemmi fl-Artikolu 29(1) għas-sottomissjoni ta' tali evidenza.

4. L-applikant għandu jkun meħtieġ li jkun preżenti f'dawn li ġejjin:

(a) l-Istat Membru msemmi fil-paragrafi 1 u 2 sakemm jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli u, fejn applikabbli, tiġi implimentata l-proċedura ta' trasferiment;

(b) l-Istat Membru responsabbli;

(c) l-Istat Membru ta' rilokazzjoni wara trasferiment skont l-Artikolu 57(9).

5. Fejn deċiżjoni ta' trasferiment tiġi nnotifikata lill-applikant skont l-Artikolu 32(2) u l-Artikolu 57(8), l-applikant għandu jikkonforma ma' dik id-deċiżjoni.

*Artikolu 10*

*Il-konsegwenzi ta' nuqqas ta' konformità*

1. L-applikant ma għandux ikun intitolat għall-kundizzjonijiet ta' akkoljenza stabbiliti fl-Artikoli 15 sa 17 tad-Direttiva XXX/XXX/UE [*Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza*] skont l-Artikolu 17a ta' dik id-Direttiva fi kwalunkwe Stat Membru għajr dak li fih huwa mitlub ikun preżenti skont l-Artikolu 9(4) ta' dan ir-Regolament mill-mument li fih ikun ġie nnotifikat bid-deċiżjoni tat-trasferiment tiegħu lejn l-Istat Membru responsabbli, sakemm l-applikant ikun ġie infurmat dwar dik il-konsegwenza skont l-Artikolu 8(2), il-punt (b) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament dwar l-Iskrinjar*]. Dan għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-ħtieġa li jiġi żgurat standard tal-għajxien konformi mad-dritt tal-Unjoni, inkluża l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, u l-obbligi internazzjonali.

2. L-elementi u l-informazzjoni rilevanti biex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli li jitressqu wara l-iskadenza tal-limitu ta' żmien imsemmi fl-Artikolu 9(3) ma għandhomx jitqiesu mill-awtoritajiet kompetenti.

*Artikolu 11*

*Dritt għall-informazzjoni*

1. Mill-aktar fis possibbli u mhux aktar tard minn meta applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tkun irreġistrata fi Stat Membru, l-awtoritajiet kompetenti tiegħu għandhom jinfurmaw lill-applikant bl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u bl-

obbligi stabbiliti fl-Artikolu 9 kif ukoll dwar il-konsegwenzi ta' nuqqas ta' konformità stabbiliti fl-Artikolu 10, u b'mod partikolari:

(a) li d-dritt għal applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ma jinkludix għażla min-naħa tal-applikant ta' la dwar l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali u lanqas dwar l-Istat Membru ta' rilokazzjoni;

(b) bl-objettivi ta' dan ir-Regolament u l-konsegwenzi ta' applikazzjoni oħra fi Stat Membru differenti kif ukoll bil-konsegwenzi ta' tluq mill-Istat Membru fejn huwa meħtieġ li jkun preżenti skont l-Artikolu 9(4), b'mod partikolari li l-applikant għandu jkun intitolat biss għall-kundizzjonijiet ta' akkoljenza kif stabbiliti fl-Artikolu 10(1);

(c) bil-kriterji u l-proċeduri għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli, il-ġerarkija ta' dawn il-kriterji fil-passi differenti tal-proċedura u t-tul ta' żmien tagħhom;

(d) bl-għan tal-intervista personali skont l-Artikolu 12 u l-obbligu li tiġi ppreżentata u ssostanzjata bil-fomm jew permezz tal-għoti ta' informazzjoni ta' dokumenti malajr kemm jista' jkun fil-proċedura, kwalunkwe informazzjoni rilevanti li tista' tgħin biex tiġi stabbilita l-preżenza ta' membri tal-familja, qraba jew relazzjonijiet familjari oħra fl-Istati Membri, inkluż il-mezzi li bihom l-applikant jista' jissottometti tali informazzjoni, kif ukoll kwalunkwe assistenza li l-Istat Membru jista' joffri fir-rigward tat-traċċar ta' membri tal-familja jew qraba;

(e) bl-obbligu għall-applikant li jiżvela, kemm jista' jkun malajr fil-proċedura, kwalunkwe informazzjoni rilevanti li tista' tgħin biex jiġi stabbilit kwalunkwe permess ta' residenza, viża jew diploma edukattiva preċedenti;

(f) bil-possibbiltà li tiġi kkontestata deċiżjoni ta' trasferiment fil-limitu ta' żmien stabbilit fl-Artikolu 33(2) u dwar il-fatt li l-ambitu ta' dik il-kontestazzjoni huwa limitat kif stabbilit fl-Artikolu 33(1);

(g) bid-dritt li tingħata, fuq talba, assistenza legali mingħajr ħlas fejn il-persuna kkonċernata ma tkunx tista' tħallas l-ispejjeż involuti;

(h) li l-awtoritajiet kompetenti tal-Istati Membri u l-Aġenzija tal-Ażil jipproċessaw id-*data* personali tal-applikant inkluż għall-iskambju ta' *data* dwaru għall-għan uniku li jimplimentaw l-obbligi tagħhom li jirriżultaw minn dan ir-Regolament;

(i) bil-kategoriji ta' *data* personali inkwistjoni;

(j) bid-dritt għall-aċċess għad-*data* dwaru, u d-dritt li jitlob li tali *data* tiġi kkorreġuta jekk ma tkunx eżatta jew tiġi mħassra jekk ma tkunx ipproċessata skont il-liġi, kif ukoll il-proċeduri għall-eżerċitar ta' dawk id-drittijiet, inkluż id-dettalji tal-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 41 u bl-awtoritajiet nazzjonali dwar il-protezzjoni tad-*data* responsabbli sabiex jisimgħu pretensjonijiet rigward il-protezzjoni tad-*data* personali, u bid-dettalji tal-kuntatt tal-uffiċjal tal-protezzjoni tad-*data*;

(k) fil-każ ta' minorenni mhux akkumpanjat, ir-rwol u r-responsabbiltajiet tar-rappreżentant u tal-proċedura li jressaq ilmenti kontra rappreżentant b'fiduċja u f'sigurtà u b'rispett sħiħ tad-dritt tat-tfal li jinstemgħu f'dan ir-rigward;

(l) fejn applikabbli, dwar il-proċedura ta' rilokazzjoni stipulati fl-Artikoli 57 u 58.

2. L-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 għandha tkun ipprovduta bil-miktub f'lingwa li l-applikant jifhem jew jista' jkun raġonevolment preżunt li jifhem. L-Istati Membri għandhom jużaw il-materjal ta' informazzjoni komuni mfassal b'lingwa ċara u sempliċi skont il-paragrafu 3 għal dik ir-raġuni.

Fejn ikun neċessarju biex l-applikant ikun jista' jifhem sew, l-informazzjoni għandha tkun mogħtija oralment ukoll, fejn xieraq, b'rabta mal-intervista personali kif imsemmija fl-Artikolu 12.

3. L-Aġenzija tal-Ażil għandha, f'kooperazzjoni mill-qrib mal-aġenziji nazzjonali responsabbli, tfassal materjal ta' informazzjoni komuni, kif ukoll fuljett speċifiku għal minorenni mhux akkumpanjati, li jkun fih mill-inqas l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1. Dak il-fuljett komuni għandu jinkludi wkoll informazzjoni dwar l-applikazzjoni tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament tal-Eurodac*] u, b'mod partikolari, il-finijiet li għalihom, id-*data* ta' applikant tista' tiġi pproċessata fil-Eurodac. Il-materjal ta' informazzjoni komuni għandu jitfassal b'tali mod li jippermetti lill-Istati Membri jimlewh b'informazzjoni addizzjonali speċifika għall-Istat Membru.

*Artikolu 12*

*Intervista personali*

1. Biex jiffaċilita l-proċess biex jiddetermina l-Istat Membru responsabbli, l-Istat Membru determinanti għandu jagħmel intervista personali mal-applikant. L-intervista għandha tippermetti wkoll il-fehim xieraq tal-informazzjoni mogħtija lill-applikant skont l-Artikolu 11.

2. L-intervista personali tista' tiġi ommessa fejn:

(a) l-applikant ikun ħarab;

(b) l-applikant ma jkunx attenda l-intervista personali u ma jkunx ipprovda raġunijiet iġġustifikati għan-nuqqas tiegħu;

(c) wara li jkun irċieva l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 11, l-applikant ikun diġà pprovda l-informazzjoni rilevanti biex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli b'mezz ieħor. L-Istat Membru li ma jagħmilx l-intervista għandu jagħti l-opportunità lill-applikant li jippreżenta l-informazzjoni kollha li tkun rilevanti biex jiġi determinat l-Istat Membru responabbli fil-perjodu msemmi fl-Artikolu 29(1).

3. L-intervista personali għandha ssir fi żmien xieraq u, f'kull każ, qabel issir talba għal responsabbiltà skont l-Artikolu 29.

4. L-intervista personali għandha ssir f'lingwa li l-applikant jifhem jew jista' jkun raġonevolment preżunt li jifhem u li biha huwa jew hija jkun kapaċi jikkomunika. L-intervisti ta' minorenni mhux akkumpanjati għandhom isiru b'mod adattat għat-tfal, minn persunal li jkun imħarreġ u kkwalifikat bix-xieraq skont il-liġi nazzjonali, fil-preżenza tar-rappreżentant u, fejn applikabbli, il-konsulent legali tal-minorenni. Fejn neċessarju, l-Istati Membru għandhom jirrikorru għal interpretu u, fejn xieraq, medjatur kulturali, li jkun jista' jiżgura l-komunikazzjoni xierqa bejn l-applikant u l-persuna li tagħmel l-intervista personali. L-applikant jista' jitlob li jiġi intervistat u assistit minn persunal tal-istess sess.

5. L-intervista personali għandha ssir f'kundizzjonijiet li jiżguraw il-kunfidenzjalità xierqa. Għandha ssir minn persuna kwalifikata skont id-dritt nazzjonali. L-applikanti li huma identifikati bħala li jeħtieġu garanziji proċedurali speċjali skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil*], għandhom jingħataw appoġġ adegwat sabiex joħolqu l-kundizzjonijiet meħtieġa għall-preżentazzjoni effettiva tal-elementi kollha li jippermettu d-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli.

6. L-Istat Membru li jagħmel l-intervista personali għandu jagħmel taqsira bil-miktub tagħha li għandha tinkludi tal-inqas l-informazzjoni prinċipali mogħtija mill-applikant fl-intervista. Din it-taqsira tista' tkun jew f'għamla ta' rapport jew formola standard. L-Istat Membru għandu jiżgura li l-applikant jew il-konsulent legali jew konsulent ieħor li jkun qed jirrappreżenta lill-applikant ikollu aċċess f'waqtu għat-taqsira.

*Artikolu 13*

*Garanziji għall-minorenni*

1. L-aħjar interess tat-tifel jew tifla għandu jkun il-konsiderazzjoni prinċipali għall-Istati Membri fir-rigward tal-proċeduri kollha stabbiliti f'dan ir-Regolament.

2. Kull Stat Membru fejn minorenni mhux akkumpanjat ikun preżenti għandu jiżgura li jkun irrappreżentat u assistit minn rappreżentant fir-rigward tal-proċeduri rilevanti previsti f'dan ir-Regolament. Ir-rappreżentant għandu jkollu l-kwalifiki, it-taħriġ u l-kompetenza esperta sabiex jiżgura li l-aħjar interessi tal-minorenni jiġu kkunsidrati matul il-proċeduri mwettqin taħt dan ir-Regolament. Tali rappreżentant għandu jkollu aċċess għall-kontenut tad-dokumenti rilevanti fil-fajl tal-applikant inkluż il-materjal ta' informazzjoni speċifiku għal minorenni mhux akkumpanjati.

Fejn organizzazzjoni tinħatar bħala rappreżentant, għandha tinnomina persuna responsabbli biex twettaq id-dmirijiet tagħha fir-rigward tal-minorenni. L-ewwel subparagrafu għandu japplika għal dik il-persuna.

Ir-rappreżentant previst fl-ewwel subparagrafu jista' jkun l-istess persuna jew organizzazzjoni kif previst fl-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil*].

3. Ir-rappreżentant ta' minorenni mhux akkumpanjat għandu jkun involut fil-proċess tal-istabbiliment tal-Istat Membru responsabbli skont dan ir-Regolament. Ir-rappreżentant għandu jassisti lill-minorenni mhux akkumpanjat/a biex jipprovdi informazzjoni rilevanti għall-valutazzjoni tal-aħjar interessi tiegħu skont il-paragrafu 4, inkluż l-eżerċitar tad-dritt tas-smigħ, u għandu jappoġġa l-involviment tiegħu ma' atturi oħra, bħal organizzazzjonijiet tat-traċċar tal-familja, fejn xieraq għal dak il-għan.

4. Fil-valutazzjoni tal-aħjar interess tat-tifel jew tifla, l-Istati Membri għandhom jikkoperaw flimkien mill-viċin u, b'mod partikolari, għandhom jieħdu f'konsiderazzjoni xierqa l-fatturi li ġejjin:

(a) il-possibbiltajiet ta' riunifikazzjoni tal-familja;

(b) il-benesseri u l-iżvilupp soċjali tal-minorenni, billi titqies b'mod partikolari l-oriġini tal-minorenni;

(c) konsiderazzjonijiet ta' sikurezza u sigurtà, b'mod partikolari fejn hemm riskju li l-minorenni jkun vittma ta' kwalunkwe għamla ta' vjolenza jew sfruttament, inkluż traffikar tal-bnedmin;

(d) l-opinjonijiet tal-minorenni, skont l-età u l-maturità tiegħu jew tagħha;

(e) fejn l-applikant ikun minorenni mhux akkumpanjat, l-informazzjoni pprovduta mir-rappreżentant fl-Istat Membru fejn il-minorenni mhux akkumpanjat ikun preżenti.

5. Qabel it-trasferiment ta' minorenni mhux akkumpanjat lejn l-Istat Membru responsabbli jew, fejn applikabbli, lejn l-Istat Membru ta' rilokazzjoni, l-Istat Membru ta' trasferiment għandu jiżgura li l-Istat Membru responsabbli jew l-Istat Membru tar-rilokazzjoni jieħu l-miżuri msemmija fl-Artikoli 14 u 23 tad-Direttiva XXX/XXX/EU [*Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza*] u l-Artikolu 22 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil*] mingħajr dewmien. Kwalunkwe deċiżjoni ta' trasferiment ta' minorenni mhux akkumpanjat għandha tkun preċeduta b'valutazzjoni tal-aħjar interessi tiegħu/tagħha. Il-valutazzjoni għandha tkun ibbażata fuq il-fatturi elenkati fil-paragrafu 4 u l-konklużjonijiet tal-valutazzjoni dwar dawn il-fatturi għandhom ikunu ddikjarati b'mod ċar fid-deċiżjoni tat-trasferiment. Il-valutazzjoni għandha ssir malajr minn persunal bil-kwalifiki u l-kompetenza esperta sabiex ikun żgurat li jitqiesu l-aħjar interessi tal-minorenni.

6. Għall-finijiet tal-applikazzjoni tal-Artikolu 15, l-Istat Membru fejn il-minorenni mhux akkumpanjat/a ikun irreġistra l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandu, kemm jista' jkun malajr, jieħu azzjoni xierqa biex jidentifika l-membri tal-familja jew qraba tal-minorenni mhux akkumpanjat/a fit-territorju tal-Istati Membri, filwaqt li jipproteġi l-aħjar interessi tat-tifel jew it-tifla.

Għal dak il-għan, l-Istat Membru jista' jitlob għall-għajnuna mingħand l-organizzazzjonijiet internazzjonali jew minn organizzazzjonijiet rilevanti oħrajn, u jista' jiffaċilita l-aċċess tal-minorenni għas-servizzi ta' rintraċċar ta' organizzazzjonijiet bħal dawn.

Il-persunal tal-awtoritajiet kompetenti msemmijin fl-Artikolu 41 li jittrattaw it-talbiet rigward il-persuni minorenni mhux akkumpanjati għandu jkun irċieva, u għandu jibqa' jirċievi taħriġ adatt rigward il-ħtiġijiet speċifiċi tal-minorenni.

7. Bil-ħsieb li tiġi ffaċilitata l-azzjoni xierqa biex jiġu identifikati l-membri tal-familja jew il-qraba tal-minorenni mhux akkumpanjat li jgħixu fit-territorju ta' Stat Membru ieħor skont il-paragrafu 6 ta' dan l-Artikolu, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni li jinkludu forma standard għall-iskambju ta' informazzjoni rilevanti bejn l-Istati Membri. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 67(2).

## KAPITOLU II

### *IL-KRITERJI BIEX IKUN IDDETERMINAT L-ISTAT MEMBRU RESPONSABBLI*

*Artikolu 14*

*Ġerarkija ta' kriterji*

1. Il-kriterji li jiddeterminaw l-Istat Membru responsabbli għandhom ikunu applikati fl-ordni li fiha huma ddikjarati f'dan il-Kapitolu.

2. L-Istat Membru responsabbli skont il-kriterji stabiliti f'dan il-Kapitlu għandu jkun determinat fuq il-bażi tas-sitwazzjoni ta' kisba meta l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali tkun ġiet irreġistrata għall-ewwel darba għand Stat Membru.

*Artikolu 15*

*Minorenni mhux akkumpanjati*

1. Fejn l-applikant ikun minorenni mhux akkumpanjat, il-kriterji stabbiliti f'dan l-Artikolu biss għandhom japplikaw, fl-ordni li fihom huma ppreżentati fil-paragrafi 2 sa 5.

2. L-Istat Membru responsabbli għandu jkun dak fejn membru tal-familja tal-minorenni mhux akkumpanjat ikun legalment preżenti, sakemm ma jintweriex li dan ma jkunx fl-aħjar interessi tal-minorenni. Fejn l-applikant ikun minorenni miżżewweġ li l-konjuġi tiegħu ma jkunx/tkunx legalment preżenti fit-territorju tal-Istati Membri, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun l-Istati Membru fejn il-missier, l-omm, jew adult ieħor responsabbli għall-minorenni, kemm jekk permezz tal-liġi jew bil-prattika ta' dak l-Istat Membru, jew ħu jew oħtu jkunu legalment preżenti

3. Fejn l-applikant għandu qarib li huwa legalment preżenti fi Stat Membru ieħor u fejn ikun stabbilit, abbażi ta' eżami individwali, li l-qarib jista' jieħu ħsiebu/ħsiebha, dak l-Istat Membru għandu jgħaqqad il-minorenni mal-qarib tiegħu jew tagħha u għandu jkun l-Istat Membru responsabbli, sakemm ma jintweriex li dan ma jkunx fl-aħjar interessi tal-minorenni.

4. Fejn membri tal-familja jew qraba kif imsemmijin fil-paragrafi 2 u 3 joqogħdu f'aktar minn Stat Membru wieħed, l-Istat Membru responsabbli għandu jiddeċiedi fuq il-bażi ta' x'inhuma l-aħjar interessi tal-minorenni mhux akkumpanjat.

5. Fin-nuqqas ta' membru tal-familja jew qarib kif imsemmijin fil-paragrafi 2 u 3, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun dak fejn ġiet irreġistrata l-applikazzjoni tal-minorenni mhux akkumpanjat għall-protezzjoni internazzjonali, sakemm ma jintweriex li dan ma jkunx fl-aħjar interess tal-minorenni.

6. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 68 dwar:

   (a) l-identifikazzjoni ta' membri tal-familja jew qraba ta' minorenni mhux akkumpanjati;

   (b) il-kriterji biex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' rabtiet familjari mixhuda bi provi;

   (c) il-kriterji għall-evalwazzjoni tal-kapaċità ta' qarib li jieħu ħsieb il-minorenni mhux akkumpanjat, inkluż fil-każijiet fejn il-membri tal-familja, l-aħwa jew il-

qraba tal-minorenni mhux akkumpanjat ikunu joqogħdu f'aktar minn Stat Membru wieħed;

Fit-twettiq tas-setgħat tagħha li tadotta atti delegati, il-Kummissjoni ma għandhiex taqbeż il-kamp ta' applikazzjoni tal-aħjar interessi tat-tifel/tifla kif previst taħt l-Artikolu 13(4).

7. Il-Kummissjoni għandha, permez ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi kundizzjonijiet uniformi għall-konsultazzjoni u l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 67(2).

*Artikolu 16*

*Membri tal-familja li huma benefiċarji tal-protezzjoni internazzjonali*

Fejn l-applikant għandu membru tal-familja li kien tħalla jirrisjedi bħala benefiċarju ta' protezzjoni internazzjonali fi Stat Membru, dak l-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, diment li l-persuni kkonċernati esprimew ix-xewqa tagħhom bil-miktub.

*Artikolu 17*

*Membri tal-familja li huma applikanti għall-protezzjoni internazzjonali*

Jekk l-applikant għandu membru tal-familja fi Stat Membru li l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tiegħu f'dak l-Istat Membru tkun għadha ma ġietx soġġetta għall-ewwel deċiżjoni fir-rigward tas-sustanza, dak l-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, diment li l-persuni kkonċernati esprimew ix-xewqa tagħhom bil-miktub.

*Artikolu 18*

*Il-proċedura tal-familja*

Fejn diversi membri ta' familja jissottomettu applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali fl-istess Stat Membru b'mod simultanju, jew f'dati fil-qrib biżżejjed biex il-proċeduri għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli jsiru flimkien, u fejn l-applikazzjoni tal-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament tista' twassal biex huma jkunu sseparati, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun iddeterminat kif ġej:

(a) ir-responsibbiltà biex jiġu eżaminati applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali għall-membri tal-familja kollha għandha tkun tal-Istat Membru li l-kriterji juru li hu responsabbli biex jieħu r-responsibbiltà tal-akbar numru tagħhom;

(b) fin-nuqqas ta' dan, ir-responsabbiltà għandha tkun tal-Istat Membru li l-kriterji juru li huwa responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni tal-ixjeħ fosthom.

*Artikolu 19*

*Ħruġ ta' dokumenti ta' residenza jew viża*

1. Fejn applikant ikun fil-pussess ta' dokument ta' residenza validu, l-Istat Membru li jkun ħareġ id-dokument għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.

2. Fejn l-applikant ikun fil-pussess ta' viża valida, l-Istat Membru li jkun ħareġ il-viża għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, sakemm il-viża ma tkunx inħarġet f'isem Stat Membru ieħor taħt arranġament ta' rappreżentanza kif stipulat fl-Artikolu 8 tar-Regolament (KE) Nru 810/2009. F'każ bħal dan, l-Istat Membru rappreżentat għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.

3. Fejn l-applikant ikun fil-pussess ta' aktar minn dokument wieħed ta' residenza validu jew viża maħruġin minn Stati Membri differenti, ir-responsabbiltà biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandhom jassumuha l-Istati Membri fl-ordni li ġejja:

   (a) l-Istat Membru li ħareġ id-dokument ta' residenza li jagħti d-dritt għall-itwal perjodu ta' residenza jew, fejn il-perjodi ta' validità huma identiċi, l-Istat Membru li ħareġ id-dokument ta' residenza li għandu l-aktar data ta' skadenza tard;

   (b) fejn il-viżi varji huma tal-istess tip, l-Istat Membru li ħareġ il-viża li għandha l-aktar data ta' skadenza tard;

   (c) fejn il-viżi huma ta' xorta differenti, l-Istat Membru li ħareġ il-viża li għandha l-itwal perjodu ta' validità, jew, fejn il-perjodi ta' validità huma identiċi, l-Istat Membru li ħareġ il-viża li għandha l-aktar data ta' skadenza tard.

4. Meta l-applikant ikollu fil-pussess tiegħu dokument ta' residenza wieħed jew aktar jew viża waħda jew aktar li jkunu skadew inqas minn tliet snin qabel ma l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata, għandhom japplikaw il-paragrafi 1, 2 u 3.

5. Il-fatt li dokument ta' residenza jew viża jkun inħareġ fuq bażi ta' identita falza jew assunta jew fuq sottomissjoni ta' dokumenti ffalsifikati, simulati jew invalidi, ma għandux jimpedixxi li r-responsabbilità tkun allokata lill-Istat Membru li jkun ħarġu/ħariġha. Madankollu, l-Istat Membru li joħroġ id-dokument ta' residenza jew viża ma għandux ikun responsabbli jekk ikun jista' jistabbilixxi li l-frodi twettqet wara li jkun inħareġ id-dokument jew il-viża.

*Artikolu 20*

*Diplomi jew kwalifiki oħra*

1. Fejn l-applikant ikollu diploma jew kwalifika maħruġa minn stabbiliment tal-edukazzjoni stabbilit fi Stat Membru u l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali kienet irreġistrata wara li l-applikant ikun telaq mit-territorju tal-Istati Membri wara li jkun lesta l-istudji tiegħu, l-Istat Membru fejn ikun stabbilit dak l-istabbiliment edukattiv għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.

2. Fejn l-applikant ikollu aktar minn diploma jew kwalifika waħda maħruġa minn stabbilimenti tal-edukazzjoni fi Stati Membri differenti, ir-responsabbiltà għall-eżami

tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha tittieħed mill-Istat Membru li jkun ħareġ id-diploma jew il-kwalifika wara l-itwal perjodu ta' studju jew, fejn il-perjodi ta' studju jkunu identiċi, mill-Istat Membru li fih ikunu nkisbu l-aktar diploma jew kwalifika riċenti.

*Artikolu 21*

*Dħul*

1. Fejn ikun stabbilit, fuq il-bażi ta' prova jew xhieda ċirkostanzjali kif deskritt fiż-żewġ listi msemmija fl-Artikolu 30(4) ta' dan ir-Regolament, inkluż id-*data* li jirreferi għaliha r-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament tal-Eurodac*], li applikant ikun qasam b'mod irregolari l-konfini għal ġo Stat Membru bl-art, bil-baħar jew bl-ajru wara li jkun ġie minn pajjiż terz, l-ewwel Stat Membru li jkun sar tali dħul fih għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. Dik ir-responsabbilità għandha tieqaf jekk l-applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata iktar minn tliet snin wara d-data li fiha jkun seħħ il-qsim irregolari tal-konfini.

2. Ir-regola stabbilita fil-paragrafu 1 għandha tapplika wkoll meta l-applikant ikun ġie żbarkat fuq it-territorju wara operazzjoni ta' tiftix u salvataġġ.

3. Il-paragrafi 1 u 2 ma għandhomx japplikaw jekk ikun jista' jiġi stabbilit, abbażi ta' prova jew evidenza ċirkostanzjali kif deskritt fiż-żewġ listi msemmija fl-Artikolu 30(4) ta' dan ir-Regolament, inkluż id-*data* li hemm referenza għaliha fir-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament Eurodac*], li l-applikant ġie rilokat skont l-Artikolu 57 ta' dan ir-Regolament għal Stat Membru ieħor wara li jkun qasam il-fruntiera F'dak il-każ, dak l-Istat Membru l-ieħor għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.

*Artikolu 22*

*Dħul b'rinuzja għall-viża*

Jekk ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat jidħlu fit-territorju tal-Istat Membru minn Stat Membru ieħor li fih, il-ħtieġa li jkollhom viża tkun irrinunzjata, dak l-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tagħhom. Dik ir-responsabbiltà għandha tintemm jekk l-applikazzjoni tiġi rreġistrata aktar minn tliet snin wara d-data li fiha l-persuna tkun daħlet fit-territorju.

*Artikolu 23*

*Applikazzjoni għal żona ta' tranżitu internazzjonali f'ajruport*

Fejn l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali issir fiż-żona internazzjonali ta' tranżitu ta' ajruport ta' Stat Membru minn ċittadin ta' pajjiż terz jew minn persuna mingħajr Stat, dak l-Istat Membru għandu jkun responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni.

## KAPITOLU III

## *PERSUNI DIPENDENTI U KLAWSOLI DISKREZZJONALI*

*Artikolu 24*

*Persuni dipendenti*

1. Fejn, minħabba tqala, tarbija tat-twelid, mard serju, diżabilità severa, trawma serja jew xjuħija, applikant ikun jiddependi fuq l-assistenza ta' uliedu jew ġenitur legalment residenti f'wieħed mill-Istati Membri, jew fejn il-wild jew il-ġenitur tiegħu jkunu legalment residenti f'wieħed mill-Istati Membri, ikunu jiddependu mill-assistenza tal-applikant, l-Istati Membri għandhom normalment iħallu jew ilaqqgħu lill-applikant ma' dak il-wild jew ġenitur, diment li r-rabtiet tal-familja kienu jeżistu qabel ma l-applikant wasal fit-territorju tal-Istati Membri, li l-wild jew il-ġenitur jew l-applikant ikun jista' jieħu ħsieb il-persuna dipendenti u li l-persuni kkonċernati jkunu esprimew ix-xewqa tagħhom bil-miktub.

Fejn ikun hemm indikazzjonijiet li wild jew ġenitur huwa legalment residenti fit-territorju tal-Istat Membru fejn il-persuna dipendenti tkun preżenti, dak l-Istat Membru għandu jivverifika jekk il-wild jew il-ġenitur jistgħux jieħdu ħsieb il-persuna dipendenti, qabel ma jagħmlu talba biex jieħdu responsabbiltà skont l-Artikolu 29.

2. Fejn il-wild jew il-ġenitur imsemmi fil-paragrafu 1, ikun legalment residenti fi Stat Membru ieħor li ma jkunx dak fejn l-applikant ikun preżenti, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun dak fejn il-wild jew il-ġenitur ikun legalment residenti sakemm is-saħħa tal-applikant ma żżommux milli jivjaġġa lejn dak l-Istat Membru għal perjodu ta' żmien sinfikanti. F'każ bħal dan, l-Istat Membru responsabbli għandu jkun dak fejn l-applikant ikun preżenti. Dak l-Istat Membru ma għandux ikun soġġett għall-obbligu li jġib il-wild jew il-ġenitur tal-applikant fit-territorju tiegħu.

3. Il-Kummissjoni għandha s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 68 dwar:

   (a) l-elementi li għandhom jitqiesu sabiex tiġi vvalutata r-rabta ta' dipendenza;

   (b) il-kriterji biex tiġi stabbilita l-eżistenza ta' rabtiet familjari mixhuda bi provi;

   (c) il-kriterji għall-valutazzjoni tal-kapaċità tal-persuna kkonċernata li tieħu ħsieb il-persuna dipendenti;

   (d) l-elementi li għandhom jitqiesu sabiex tiġi vvalutata l-inkapaċità li wieħed jivvjaġġa għal perjodu ta' żmien sinifikanti.

4. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi kundizzjonijiet uniformi għall-konsultazzjoni u għall-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 67(2).

*Artikolu 25*

*Klawsoli diskrezzjonali*

1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 8(1), kull Stat Membru jista' jiddeċiedi li jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali iddepożitata għandu minn ċittadin ta'

pajjiż terz, anki jekk it-tali eżami ma jaqax taħt ir-responsabbiltà tiegħu taħt il-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament.

2. L-Istat Membru li fih issir l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali u li jkun għaddej mill-proċess biex jiddetermina l-Istat Membru responsabbli, jew l-Istat Membru responsabbli jista', fi kwalunkwe ħin qabel ma tittieħed l-ewwel deċiżjoni rigward is-sustanza, jitlob lil Stat Membru ieħor biex jieħu f'idejh l-applikazzjoni sabiex ilaqqa' flimkien kwalunkwe relazzjoni familjari, għal raġunijiet umanitarji bbażati b'mod partikolari fuq konsiderazzjonijiet familjari u kulturali, anki fejn dan l-Istat Membru l-ieħor mhuwiex responsabbli skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikoli 15 sa 18 u 24. Il-persuni kkonċernati għandhom juru l-kunsens tagħhom bil-miktub.

It-talba biex tittieħed ir-responsabbiltà għandu jkollha fiha l-materjal kollu fil-pussess tal-Istat Membru rikjedenti sabiex jippermetti lill-Istat Membru rikjest biex jivvaluta s-sitwazzjoni.

L-Istat Membru rikjest għandu jwettaq kull kontroll meħtieġ biex jeżamina r-raġunijiet umanitarji msemmija, u għandu jagħti tweġiba lill-Istat Membru rikjedenti fi żmien xahrejn mid-data minn meta jirċievi t-talba permezz tan-network ta' komunikazzjoni elettronika 'DubliNet' stabbilit taħt l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1560/2003. Tweġiba li tirrifjuta t-talba għandha tagħti r-raġunijet li fuqhom ikun ġie bbażat ir-rifjut.

## KAPITOLU IV

## *OBBLIGI TAL-ISTAT MEMBRU RESPONSABBLI*

### *Artikolu 26*

### *Obbligi tal-Istat Membru responsabbli*

1. L-Istat Membru responsabbli taħt dan ir-Regolament għandu jkun obbligat li:

(a) jieħu r-responsabbiltà, taħt il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 29, 30 u 35, ta' applikant li l-applikazzjoni tiegħu ġiet irreġistrata fi Stat Membru differenti;

(b) jieħu lura, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 31 u 35 ta' dan ir-Regolament, applikant jew ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat li fir-rigward tagħhom dak l-Istat Membru jkun ġie indikat bħala l-Istat Membru responsabbli skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament tal-Eurodac*];

(c) jieħu lura, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 31 u 35 ta' dan ir-Regolament, benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali li fir-rigward tiegħu dak l-Istat Membru jkun ġie indikat bħala l-Istat Membru responsabbli skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament tal-Eurodac*];

(d) jieħu lura, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 31 u 35 ta' dan ir-Regolament, persuna risistemata jew ammessa li tkun għamlet applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali jew li tkun qiegħda toqgħod b'mod irregolari fi Stat Membru ieħor għajr l-Istat Membru li jkun aċċetta li jdaħħlu jew li jdaħħalha skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament Qafas tal-Unjoni dwar ir-Risistemazzjoni*] jew li jkun ta protezzjoni internazzjonali jew status umanitarju skont skema nazzjonali ta' risistemazzjoni.

2. Għall-għanijiet ta' dan ir-Regolament, is-sitwazzjoni ta' minorenni li jkun qed jakkumpanja lill-applikant u li jissodisfa d-definizzjoni ta' membru tal-familja għandha tkun indissoċjabbli minn dik tal-membru tal-familja tiegħu u l-Istat Membru responsabbli għall-eżaminazzjoni tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ta' dak il-membru tal-familja għandu jieħu ħsieb il-minorenni jew jieħdu lura, anke jekk il-minorenni ma jkunx individwalment applikant, sakemm ma jintweriex li dan mhuwiex fl-aħjar interess tal-wild. L-istess prinċipju għandu jkun applikat għal tfal imwielda wara li l-applikant jasal fit-territorju tal-Istati Membri, mingħajr il-ħtieġa li titnieda proċedura ġdida biex wieħed jinkariga ruħu minnhom.

3. Fis-sitwazzjonijiet imsemmija fil-paragrafu 1, il-punti (a) u (b), l-Istat Membru responsabbli għandu jeżamina jew ilesti l-eżami tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil*].

*Artikolu 27*

*Tmiem tar-responsabbilitajiet*

1. Fejn Stat Membru joħroġ dokument ta' residenza lill-applikant, jiddeċiedi li japplika l-Artikolu 25, jew ma jittrasferixxix il-persuna kkonċernata lill-Istat Membru responsabbli fil-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 35, dak l-Istat Membru għandu jsir l-Istat Membru responsabbli u l-obbligi stabbiliti fl-Artikolu 26 għandhom jiġu trasferiti lil dak l-Istat Membru. Fejn applikabbli, huwa għandu jinforma lill-Istat Membru li qabel kien responsabbli, lill-Istat Membru li jkun qed iwettaq proċedura biex jiddetermina l-Istat Membru responsabbli jew l-Istat Membru li jkun intalab ikun responsabbli għall-applikant jew li jkun irċieva notifika ta' teħid lura, bl-użu tan-network ta' komunikazzjoni elettronika stabbilit skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1560/2003.

L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika jekk il-persuna tkun diġà ngħatat protezzjoni internazzjonali mill-Istat Membru responsabbli.

L-Istat Membru li jsir responsabbli skont l-ewwel subparagrafu ta' dan l-Artikolu għandu jindika li sar l-Istat Membru responsabbli skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament Eurodac*].

2. L-obbligu stabbilit fl-Artikolu 26(1), punt (b), ta' dan ir-Regolament li ċittadin ta' pajjiż terz jew persuna mingħajr Stat jittieħdu lura għandu jintemm meta jkun jista' jiġi stabbilit, abbażi tal-aġġornament tas-sett tad-*data* msemmi fl-Artikolu 11(2)(c) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament Eurodac*], li l-persuna kkonċernata ħalliet it-territorju tal-Istati Membri, fuq bażi obbligatorja jew volontarja, f'konformità ma' deċiżjoni ta' ritorn jew ordni ta' tkeċċija maħruġa wara l-irtirar jew iċ-ċaħda tal-applikazzjoni.

Applikazzjoni rreġistrata wara li tkun seħħet tkeċċija effettiva għandha titqies bħala applikazzjoni ġdida għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, u għalhekk twassal għal proċedura ġdida għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli.

## KAPITOLU V

## *PROĊEDURI*

### *TAQSIMA I*

### *IL-BIDU TAL-PROĊEDURA*

*Artikolu 28*

*Il-bidu tal-proċedura*

1. L-Istat Membru fejn applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali hija rreġistrata l-ewwel darba skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil*] jew, fejn applikabbli, l-Istat Membru ta' rilokazzjoni għandu jibda l-proċess ta' determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli mingħajr dewmien.

2. L-Istat Membru li fih applikant huwa rreġistrat għall-ewwel darba jew, fejn applikabbli, l-Istat Membru ta' rilokazzjoni għandu jkompli l-proċess tad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli jekk l-applikant jitlaq mit-territorju ta' dak l-Istat Membru mingħajr awtorizzazzjoni jew inkella ma jkunx disponibbli għall-awtoritajiet kompetenti ta' dak l-Istat Membru.

3. L-Istat Membru li jkun wettaq il-proċess biex jiddetermina l-Istat Membru responsabbli jew li jkun sar responsabbli skont l-Artikolu 8(4) ta' dan ir-Regolament għandu jindika fil-Eurodac mingħajr dewmien skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament tal-Eurodac*]:

   (a) ir-responsabbiltà tiegħu skont l-Artikolu 8(2);

   (b) ir-responsabbiltà tiegħu skont l-Artikolu 8(4);

   (c) ir-responsabbiltà tiegħu minħabba n-nuqqas tiegħu li jikkonforma mal-limiti ta' żmien stabbiliti fl-Artikolu 29;

   (d) ir-responsabbiltà tal-Istat Membru li jkun aċċetta talba biex jieħu inkarigu tal-applikant skont l-Artikolu 30.

   Sakemm tiżdied din l-indikazzjoni, għandhom japplikaw il-proċeduri fil-paragrafu 4.

4. Applikant li jkun preżenti fi Stat Membru ieħor mingħajr dokument ta' residenza jew li fih jiddepożita applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali matul il-proċess li jiddetermina l-Istat Membru responsabbli, għandu jittieħed lura, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 31 u 35, mill-Istat Membru li fih l-applikazzjoni ġiet irreġistrata għall-ewwel darba.

   Dak l-obbligu għandu jintemm meta l-Istat Membru li jiddetermina l-Istat Membru responsabbli jkun jista' jistabbilixxi li l-applikant kiseb dokument ta' residenza mingħand Stat Membru ieħor.

5. Applikant li jkun preżenti fi Stat Membru mingħajr dokument ta' residenza jew li jagħmel applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali wara li Stat Membru ieħor ikun ikkonferma li se jirriloka l-persuna kkonċernata skont l-Artikolu 57(7), u qabel ma jkun sar it-trasferiment lil dak l-Istat Membru skont l-Artikolu 57(9), għandu jittieħed lura, skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikoli 31 u 35, mill-Istat Membru ta' rilokazzjoni.

## *TAQSIMA II*

### *IL-PROĊEDURI GĦAT-TALBIET GĦAT-TEĦID TAR-RESPONSABBILTÀ*

*Artikolu 29*

*Preżentazzjoni ta' talba biex tittieħed responsabbiltà*

1. Jekk Stat Membru li fih tkun ġiet irreġistrata applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali jikkunsidra li Stat Membru ieħor huwa responsabbli għall-eżaminazzjoni tal-applikazzjoni, għandu, kemm jista' jkun malajr u f'kull każ fi żmien xahrejn mid-data li fiha l-applikazzjoni ġiet irreġistrata, jitlob lill-Istat Membru l-ieħor biex jieħu r-responsabbiltà tal-applikant.

   Minkejja l-ewwel subparagrafu, fil-każ ta' hit tal-Eurodac mad-*data* rreġistrata skont l-Artikoli 13 u 14a tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament tal-Eurodac*] jew ta' hit tal-VIS ma' *data* rreġistrata skont l-Artikolu 21 tar-Regolament (KE) Nru 767/2008, it-talba biex tittieħed responsabbiltà għandha tintbagħat fi żmien xahar minn meta tasal dik il-hit.

   Fejn it-talba biex tittieħed responsabbiltà ta' applikant ma ssirx fi żmien il-perjodi stabbiliti fl-ewwel u fit-tieni subparagrafi, ir-responsabbiltà biex tkun eżaminata l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha tkun tal-Istat Membru li fih tkun ġiet irreġistrata l-applikazzjoni.

   Fejn l-applikant ikun minorenni mhux akkumpanjat, l-Istat Membru determinanti jista', fejn iqis li huwa fl-aħjar interess tal-minorenni, ikompli bil-proċedura biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli u jitlob lil Stat Membru ieħor biex jieħu r-responsabbiltà tal-applikant minkejja l-iskadenza tal-limiti ta' żmien stabbiliti fl-ewwel u t-tieni subparagrafi.

2. L-Istat Membru rikjedenti jista' jitlob tweġiba urġenti f'każijiet fejn l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali tkun ġiet irreġistrata wara li tkun inħarġet deċiżjoni ta' ċaħda ta' dħul jew deċiżjoni ta' ritorn.

   It-talba għandha tiddikjara r-raġunijiet li jiġġustifikaw tweġiba urġenti u l-perjodu li fih tweġiba tkun mitluba. Dak il-perjodu għandu jkun ta' mill-inqas ġimgħa.

3. Fil-każijiet imsemmija fil-paragrafi 1 u 2, it-talba li tittieħed responsabbiltà minn Stat Membru ieħor għandha ssir billi tintuża formola standard u għandha tinkludi prova jew xhieda ċirkostanzjali kif deskritt fiż-żewġ listi msemmija fl-Artikolu 30(4) u/jew elementi relevanti mid-dikjarazzjoni tal-applikant, sabiex l-awtoritajiet tal-Istat Membru rikjest ikunu jistgħu jikkontrollaw jekk huwiex responsabbli fuq il-bażi tal-kriterji stabbiliti f'dan ir-Regolament.

   Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta kundizzjonijiet uniformi dwar il-preparazzjoni u s-sottomissjoni ta' talbiet għal responsabbiltà. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 67(2).

*Artikolu 30*

*Tweġiba għal talba biex tittieħed responsabbiltà*

1. L-Istat Membru rikjest għandu jagħmel il-kontrolli meħtieġa, u għandu jieħu deċiżjoni fuq it-talba biex tittieħed responsabbiltà ta' applikant fi żmien xahar minn meta tasal it-talba.

2. Minkejja l-ewwel paragrafu, fil-każ ta' hit tal-Eurodac b'*data* rreġistrata skont l-Artikolu 13 u 14a tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament tal-Eurodac*] jew ta' hit tal-VIS b'*data* rreġistrata skont l-Artikolu 21(2) tar-Regolament (KE) Nru 767/2008, l-Istat Membru rikjest għandu jagħti deċiżjoni dwar it-talba fi żmien ġimagħtejn minn meta tasal dik it-talba.

3. Fil-proċedura biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli, għandhom jintużaw elementi ta' prova u evidenza ċirkostanzjali.

4. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi, u tirrevedi perjodikament, żewġ listi, li jindikaw l-elementi ta' prova u xhieda ċirkostanzjali relevanti skont il-kriterji stabbiliti fil-punti (a) u (b) ta' dan il-paragrafu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 67(2).

   (a) Prova:

      (i) dan jirreferi għal prova formali li tiddetermina r-responsabbiltà skont dan ir-Regolament, sakemm ma tkunx irrifjutata bi prova li turi l-kuntrarju;

      (ii) l-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kumitat previst fl-Artikolu 67 b'mudelli tat-tipi differenti ta' dokumenti amministrattivi, skont it-tipoloġija stabbilita fil-lista ta' provi formali;

   (b) Evidenza ċirkostanzjali:

      (i) din tirreferi għal elementi indikattivi li filwaqt li jistgħu jiġu konfutati, jistgħu jkunu suffiċjenti skont il-valur evidenzjarju li jingħatalhom;

      (ii) il-valur evidenzjarju tagħhom, fir-rigward tar-responsabbiltà biex tkun eżaminata l-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandu jkun evalwat fuq bażi ta' każ b'każ.

5. Ir-rekwiżit ta' prova ma għandux jeċċedi dak li hu meħtieġ għall-applikazzjoni xierqa ta' dan ir-Regolament.

6. L-Istat Membru rikjest għandu jirrikonoxxi r-responsabbiltà tiegħu jekk l-evidenza ċirkostanzjali tkun koerenti, verifikabbli u dettaljata biżżejjed biex tistabbilixxi responsabbiltà.

7. Meta l-Istat Membru rikjedenti jkun talab tweġiba urġenti skont l-Artikolu 29(2), l-Istat Membru rikjest għandu jwieġeb fil-perjodu mitlub jew, fin-nuqqas ta' dan, fi żmien ġimagħtejn mill-wasla tat-talba.

8. Fejn l-Istat Membru rikjest ma joġġezzjonax għat-talba fil-perjodu ta' xahar stabbilit fil-paragrafu 1 bi tweġiba li tagħti raġunijiet sħaħ u dettaljati, jew fejn applikabbli fil-perjodu ta' ġimagħtejn stabbilit fil-paragrafi 2 u 7, dan għandu jitqies ekwivalenti għall-aċċettazzjoni tat-talba, u għandu jinvolvi l-obbligu li tittieħed ir-responsabbiltà tal-persuna, inkluż l-obbligu li jsiru provvedimenti għal arranġamenti xierqa għall-wasla.

## *SEZZJONI III:*

### *IL-PROĊEDURI GĦAN-NOTIFIKI TAT-TEHID LURA*

*Artikolu 31*

*Is-sottomissjoni ta' notifika ta' teħid lura*

1. F'sitwazzjoni msemmija fl-Artikolu 26(1), il-punt (b), (c) jew (d), l-Istat Membru fejn il-persuna tkun preżenti għandu jagħmel notifika ta' teħid lura mingħajr dewmien u fi kwalunkwe każ fi żmien ġimagħtejn wara li jirċievi l-hit tal-Eurodac.

2. Notifika ta' teħid lura għandha ssir bl-użu ta' formola standard u għandha tinkludi prova jew evidenza ċirkostanzjali kif deskritt fiż-żewġ listi msemmija fl-Artikolu 30(4) u/jew elementi rilevanti mid-dikjarazzjonijiet tal-persuna kkonċernata.

3. L-Istat Membru nnotifikat għandu jikkonferma li rċieva n-notifika lill-Istat Membru li jkun għamel in-notifika fi żmien ġimgħa, sakemm l-Istat Membru nnotifikat ma jkunx jista' juri f'dak il-limitu ta' żmien li r-responsabbiltà tiegħu tkun waqfet skont l-Artikolu 27.

4. In-nuqqas ta' azzjoni fil-perjodu ta' ġimgħa stipulat fil-paragrafu 3 għandu jkun ekwivalenti għal konferma tal-wasla tan-notifika.

5. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta kundizzjonijiet uniformi għall-preparazzjoni u għas-sottomissjoni ta' notifiki ta' teħid lura. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 67(2).

## *TAQSIMA IV:*

### *SALVAGWARDJI PROĊEDURALI*

*Artikolu 32*

*Notifika tad-deċiżjoni tat-trasferiment*

1. L-Istat Membru li jiddetermina u li t-talba tiegħu għal teħid ta' responsabbiltà msemmija fl-Artikolu 26(1)(a) ġiet aċċettata jew li jkun għamel notifika ta' teħid lura kif hemm referenza għaliha fl-Artikolu 26(1)(b) sa (d) għandu jieħu deċiżjoni ta' trasferiment, mhux iktar tard minn ġimgħa mill-aċċettazzjoni jew min-notifika.

2. Meta l-Istat Membru rikjest, jaċċetta li jieħu r-responsabbiltà ta' jew li jieħu lura applikant jew persuna oħra kif imsemmi fl-Artikolu 26(1)(b)(c) jew (d), l-Istat Membru rikjedenti jew l-Istat Membru li jinnotifika għandu jinnotifika lill-persuna kkonċernata bil-miktub mingħajr dewmien bid-deċiżjoni li hija se tiġi trasferita lejn l-Istat Membru responsabbli u, fejn xieraq, bil-fatt li huwa mhuwiex se jeżamina l-applikazzjoni tiegħu jew tagħha għal protezzjoni internazzjonali.

3. Jekk konsulent legali jew speċjalista ieħor ikun qed jirrappreżenta lill-persuna kkonċernata, l-Istati Membri jistgħu jagħżlu li jinnotifikaw id-deċiżjoni lil tali konsulent legali jew kunsillier minflok lill-persuna kkonċernata u, fejn applikabbli, jikkomunikaw id-deċiżjoni lill-persuna kkonċernata.

4. Id-deċiżjoni li jirreferi għaliha l-paragrafu 1 għandha tinkludi informazzjoni dwar ir-rimedji legali disponibbli, inkluż id-dritt ta' applikazzjoni għal effett sospensiv, u dwar il-limiti ta' żmien applikabbli biex jintalbu dawn ir-rimedji u biex ikun eżegwit it-trasferiment u, għandha, jekk meħtieġ, tinkludi informazzjoni dwar il-post fejn, u d-data li fiha l-persuna kkonċernata jkollha tidher, jekk dik il-persuna tkun se tivvjaġġa lejn l-Istat Membru responsabbli bil-mezzi tagħha stess.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li informazzjoni dwar persuni jew entitajiet li jistgħu jipprovdu assistenza legali lill-persuna kkonċernata tiġi kkomunikata lill-persuna kkonċernata flimkien mad-deċiżjoni msemmija fil-paragrafu 1, meta dik l-informazzjoni ma tkunx diġà ġiet ikkomunikata.

5. Meta l-persuna kkonċernata ma tkunx assistita jew rappreżentata minn konsulent legali jew speċjalista ieħor, l-Istat Membri għandhom jinfurmawha bl-elementi prinċipali tad-deċiżjoni, li għandhom dejjem jinkludu informazzjoni dwar ir-rimedji legali disponibbli u t-termini ta' żmien applikabbli biex jintalbu dawn ir-rimedji, f'lingwa li l-persuna kkonċernata tifhem jew li tkun raġonevolment mistennija li tifhem.

*Artikolu 33*

*Rimedji*

1. L-applikant jew persuna oħra kif imsemmi fl-Artikolu 26(1)(b)(c) jew (d) għandu jkollu d-dritt għal rimedju effettiv, fil-forma ta' appell jew reviżjoni, fil-fatt u fil-liġi, kontra deċiżjoni ta' trasferiment, quddiem qorti jew tribunal.

Il-kamp ta' applikazzjoni tar-rimedju għandu jkun limitat għal valutazzjoni ta':

(a) jekk it-trasferiment jirriżultax f'riskju reali ta' trattament inuman jew degradanti għall-persuna kkonċernata fis-sens tal-Artikolu 4 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali;

(b) jekk inkisrux l-Artikoli 15 sa 18 u l-Artikolu 24, fil-każ tal-persuni li jkun qed jittieħed ħsieb tagħhom skont l-Artikolu 26(1), il-punt (a).

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu għal perjodu ta' ġimgħatejn wara n-notifika ta' deċiżjoni ta' trasferiment li fih il-persuna kkonċernata tista' teżerċita d-dritt tagħha għal rimedju effettiv skont il-paragrafu 1.

3. Il-persuna kkonċernata għandu jkollha d-dritt li titlob, f'perjodu ta' żmien raġonevoli lil qorti jew tribunal biex jissospendu l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment, sakemm jintlaħaq l-eżitu tal-appell jew tar-rieżami tiegħu/tagħha. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li jkun hemm rimedju effettiv billi jissospendu t-trasferiment sakemm tittieħed deċiżjoni rigward l-ewwel talba għal sospensjoni. Kwalunkwe deċiżjoni dwar jekk għandhiex tiġi sospiża l-implimentazzjoni tad-deċiżjoni ta' trasferiment għandha tittieħed fi żmien xahar mid-data ta' meta dik it-talba tkun waslet għand il-qorti jew tribunal kompetenti.

Fejn il-persuna kkonċernata ma tkunx eżerċitat id-dritt tagħha li titlob effett ta' sospensjoni, l-appell kontra d-deċiżjoni ta' trasferiment, jew ir-rieżami tagħha, ma għandhiex tissospendi l-implimentazzjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment.

Deċiżjoni li l-implimentazzjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment ma tiġix sospiża għandha tiddikjara r-raġunijiet li fuqhom hija bbażata.

Jekk l-effett ta' sospensjoni jingħata, il-qorti jew tribunal għandhom jagħmlu ħilithom biex jiddeċiedu dwar il-mertu tal-appell jew reviżjoni fi żmien xahar mid-deċiżjoni li jingħata effett ta' sospensjoni.

4. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-persuna kkonċernata jkollha aċċess għall-assistenza legali u, fejn neċessarju, għal assistenza lingwistika.

5. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-assistenza legali tingħata fuq talba mingħajr ħlas, meta l-persuna kkonċernata ma tkunx tista' tħallas l-ispejjeż involuti. L-Istati Membri jistgħu jipprevedu li, fir-rigward ta' tariffi u spejjeż oħrajn, it-trattament tal-applikanti soġġetti għal dan ir-Regolament ma għandux ikun aktar favorevoli mit-trattament ġeneralment mogħti liċ-ċittadini tagħhom fi kwistjonijiet relatati mal-assistenza legali.

Mingħajr ma jillimitaw b'mod arbitrarju l-aċċess għall-assistenza legali, l-Istati Membri jistgħu jipprevedu li ma tingħatax assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas fejn l-appell jew ir-reviżjoni tkun ikkunsidrata mill-awtorità kompetenti jew minn qorti jew tribunal bħala li ma għandha ebda prospett tanġibbli ta' suċċess.

Fejn tittieħed deċiżjoni li ma tingħatax assistenza u rappreżentanza legali mingħajr ħlas skont dan il-paragrafu minn awtorità li mhijiex qorti jew tribunal, l-Istati Membri għandhom jipprovdu d-dritt għal rimedju effettiv quddiem qorti jew tribunal biex dik id-deċiżjoni tiġi kkontestata. Fil-każ li deċiżjoni tiġi kkontestata, dan ir-rimedju għandu jkun parti integrali mir-rimedju msemmi fil-paragrafu 1.

Biex jikkonformaw mar-rekwiżiti stipulati f'dan il-paragrafu, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-assistenza u r-rappreżentanza legali ma jkunux limitati b'mod arbitrarju u li l-aċċess effettiv tal-applikant għall-ġustizzja ma jiġix ostakolat.

L-assistenza legali għandha tinkludi tal-inqas it-tħejjija tad-dokumenti proċedurali meħtieġa u rappreżentanza quddiem qorti jew tribunal u tista' tiġi limitata għal konsulenti legali jew kunsilliera nominati b'mod speċifiku mid-dritt nazzjonali biex jipprovdu assistenza u rappreżentanza.

Il-proċeduri għall-aċċess għal assistenza legali għandhom jiġu stipulati fid-dritt nazzjonali.

## *SEZZJONI V:*

### DETENZJONI GĦAL RAĠUNIJIET TA' TRASFERIMENT

### *Artikolu 34*

### *Detenzjoni*

1. L-Istati Membri ma għandhomx iżommu persuna f'detenzjoni għall-unika raġuni li huwa jew hija huma soġġetti għall-proċedura stabbilita b'dan ir-Regolament.

2. Meta jkun hemm riskju sinifikanti li l-persuna taħrab, l-Istati Membri jistgħu jżommu lill-persuna kkonċernata taħt detenzjoni sabiex jiżguraw proċeduri ta' trasferiment skont dan ir-Regolament, fuq il-bażi ta' valutazzjoni individwali u biss diment li d-detenzjoni tkun proporzjonali, u jekk miżuri alternattivi oħra inqas koerżivi ma jkunux jistgħu jiġu applikati b'mod effettiv, abbażi ta' valutazzjoni individwali taċ-ċirkostanzi tal-persuna.

3. Id-detenzjoni għandha tkun għal żmien qasir kemm jista' jkun u ma għandhiex tkun għal iżjed miż-żmien li raġonevolment huwa meħtieġ sabiex jiġu ssodisfati l-proċeduri amministrattivi meħtieġa b'diliġenza dovuta sakemm jitwettaq it-trasferiment taħt dan ir-Regolament

Fejn applikant jew persuna oħra li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 26(1)(b)(c) jew (d) tinżamm taħt detenzjoni skont dan l-Artikolu, il-perjodu għall-preżentazzjoni ta' talba biex tittieħed ir-responsabbilità jew għat-teħid lura ma għandux ikun itwal minn ġimgħatejn mir-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni. Fejn persuna tinżamm detenuta fi stadju aktar tard mir-reġistrazzjoni tal-applikazzjoni, il-perjodu għas-sottomissjoni ta' talba għat-teħid tar-responsabbilità jew notifika ta' teħid lura ma għandux jaqbeż ġimgħa mid-data li fiha l-persuna tpoġġiet taħt detenzjoni. L-Istat Membru li jwettaq il-proċedura f'konformità ma' dan ir-Regolament għandu jitlob tweġiba urġenti għal talba għal teħid tar-responsabbilità. Tali tweġiba għandha tingħata fi żmien ġimgħa minn meta jirċievi t-talba għat-teħid tar-responsabbilità. Nuqqas ta' tweġiba fil-perjodu ta' ġimgħa għandu jkollu l-istess effett bħall-aċċettazzjoni tat-talba ta' responsabbilità, u għandu jinvolvi l-obbligu li jieħu responsabbilità ta' persuna, inkluż l-obbligu li jagħmel arranġamenti xierqa għall-wasla.

Meta persuna tinżamm taħt detenzjoni skont dan l-Artikolu, it-trasferiment ta' dik il-persuna mill-Istat Membru rikjedenti jew mill-Istat Membru li jinnotifika lill-Istat Membru responsabbli għandu jitwettaq malajr kemm jista' jkun prattikament possibbli, u mhux aktar tard minn erba' ġimgħat minn:

(a) id-data li fiha t-talba tkun ġiet aċċettata jew in-notifika tat-teħid lura tkun ġiet ikkonfermata, jew

(b) id-data ta' meta l-appell jew ir-reviżjoni ma jibqax ikollha effett ta' sospensjoni skont l-Artikolu 33(3).

Meta l-Istat Membru rikjedenti jew li jinnotifika jonqos milli jikkonforma mat-termini għas-sottomissjoni ta' talba għal teħid tar-responsabbilità jew għal notifika ta' teħid lura jew fejn id-deċiżjoni ta' trasferiment ma sseħħx fi ħdan it-terminu stabbilit fl-Artikolu 32(1) jew fejn it-trasferiment ma jseħħx fi ħdan il-perjodu ta' erba' ġimgħat imsemmi fit-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu, il-persuna ma għandhiex tinżamm aktar taħt detenzjoni. L-Artikoli 29, 31 u 35 għandhom jibqgħu japplikaw skont dan.

4. Fejn persuna tinżamm taħt detenzjoni skont dan l-Artikolu, id-detenzjoni għandha tiġi ordnata bil-miktub mill-awtoritajiet ġudizzjarji. L-ordni tad-detenzjoni għandha tiddikjara r-raġunijiet bil-fatt u bil-liġi li fuqhom hija bbażata.

5. Fir-rigward tal-kundizzjonijiet għad-detenzjoni, u l-garanziji applikabbli għal persuni taħt detenzjoni, sabiex jiġu żgurati l-proċeduri ta' trasferiment lejn l-Istat Membru responsabbli, għandhom japplikaw l-Artikoli 9, 10 u 11 tad-Direttiva XXX/XXX/UE [*Direttiva dwar il-Kundizzjonijiet ta' Akkoljenza*].

## *SEZZJONI VI:*

### IT-TRASFERIMENTI

*Artikolu 35*

*Regoli dettaljati u limiti ta' żmien*

1. It-trasferiment ta' applikant jew ta' persuna oħra kif imsemmi fl-Artikolu 26(1)(b)(c) u (d), mill-Istat Membru rikjedenti jew li jinnotifika lejn l-Istat Membru responsabbli, għandu jkun eżegwit skont id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru rikjedenti jew li jinnotifika, wara konsultazzjoni bejn l-Istati Membri kkonċernati, mill-aktar fis li jkun prattikament possibbli, u mhux aktar tard minn sitt xhur mill-aċċettazzjoni tat-talba ta' teħid tar-responsabbiltà jew tal-konferma tan-notifika ta' teħid lura minn Stat Membru ieħor jew tad-deċiżjoni finali fuq appell jew reviżjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment fejn ikun hemm effett sospensiv skont l-Artikolu 33(3). Dan it-terminu jista' jiġi estiż sa massimu ta' sena jekk it-trasferiment ma setax isir minħabba priġunerija tal-persuna kkonċernata.

   Fejn it-trasferiment isir għall-finijiet ta' rilokazzjoni, it-trasferiment għandu jsir fi ħdan it-terminu stabbilit fl-Artikolu 57(9).

   Jekk trasferimenti lejn l-Istat Membru responsabbli jsiru permezz ta' tluq sorveljat jew taħt skorta, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawn isiru b'mod uman u b'rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali u tad-dinjità umana.

   Fejn ikun neċessarju, l-applikant għandu jingħata *laissez passer* mill-Istat Membru rikjedenti jew li jinnotifika. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi d-disinn tal-*laissez passer*. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 67(2).

   L-Istat Membru responsabbli għandu jgħarraf lill-Istat Membru rikjedenti jew li jinnotifika, kif xieraq, bil-wasla sikura tal-persuna kkonċernata jew bil-fatt li huwa jew hija ma dehrux fi ħdan it-terminu stabbilit.

2. Fejn it-trasferiment ma jsirx sal-limiti ta' żmien stabbiliti fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, l-Istat Membru responsabbli għandhom jitneħħewlu l-obbligi tiegħu ta' teħid tar-responsabbiltà jew tat-teħid lura tal-persuna kkonċernata u r-responsabbiltà għandha tiġi trasferita lill-Istat Membru rikjedenti jew li jinnotifika.

   Minkejja l-ewwel subparagrafu, fejn il-persuna kkonċernata taħrab u l-Istat Membru rikjedenti jew li jinnotifika jinforma lill-Istat Membru responsabbli qabel l-iskadenza tat-termini stabbiliti fil-paragrafu 1, l-ewwel subparagrafu, li l-persuna kkonċernata ħarbet; l-Istat Membru ta' trasferiment għandu jżomm id-dritt li jwettaq it-trasferiment fi ħdan iż-żmien li jifdal fi stadju aktar tard, jekk il-persuna ssir disponibbli mill-ġdid għall-awtoritajiet, sakemm Stat Membru ieħor ma jkunx wettaq il-proċeduri skont dan ir-Regolament u jkun ittrasferixxa l-persuna lill-Istat Membru responsabbli wara li l-persuna tkun ħarbet.

3. Jekk persuna tkun ġiet ittrasferita bi żball jew deċiżjoni ta' trasferiment tkun inqalbet wara appell jew rieżami wara li jkun twettaq it-trasferiment, l-Istat Membru li wettaq it-trasferiment għandu jaċċetta dik il-persuna lura minnufih.

4. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi kundizzjonijiet uniformi għall-konsultazzjoni u għall-iskambju ta' informazzjoni

bejn l-Istati Membri, b'mod partikolari fil-każ ta' trasferimenti posposti jew imdewma, trasferimenti wara aċċettazzjoni awtomatika, trasferimenti ta' minorenni jew persuni dipendenti, u trasferimenti taħt superviżjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 67(2).

*Artikolu 36*

*L-ispejjeż tat-trasferimenti*

1. Skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*Il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil*], għandha titħallas kontribuzzjoni lill-Istat Membru li jwettaq it-trasferiment għat-trasferiment ta' applikant jew persuna oħra kif imsemmi fl-Artikolu 26(1)(b)(c) jew (d), skont l-Artikolu 35.

2. Meta l-persuna kkonċernata jkollha tiġi trasferita lura lejn Stat Membru minħabba trasferiment żbaljat jew wara deċiżjoni ta' trasferiment li tkun inqelbet wara appell jew ri-eżami wara li jkun sar it-trasferiment, l-Istat Membru li oriġinarjament ikun għamel it-trasferiment għandu jkun responsabbli għall-ispejjeż tat-trasferiment tal-persuna kkonċernata lura lejn it-territorju tiegħu.

3. Persuni li jkunu se jiġu ttrasferiti skont dan ir-Regolament ma għandhomx jintalbu jħallsu l-ispejjeż ta' dawn it-trasferimenti.

*Artikolu 37*

*L-iskambju ta' informazzjoni rilevanti qabel isir trasferiment*

1. L-Istat Membru li jwettaq it-trasferiment ta' applikant jew ta' persuna oħra kif imsemmi fl-Artikolu 26(1)(b)(c) jew (d) għandu jikkomunika lill-Istat Membru responsabbli dik id-*data* personali dwar il-persuna li trid tiġi trasferita skont kif ikun xieraq, rilevanti u limitat għal dak li huwa neċessarju għall-unika raġuni li jiġi żgurat li l-awtoritajiet kompetenti, skont id-dritt nazzjonali fl-Istat Membru responsabbli, ikunu f'pożizzjoni li jipprovdu assistenza adegwata lil dik il-persuna, inkluż l-għoti ta' kura tas-saħħa immedjata meħtieġa sabiex ikunu protetti l-interessi vitali tagħha, biex tiġi żgurata l-kontinwità fil-protezzjoni u fid-drittijiet mogħtija minn dan ir-Regolament u minn strumenti legali tal-ażil applikabbli oħrajn. Dik id-*data* għandha tiġi kkomunikata lill-Istat Membru responsabbli fi ħdan terminu raġonevoli qabel isir trasferiment, sabiex jiġi żgurat li l-awtoritajiet kompetenti tiegħu skont id-dritt nazzjonali ikollhom żmien suffiċjenti biex jieħdu l-miżuri meħtieġa.

2. L-Istat Membru ta' trasferiment għandu jittrażmetti lill-Istat Membru responsabbli kwalunkwe informazzjoni li tkun essenzjali għas-salvgwardja tad-drittijiet u l-ħtiġijiet speċjali immedjati tal-persuna li tkun se tiġi trasferita, u b'mod partikolari:

   (a) kwalunkwe miżura immedjata li l-Istat Membru responsabbli huwa obbligat li jieħu biex jiżgura li l-ħtiġijiet speċjali tal-persuna li tkun se tiġi trasferita jiġu indirizzati b'mod adegwat, inkluż kwalunkwe kura tas-saħħa immedjata li tista' tkun meħtieġa;

   (b) id-dettalji ta' kuntatt tal-membri tal-familja, qraba jew relazzjonijiet familjari oħrajn fl-Istat Membru riċevitur, fejn applikabbli;

   (c) fil-każ ta' minorenni, informazzjoni dwar l-edukazzjoni tagħhom;

(d) evalwazzjoni tal-età tal-applikant;

(e) informazzjoni miġbura matul l-iskrinjar skont l-Artikolu 13 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament dwar l-Iskrinjar*].

3. L-iskambju ta' informazzjoni taħt dan l-Artikolu għandu jsir biss bejn l-awtoritajiet notifikati lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 41 ta' dan ir-Regolament permezz tan-network tal-komunikazzjoni elettronika stabbilit skont l-Artikolu 18 tar-Regolament (KE) Nru 1560/2003. L-informazzjoni skambjata għandha tintuża biss għall-finijiet stipulati fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu u ma għandhiex tiġi proċessata ulterjorment.

4. Bil-għan li l-iskambju ta' informazzjoni bejn l-Istati Membri jiġi ffaċilitat, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tfassal formola standard għat-trasferiment tad-*data* li hemm bżonn skont dan l-Artikolu. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami stabbilita fl-Artikolu 67(2).

5. Ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 40(8) u (9) għandhom japplikaw għall-iskambju ta' informazzjoni skont dan l-Artikolu.

*Artikolu 38*

*L-iskambju ta' informazzjoni rilevanti għas-sikurezza qabel isir trasferiment*

Fejn l-Istat Membru li jwettaq trasferiment ikollu fil-pussess tiegħu informazzjoni li tindika li hemm raġunijiet raġonevoli biex l-applikant jew persuna oħra kif imsemmi fl-Artikolu 26(1)(b)(c) jew (d) titqies bħala periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku fi Stat Membru, dak l-Istat Membru għandu jikkomunika wkoll din l-informazzjoni lill-Istat Membru responsabbli.

*Artikolu 39*

*Skambju ta' data dwar is-saħħa qabel isir trasferiment*

1. Għall-unika raġuni li tingħata kura medika jew li jingħata trattament mediku, b'mod partikolari rigward persuni b'diżabbiltà, anzjani, nisa tqal, minorenni u persuni li sfaw ittorturati, stuprati jew li sofrew forom serji oħra ta' vjolenza psikoloġika, fiżika u sesswali, l-Istat Membru ta' trasferiment għandu, diment li tkun disponibbli għall-awtorità kompetenti skont id-dritt nazzjonali, jibgħat lill-Istat Membru responsabbli l-informazzjoni dwar kwalunkwe bżonn speċjali tal-persuna li tkun se tiġi ttrasferita, li f'każijiet speċifiċi tista' tinkludi informazzjoni dwar l-istat ta' saħħa fiżika u mentali ta' dik il-persuna. Dik l-informazzjoni għandha tiġi trasferita f'ċertifikat tas-saħħa komuni bid-dokumenti meħtieġa mehmuża. L-Istat Membru responsabbli għandu jiżgura li dawk il-bżonnijiet speċjali huma indirizzati b'mod xieraq, inkluż b'mod partikolari kwalunkwe kura medika essenzjali li jista' jkun hemm bżonn.

Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tfassal iċ-ċertifikat tas-saħħa komuni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami stabbilita fl-Artikolu 67(2).

2. L-Istat Membru ta' trasferiment għandu jitrażmetti biss l-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1 lill-Istat Membru responsabbli wara li jkun kiseb il-kunsens espliċitu tal-applikant u/jew tar-rappreżentant tiegħu jew tagħha, jew, meta trażmissjoni bħal

din tkun meħtieġa biex tipproteġi s-saħħa pubblika u s-sigurtà pubblika, jew, meta l-persuna konċernata tkun fiżikament jew legalment inkapaċi li tagħti l-kunsens tagħha, għall-protezzjoni tal-interessi vitali tal-persuna konċernata jew ta' persuna oħra. In-nuqqas ta' kunsens, inkluż rifjut ta' kunsens, ma għandux jikkostitwixxi ostakolu għat-trasferiment.

3. L-ipproċessar tad-*data* tas-saħħa personali msemmija fil-paragrafu 1 għandu jsir biss minn professjonista tal-kura tas-saħħa li huwa soġġett, taħt il-liġi jew regoli nazzjonali stabbiliti mill-korpi kompetenti nazzjonali, għall-obbligu tas-segretezza professjonali jew minn persuna oħra soġġetta għal obbligu ekwivalenti ta' sigriet professjonali.

4. L-iskambju ta' informazzjoni skont dan l-Artikolu għandu jsir biss bejn il-professjonisti tas-saħħa jew persuni oħrajn imsemmijin fil-paragrafu 3. L-informazzjoni skambjata għandha tintuża biss għall-għanijiet stabbiliti fil-paragrafu 1 u ma għandhiex tiġi pproċessata ulterjorment.

5. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta kundizzjonijiet uniformi u arranġamenti prattiċi għall-iskambju tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 1. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami stabbilita fl-Artikolu 67(2).

6. Ir-regoli stabbiliti fl-Artikolu 40(8) u (9) għandhom japplikaw għall-iskambju ta' informazzjoni skont dan l-Artikolu.

## KAPITOLU VI

## *KOOPERAZZJONI AMMINISTRATTIVA*

### *Artikolu 40*

### *Kondiviżjoni ta' informazzjoni*

1. Kull Stat Membru għandu jikkomunika lil kwalunkwe Stat Membru li jitlob, tali *data* personali dwar il-persuna koperta mill-kamp ta' applikazzjoni ta' dan ir-Regolament skont kif ikun xieraq, rilevanti u limitat għal dak li huwa neċessarju għal:

   (a) id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli;

   (b) l-eżami tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali;

   (c) l-implimentazzjoni ta' kull obbligu li jirriżulta minn dan ir-Regolament.

2. L-informazzjoni li hemm referenza għaliha fil-paragrafu 1 għandha tkopri biss:

   (a) dettalji personali tal-persuna kkonċernata, u, fejn xieraq, tal-membri tal-familja tagħha, qraba jew relazzjonijiet familjari oħra (isem sħiħ u fejn xieraq, isem preċedenti; laqmijiet jew psewdonimi; nazzjonalità, preżenti u preċedenti; data u post tat-twelid);

   (b) dokumenti tal-identità u tal-ivvjaġġar (referenzi, validità, data ta' ħruġ, awtorità tal-ħruġ, post tal-ħruġ, eċċ.);

   (c) informazzjoni oħra meħtieġa biex tiġi stabbilita l-identità tal-persuna kkonċernata, inkluż *data* bijometrika meħuda mill-applikant mill-Istat Membru, b'mod partikolari għall-finijiet tal-Artikolu 57(6) ta' dan ir-

Regolament, f'konformità mar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament Eurodac*];

(d) postijiet ta' residenza u rotot li tulhom sar il-vjaġġ;

(e) dokumenti ta' residenza jew viżas maħruġin minn Stat Membru;

(f) post fejn l-applikazzjoni ġiet ippreżentata;

(g) id-data li fiha kwalunkwe applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali preċedenti ġiet ippreżentata, id-data li fiha l-applikazzjoni preżenti ġiet irreġistrata, l-istadju milħuq fil-proċedimenti u d-deċiżjoni meħuda, jekk hemm.

3. Diment li huwa meħtieġ għall-eżami tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali, l-Istat Membru responsabbli jista' jitlob lil Stat Membru ieħor biex jgħarrfu dwar liema raġunijiet l-applikant qiegħed jibbaża l-applikazzjoni tiegħu jew tagħha u, fejn applikabbli, ir-raġunijiet għal kull deċiżjoni meħuda dwar l-applikant. L-Istat Membru l-ieħor jista' jirrifjuta li jwieġeb għat-talba sottomessa lilu, jekk il-komunikazzjoni ta' informazzjoni bħal din aktarx li tkun ta' ħsara għall-interessi essenzjali tiegħu jew għall-protezzjoni tal-libertajiet u tad-drittijiet fundamentali tal-persuna kkonċernata jew ta' oħrajn. F'kull każ, il-komunikazzjoni tal-informazzjoni mitluba għandha tkun soġġetta għall-approvazzjoni bil-miktub tal-applikant għall-protezzjoni internazzjonali, miksuba mill-Istat Membru rikjedenti. F'dak il-każ l-applikant irid ikun jaf għal liema informazzjoni speċifika qiegħed jagħti l-approvazzjoni tiegħu jew tagħha.

4. Kull talba għal informazzjoni għandha tintbagħat biss fil-kuntest ta' applikazzjoni individwali għall-protezzjoni internazzjonali jew għat-trasferiment għall-finijiet ta' rilokazzjoni. Hija għandha tiddikjara r-raġunijiet li fuqhom hija bbażata u, fejn l-għan tagħha huwa li tikkontrolla jekk hemmx kriterju li aktarx jinvolvi r-responsabbiltà tal-Istat Membru rikjest, għandha tiddikjara fuq liema evidenza, inkluża informazzjoni rilevanti minn sorsi ta' min jorbot fuqhom dwar il-metodi u l-mezzi li bihom l-applikanti jidħlu fit-territorji tal-Istati Membri, jew dwar liema parti speċifika u verifikabbli tad-dikjarazzjonijiet tal-applikant tkun ibbażata. Tali informazzjoni rilevanti minn sorsi ta' min jorbot fuqhom mhijiex fiha nnifisha suffiċjenti biex tiddetermina r-responsabbiltà u l-kompetenza ta' Stat Membru taħt dan ir-Regolament, iżda tista' tikkontribwixxi għall-evalwazzjoni ta' indikazzjonijiet oħrajn relatati mal-applikant individwali.

5. L-Istat Membru rikjest għandu jkun obbligat iwieġeb fi żmien tliet ġimgħat. Kull dewmien biex iwieġeb għandu jkun iġġustifikat b'mod xieraq. Nuqqas ta' konformità mat-terminu ta' tliet gimgħat ma għandux jeħles lill-Istat Membru rikjest mill-obbligu li jagħti tweġiba. Jekk ir-riċerka mwettqa mill-Istat Membru rikjest li ma rrispettax it-terminu massimu taħbi informazzjoni li turi li huwa responsabbli, dak l-Istat Membru ma jistax jinvoka l-iskadenza tat-termini previsti fl-Artikolu 29 bħala raġuni għar-rifjut tal-konformità ma' talba għal teħid tar-responsabbiltà. F'dak il-każ, it-termini previsti fl-Artikolu 29 għall-preżentazzjoni ta' talba għal teħid tar-responsabbiltà għandha tiġi estiża b'perjodu ta' żmien ekwivalenti għad-dewmien biex tingħata t-tweġiba mill-Istat Membru rikjest.

6. L-iskambju ta' informazzjoni għandu jitwettaq fuq talba ta' Stat Membru u jista' jsir biss bejn awtoritajiet li l-ħatra tagħhom minn kull Stat Membru tkun ġiet ikkomunikata lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 41(1)

7. L-informazzjoni skambjata tista' tintuża biss għall-għanijiet stabbiliti fil-paragrafu 1. F'kull Stat Membru, informazzjoni bħal din tista', skont it-tip tagħha u l-poteri tal-awtorità riċevitriċi, tiġi kkomunikata biss lill-awtoritajiet u l-qrati u tribunali fdati b'dawn li ġejjin:

(a) id-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli;

(b) l-eżami tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali;

(c) l-implimentazzjoni ta' kull obbligu li jirriżulta minn dan ir-Regolament.

8. L-Istat Membru li jibgħat l-informazzjoni għandu jiżgura li din tkun preċiża u aġġornata. Jekk isir magħruf li huwa kien bagħat informazzjoni li ma kinitx preċiża jew li ma kellhiex tintbagħat, l-Istati Membri riċevituri għandhom jiġu infurmati immedjatament b'dan. Huma għandhom ikunu obbligati jikkoreġu din l-informazzjoni jew iħassruha.

9. F'kull Stat Membru kkonċernat, għandu jinżamm rekord, fil-fajl individwali għall-persuna kkonċernata jew f'reġistru, tat-trażmissjoni u l-wasla ta' informazzjoni skambjata.

*Artikolu 41*

*Awtoritajiet kompetenti u riżorsi*

1. Kull Stat Membru għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bla dewmien dwar l-awtoritajiet speċifiċi responsabbli biex jissodisfaw obbligi li jirriżultaw minn dan ir-Regolament, u kull emenda għalihom. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li dawk l-awtoritajiet ikollhom ir-riżorsi meħtieġa biex jeżegwixxu l-kompiti tagħhom u b'mod partikolari biex iwieġbu sal-iskadenzi preskritti għal talbiet għal informazzjoni, talbiet għat-teħid tar-responsabbiltà, notifiki ta' teħid lura u, jekk applikabbli, konformità mal-obbligi tagħhom skont il-Kapitoli I-III tal-Parti IV.

2. Il-Kummissjoni għandha tippubblika lista kkonsolidata tal-awtoritajiet imsemmija fil-paragrafu 1 f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Jekk ikun hemm xi tibdil għal dik il-lista, il-Kummissjoni għandha tippubblika lista konsolidata aġġornata darba fis-sena.

3. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet imsemmija fil-paragarafu 1 għandhom jirċievu t-taħriġ neċessarju fir-rigward tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament.

4. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi kanali ta' trażmissjoni elettronika sikuri bejn l-awtoritajiet li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1 u bejn dawk l-awtoritajiet u l-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għall-Ażil għat-trażmissjoni ta' informazzjoni, *data* bijometrika meħuda skont ir-Regolament (UE) XXX/XXX [*Regolament Eurodac*], talbiet, notifiki, tweġibiet u l-korrispondenza kollha miktuba u biex jiġi żgurat li l-mittenti jirċievu awtomatikament prova elettronika tal-bgħit. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 67(2).

*Artikolu 42*

*Arranġamenti amministrattivi*

1. L-Istati Membri jistgħu, fuq bażi bilaterali, jistabbilixxu arranġamenti amministrattivi bejniethom dwar id-dettalji prattiċi għall-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament, biex tkun iffaċilitata l-applikazzjoni tiegħu u sabiex tiżdied l-effikaċja tiegħu. Arranġamenti bħal dawn jistgħu jirrigwardaw:
   (a) skambji ta' uffiċjali ta' kollegament;
   (b) simplifikazzjoni tal-proċeduri u tqassir tat-termini relatati mat-trażmissjoni u l-eżami ta' talbiet għal teħid tar-responsabbiltà għall-applikanti jew għat-teħid lura tagħhom;
   (c) kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà magħmula skont il-Kapitoli I-III tal-Parti IV.
2. L-Istati Membri għandhom ukoll iżommu l-arranġamenti amministrattivi konklużi taħt ir-Regolament (KE) Nru 343/2003 u r-Regolament (UE) Nru 604/2013. Sa fejn dawn l-arranġamenti mhumiex kompatibbli ma' dan ir-Regolament, l-Istati Membri kkonċernati għandhom jemendaw l-arranġamenti b'tali mod li jeliminaw kwalunkwe inkompatibbiltà.
3. Qabel il-konklużjoni jew l-emenda ta' kwalunkwe arranġament imsemmi fil-paragrafu 1(b), l-Istati Membri kkonċernati għandhom jikkonsultaw mal-Kummissjoni dwar il-kompatibbiltà tal-arranġament ma' dan ir-Regolament.
4. Jekk il-Kummissjoni tikkunsidra li l-arranġamenti li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1(b) huma inkompatibbli ma' dan ir-Regolament, hija għandha, f'perjodu raġonevoli, tinnotifika lill-Istati Membri kkonċernati. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-passi adatti kollha biex jemendaw l-arranġament ikkonċernat fi żmien raġonevoli b'tali mod li jeliminaw kwalunkwe inkompatibbiltà li tiġi osservata.
5. L-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni rigward l-arranġamenti kollha msemmijin fil-paragrafu 1, u rigward kwalunkwe denunzja tagħhom, jew emenda għalihom.

*Artikolu 43*

*In-network tal-unitajiet responsabbli*

L-Aġenzija għall-Asil għandha tistabbilixxi u tiffaċilita l-attivitajiet ta' network tal-awtoritajiet kompetenti li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 41(1), bl-għan li ttejjeb il-kooperazzjoni prattika u l-iskambju ta' informazzjoni dwar il-kwistjonijiet kollha relatati mal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, inkluż l-iżvilupp ta' għodod prattiċi u gwida.

## KAPITOLU VII

## *KONĊILJAZZJONI*

### *Artikolu 44*

### *Konċiljazzjoni*

1. Sabiex jiġi ffaċilitat il-funzjonament tajjeb tal-mekkaniżmi stabbiliti skont dan ir-Regolament u sabiex jiġu riżolti d-diffikultajiet fl-applikazzjoni tagħhom, fejn żewġ Stati Membri jew aktar jiltaqgħu ma' diffikultajiet fil-kooperazzjoni tagħhom skont dan ir-Regolament jew fl-applikazzjoni tiegħu bejniethom, l-Istati Membri kkonċernati għandhom, fuq talba ta' wieħed jew aktar minnhom, jagħmlu konsultazzjonijiet mingħajr dewmien bil-għan li jinstabu soluzzjonijiet xierqa fi żmien raġonevoli, f'konformità mal-prinċipju ta' kooperazzjoni sinċiera.

   Kif xieraq, l-informazzjoni dwar id-diffikultajiet li wieħed jiltaqa' magħhom u s-soluzzjoni li tinstab tista' tiġi kondiviża mal-Kummissjoni u mal-Istati Membri l-oħrajn fi ħdan il-Kumitat li hemm referenza għalih fl-Artikolu 67.

2. Fejn ma tinstab l-ebda soluzzjoni skont il-paragrafu 1 jew fejn id-diffikultajiet jippersistu, Stat Membru wieħed jew aktar ikkonċernati jistgħu jitolbu lill-Kummissjoni biex tagħmel konsultazzjonijiet mal-Istati Membri kkonċernati bil-għan li jinstabu soluzzjonijiet xierqa. Il-Kummissjoni għandha tagħmel konsultazzjonijiet bħal dawn mingħajr dewmien. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jipparteċipaw b'mod attiv fil-konsultazzjonijiet u, flimkien mal-Kummissjoni, għandhom jieħdu l-miżuri kollha xierqa biex isolvu l-kwistjoni minnufih. Il-Kummissjoni tista' tadotta rakkomandazzjonijiet indirizzati lill-Istati Membri kkonċernati li jindikaw il-miżuri li għandhom jittieħdu u l-iskadenzi xierqa.

   Kif xieraq, l-informazzjoni dwar id-diffikultajiet li wieħed jiltaqa' magħhom, ir-rakkomandazzjonijiet magħmula u s-soluzzjoni misjuba jistgħu jiġu kondiviżi mal-Istati Membri l-oħrajn fil-Kumitat imsemmi fl-Artikolu 67.

3. Dan l-Artikolu għandu jkun mingħajr preġudizzju għas-setgħat tal-Kummissjoni li tissorvelja l-applikazzjoni tad-dritt tal-Unjoni skont l-Artikoli 258 u 260 tat-Trattat. Għandu jkun mingħajr preġudizzju għall-possibbiltà li l-Istati Membri kkonċernati jressqu t-tilwima tagħhom quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja skont l-Artikolu 273 tat-Trattat jew li jressqu l-kwistjoni quddiem il-Qorti skont l-Artikolu 259 tat-Trattat.

# PARTI IV

## *SOLIDARJETÀ*

## KAPITOLU I

## *MEKKANIŻMI TA' SOLIDARJETÀ*

*Artikolu 45*

*Kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà*

1. Il-kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà għall-benefiċċju ta' Stat Membru taħt pressjoni migratorja jew soġġett għal żbarki wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ għandhom jikkonsistu minn dawn it-tipi li ġejjin:

   (a) ir-rilokazzjoni ta' applikanti li mhumiex soġġetti għall-proċedura fuq il-fruntiera għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali stabbilita bl-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil*];

   (b) l-isponsorizzazzjoni tar-ritorn ta' ċittadini ta' pajjiż terz li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment;

   (c) ir-rilokazzjoni ta' benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali li ngħataw protezzjoni internazzjonali inqas minn tliet snin qabel l-adozzjoni ta' att ta' implimentazzjoni skont l-Artikolu 53(1);

   (d) miżuri ta' bini tal-kapaċità fil-qasam tal-ażil, l-akkoljenza u r-ritorn, l-appoġġ operazzjonali u l-miżuri mmirati lejn ir-rispons għal xejriet migratorji li jaffettwaw l-Istat Membru benefiċjarju permezz ta' kooperazzjoni ma' pajjiżi terzi.

2. Kontribuzzjonijiet bħal dawn jistgħu, skont l-Artikolu 56, jikkonsistu wkoll f'dawn li ġejjin:

   (a) ir-rilokazzjoni ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali soġġetta għall-proċedura fuq il-fruntiera skont l-Artikolu 41 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil*];

   (b) ir-rilokazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiż terz li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment.

*Artikolu 46*

*Forum ta' Solidarjetà*

Forum ta' Solidarjetà għandu jinkludi lill-Istati Membri kollha. Il-Kummissjoni għandha tlaqqa' u tippresjedi l-Forum ta' Solidarjetà sabiex tiżgura l-funzjonament bla xkiel ta' din il-Parti.

*Artikolu 47*

*Solidarjetà għall-iżbarki wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ*

1. Dan l-Artikolu u l-Artikoli 48 u 49 għandhom japplikaw għal operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ li jiġġeneraw wasliet rikorrenti ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi jew ta' persuni mingħajr stat fit-territorju ta' Stat Membru u għal persuni vulnerabbli kif stabbilit fl-Artikolu 49(4).

2. Fejn ir-Rapport dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni msemmi fl-Artikolu 6(4) jindika li Stat Membru wieħed jew aktar ikunu qed jiffaċċjaw is-sitwazzjonijiet li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1, huwa għandu jistabbilixxi wkoll in-numru totali ta' applikanti għal protezzjoni internazzjonali li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 45(1)(a) li jkunu jenħtieġu li jiġu rilokati sabiex jiġu megħjuna dawk l-Istati Membri. Ir-rapport għandu jidentifika wkoll kwalunkwe miżura għall-bini tal-kapaċitajiet imsemmija fl-Artikolu 45(1)(d) li huma meħtieġa biex jassistu lill-Istat Membru kkonċernat.

3. Fi żmien ġimagħtejn mill-adozzjoni tar-Rapport dwar il-ġestjoni tal-Migrazzjoni, il-Kummissjoni għandha tistieden lill-Istati Membri l-oħrajn kollha li mhumiex mistennija li jiġu ffaċċjati bil-wasliet fit-territorju tagħhom kif imsemmi fil-paragrafu 1 biex jipprovdu l-kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 2. Fit-talba tagħha, il-Kummissjoni għandha tindika l-għadd totali ta' applikanti li għandhom jiġu rilokati minn kull Stat Membru fil-forma ta' kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà msemmija fl-Artikolu 45(1)(a) minn kull Stat Membru, ikkalkulat skont il-koeffiċjent tad-distribuzzjoni stabbilit fl-Artikolu 54. Il-koeffiċjent tad-distribuzzjoni għandu jinkludi s-sehem tal-Istati Membri benefiċjarji.

4. Fi żmien xahar mill-adozzjoni tar-Rapport dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni, l-Istati Membri għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar il-kontribuzzjonijiet li beħsiebhom jagħmlu, billi jikkompletaw il-Pjan ta' Rispons tas-Solidarjetà SAR stabbilit fl-Anness I. L-Istati Membri għandhom jindikaw jekk għandhomx l-intenzjoni li jipprovdu kontribuzzjonijiet fil-forma ta':

   (a) rilokazzjoni f'konformità mal-Artikolu 45(1)(a); jew

   (b) miżuri skont l-Artikolu 45(1)(d) identifikati fir-Rapport dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni; jew

   (c) rilokazzjoni skont l-Artikolu 45(1)(a) ta' persuni vulnerabbli skont l-Artikolu 49(4).

5. Fejn il-Kummissjoni tqis li l-kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà indikati mill-Istati Membri kollha skont il-paragrafu 4 ma jissodisfawx b'mod sinifikanti l-kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà totali stabbiliti fir-Rapport dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni, il-Kummissjoni għandha tlaqqa' l-Forum ta' Solidarjetà. Il-Kummissjoni għandha tistieden lill-Istati Membri biex jaġġustaw in-numru u, fejn rilevanti, it-tip ta' kontribuzzjonijiet. L-Istati Membri li jaġġustaw il-kontribuzzjonijiet tagħhom għandhom jissottomettu Pjanijiet ta' Rispons ta' Solidarjetà (SAR) matul il-Forum ta' Solidarjetà.

### *Artikolu 48*

### *Atti ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni għal operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ*

1. Fi żmien ġimagħtejn mill-preżentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Rispons ta' Solidarjetà SAR imsemmija fl-Artikolu 47(4) jew ġimagħtejn mit-tmiem tal-Forum ta' Solidarjetà msemmi fl-Artikolu 47(5), u fejn il-kontribuzzjonijiet totali ta' solidarjetà indikati mill-Istati Membri kollha fil-pjanijiet tagħhom jikkorrispondu għal, jew jiġu kkunsidrati mill-Kummissjoni bħala qrib biżżejjed tal-kontribuzzjonijiet totali ta' solidarjetà stabbiliti fir-Rapport dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni, il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-miżuri ta' solidarjetà indikati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 47(4) jew l-Artikolu 47(5). Dawn il-miżuri għandhom jikkostitwixxu raggruppament ta' solidarjetà għal kull Stat Membru li mistenni li jkun iffaċċjat bi żbarki fi żmien qasir.

   Fejn l-Aġenzija tal-Ażil tinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri li 80 % tar-riżerva ta' solidarjetà fl-ewwel subparagrafu ntużat għal Stat Membru benefiċjarju wieħed jew aktar, il-Kummissjoni għandha tlaqqa' l-Forum ta' Solidarjetà biex tinforma lill-Istati Membri bis-sitwazzjoni u titlob lill-Istati Membri biex iżidu l-kontribuzzjonijiet tagħhom. Wara t-tmiem tal-Forum tas-Solidarjetà, fejn l-Istati Membri jkunu indikaw li huma lesti li jagħmlu kontribuzzjonijiet miżjuda, il-Kummissjoni għandha temenda l-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi riżerva ta' solidarjetà li hemm referenza għaliha fl-ewwel subparagrafu fir-rigward tal-Istat Membru benefiċjarju kkonċernat biex jiżdiedu l-kontribuzzjonijiet indikati mill-Istati Membri.

2. Fejn in-numru totali ta' kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà indikati mill-Istati Membri skont l-Artikolu 47(5) jonqos mit-total ta' kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà stipulati fir-Rapport tal-Ġestjoni tal-Migrazzjoni li jwassal għal sitwazzjoni fejn ir-riżerva ta' solidarjetà ma tkunx tista' tipprovdi bażi prevedibbli ta' appoġġ kontinwu lill-Istati Membri li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 47(2), il-Kummissjoni għandha, fi żmien ġimagħtejn wara t-tmiem tal-Forum tas-Solidarjetà, tadotta atti ta' implimentazzjoni biex tistabbilixxi riżerva ta' solidarjetà għal kull Stat Membru li mistenni jaffaċċja żbarki fi żmien terminu qasir. Dak l-att ta' implimentazzjoni għandu jistabbilixxi:

   (a) l-għadd totali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li għandhom jiġu koperti minn rilokazzjoni biex jikkontribwixxu għall-ħtiġijiet tal-Istati Membri li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 47(2) kif identifikati fir-Rapport dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni;

   (b) l-għadd u s-sehem li hemm referenza għalihom fil-punt (a) għal kull Stat Membru, inkluż l-Istati Membri benefiċjarji kkalkulati skont il-koeffiċjent tad-distribuzzjoni stabbilit fl-Artikolu 54;

   (c) il-miżuri indikati mill-Istati Membri kif stipulat fl-Artikolu 45(1)(d).

   Meta l-Istati Membri jkunu indikaw miżuri stabbiliti fl-Artikolu 45(1)(d), dawk il-miżuri għandhom ikunu proporzjonali għall-kontribuzzjonijiet li l-Istati Membri jkunu għamlu permezz tar-rilokazzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 45(1)(a) bħala riżultat tal-applikazzjoni tal-koeffiċjent tad-distribuzzjoni stabbilit fl-Artikolu 54. Dawn għandhom jiġu stabbiliti fl-att ta' implimentazzjoni ħlief fejn l-indikazzjonijiet mill-Istati Membri jwasslu għal nuqqas ta' aktar minn 30 % tan-numru totali ta' rilokazzjonijiet identifikati fir-Rapport dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni. F'dawk il-

każijiet, il-kontribuzzjonijiet stipulati fl-att ta' implimentazzjoni għandhom jiġu aġġustati sabiex dawk l-Istati Membri li jindikaw miżuri bħal dawn ikunu meħtieġa jkopru 50 % tas-sehem tagħhom ikkalkulat skont il-koeffiċjent tad-distribuzzjoni stabbilit fl-Artikolu 54 permezz ta' rilokazzjoni jew sponsorizzazzjoni tar-ritorn kif hemm referenza għalihom fl-Artikolu 45(1)(b) jew taħlita tat-tnejn. L-Istati Membri kkonċernati għandhom jindikaw immedjatament lill-Kummissjoni kif bi ħsiebhom ikopru s-sehem tagħhom f'dan ir-rigward. Il-Kummissjoni għandha taġġusta l-kontribuzzjonijiet stabbiliti fl-att ta' implimentazzjoni dwar ir-rilokazzjoni, l-isponsorjar tar-ritorn u l-miżuri msemmija fl-Artikolu 45(1)(d) għal dawk l-Istati Membri bix-xieraq.

Fejn Stat Membru wieħed jew aktar ma jkunux issottomettew Pjan ta' Reazzjoni ta' Solidarjetà SAR fi ħdan it-termini stabbiliti fl-Artikolu 47(4) u fl-Artikolu 47(5), il-Kummissjoni għandha tiddetermina l-ammont u t-tip ta' kontribuzzjonijiet li għandhom isiru minn dawk l-Istati Membri.

Fejn l-Aġenzija tal-Ażil tinnotifika lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri li 80 % tar-riżerva ta' solidarjetà fl-ewwel subparagrafu ntużat għal Stat Membru benefiċjarju wieħed jew aktar, il-Kummissjoni għandha tlaqqa' l-Forum ta' Solidarjetà biex tinforma lill-Istati Membri dwar is-sitwazzjoni u l-ħtiġijiet addizzjonali tal-Istati Membri. Wara l-Forum tas-Solidarjetà, il-Kummissjoni għandha tadotta emenda għall-att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi riżerva ta' solidarjetà msemmija fl-ewwel subparagrafu fir-rigward tal-Istat Membru benefiċjarju kkonċernat biex jiżdied l-għadd totali ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi koperti mill-miżuri ta' solidarjetà li hemm referenza għalihom fil-punt (a) tal-ewwel subparagrafu b'massimu ta' 50 %. Is-sehem ta' kull Stat Membru li hemm referenza għalih fil-punt (b) tal-ewwel subparagrafu għandu jiġi emendat bix-xieraq. Fejn jiġu applikati d-dispożizzjonijiet tat-tieni subparagrafu u l-Istati Membri jkunu indikaw li għandhom jikkontribwixxu permezz ta' sponsorizzazzjoni tar-ritorn, is-sehem ta' dawn il-miżuri għandu jiżdied b'50 %. Il-miżuri msemmija fl-Artikolu 45(1)(d) għandhom jiżdiedu wkoll b'sehem li jkun proporzjonali għal żieda ta' 50 % ta' dak is-sehem tal-Istati Membri kkalkulat skont il-koeffiċjent tad-distribuzzjoni stabbilit fl-Artikolu 54.

3. L-att ta' implimentazzjoni li hemm referenza għalih fil-paragrafi 1 u 2 għandu jiġi adottat f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 67(2).

*Artikolu 49*

*Riżerva ta' solidarjetà għall-operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ*

1. Fi żmien ġimagħtejn mill-adozzjoni tal-att ta' implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 48(1) jew l-Artikolu 48(2), l-Istat Membru msemmi fl-Artikolu 47(2) għandu jinnotifika lill-Kummissjoni bit-talba tiegħu għal appoġġ ta' solidarjetà. Wara dik it-talba, il-Kummissjoni għandha tibbaża fuq ir-riżerva ta' solidarjetà u għandha tikkoordina l-implimentazzjoni tal-miżuri ta' solidarjetà għal kull żbark jew grupp ta' żbarki li jseħħu f'perjodu ta' ġimagħtejn.

2. Taħt il-koordinazzjoni tal-Kummissjoni, l-Aġenzija għall-Asil u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għandhom ifasslu l-lista ta' persuni eliġibbli li għandhom jiġu rilokati u li għandhom ikunu soġġetti għal sponsorizzazzjoni tar-ritorn. Il-lista għandha tindika d-distribuzzjoni ta' dawk il-persuni fost l-Istati Membri kontributuri filwaqt li jitqies l-għadd totali ta' persuni li għandhom jiġu rilokati jew li jkunu soġġetti għal sponsorizzazzjoni ta' ritorn minn kull Stat Membru

kontribwenti, in-nazzjonalità ta' dawk il-persuni u l-eżistenza ta' rabtiet sinifikanti bejniethom u l-Istat Membru ta' rilokazzjoni jew ta' sponsorizzazzjoni tar-ritorn. Għandha tingħata prijorità għar-rikolazzjoni ta' persuni vulnerabbli. L-Aġenzija għall-Asil u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għandhom jassistu lill-Kummissjoni fil-monitoraġġ tal-użu tar-riżerva ta' solidarjetà.

3. Fejn il-Kummissjoni tkun adottat rapport li jikkonkludi li Stat Membru msemmi fl-Artikolu 47(2) jinsab taħt pressjoni migratorja kif stabbilit fl-Artikolu 51(3), il-kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà li jifdal mir-riżerva ta' solidarjetà stabbilita taħt l-Artikolu 48(1) jew l-Artikolu 48(2) jistgħu jintużaw għall-fini li immedjatament itaffu l-pressjoni migratorja fuq dak l-Istat Membru. F'każijiet bħal dawn, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2.

Dan il-paragrafu ma għandux japplika fejn jiġi adottat att ta' implimentazzjoni previst fl-Artikolu 53. Mill-adozzjoni ta' dak l-att ta' implimentazzjoni li jfassal il-lista ta' persuni eliġibbli li għandhom jiġu rilokati u li huma soġġetti għal sponsorizzazzjoni ta' ritorn kif previst fil-paragrafu 2, għandu jieqaf.

Fejn ir-riżerva ta' solidarjetà msemmija fl-ewwel subparagrafu ma tkunx biżżejjed sabiex ittaffi minnufih l-isfidi ffaċċjati mill-Istat Membru li hemm referenza għalih fl-Artikolu 47(2), il-kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà mir-riżerva ta' solidarjetà tal-Istati Membri l-oħrajn stabbiliti taħt l-Artikolu 48(1) jew l-Artikolu 48(2) jistgħu jintużaw sakemm dan ma jipperikolax il-funzjonament tar-riżerva għal dawk l-Istati Membri.

4. Fejn ir-Rapport dwar il-Ġestjoni tal-Migrazzjoni jidentifika li Stat Membru msemmi fl-Artikolu 47(2) qed jiffaċċja sfidi ta' kapaċità minħabba l-preżenza ta' applikanti li huma vulnerabbli irrispettivament minn kif qasmu l-fruntieri esterni, ir-riżerva ta' solidarjetà stabbilita skont l-Artikolu 48(1) jew l-Artikolu 48(2) tista' tintuża wkoll għall-finijiet ta' rilokazzjoni ta' persuni vulnerabbli. F'każijiet bħal dawn, għandhom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 2.

5. Il-Kummissjoni għandha tappoġġa u tiffaċilita l-proċeduri li jwasslu għar-rilokazzjoni ta' applikanti u l-implimentazzjoni tal-isponsorizzazzjoni tar-ritorn, filwaqt li tingħata attenzjoni partikolari għal minorenni mhux akkumpanjati. L-Aġenzija għandha tikkoordina l-aspetti operazzjonali tar-rilokazzjoni u tal-isponsorizzazzjoni tar-ritorn, inkluż bl-assistenza ta' esperti jew ta' timijiet ta' esperti li għandhom jiġu skjerati mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta.

*Artikolu 50*

*Valutazzjoni tal-pressjoni migratorja*

1. Il-Kummissjoni għandha tivvaluta s-sitwazzjoni migratorja fi Stat Membru fejn:

(a) dak l-Istat Membru jkun informa lill-Kummissjoni li huwa jqis lilu nnifsu li huwa taħt pressjoni migratorja;

(b) abbażi tal-informazzjoni disponibbli, hija tqis li Stat Membru jista' jkun taħt pressjoni migratorja.

2. L-Aġenzija għall-Asil u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta għandhom jassistu lill-Kummissjoni fit-tfassil tal-valutazzjoni tal-pressjoni

migratorja. Il-Kummissjoni għandha tinforma lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Istati Membri, mingħajr dewmien, li hija qed tagħmel valutazzjoni.

3. Il-valutazzjoni tal-pressjoni migratorja għandha tkopri s-sitwazzjoni fl-Istat Membru kkonċernat matul is-sitt xhur preċedenti, meta mqabbla mas-sitwazzjoni ġenerali fl-Unjoni, u għandha tkun ibbażata b'mod partikolari fuq l-informazzjoni li ġejja:

(a) in-numru ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali minn ċittadini ta' pajjiżi terzi u n-nazzjonalità tal-applikanti;

(b) l-għadd ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li nstabu mill-awtoritajiet tal-Istati Membri waqt li ma kinux qed jissodisfaw, jew ma jibqgħux jissodisfaw il-kundizzjonijiet għad-dħul, permanenza jew residenza fl-Istat Membru inkluż dawk li qabżu t-tul tal-perjodu intitolati għalih skont it-tifsira tal-Artikolu 3(1)(19) tar-Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[58];

(c) l-għadd ta' deċiżjonijiet ta' ritorn li jirrispettaw id-Direttiva 2008/115/KE;

(d) l-għadd ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li telqu mit-territorju tal-Istati Membri wara deċiżjoni ta' ritorn li tirrispetta d-Direttiva 2008/115/KE;

(e) in-numru ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi ammessi mill-Istati Membri permezz ta' skemi ta' risistemazzjoni [jew ammissjoni umanitarja] tal-Unjoni u nazzjonali;

(f) l-għadd ta' talbiet ta' teħid ta' responsabbiltà deħlin u ħerġin u n-notifiki ta' teħid lura skont l-Artikoli 34 u 36;

(g) in-numru ta' trasferimenti mwettqa skont l-Artikolu 31;

(h) l-għadd ta' persuni maqbuda b'rabta ma' qsim irregolari tal-fruntiera esterna tal-art, tal-baħar jew tal-ajru;

(i) in-numru ta' persuni li ġew irrifjutati dħul skont l-Artikolu 14 tar-Regolament (UE) Nru 2016/399;

(j) in-numru u ċ-ċittadinanza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi żbarkati wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ, inkluż in-numru ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali;

(k) in-numru ta' minuri mhux akkumpanjati.

4. Il-valutazzjoni tal-pressjoni migratorja għandha tqis ukoll dan li ġej:

(a) l-informazzjoni ppreżentata mill-Istat Membru, fejn il-valutazzjoni titwettaq skont il-paragrafu 1(a);

(b) il-livell ta' kooperazzjoni dwar il-migrazzjoni ma' pajjiżi terzi ta' oriġini u ta' tranżitu, l-ewwel pajjiżi ta' ażil, u pajjiżi terzi sikuri kif definit fir-Regolament (UE) XXX/XXX [ *ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil*];

(c) is-sitwazzjoni ġeopolitika f'pajjiżi terzi rilevanti li tista' taffettwa l-movimenti migratorji;

58 Ir-Regolament (UE) 2017/2226 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Novembru 2017 li jistabbilixxi Sistema ta' Dħul/Ħruġ (EES) biex tiġi rreġistrata *data* dwar id-dħul u l-ħruġ u *data* dwar iċ-ċaħda tad-dħul ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jaqsmu l-fruntieri esterni tal-Istati Membri u li jiddetermina l-kundizzjonijiet għall-aċċess għall-EES għal raġunijiet ta' infurzar tal-liġi, u li jemenda l-Konvenzjoni li timplimenta l-Ftehim ta' Schengen u r-Regolamenti (KE) Nru 767/2008 u (UE) Nru 1077/2011, ĠU L 327, 9.12.2017, p. 20.

(d) ir-rakkomandazzjonijiet relevanti previsti fl-Artikolu 15 tar-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013[59], l-Artikolu 13, 14 u 22 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar l-Ażil*] u l-Artikolu 32(7) tar-Regolament (UE) 2019/1896;

(e) informazzjoni miġbura skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni ta' XXX dwar mekkaniżmu tal-UE għat-Tħejjija u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet relatati mal-Migrazzjoni (Blueprint dwar it-Tħejjija għall-Migrazzjoni u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet tal-Migrazzjoni)

(f) ir-Rapport tal-Ġestjoni tal-Migrazzjoni li hemm referenza għalih fl-Artikolu 6(4).

(g) ir-rapporti dwar il-Kapaċità ta' Għarfien u ta' Analiżi Integrati tas-Sitwazzjoni (ISAA) skont id-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kunsill (UE) 2018/1993 dwar l-Arranġamenti Integrati tal-UE għal Rispons Politiku f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi, diment li jiġi attivat ir-Rispons Politiku Integrat f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi jew ir-rapport dwar l-Għarfien u l-Analiżi tas-Sitwazzjoni tal-Migrazzjoni (MISAA) maħruġ fl-ewwel stadju tal-Blueprint dwar it-Tħejjija għall-Migrazzjoni u l-Ġestjoni tal-Kriżijiet tal-Migrazzjoni, meta r-Rispons Politiku Integrat f'Sitwazzjonijiet ta' Kriżi ma jkunx attivat;

(h) informazzjoni mill-proċess ta' rappurtar dwar il-liberalizzazzjoni tal-viża u djalogi ma' pajjiżi terzi;

(i) bullettini ta' kull tliet xhur dwar il-migrazzjoni, u rapporti oħrajn tal-Aġenzija tal-Unjoni Ewropea għad-Drittijiet Fundamentali.

(j) l-appoġġ ipprovdut mill-Aġenziji tal-Unjoni lill-Istat Membru benefiċjarju.

*Artikolu 51*

*Rapport dwar il-pressjoni migratorja*

1. Il-Kummissjoni għandha tikkonsulta lill-Istat Membru kkonċernat matul il-valutazzjoni tagħha mwettqa skont l-Artikolu 50(1).

   Il-Kummissjoni għandha tissottometti r-rapport dwar il-pressjoni migratorja lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill fi żmien xahar wara li l-Kummissjoni tkun infurmathom li kienet qed twettaq valutazzjoni skont l-Artikolu 50(2).

2. Fir-rapport, il-Kummissjoni għandha tiddikjara jekk l-Istat Membru kkonċernat huwiex taħt pressjoni migratorja.

3. Fejn il-Kummissjoni tikkonkludi li l-Istat Membru kkonċernat ikun taħt pressjoni migratorja, ir-rapport għandu jidentifika:

   (a) il-kapaċità tal-Istat Membru taħt pressjoni migratorja fil-qasam tal-ġestjoni tal-migrazzjoni, b'mod partikolari l-ażil u r-ritorn kif ukoll il-ħtiġijiet ġenerali tiegħu fil-ġestjoni tal-każijiet ta' ażil u tar-ritorn tiegħu;

[59] Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 1053/2013 tas-7 ta' Ottubru 2013 li jistabbilixxi mekkaniżmu ta' evalwazzjoni u monitoraġġ biex jivverifika l-applikazzjoni tal-acquis ta' Schengen u li jħassar id-Deċiżjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tas-16 ta' Settembru 1998 li stabbilixxiet Kumitat Permanenti għall-evalwazzjoni u l-implimentazzjoni ta' Schengen ĠU L 295, 6.11.2013, p. 27.

(b) miżuri li huma xierqa biex jindirizzaw is-sitwazzjoni u l-qafas ta' żmien mistenni għall-implimentazzjoni tagħhom li jikkonsistu, kif xieraq, minn:

(i) miżuri li l-Istat Membru taħt pressjoni migratorja jenħtieġ li jieħu fil-qasam tal-ġestjoni tal-migrazzjoni, u b'mod partikolari fil-qasam tal-ażil u tar-ritorn;

(ii) miżuri msemmija fl-Artikolu 45(1)(a)(b) u (c) li għandhom jittieħdu minn Stati Membri oħra;

(iii) miżuri msemmija fl-Artikolu 45(1)(d) li għandhom jittieħdu minn Stati Membri oħra.

4. Meta l-Kummissjoni tqis li tkun meħtieġa reazzjoni rapida minħabba sitwazzjoni li tkun qed tiżviluppa fi Stat Membru, hija għandha tippreżenta r-rapport tagħha sa mhux aktar tard minn ġimagħtejn mid-data li fiha tinforma lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Istati Membri skont l-Artikolu 50(2) li kienet qed twettaq valutazzjoni.

*Artikolu 52*

*Pjanijiet ta' Rispons ta' Solidarjetà f'sitwazzjonijiet ta' pressjoni migratorja*

1. Fejn ir-rapport imsemmi fl-Artikolu 51 jindika li Stat Membru jkun taħt pressjoni migratorja, l-Istati Membri l-oħrajn li mhumiex huma stess Stati Membri benefiċjarji għandhom jikkontribwixxu permezz tal-kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 45(1)(a), (b) u (c). L-Istati Membri għandhom jipprijoritizzaw ir-rilokazzjoni ta' minorenni mhux akkumpanjati.

2. Meta r-rapport imsemmi fl-Artikolu 51 jidentifika l-miżuri msemmija fil-paragrafu 3(b)(iii) ta' dak l-Artikolu, Stati Membri oħrajn jistgħu jikkontribwixxu permezz ta' dawk il-miżuri minflok il-miżuri li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 51(3)(b)(ii). Dawn il-miżuri ma għandhomx iwasslu għal tnaqqis ta' aktar minn 30 % fil-kontribuzzjonijiet totali identifikati fir-rapport dwar il-pressjoni migratorja taħt l-Artikolu 51(3)(b)(ii).

3. Fi żmien ġimagħtejn mill-adozzjoni tar-rapport imsemmi fl-Artikolu 51, l-Istati Membri għandhom jippreżentaw lill-Kummissjoni bi Pjan ta' Rispons ta' Solidarjetà billi jimlew il-formola fl-Anness II. Il-Pjan ta' Rispons ta' Solidarjetà għandu jindika t-tip ta' kontribuzzjonijiet minn fost dawk stipulati fl-Artikolu 51(3)(b)(ii) jew, fejn rilevanti, il-miżuri stipulati fl-Artikolu 51(3)(b)(iii) li l-Istati Membri jipproponu li jieħdu. Fejn l-Istati Membri jipproponu aktar minn tip wieħed ta' kontribuzzjoni stipulata fl-Artikolu 51(3)(b)(ii), għandhom jindikaw is-sehem ta' kull wieħed minnhom.

Fejn il-Pjan ta' Rispons ta' Solidarjetà jinkludi l-isponsorizzazzjoni tar-ritorn, l-Istati Membri għandhom jindikaw in-nazzjonalitajiet taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment preżenti fit-territorju tal-Istat Membru kkonċernat li jkunu bi ħsiebhom jisponsorjaw.

Fejn l-Istati Membri jindikaw il-miżuri stabbiliti fl-Artikolu 51(3)(b)(iii) fil-Pjan ta' Rispons ta' Solidarjetà, huma għandhom jindikaw ukoll l-arranġamenti dettaljati u l-perjodi ta' żmien għall-implimentazzjoni tagħhom.

4. Fejn il-Kummissjoni tqis li l-kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà indikati fil-pjanijiet ta' rispons ta' Solidarjetà ma jikkorrispondux għall-ħtiġijiet identifikati fir-rapport dwar

il-pressjoni migratorja previst fl-Artikolu 51, hija għandha tlaqqa' l-Forum ta' Solidarjetà. F'każijiet bħal dawn, il-Kummissjoni għandha tistieden lill-Istati Membri biex jaġġustaw it-tip ta' kontribuzzjonijiet fil-Pjanijiet ta' Rispons ta' Solidarjetà tagħhom matul il-Forum ta' Solidarjetà billi jissottomettu Pjanijiet ta' Rispons ta' Solidarjetà riveduti.

5. Stat Membru li jipproponi kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà stabbiliti fl-Artikolu 51(3)(b)(ii), jista' jitlob tnaqqis ta' 10 % tas-sehem tiegħu kkalkulat skont il-koeffiċjent tad-distribuzzjoni stabbilit fl-Artikolu 54 fejn jindika fil-Pjanijiet ta' Rispons ta' Solidarjetà li matul il-ħames snin preċedenti eżamina d-doppju tal-medja tal-Unjoni *per capita* tal-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali.

*Artikolu 53*

*Atti ta' implimentazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-solidarjetà f'sitwazzjonijiet ta' pressjoni migratorja*

1. Fi żmien ġimagħtejn mill-preżentazzjoni tal-Pjanijiet ta' Rispons ta' Solidarjetà li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 52(3) jew, fejn il-Forum ta' Solidarjetà jitlaqqa' skont l-Artikolu 52(4), fi żmien ġimagħtejn mit-tmiem tal-Forum ta' Solidarjetà, il-Kummissjoni għandha tadotta att ta' implimentazzjoni li jistabbilixxi l-kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà għall-benefiċċju tal-Istat Membru taħt pressjoni migratorja li għandhom jittieħdu mill-Istati Membri l-oħrajn u l-iskeda ta' żmien għall-implimentazzjoni tagħhom.

2. It-tipi ta' kontribuzzjonijiet stabbiliti fl-att ta' implimentazzjoni għandhom ikunu dawk indikati mill-Istati Membri fil-Pjanijiet ta' Rispons ta' Solidarjetà tagħhom. Fejn Stat Membru wieħed jew aktar ma jkunux issottomettew Pjan ta' Rispons ta' Solidarjetà, il-Kummissjoni għandha tiddetermina t-tipi ta' kontribuzzjonijiet li għandhom isiru mill-Istat Membru filwaqt li tqis il-ħtiġijiet identifikati fir-rapport dwar il-pressjoni migratorja.

   Fejn it-tip ta' kontribuzzjoni indikata mill-Istati Membri fil-pjanijiet ta' rispons ta' solidarjetà tagħhom tkun dik imsemmija fl-Artikolu 45(1)(d), il-Kummissjoni għandha tivvaluta jekk il-miżuri proposti humiex proporzjonali għall-kontribuzzjonijiet li l-Istati Membri kienu jagħmlu permezz tal-miżuri li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 45(1)(a)(b) jew (c) bħala riżultat tal-applikazzjoni tal-koeffiċjent tad-distribuzzjoni stabbilit fl-Artikolu 54.

   Fejn il-miżuri proposti ma jkunux proporzjonati mal-kontribuzzjonijiet li l-Istat Membru kontributur kien jagħmel permezz tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 45(1)(a)(b) jew (c), il-Kummissjoni għandha tistabbilixxi fl-att ta' implimentazzjoni, il-miżuri proposti waqt l-aġġustament tal-livell tagħhom.

   Fejn il-miżuri proposti jwasslu għal nuqqas akbar minn 30 % tan-numru totali ta' miżuri ta' solidarjetà identifikati fir-rapport dwar il-pressjoni migratorja skont l-Artikolu 51(3)(b)(ii), il-kontribuzzjonijiet stabbiliti fl-att implimentattiv għandhom jiġu aġġustati sabiex dawk l-Istati Membri li jindikaw miżuri bħal dawn, ikunu meħtieġa li jkopru 50 % tas-sehem tagħhom ikkalkulat skont il-koeffiċjent tad-distribuzzjoni stabbilit fl-Artikolu 54 permezz ta' miżuri stabbiliti fl-Artikolu 51(3)(b)(ii). Il-Kummissjoni għandha taġġusta l-miżuri msemmija fl-Artikolu 51(3)(b)(iii) indikati minn dawk l-Istati Membri skont dan.

3. L-att ta' implimentazzjoni għandu jistabbilixxi:

(a) in-numru totali ta' persuni li għandhom jiġu rilokati mill-Istat Membru rikjedenti skont l-Artikolu 45(1)(a) jew (c), filwaqt li jitqiesu l-kapaċità u l-ħtiġijiet tal-Istati Membri rikjedenti fil-qasam tal-ażil identifikat fir-rapport li hemm referenza għalih fl-Artikolu 51(3)(b)(ii);

(b) l-għadd totali ta' persuni li għandhom ikunu soġġetti għal sponsorizzazzjoni tar-ritorn mill-Istat Membru rikjedenti skont l-Artikolu 45(1)(b), filwaqt li jitqiesu l-kapaċità u l-ħtiġijiet tal-Istati Membri rikjedenti dwar ir-ritorn identifikati fir-rapport li hemm referenza għalih fl-Artikolu 51(3)(b)(ii);

(c) id-distribuzzjoni ta' persuni li għandhom jiġu rilokati u/jew dawk li għandhom ikunu soġġetti għal sponsorizzazzjoni tar-ritorn fost l-Istati Membri inkluż l-Istat Membru benefiċjarju, abbażi tal-koeffiċjent tad-distribuzzjoni stabbilit fl-Artikolu 54;

(d) il-miżuri indikati mill-Istati Membri skont it-tieni, it-tielet u r-raba' subparagrafu tal-paragrafu 2.

Id-distribuzzjoni li hemm referenza għaliha fil-punt (c) tal-paragrafu 3 għandha tiġi aġġustata meta Stat Membru li jkun qed jagħmel talba skont l-Artikolu 52(5) juri fil-Pjan ta' Rispons ta' Solidarjetà li matul il-ħames snin preċedenti kien responsabbli għad-doppju tal-medja tal-Unjoni *per capita* ta' applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali. F'każijiet bħal dawn, l-Istat Membru għandu jirċievi tnaqqis ta' 10 % tas-sehem tiegħu, ikkalkulat skont il-koeffiċjent tad-distribuzzjoni stabbilit fl-Artikolu 54. Dan it-tnaqqis għandu jitqassam b'mod proporzjonali fost l-Istati Membri li jagħmlu l-kontribuzzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 45(1)(a), (b) u (c);

4. Fejn ikunu saru kontribuzzjonijiet b'reazzjoni għal talba minn Stat Membru għal appoġġ ta' solidarjetà minn Stati Membri oħra biex jgħinuh fl-indirizzar tas-sitwazzjoni migratorja fit-territorju tiegħu biex jipprevjeni pressjoni migratorja skont l-Artikolu 56(1) fis-sena preċedenti, u fejn jikkorrispondu mat-tip ta' miżuri stabbiliti fl-att ta' implimentazzjoni, il-Kummissjoni għandha tnaqqas dawn il-kontribuzzjonijiet mill-kontribuzzjonijiet korrispondenti stabbiliti fl-att ta' implimentazzjoni.

5. Għal raġunijiet imperattivi ġġustifikati kif dovut ta' urġenza minħabba l-pressjoni migratorja preżenti fi Stat Membru benefiċjarju, il-Kummissjoni għandha tadotta minnufih atti ta' implimentazzjoni applikabbli skont il-proċedura li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 67(3).

Dawk l-atti għandhom jibqgħu fis-seħħ għal perjodu li ma jaqbiżx sena.

6. Il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tal-att ta' implimentazzjoni xahar wara li ma jibqax japplika. Ir-rapport għandu jkun fih analiżi tal-effettività tal-miżuri meħuda.

### *Artikolu 54*

### *Il-koeffiċjent tad-distribuzzjoni*

Is-sehem tal-kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà msemmija fl-Artikolu 45(1)(a)(b) u (c) li għandhom jiġu pprovduti minn kull Stat Membru skont l-Artikoli 48 u 53 għandu jiġi kkalkulat skont il-formula stabbilita fl-Anness III u għandu jkun ibbażat fuq il-kriterji li ġejjin għal kull Stat Membru, skont l-aktar *data* reċenti disponibbli tal-Eurostat:

(a) id-daqs tal-popolazzjoni (ponderazzjoni ta' 50 %);

(b) it-total tal-PDG (ponderazzjoni ta’ 50 %).

*Artikolu 55*

*Sponsorizzazzjoni tar-ritorn*

1. Stat Membru jista’ jimpenja ruħu li jappoġġa lil Stat Membru biex jirritorna ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment permezz ta’ sponsorizzazzjoni ta’ ritorn fejn, filwaqt li jaġixxi f’koordinazzjoni mill-qrib mal-Istat Membru benefiċjarju, għandu jieħu miżuri biex iwettaq ir-ritorn ta’ dawk iċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi mit-territorju tal-Istat Membru benefiċjarju.

2. Fejn Stat Membru jimpenja ruħu li jipprovdi sponsorizzazzjoni tar-ritorn u ċ-ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment li huma soġġetti għal deċiżjoni ta’ ritorn maħruġa mill-Istat Membru benefiċjarju ma jirritornawx jew ma jitneħħewx fi żmien tmien xhur, l-Istat Membru li jipprovdi l-isponsorizzazzjoni tar-ritorn għandu jittrasferixxi lill-persuni kkonċernati fit-territorju tiegħu skont il-proċedura stabbilita fl-Artikoli 57 u 58. Dan il-perjodu għandu jibda mill-adozzjoni tal-att ta’ implimentazzjoni msemmi fl-Artikolu 53(1) jew, fejn applikabbli, fl-Artikolu 49(2).

3. Fejn Stat Membru jimpenja ruħu li jipprovdi sponsorizzazzjoni ta’ ritorn fir-rigward ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jkunu għadhom mhumiex soġġetti għal deċiżjoni ta’ ritorn fl-Istat Membru benefiċjarju, il-perjodu msemmi fil-paragrafu 2 għandu jibda jiddekorri minn waħda minn dawn id-dati:

   (a) id-data meta tinħareġ deċiżjoni ta’ ritorn mill-Istat Membru benefiċjarju; jew

   (b) fejn deċiżjoni ta’ ritorn tinħareġ bħala parti minn deċiżjoni ta’ rifjut ta’ applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali jew fejn deċiżjoni ta’ ritorn tinħareġ f’att separat, fl-istess ħin u flimkien mad-deċiżjoni ta’ rifjut ta’ applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali skont l-Artikolu 35a tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament dwar il-Proċedura tal-Ażil*], id-data meta l-applikant jew iċ-ċittadin ta’ pajjiż terz ma jkunx għad għandu d-dritt li jibqa’ u ma jkunx permess li jibqa’.

4. Il-miżuri msemmija fil-paragrafu 1 għandhom jinkludu waħda jew aktar mill-attivitajiet li ġejjin imwettqa mill-Istat Membru ta’ sponsorizzazzjoni:

   (a) jipprovdu konsulenza dwar ir-ritorn u l-integrazzjoni mill-ġdid lil ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment;

   (b) jużaw il-programm nazzjonali u r-riżorsi biex jipprovdu assistenza loġistika, finanzjarja u materjali jew *in natura* oħra, inkluża l-integrazzjoni mill-ġdid, lil ċittadini ta’ pajjiżi terzi li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment li jkunu lesti jitilqu b’mod volontarju;

   (c) imexxu jew jappoġġaw id-djalogu u l-iskambji politiċi mal-awtoritajiet ta’ pajjiżi terzi bil-għan li tiġi ffaċilitata r-riammissjoni;

   (d) jikkuntattjaw lill-awtoritajiet kompetenti ta’ pajjiżi terzi għall-finijiet tal-verifika tal-identità ta’ ċittadini ta’ pajjiżi terzi u l-kisba ta’ dokument tal-ivvjaġġar validu;

(e) jorganizzaw f'isem l-Istat Membru benefiċjarju l-arranġamenti prattiċi għall-infurzar tar-ritorn, bħal titjiriet charter jew skedati jew mezzi oħra ta' trasport lejn il-pajjiż terz ta' ritorn.

Dawn il-miżuri ma għandhomx jaffettwaw l-obbligi u r-responsabbiltajiet tal-Istat Membru benefiċjarju stabbiliti fid-Direttiva 2008/115/KE.

*Artikolu 56*

*Kontribuzzjonijiet oħra ta' solidarjetà*

1. Fejn Stat Membru jitlob appoġġ ta' solidarjetà minn Stati Membri oħra biex jgħinuh fl-indirizzar tas-sitwazzjoni migratorja fit-territorju tiegħu biex jevita pressjoni migratorja, huwa għandu jinnotifika lill-Kummissjoni b'dik it-talba.

2. Kwalunkwe Stat Membru jista', fi kwalunkwe ħin, bi tweġiba għal talba għal appoġġ ta' solidarjetà minn Stat Membru, jew fuq inizjattiva tiegħu stess, inkluż bi ftehim ma' Stat Membru ieħor, jagħmel kontribuzzjonijiet permezz tal-miżuri msemmija fl-Artikolu 45 għall-benefiċċju tal-Istat Membru kkonċernat u bil-qbil tiegħu. Il-kontribuzzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 45(d) għandhom ikunu skont l-objettivi tar-Regolament (UE) XXX/XXX [il-Fond għall-Migrazzjoni fil-qasam tal-Ażil].

3. L-Istati Membri li kkontribwixxew jew li qed jippjanaw li jikkontribwixxu b'kontribuzzjonijiet ta' solidarjetà bi tweġiba għal talba għal appoġġ ta' solidarjetà minn Stat Membru, jew fuq l-inizjattiva tagħhom stess, għandhom jinnotifikaw lill-Kummissjoni dwar dan billi jimlew il-formola tal-Pjan ta' Appoġġ ta' Solidarjetà stabbilita fl-Anness IV. Il-Pjan ta' Rispons ta' Solidarjetà għandu jinkludi, fejn rilevanti, informazzjoni verifikabbli, inkluż dwar il-kamp ta' applikazzjoni u n-natura tal-miżuri u l-implimentazzjoni tagħhom.

## KAPITOLU II

*REKWIŻITI PROĊEDURALI*

*Artikolu 57*

*Proċedura qabel ir-rilokazzjoni*

1. Il-proċedura msemmija f'dan l-Artikolu għandha tapplika għal:

(a) persuni msemmija fl-Artikolu 45(1)(a) u (c) u fl-Artikolu 45(2)(a);

(b) persuni msemmija fl-Artikolu 45(1)(b) fejn il-perjodu msemmi fl-Artikolu 55(2) ikun skada, u l-Artikolu 45(2)(b).

2. Qabel ma japplika l-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu, l-Istat Membru benefiċjarju għandu jiżgura li ma jkunx hemm raġunijiet raġonevoli biex il-persuna kkonċernata titqies bħala ta' periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku ta' dak l-Istat Membru. Jekk ikun hemm raġunijiet raġonevoli biex il-persuna titqies bħala ta' periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku, l-Istat Membru benefiċjarju ma għandux japplika l-proċedura stabbilita f'dan l-Artikolu u għandu, fejn ikun applikabbli, jeskludi l-persuna mil-lista msemmija fl-Artikolu 49(2).

3. Fejn trid tiġi applikata r-rilokazzjoni, l-Istat Membru benefiċjarju għandu jidentifika l-persuni li jistgħu jiġu rilokati. Fejn il-persuna kkonċernata tkun applikant għal protezzjoni internazzjonali jew benefiċjarju tagħha, dak l-Istat Membru għandu jqis, fejn applikabbli, l-eżistenza ta' rabtiet sinifikanti bejn il-persuna kkonċernata u l-Istat Membru ta' rilokazzjoni. Meta l-persuna identifikata li trid tiġi rilokata tkun benefiċjarju għall-protezzjoni internazzjonali, il-persuna kkonċernata għandha tiġi rilokata biss wara li dik il-persuna tkun tat il-kunsens tagħha għar-rilokazzjoni bil-miktub.

Fejn ir-rilokazzjoni trid tiġi applikata skont l-Artikolu 49, l-Istat Membru benefiċjarju għandu juża l-lista mfassla mill-Aġenzija għall-Asil u l-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta msemmija fl-Artikolu 49(2).

L-ewwel subparagrafu ma għandux japplika għal applikanti li għalihom l-Istat Membru benefiċjarju jista' jiġi determinat bħala l-Istat Membru responsabbli skont il-kriterji stabbiliti fl-Artikoli 15 sa 20 u 24, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 15(5). Dawk l-applikanti ma għandhomx ikunu eliġibbli għar-rilokazzjoni.

4. Meta jiskadi l-perjodu msemmi fl-Artikolu 55(2), l-Istat Membru benefiċjarju għandu jinforma minnufih lill-Istat Membru ta' sponsorizzazzjoni li l-proċedura stabbilita fil-paragrafi 5 sa 10 għandha tiġi applikata fir-rigward taċ-ċittadini ta' pajjiżi terzi kkonċernati li jkunu qegħdin fil-pajjiż illegalment.

5. L-Istat Membru benefiċjarju għandu jibgħat lill-Istat Membru ta' rilokazzjoni malajr kemm jista' jkun l-informazzjoni u d-dokumenti rilevanti dwar il-persuna msemmija fil-paragrafi 2 u 3.

6. L-Istat Membru ta' rilokazzjoni għandu jeżamina l-informazzjoni trażmessa mill-Istat Membru benefiċjarju skont il-paragrafu 5, u għandu jivverifika li ma hemmx raġunijiet raġonevoli biex il-persuna kkonċernata titqies bħala ta' periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku tiegħu.

7. Fejn ma jkunx hemm raġunijiet raġonevoli biex il-persuna kkonċernata titqies bħala periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku tiegħu, l-Istat Membru ta' rilokazzjoni għandu jikkonferma fi żmien ġimgħa li se jirriloka l-persuna kkonċernata.

Meta l-verifiki jikkonfermaw li hemm raġunijiet raġonevoli biex il-persuna kkonċernata titqies bħala periklu għas-sigurtà nazzjonali jew għall-ordni pubbliku tiegħu, l-Istat Membru ta' rilokazzjoni għandu jinforma fi żmien ġimgħa lill-Istat Membru benefiċjarju dwar in-natura ta' twissija minn kwalunkwe bażi ta' *data* rilevanti, u l-elementi sottostanti għaliha. F'każijiet bħal dawn, ir-rilokazzjoni tal-persuna kkonċernata ma għandhiex isseħħ.

F'każijiet eċċezzjonali, fejn jista' jintwera li l-eżami tal-informazzjoni huwa partikolarment kumpless jew li għadd kbir ta' każijiet jeħtieġu li jiġu ċċekkjati f'dak iż-żmien, l-Istat Membru ta' rilokazzjoni jista' jagħti t-tweġiba tiegħu wara l-limitu ta' żmien ta' ġimgħa msemmi fl-ewwel u t-tieni subparagrafi, iżda fi kwalunkwe każ fi żmien ġimagħtejn. F'sitwazzjonijiet bħal dawn, l-Istat Membru ta' rilokazzjoni għandu jikkomunika d-deċiżjoni tiegħu li jipposponi tweġiba lill-Istat Membru benefiċjarju fit-terminu oriġinali ta' ġimgħa.

In-nuqqas ta' azzjoni fil-perjodu ta' ġimgħa msemmi fl-ewwel u fit-tieni subparagrafi u l-perjodu ta' ġimagħtejn imsemmi fit-tielet subparagrafu ta' dan il-paragrafu għandu jkun ekwivalenti għal konferma tal-wasla tal-informazzjoni, u

jinvolvi l-obbligu li l-persuna tiġi rilokata, inkluż l-obbligu li jiġu previsti arranġamenti xierqa għall-wasla.

8. L-Istat Membru benefiċjarju għandu jieħu deċiżjoni ta' trasferiment sa mhux aktar tard minn ġimgħa mill-konferma mill-Istat Membru ta' rilokazzjoni. Huwa għandu jinnotifika lill-persuna kkonċernata bil-miktub mingħajr dewmien dwar id-deċiżjoni tat-trasferiment tagħha lejn dak l-Istat Membru.

9. It-trasferiment tal-persuna kkonċernata mill-Istat Membru benefiċjarju lejn l-Istat Membru ta' rilokazzjoni għandu jkun eżegwit skont id-dritt nazzjonali tal-Istat Membru benefiċjarju, wara konsultazzjoni bejn l-Istati Membri kkonċernati, mill-aktar fis prattikament possibbli, u l-aktar tard fi żmien erba' ġimgħat mill-konferma mill-Istat Membru ta' rilokazzjoni jew tad-deċiżjoni finali wara appell jew reviżjoni ta' deċiżjoni ta' trasferiment fejn ikun hemm effett sospensiv skont l-Artikolu 33(3).

10. L-Artikoli 32(3), (4) u (5), l-Artikoli 33 u 34, l-Artikolu 35(1) u (3), l-Artikolu 36(2) u (3), u l-Artikoli 37 u 39 għandhom japplikaw *mutatis mutandis* għat-trasferiment għall-finijiet ta' rilokazzjoni.

11. Il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tadotta kundizzjonijiet uniformi għall-preparazzjoni u s-sottomissjoni ta' informazzjoni u dokumenti għall-iskopijiet ta' rilokazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 67(2).

*Artikolu 58*

*Proċedura wara r-rilokazzjoni*

1. L-Istat Membru ta' rilokazzjoni għandu jgħarraf lill-Istat Membru benefiċjarju bil-wasla sikura tal-persuna kkonċernata jew bil-fatt li huwa jew hija ma dehritx fi ħdan it-terminu stabbilit.

2. Fejn l-Istat Membru ta' rilokazzjoni jkun irriloka applikant li għalih l-Istat Membru responsabbli jkun għadu ma ġiex determinat, dak l-Istat Membru għandu japplika l-proċeduri stabbiliti fil-Parti III, bl-eċċezzjoni tal-Artikolu 8(2), tal-Artikolu 9(1) u (2), tal-Artikolu 15(5), u tal-Artikolu 21(1) u (2).

Fejn l-ebda Stat Membru responsabbli ma jista' jiġi nnominat taħt l-ewwel subparagrafu, l-Istat Membru ta' rilokazzjoni għandu jkun responsabbli għall-eżami tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali.

L-Istat Membru ta' rilokazzjoni għandu jindika r-responsabbiltà tiegħu fil-Eurodac skont l-Artikolu 11(1) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament Eurodac*].

3. Fejn l-Istat Membru ta' rilokazzjoni jkun irriloka applikant li għalih l-Istat Membru benefiċjarju jkun ġie ddeterminat preċedentement bħala responsabbli għal raġunijiet oħra għajr il-kriterji li hemm referenza għalihom fl-Artikolu 57(3), it-tielet subparagrafu, ir-responsabbiltà għall-eżami tal-applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali għandha tiġi trasferita lill-Istat Membru ta' rilokazzjoni.

L-Istat Membru ta' rilokazzjoni għandu jindika r-responsabbiltà tiegħu fil-Eurodac skont l-Artikolu 11(3) tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament Eurodac*].

4. Fejn l-Istat Membru ta' rilokazzjoni jkun irriloka benefiċjarju għal protezzjoni internazzjonali, l-Istat Membru ta' rilokazzjoni awtomatikament għandu jagħti status

ta’ protezzjoni internazzjonali li jirrispetta l-istatus rispettiv mogħti mill-Istat Membru benefiċjarju.

5. Fejn l-Istat Membru ta’ rilokazzjoni jkun irriloka ċittadin ta’ pajjiż terz li jkun qiegħed illegalment fit-territorju tiegħu, għandha tapplika d-Direttiva 2008/115/KE.

*Artikolu 59*

*Obbligi oħra*

L-Istati Membri benefiċjarji u l-Istati Membri kontributuri għandhom iżommu lill-Kummissjoni infurmata bl-implimentazzjoni tal-miżuri ta’ solidarjetà meħuda fuq livell bilaterali inklużi miżuri ta’ kooperazzjoni ma’ pajjiż terz.

*Artikolu 60*

*Koordinazzjoni operazzjonali*

Fuq talba, il-Kummissjoni għandha tikkoordina l-aspetti operazzjonali tal-miżuri offruti mill-Istati Membri kontribwenti, inkluż kwalunkwe assistenza minn esperti jew timijiet skjerati mill-Aġenzija għall-Asil jew mill-Aġenzija Ewropea għall-Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta.

## KAPITOLU III

*APPOĠĠ FINANZJARJU PPROVDUT MILL-UNJONI*

*Artikolu 61*

*Appoġġ finanzjarju*

L-appoġġ finanzjarju wara r-rilokazzjoni skont il-Kapitoli I u II tal-Parti IV għandu jiġi implimentat skont l-Artikolu 17 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*Il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil*].

# PARTI V

## ***DISPOŻIZZJONIJIET ĠENERALI***

*Artikolu 62*

*Sigurtà tad-data u protezzjoni tad-data*

1. Stati Membri għandhom jimplimentaw il-miżuri tekniċi u organizzazzjonali xierqa biex jiżguraw is-sigurtà tad-*data* personali pproċessata skont dan ir-Regolament u b’mod partikolari biex jiġu evitati l-aċċess jew id-divulgazzjoni illegali jew mhux awtorizzati, l-alterazzjoni jew it-telf tad-*data* personali pproċessata.

2. L-awtorità jew l-awtoritajiet ta’ superviżjoni kompetenti ta’ kull Stat Membru għandhom jimmonitorjaw il-legalità tal-ipproċessar tad-*data* personali mill-awtoritajiet imsemmija fl-Artikolu 41 tal-Istat Membru inkwistjoni.

3. L-ipproċessar ta’ *data* personali mill-Aġenzija għall-Asil għandu jkun soġġett għar-Regolament (UE) XXX/XXX [*Aġenzija tal-Unjoni Ewropea dwar l-Asil*], b’mod

partikolari fir-rigward tal-monitoraġġ tal-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-*Data*.

*Artikolu 63*

*Il-kunfidenzjalità*

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-awtoritajiet imsemmijin fl-Artikolu 41 ikunu marbutin bir-regoli ta' kunfidenzjalità previsti fid-dritt nazzjonali, fir-rigward ta' kwalunkwe informazzjoni li jiksbu matul ix-xogħol tagħhom.

*Artikolu 64*

*Penali*

L-Istati Membri għandhom jistabbilixxu r-regoli dwar il-penali, inkluż penali amministrattivi jew kriminali skont il-liġi nazzjonali, applikabbli għall-ksur ta' dan ir-Regolament u għandhom jieħdu l-miżuri kollha neċessarji biex jiżguraw li dawn jiġu implimentati. Il-penali stipulati jridu jkunu effettivi, proporzjonati u dissważivi.

*Artikolu 65*

*Il-kalkolu taż-żmien limitu*

Kull perjodu ta' żmien previst f'dan ir-Regolament għandu jkun ikkalkolat kif ġej:

(a) fejn perjodu huwa espress f'jiem, f'ġimgħat jew f'xhur irid jiġi kkalkolat mill-mument li fih iseħħ avveniment jew minn meta ssir azzjoni, il-jum li matulu jseħħ dak l-avveniment jew isseħħ dik l-azzjoni ma għandux jingħadd bħala li huwa parti mill-perjodu inkwestjoni;

(b) perjodu espress f'ġimgħat jew f'xhur għandu jintemm bl-iskadenza tal-jum, ikun liema jkun, fl-aħħar ġimgħa jew xahar, li jkun l-istess jum tal-ġimgħa jew jaqa' fl-istess data bħall-jum li matulu seħħ l-avveniment jew saret l-azzjoni li minnha jrid jiġi kkalkolat il-perjodu. Jekk f'perjodu espress f'xhur, il-jum li fih ikollu jiskadi ma jkunx preżenti fl-aħħar xahar, il-perjodu għandu jintemm bl-iskadenza tal-aħħar jum ta' dak ix-xahar;

(c) it-termini għandhom jinkludu s-Sibtijiet, il-Ħdud u btajjel uffiċjali fi kwalunkwe wieħed mill-Istati Membri kkonċernati.

*Artikolu 66*

*Kamp ta' applikazzjoni territorjali*

Fir-rigward tar-Repubblika Franċiża, dan ir-Regolament għandu japplika biss għat-territorju Ewropew tagħha.

*Artikolu 67*

*Kumitat*

1. Il-Kummissjoni għandha tiġi megħjuna minn Kumitat. Dan il-kumitat għandu jkun kumitat fis-sens tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

2. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.";

Fejn il-kumitat ma jagħti ebda opinjoni, il-Kummissjoni ma għandhiex tadotta l-abbozz tal-att ta' implimentazzjoni, u għandu japplika t-tielet subparagrafu tal-Artikolu 5(4) tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

3. Meta ssir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 8 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 68*

*Eżerċizzju tad-delega*

1. Il-Kummissjoni hija mogħtija s-setgħa li tadotta att delegat soġġett għall-kundizzjonijiet stipulati f'dan l-Artikolu.

2. Is-setgħa li tadotta atti delegati li hemm referenza għalihom fl-Artikoli 15(6) u 24(3) għandha tiġi kkonferita lill-Kummissjoni għal perjodu ta' ħames snin mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport rigward id-delegazzjoni tas-setgħa sa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel tmiem il-perjodu ta' ħames snin. Id-delega tas-setgħa għandha tiġi estiża awtomatikament għal perjodi ta' żmien identiċi, ħlief jekk il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill joġġezzjonaw għal tali estensjoni mhux iktar tard minn tliet xhur qabel jintemm kull perjodu.

3. Id-delegazzjoni tas-setgħa li hemm referenza għaliha fl-Artikoli 15(6) u 24(3) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe ħin mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ġġib id-delega tas-setgħat speċifikata f'dik id-deċiżjoni fi tmiemha. Din għandha tidħol fis-seħħ fil-jum ta' wara l-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat diġà fis-seħħ.

4. Qabel ma tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tikkonsulta esperti maħtura minn kull Stat Membru b'mod konformi mal-prinċipji stabbiliti fil-Ftehim Interistituzzjonali dwar it-Tfassil Aħjar tal-Liġijiet tat-13 ta' April 2016.

5. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanjament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

6. Att iddelegat adottat skont l-Artikoli 15(6) u 24(3) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġi espressa l-ebda oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill f'perjodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma informaw lill-Kummissjoni li mhumiex se joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

*Artikolu 69*

*Il-monitoraġġ u l-evalwazzjoni*

Sa [18-il xahar wara d-dħul fis-seħħ] u minn dakinhar 'il quddiem kull sena, il-Kummissjoni għandha tirrieżamina l-funzjonament tal-miżuri stabbiliti fil-Kapitoli I-III tal-Parti IV ta' dan ir-Regolament.

[Tliet snin wara d-dħul fis-seħħ, il-Kummissjoni għandha tirrapporta dwar l-implimentazzjoni tal-miżuri stipulati f'dan ir-Regolament.]

Mhux aktar tard minn [ħames] snin wara d-data tal-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament, u kull ħames snin wara dan, il-Kummissjoni għandha twettaq evalwazzjoni ta' dan ir-Regolament. Il-Kummissjoni għandha tippreżenta Rapport dwar is-sejbiet ewlenin lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew. L-Istati Membri għandhom jibagħtu lill-Kummissjoni l-informazzjoni kollha xierqa għall-preparazzjoni ta' dak ir-rapport, sa mhux aktar tard minn sitt xhur qabel jiskadi t-terminu ta' [ħames] snin.

*Artikolu 70*

*Statistika*

F'konformità mal-Artikolu 4(4) tar-Regolament (KE) Nru 862/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill[60], l-Istati Membri għandhom jikkomunikaw lill-Kummissjoni (Eurostat), l-istatistiċi dwar l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament u tar-Regolament (KE) Nru 1560/2003.

# PARTI VI

## *EMENDI F'ATTI OĦRAJN TAL-UNJONI*

*Artikolu 71*

*Emendi għad-Direttiva dwar ir-Residenza għat-Tul*

1. Id-Direttiva 2003/109/KE hija emendata kif ġej:

L-Artikolu 4 huwa emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, jiżdied is-subparagrafu li ġej:

"Fir-rigward tal-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali, il-perjodu meħtieġ ta' residenza legali u kontinwa għandu jkun ta' tliet snin".

*Artikolu 72*

*Emendi għar-Regolament (UE) XXX/XXX [Il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil]*

Ir-Regolament (UE) XXX/XXX [*Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil*] huwa emendat kif ġej:

1. L-Artikolu 16 huwa mibdul b'dan li ġej:

" 1. L-Istati Membri għandhom jirċievu, minbarra l-allokazzjoni tagħhom ikkalkulata skont il-punt (a) tal-Artikolu 11(1), ammont ta' EUR 10 000 għal kull persuna ammessa permezz ta' risistemazzjoni jew ta' ammissjoni umanitarja.

2. Fejn xieraq, l-Istati Membri jistgħu jkunu eliġibbli wkoll għal ammont addizzjonali ta' EUR 10 000 għall-membri tal-familja ta' persuni li hemm referenza għalihom fil-paragrafu 1, jekk il-persuni jiġu ammessi biex jiżguraw l-unità tal-familja.

---

60 Ir-Regolament (KE) Nru 862/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar l-istatistika Komunitarja dwar il-migrazzjoni u l-protezzjoni internazzjonali, ĠU L 199, 31.7.2007, p. 23.

3. L-ammont imsemmi fil-paragrafu 1 għandu jieħu l-forma ta' finanzjament mhux marbut mal-ispejjeż skont l-Artikolu [125] tar-Regolament Finanzjarju.

4. L-ammont addizzjonali msemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi allokat lill-programm tal-Istat Membru. Il-finanzjament ma għandux jintuża għal azzjonijiet oħrajn fil-programm ħlief f'ċirkostanzi ġġustifikati b'mod xieraq u kif approvat mill-Kummissjoni permezz tal-emenda tal-programm. L-ammont li hemm referenza għalih fil-paragrafu 1 jista' jiġi inkluż fl-applikazzjonijiet għall-ħlas lill-Kummissjoni, sakemm il-persuna li fir-rigward tagħha jkun ġie allokat l-ammont tkun ġiet risistemata jew ammessa.

5. L-Istati Membri għandhom iżommu l-informazzjoni meħtieġa biex jippermettu l-identifikazzjoni xierqa tal-persuni risistemati jew ammessi u tad-data tar-risistemazzjoni jew tal-ammissjoni tagħhom, filwaqt li għandhom jipprevalu d-dispożizzjonijiet applikabbli dwar il-perjodi taż-żamma tad-*data*.

6. Biex jitqiesu r-rati ta' inflazzjoni attwali u tal-iżviluppi rilevanti fil-qasam tar-risistemazzjoni, u fil-limiti tar-riżorsi disponibbli, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 32 ta' dan ir-Regolament biex taġġusta, jekk jitqies xieraq, l-ammont li hemm referenza għalih fil-paragrafu 1 ta' dan l-Artikolu, biex jitqiesu r-rati attwali tal-inflazzjoni, l-iżviluppi rilevanti fil-qasam tar-risistemazzjoni, kif ukoll il-fatturi li jistgħu jottimizzaw l-użu tal-inċentiv finanzjarju pprovdut minn dawk l-ammonti."

2. L-Artikolu 17 huwa mibdul b'dan li ġej:

"1. Stat Membru għandu jirċievi kontribuzzjoni ta':

(a) EUR [10 000] għal kull applikant li għalih dak l-Istat Membru jsir responsabbli b'riżultat ta' rilokazzjoni skont l-Artikoli 48, 53 u l-Artikolu 56 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni*];

(b) EUR [10 000] għal kull benefiċjarju ta' protezzjoni internazzjonali rilokat skont l-Artikoli 53 u 56 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni*];

(c) EUR [10 000] għal kull ċittadin ta' pajjiż terz li jkun qiegħed fil-pajjiż illegalment rilokat skont l-Artikolu 53, meta l-perjodu msemmi fl-Artikolu 55(2) ikun skada, u l-Artikolu 56 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u tal-Migrazzjoni*].

(d) Il-kontribuzzjoni fil-punti (a), (b) u (c) tiżdied għal EUR [12 000] għal kull minorenni mhux akkumpanjat rilokat skont l-Artikolu 48, l-Artikolu 53 u l-Artikolu 56 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni*].

2. Stat Membru li jwettaq it-trasferiment għandu jirċievi kontribuzzjoni ta' EUR 500 biex ikopri t-trasferiment ta' persuni skont il-paragrafu 1 għal kull persuna, applikant jew benefiċjarju soġġett għar-rilokazzjoni.

3. Stat Membru għandu jirċievi kontribuzzjoni ta' EUR 500 biex ikopri t-trasferiment ta' persuna li hemm referenza għaliha fl-Artikolu 26(1)(a), (b), (c) jew (d) skont l-Artikolu 35 tar-Regolament (UE) XXX/XXX [*ir-Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni*].

4. Stat Membru se jirċievi l-ammonti msemmija fil-paragrafi 1 sa 3 għal kull persuna diment li l-persuna li fir-rigward tagħha tkun ġiet allokata l-kontribuzzjoni tkun ġiet rilokata.

5. L-ammonti msemmija f'dan l-Artikolu għandhom jieħdu l-forma ta' finanzjament mhux marbut ma' spejjeż skont l-Artikolu [125] tar-Regolament Finanzjarju.

6. L-Istati Membri għandhom iżommu l-informazzjoni meħtieġa biex tkun possibbli l-identifikazzjoni xierqa tal-persuni trasferiti u tad-data tat-trasferiment tagħhom, filwaqt li d-dispożizzjonijiet applikabbli dwar il-perjodi taż-żamma tad-*data* għandhom jipprevalu.

7. Fil-limiti tar-riżorsi disponibbli, il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti ddelegati f'konformità mal-Artikolu 32 biex taġġusta, jekk jitqies xieraq, l-ammonti li hemm referenza għalihom fil-paragrafi 1, 2 u 3 ta' dan l-Artikolu, filwaqt li jitqiesu r-rati attwali tal-inflazzjoni, l-iżviluppi rilevanti fil-qasam tat-trasferiment tal-applikanti għal protezzjoni internazzjonali u tal-benefiċjarji ta' protezzjoni internazzjonali minn Stat Membru wieħed għal ieħor, kif ukoll fatturi li jistgħu jottimizzaw l-użu tal-inċentiv finanzjarju miġjub minn dawn l-ammonti."

# PARTI VII

## *DISPOŻIZZJONIJIET TRANŻITORJI U DISPOŻIZZJONIJIET FINALI*

*Artikolu 73*

*Revoka*

Ir-Regolament (UE) Nru 604/2013 huwa revokat.

Ir-referenzi għar-Regolament revokat għandhom jinftiehmu bħala referenzi għal dan ir-Regolament.

*Artikolu 74*

*Miżuri tranżizzjonali*

Fejn applikazzjoni tkun ġiet irreġistrata wara [*l-ewwel jum tad-dħul fis-seħħ ta' dan ir-Regolament*] l-avvenimenti li probabbli jinvolvu r-responsabbiltà ta' Stat Membru skont dan ir-Regolament għandhom jittieħdu inkonsiderazzjoni, anki jekk jippreċedu dik id-data.

*Artikolu 75*

*Id-dħul fis-seħħ u l-applikabbiltà*

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Għandu japplika għal applikazzjonijiet għal protezzjoni internazzjonali rreġistrati minn [l-ewwel jum tat-tlettax-il xahar wara d-dħul fis-seħħ tiegħu]. L-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali ppreżentata qabel dik id-data għandu jiġi ddeterminat skont il-kriterji ddikjarati fir-Regolament (KE) Nru 604/2013.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u jkun direttament applikabbli fl-Istati Membri skont it-Trattati.

Magħmul fi Brussell,

| | |
|---|---|
| *Għall-Parlament Ewropew* | *Għall-Kunsill* |
| *Il-President* | *Il-President* |

# DIKJARAZZJONI FINANZJARJA LEĠIŻLATTIVA

## 1. QAFAS TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 1.1. Titolu tal-proposta/inizjattiva

| |
|---|
| Proposta għal Regolament dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni |

### 1.2. Qasam/oqsma ta' politika kkonċernat(i) *(Raggruppament ta' programmi)*

| |
|---|
| 10 - Migrazzjoni |

### 1.3. Il-proposta/l-inizjattiva tirrigwarda:

☐ **azzjoni ġdida**

☐ **azzjoni ġdida li ssegwi proġett pilota/azzjoni preparatorja**[61]

✓ **l-estensjoni ta' azzjoni eżistenti**

☐ **fużjoni jew ridirezzjoni ta' azzjoni waħda jew aktar lejn oħra/azzjoni ġdida**

### 1.4. Raġunijiet għall-proposta/inizjattiva

*1.4.1. Rekwiżit(i) li jridu jiġu ssodisfati fuq terminu qasir jew twil inkluża kronoloġija dettaljata għall-prosegwiment tal-implimentazzjoni tal-inizjattiva*

Fil-Patt il-Ġdid tagħha dwar il-Migrazzjoni u l-Ażil il-Kummissjoni tħabbar bidu ġdid għall-migrazzjoni. Din il-proposta tistabbilixxi qafas komuni għall-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni fil-livell tal-UE bħala kontribut ewlieni għall-approċċ komprensiv u tfittex li ssaħħaħ il-fiduċja reċiproka bejn l-Istati Membri, abbażi tal-prinċipju ġenerali tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà. Hija tippromwovi t-tfassil ta' politika integrata fil-politiki dwar il-migrazzjoni u l-ażil, inkluż il-ħtieġa li jitqiesu politiki f'oqsma rilevanti oħra, b'attenzjoni speċjali għal kooperazzjoni mill-qrib u sħubijiet reċiproċi ma' pajjiżi terzi rilevanti. Tirrikonoxxi li approċċ komprensiv ifisser ukoll espressjoni aktar b'saħħitha, aktar sostenibbli u tanġibbli tal-prinċipju tas-solidarjetà u l-kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà, li jsib il-bilanċ tiegħu f'kuntest usa', u jwessa' l-attenzjoni lil hinn mill-kwistjoni ta' liema Stat Membru huwa responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali. Dawn il-prinċipji għalhekk jenħtieġ li jiġu applikati għall-ġestjoni kollha tal-migrazzjoni, li tvarja mill-indirizzar tal-migrazzjoni irregolari għal movimenti mhux awtorizzati.

Il-proposta tissimplifika r-regoli attwali previsti fir-Regolament UE (Nru) 604/2013 u għandha l-għan li tiżgura l-applikazzjoni korretta tar-regoli li se jillimitaw il-movimenti mhux awtorizzati ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi bejn l-Istati Membri. Dawn ir-regoli huma kkumplimentati minn mekkaniżmu ġdid ta' solidarjetà biex jiġu indirizzati sitwazzjonijiet fejn l-Istati Membri jiġu ffaċċjati bi pressjoni migratorja. Dan l-approċċ jipprevedi wkoll l-inklużjoni ta' proċess speċifiku għas-solidarjetà applikat għall-wasliet wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ.

[61] Kif imsemmi fl-Artikolu 58(2)(a) jew (b) tar-Regolament Finanzjarju.

Tali mekkaniżmu ta' solidarjetà huwa sostnut minn inċentivi finanzjarji għall-Istati Membri li juru solidarjetà li twassal, fost l-oħrajn, għar-rilokazzjoni ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali u l-benefiċjarji tagħha, u ta' migranti irregolari. Se jsiru pagamenti ta' inċentiv ogħla għar-rilokazzjoni ta' minorenni mhux akkumpanjati. Dan jibdel b'mod sinifikanti l-isfond finanzjarju attwali u jenħtieġ li jingħata appoġġ biex jiġu indirizzati l-ispejjeż finanzjarji relatati ma' dawn ir-rilokazzjonijiet fil-forma ta' finanzjament mhux marbut mal-ispejjeż kif definiti fl-Artikolu 125 tar-Regolament Finanzjarju.

L-objettiv speċifiku: Titjib fil-protezzjoni u s-solidarjetà

Attività/attivitajiet ta' ABM/ABB ikkonċernata/i:

10 – Migrazzjoni

-Li jiġi stabbilit qafas komuni li jtejjeb l-effiċjenza u l-effikaċja tal-approċċ komprensiv dwar l-ażil u l-ġestjoni tal-migrazzjoni permezz ta' tfassil integrat tal-politika u fiduċja reċiproka fost l-Istati Membri

-Li titjieb l-effiċjenza u l-effettività tas-sistema biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali ddepożitata fi Stat Membru minn ċittadin ta' pajjiż terz jew minn persuna mingħajr stat.

-Li titjieb is-solidarjetà u l-kondiviżjoni tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri.

Il-proposta għandha l-għan li:

- tistabbilixxi qafas komuni li jikkontribwixxi għall-approċċ komprensiv għall-ġestjoni tal-ażil u l-migrazzjoni bbażat fuq il-prinċipji ta' tfassil ta' politika integrat u ta' solidarjetà u kondiviżjoni ġusta tar-responsabbiltà;
- l-iżgurar tal-kondiviżjoni tar-responsabbiltà permezz ta' mekkaniżmu ta' solidarjetà ġdid billi tiġi implimentata sistema li twassal solidarjetà fuq bażi kontinwa fi żminijiet normali u tassisti lill-Istati Membri b'miżuri effettivi (rilokazzjoni jew sponsorizzazzjoni tar-ritorn u kontribuzzjonijiet oħrajn immirati lejn il-kapaċità tal-Istati Membri fil-qasam tal-ażil, l-akkoljenza u r-ritorn u fid-dimensjoni esterna) biex tkun ġestita l-migrazzjoni fil-prattika fejn ikunu ffaċċjati bi pressjoni migratorja. Dan l-approċċ jinkludi wkoll proċess speċifiku għas-solidarjetà li jrid jiġi applikat għall-wasliet wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ;
- isaħħaħ il-kapaċità tas-sistema biex tiddetermina b'mod effiċjenti u effettiv Stat Membru wieħed responsabbli biex jeżamina l-applikazzjoni għal protezzjoni internazzjonali. B'mod partikolari, dan jillimita l-waqfien tal-klawsoli tar-responsabbiltà kif ukoll il-possibbiltajiet ta' trasferiment tar-responsabbiltà bejn l-Istati Membri minħabba l-azzjonijiet tal-applikant, u jqassar b'mod sinifikanti l-limiti ta' żmien biex jintbagħtu t-talbiet u biex jintlaqgħu t-tweġibiet, sabiex jiġi żgurat li l-applikanti jkollhom determinazzjoni aktar mgħaġġla tal-Istat Membru responsabbli u b'hekk aċċess aktar rapidu għall-proċeduri għall-għoti ta' protezzjoni internazzjonali;
- jiskoraġġixxi l-abbużi u jevita l-movimenti sekondarji tal-applikanti fl-UE, b'mod partikolari billi jinkludi obbligi ċari għall-applikanti li japplikaw fl-Istat Membru tal-ewwel dħul u jibqgħu fl-Istat Membru determinat bħala responsabbli. Dan jirrikjedi wkoll konsegwenzi proċedurali u materjali proporzjonati f'każ ta' nuqqas ta' konformità mal-obbligi tagħhom.

Riżultati u impatti mistennija

L-Istati Membri u l-Unjoni Ewropea kollha kemm hi se jibbenefikaw minn Regolament riformat dwar il-Ġestjoni tal-Ażil u l-Migrazzjoni, li jinkorpora s-sett ta' prinċipji ta' gwida għall-ġestjoni effettiva tal-migrazzjoni permezz ta' qafas komuni li jikkontribwixxi għall-implimentazzjoni tal-approċċ komprensiv, proċeduri ssimplifikati u billi jipprovdi għal solidarjetà lill-Istati Membri biex jgħinhom jindirizzaw sitwazzjonijiet ta' pressjoni migratorja. L-Istati Membri jkunu jistgħu jibbenefikaw minn miżuri volontarji ta' solidarjetà f'kull ħin.

Il-mezzi baġitarji stabbiliti aktar f'dan id-dokument ikopru l-kontribuzzjonijiet stmati tal-Unjoni li se jservu ta' inċentiv għall-possibbiltajiet estiżi għar-rilokazzjoni. Fl-istess ħin, il-kontribuzzjonijiet tal-Unjoni se jappoġġaw ukoll it-trasferimenti wara d-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli għall-eżami ta' applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali u t-trasferimenti ta' persuni rilokati. Dan l-appoġġ għall-implimentazzjoni xierqa tas-sistema se jipprovdi għas-solidarjetà lill-Istati Membri inkluż fil-kuntest ta' persuni żbarkati wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ. Dan min-naħa tiegħu jkun ta' benefiċċju għall-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali, peress li dawn se jibbenefikaw minn sistema aktar effiċjenti għad-determinazzjoni tal-Istat Membru responsabbli, u se jippermetti aċċess aktar malajr għall-proċedura biex tiġi eżaminata applikazzjoni fis-sustanza.

*L-ispejjeż tar-rilokazzjoni*

Skont din il-proposta, l-Istat Membru li fih l-applikanti għall-ażil, il-migranti irregolari jew il-benefiċjarji tal-protezzjoni internazzjonali jiġu rilokati huwa intitolat li jirċievi kontribuzzjoni tal-Unjoni ta' EUR 10 000 għal kull persuna rilokata.

Meta l-persuna rilokata tkun minorenni mhux akkumpanjat, il-kontribuzzjoni tal-Unjoni tkun ta' EUR 12 000. Il-kontribuzzjoni ogħla hija ġġustifikata abbażi tal-fatt li l-ipproċessar ulterjuri ta' minorenni mhux akkumpanjati wara r-rilokazzjoni jkun aktar kumpless u konsegwentement aktar għali.

*Spejjeż ta' trasferiment*

Skont din il-proposta, l-Istat Membru li jwettaq it-trasferiment lejn l-Istat Membru tal-allokazzjoni huwa intitolat li jirċievi somma f'daqqa ta' EUR 500 għal kull persuna ttrasferita.

Barra minn hekk, l-ispejjeż tat-trasferiment relatati mal-proċeduri normali ta' trasferiment (talbiet għal teħid ta' responsabbiltà u notifiki ta' teħid lura) se jkunu wkoll appoġġati mill-UE skont din il-proposta u l-Istat Membru li jwettaq it-trasferiment lejn l-Istat Membru responsabbli, huwa intitolat li jirċievi kontribuzzjoni tal-Unjoni ta' EUR 500 għal kull persuna trasferita.

1.4.2. *Il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni (dan jista' jirriżulta minn fatturi differenti, eż. titjib fil-koordinazzjoni, ċertezza legali, effettività jew kumplimentarjetajiet akbar). Għall-finijiet ta' dan il-punt, "il-valur miżjud tal-involviment tal-Unjoni" huwa l-valur li jirriżulta mill-intervent tal-Unjoni li huwa addizzjonali għall-valur li nkella kien jinħoloq mill-Istati Membri weħidhom.*

Raġunijiet għal azzjoni fuq livell Ewropew (*ex-ante*)

L-istabbiliment tal-kriterji u l-mekkaniżmi biex ikun iddeterminat l-Istat Membru responsabbli biex jeżamina applikazzjoni għall-protezzjoni internazzjonali

ddepożitata f'wieħed mill-Istati Membri minn ċittadin ta' pajjiż terz jew minn persuna mingħajr Stat, ma jistax jintlaħaq mill-Istati Membri li jaġixxu waħidhom u jista' jintlaħaq biss fil-livell tal-Unjoni.

Valur miżjud iġġenerat tal-Unjoni mistenni (ex-post)

Il-valur miżjud ta' din il-proposta huwa s-simplifikazzjoni u t-titjib tal-effettività tar-Regolament ta' Dublin attwali u li jipprovdi għal mekkaniżmu ta' solidarjetà li jiġi applikat matul perjodi ta' pressjoni fi Stat Membru għall-benefiċċju tiegħu jew fil-każijiet ta' persuni żbarkati wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ.

*1.4.3. Lezzjonijiet mitgħallma minn esperjenzi simili fil-passat*

Il-kriżi tal-2015 kixfet dgħufijiet u nuqqasijiet strutturali sinifikanti fit-tfassil u fl-implimentazzjoni tal-politika Ewropea dwar l-ażil u l-migrazzjoni, inkluż is-sistema ta' Dublin li ma kinitx imfassla biex tiżgura kondiviżjoni sostenibbli tar-responsabilità għall-applikanti għall-protezzjoni internazzjonali madwar l-UE. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-28 ta' Ġunju 2018 sejħu għal riforma tar-Regolament ta' Dublin abbażi ta' bilanċ tar-responsabbiltà u solidarjetà, filwaqt li jitqiesu l-persuni żbarkati wara operazzjonijiet ta' tiftix u salvataġġ.

L-evalwazzjoni kkummissjonata mill-Kummissjoni fl-2016 ikkonkludiet li filwaqt li sistema bħal din għadha meħtieġa fil-livell tal-Unjoni, is-sistema attwali ta' Dublin mhijiex sodisfaċenti u għalhekk teħtieġ bidliet immirati lejn is-simplifikazzjoni tagħha u li tagħmilha aktar effiċjenti.

Barra minn hekk, is-sistema ta' Dublin attwali ma kinitx imfassla bħala strument ta' solidarjetà u ta' kondiviżjoni tar-responsabbiltà. Il-kriżi tal-migrazzjoni kixfet dan in-nuqqas, li jitlob għall-inklużjoni ta' mekkaniżmu ta' solidarjetà fil-proposta.

*1.4.4. Kompatibbiltà u sinerġija possibbli ma' strumenti xierqa oħrajn*

Din il-proposta hija kompatibbli mal-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil (AMF). L-AMF diġà jipprevedi l-possibbiltà ta' trasferiment ta' applikanti għall-protezzjoni internazzjonali bħala parti mill-programm nazzjonali ta' kull Stat Membru fuq bażi volontarja (Artikolu 17(5) tar-Regolament (UE) Nru 471/2018). Bil-kamp ta' applikazzjoni usa' tar-rilokazzjoni previst f'din il-proposta, jenħtieġ li jiġu previsti wkoll l-ispejjeż tar-rilokazzjoni u tat-trasferiment.

Jekk l-approprjazzjonijiet (EUR 1 113 500 000 previsti għall-2022-2027) ma jintużawx bis-sħiħ għall-implimentazzjoni tal-ħtiġijiet mistennija għall-implimentazzjoni tas-sistema l-ġdida, l-ammonti li jifdal se jiġu riallokati għal azzjonijiet oħrajn taħt l-AMF. F'każ li l-ħtiġijiet għall-implimentazzjoni ta' sistema ġdida jaqbżu l-istimi (jiġifieri aktar persuni li jfittxu l-ażil ikollhom bżonn li jiġu rilokati u trasferiti), jenħtieġ li jintalbu riżorsi addizzjonali.

## 1.5. Tul ta' żmien u impatt finanzjarju

☐ **durata limitata**

☐ fis-seħħ minn [JJ/XX]SSSS sa [JJ/XX]SSSS

☐Impatt finanzjarju minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u minn SSSS sa SSSS għall-approprjazzjonijiet ta' pagament.

✓ **tul ta' żmien mhux limitat**

Implimentazzjoni b'perjodu tal-bidu mill-2022 sal-2027,

segwita bi tħaddim fuq skala sħiħa.

## 1.6. Mod(i) ta' ġestjoni ppjanat(i)[62]

✓ **Ġestjoni diretta** mill-Kummissjoni

☐ mid-dipartimenti tagħha, inkluż mill-persunal tagħha fid-delegazzjonijiet tal-Unjoni;

☐ mill-aġenziji eżekuttivi

✓ **Ġestjoni kondiviża** mal-Istati Membri

✓ **Ġestjoni indiretta** billi l-kompiti tal-implimentazzjoni baġitarja jiġu fdati lil:

☐ pajjiżi terzi jew il-korpi li ħatru;

✓ organizzazzjonijiet internazzjonali u l-aġenziji tagħhom (iridu jiġu speċifikati);

☐ il-BEI u l-Fond Ewropew tal-Investiment;

☐ korpi li hemm referenza għalihom fl-Artikoli 70 u 71 tar-Regolament Finanzjarju;

☐ korpi tal-liġi pubblika;

✓ korpi regolati bil-liġi privata b'missjoni ta' servizz pubbliku sa fejn jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

✓ korpi regolati bil-liġi privata ta' Stat Membru li huma fdati bl-implimentazzjoni ta' sħubija pubblika-privata u li jipprovdu garanziji finanzjarji adegwati;

☐ persuni fdati bl-implimentazzjoni ta' azzjonijiet speċifiċi fil-PESK skont it-Titolu V tat-TUE, u li huma identifikati fl-att bażiku rilevanti.

*Jekk jiġi indikat iżjed minn mod wieħed ta' ġestjoni, jekk jogħġbok ipprovdi d-dettalji fit-taqsima "Kummenti".*

Kummenti

| |
|---|
| Ir-rilokazzjoni u t-trasferimenti se jiġu implimentati taħt il-faċilità Tematika tal-AMF, prinċipalment permezz ta' **ġestjoni diretta** (jew permezz ta' **ġestjoni indiretta** f'każ li l-korp li jimplimenta l-azzjoni jiġi vvalutat bħala pilastru). Madankollu, skont is-sitwazzjoni jista' jkun aktar xieraq li jiġu pprovduti kontribuzzjonijiet tal-Unjoni permezz ta' ġestjoni kondiviża, billi jiżdiedu l-programmi nazzjonali |

62 Id-dettalji tal-modi ta' ġestjoni u r-referenzi għar-Regolament Finanzjarju jinsabu fuq is-sit BudgWeb: https://myintracomm.ec.europa.eu/budgweb/MT/man/budgmanag/Pages/budgmanag.aspx

## 2. MIŻURI TA' ĠESTJONI

### 2.1. Regoli dwar il-monitoraġġ u r-rapportar

*Speċifika l-frekwenza u l-kundizzjonijiet.*

Il-finanzjament implimentat taħt il-**ġestjoni diretta u indiretta** se jiġi implimentat taħt il-Faċilità Tematika AMF, li taqa' wkoll taħt il-mekkaniżmu ta' monitoraġġ u evalwazzjoni ġenerali tal-AMF. Se jiġu stabbiliti mudelli u regoli ssimplifikati sabiex jinġabru indikaturi mill-benefiċjarji tal-ftehimiet ta' għotja u kontribuzzjoni bl-istess pass bħal tal-ġestjoni kondiviża, sabiex jiġi żgurat l-iżvelar ta' *data* komparabbli.

Meta l-kontribuzzjoni tal-Unjoni tiġi pprovduta permezz ta' **ġestjoni kondiviża**, għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

Il-finanzjament implimentat mill-Istati Membri taħt ġestjoni kondiviża se jsegwi r-regoli stabbiliti fir-Regolament dwar id-Dispożizzjonijiet Komuni (COM(2018) 375) li ssir referenza għalih ukoll bħala l-proposta dwar l-RDK, fir-Regolament 2018/2016 (Regolament Finanzjarju) u l-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil (COM(2018)471), li ssir referenza għalih ukoll bħala proposta AMF.

F'konformità mal-proposta tal-RDK, kull Stat Membru se jistabbilixxi sistema ta' ġestjoni u kontroll għall-programm tiegħu u se jiżgura l-kwalità u l-affidabbiltà tas-sistema ta' monitoraġġ. Għalhekk, għal ġestjoni kondiviża, hemm fis-seħħ qafas ta' rappurtar, monitoraġġ u evalwazzjoni koerenti u effiċjenti. L-Istati Membri huma meħtieġa jistabbilixxu Kumitat ta' Monitoraġġ li fih tista' tipparteċipa l-Kummissjoni f'kapaċità ta' konsulenza. L-Istati Membri jistgħu jistabbilixxu kumitat uniku ta' monitoraġġ biex ikopri aktar minn programm wieħed. Il-kumitati tal-monitoraġġ jevalwaw il-kwistjonijiet kollha li jaffettwaw il-progress ta' programm lejn l-ilħuq tal-objettivi tiegħu.

Għall-fondi tal-affarijiet ta' HOME, l-Istati Membri se jissottomettu lill-Kummissjoni rapport annwali dwar il-prestazzjoni fuq l-implimentazzjoni tal-programm u l-progress lejn l-ilħuq ta' stadji importanti u miri. Ir-rapport jenħtieġ li jqajjem ukoll kwalunkwe kwistjoni li taffettwa l-prestazzjoni tal-programm u jiddeskrivi l-azzjoni meħuda biex jindirizzahom.

### 2.2. Sistema(i) ta' ġestjoni u kontroll

#### *2.2.1. Ġustifikazzjoni tal-mod(i) ta' ġestjoni, il-mekkaniżmu(i) għall-implimentazzjoni tal-finanzjament, il-modalitajiet ta' pagament u l-istrateġija ta' kontroll proposta*

Skont il-proposta tal-AMF, 60 % tal-pakkett tal-AMF huwa riservat għall-programmi tal-Istati Membri. L-40 % li jifdal tal-pakkett finanzjarju se jiġi ġestit permezz ta' faċilità tematika. L-objettiv tal-introduzzjoni tal-faċilità tematika huwa li jibbilanċja l-prevedibbiltà tal-allokazzjoni multiannwali tal-finanzjament għall-programmi tal-Istati Membri bi flessibbiltà fl-iżborż ta' finanzjament perjodiku għal azzjonijiet b'livell għoli ta' valur miżjud lill-Unjoni abbażi ta' ċiklu ta' programmazzjoni ta' sentejn. Il-faċilità tematika se tintuża għar-risistemazzjoni u għat-trasferimenti.

L-istrateġija ta' kontroll se tkun ibbażata fuq ir-Regolament Finanzjarju u fuq il-proposta RDK.

Għall-parti implimentata permezz ta' **ġestjoni diretta u indiretta** taħt il-faċilità tematika, is-sistema ta' ġestjoni u kontroll se tibni fuq l-esperjenza miksuba bejn l-

2014-2020 kemm fl-azzjonijiet tal-Unjoni kif ukoll fl-assistenza ta' emerġenza. Se tiġi stabbilita skema ssimplifikata li tippermetti pproċessar rapidu tal-applikazzjonijiet għall-finanzjament filwaqt li tnaqqas ir-riskju ta' żbalji: l-applikanti eliġibbli se jkunu limitati għall-Istati Membri u għall-organizzazzjonijiet Internazzjonali, il-finanzjament se jkun ibbażat fuq opzjonijiet ta' spejjeż issimplifikati, se jiġu żviluppati mudelli standard għall-applikazzjonijiet ta' finanzjament, ftehimiet ta' għotjiet/kontribuzzjoni u rappurtar, kumitat permanenti ta' evalwazzjoni se jeżamina l-applikazzjonijiet hekk kif jaslu.

Meta l-kontribuzzjoni tal-Unjoni tiġi pprovduta permezz ta' **ġestjoni kondiviża**, għandhom japplikaw ir-regoli li ġejjin:

L-Istati Membri se jirċievu kontribuzzjoni addizzjonali għal kull persuna li taqa' fil-kategoriji koperti minn dan ir-Regolament.

L-ammonti korrispondenti se jiġu allokati lill-Istati Membri permezz tal-emenda tal-programm tagħhom. Dawn il-programmi huma ġestiti taħt ġestjoni kondiviża f'konformità mal-Artikolu 63 tar-Regolament Finanzjarju, il-proposta dwar l-RDK u l-proposta AMF.

L-arranġamenti għall-pagament għall-ġestjoni kondiviża huma stabbiliti fil-proposta tar-RDK. Il-proposta tal-RDK tipprevedi prefinanzjament annwali, segwit minn massimu ta' 4 dividendi interim għal kull programm u sena bbażata fuq l-applikazzjonijiet għal pagament mibgħuta mill-Istati Membri matul is-sena kontabilistika. Skont il-proposta tal-RDK, il-prefinanzjament jiġi approvat fl-aħħar sena kontabilistika tal-programmi.

Għall-parti implimentata permezz tal-ġestjoni kondiviża, il-proposta tal-RDK tibni fuq l-istrateġija tal-ġestjoni u l-kontroll fis-seħħ għall-perjodu ta' programmar 2014-2020, iżda tintroduċi xi miżuri mmirati lejn is-simplifikazzjoni tal-implimentazzjoni u t-tnaqqis tal-piż tal-kontroll fil-livell kemm tal-benefiċjarji kif ukoll tal-Istati Membri. L-elementi l-ġodda jinkludu:

-it-tneħħija tal-proċedura tal-ħatra għall-awtoritajiet tal-programm;

-il-verifiki tal-maniġment (amministrattivi u fil-post) li jridu jsiru mill-awtorità ta' ġestjoni fuq il-bażi tar-riskju (meta mqabbla mal-kontrolli amministrattivi 100 % meħtieġa fil-perjodu ta' programmar 2014-2020).

-l-awtoritajiet ta' ġestjoni jistgħu japplikaw, taħt ċerti kundizzjonijiet, arranġamenti ta' kontroll proporzjonati f'konformità mal-proċeduri nazzjonali.

-kundizzjonijiet biex jiġu evitati awditi multipli fuq l-istess operazzjoni/nefqa.

L-awtoritajiet tal-programm se jissottomettu pretensjonijiet għal ħlas interim lill-Kummissjoni abbażi tan-nefqa mġarrba mill-benefiċjarji. Sabiex jitnaqqas ir-riskju tar-rimborż ta' nefqa ineliġibbli, l-RDK jipprevedi li l-ħlasijiet interim tal-Kummissjoni jkunu limitati għal 90 %, minħabba li sa dak il-mument ikunu twettqu biss parti mill-kontrolli nazzjonali. Il-Kummissjoni se tħallas il-bilanċ li jibqa' wara l-eżerċizzju ta' approvazzjoni annwali tal-kontijiet, hekk kif tirċievi l-pakkett annwali ta' aċċertament mingħand l-awtoritajiet tal-programm. Il-pakkett ta' assigurazzjoni jinkludi l-kontijiet, id-dikjarazzjoni tal-ġestjoni u l-opinjonijiet tal-awtorità tal-awditjar dwar il-kontijiet, is-sistema ta' ġestjoni u ta' kontroll u l-legalità u r-regolarità tan-nefqa ddikjarata fil-kontijiet. Dan il-pakkett ta' assigurazzjoni se jintuża mill-Kummissjoni biex tiddetermina l-ammont li jista' jiġi impost fuq il-Fond għas-sena kontabilistika.

Kull irregolarità li jsibu l-Kummissjoni jew il-Qorti Ewropea tal-Awdituri wara t-trażmissjoni tal-pakkett ta' assigurazzjoni annwali tista' twassal għal korrezzjoni finanzjarja netta.

2.2.2. *Informazzjoni dwar ir-riskji identifikati u s-sistema(i) ta' kontroll intern stabbiliti għall-mitigazzjoni tagħhom*

*RISKJI*

Fis-snin mgħoddija, id-DG HOME ma kienx qed jiffaċċja riskji importanti ta' żbalji fil-programmi ta' nfiq tiegħu.

Għar-rilokazzjoni u t-trasferimenti appoġġati permezz ta' **ġestjoni diretta/indiretta**, ir-riskju ta' żbalji huwa mistenni li jkun inqas minn dak fl-azzjonijiet attwali tal-Unjoni u l-assistenza ta' emerġenza (bħalissa madwar 3 % tar-rata ta' żbalji residwi). Fil-fatt, ħafna mill-fatturi ta' riskju mhux se jeżistu fil-finanzjament tar-rilokazzjoni u t-trasferimenti: l-applikanti eliġibbli se jkunu limitati għall-Istati Membri u għall-organizzazzjonijiet Internazzjonali, il-finanzjament se jkun ibbażat esklussivament fuq għażliet ta' spejjeż issimplifikati, u se jiġu żviluppati mudelli standardizzati biex jissimplifikaw kemm l-applikazzjoni kif ukoll ir-rappurtar. Barra minn hekk, l-assigurazzjoni dwar ir-realtà tar-rilokazzjonijiet u t-trasferimenti hija għolja bis-saħħa tal-mekkaniżmi eżistenti ta' monitoraġġ operattiv.

Għall-appoġġ ipprovdut permezz ta' **ġestjoni kondiviża**:

Is-sistema ta' ġestjoni u kontroll issegwi r-rekwiżiti ġenerali stabbiliti fil-proposta tal-RDK u hija konformi mar-rekwiżiti tar-Regolament Finanzjarju.

Fir-rigward tal-kontribuzzjoni finanzjarja għar-rilokazzjoni, u t-trasferimenti, l-Istati Membri jistgħu jinkluduhom fl-applikazzjonijiet għall-ħlas lill-Kummissjoni biss sakemm il-persuna li għaliha tkun qed tintalab il-kontribuzzjoni tkun effettivament trasferita. L-Istati Membri huma obbligati li jwettqu kontrolli u awditi biex jivverifikaw jekk il-kundizzjonijiet biex tintalab il-kontribuzzjoni mingħand il-Kummissjoni ġewx issodisfati. Barra minn hekk, l-Istati Membri huma obbligati jżommu dokumenti ta' sostenn xierqa għall-perjodu ta' żmien stabbilit fil-proposta tal-RDK.

Programmazzjoni pluriennali flimkien mal-approvazzjoni annwali bbażata fuq il-pagamenti li jkunu saru mill-Awtorità Responsabbli tallinja l-perjodi ta' eliġibbiltà mal-kontijiet annwali tal-Kummissjoni.

*SISTEMA TA' KONTROLL INTERN – IL-MITIGAZZJONI TAL-KONTROLLI*

L-ewwel Strateġija tad-DG HOME Kontra l-Frodi ġiet adottata fl-2013. L-Istrateġija attwali kontra l-Frodi ġiet aġġornata fi Frar 2018 u se tkun valida sakemm jintemm il-QFP attwali. Fid-dawl tal-QFP 2021-2027 u tal-Istrateġija l-ġdida tal-Kummissjoni Kontra l-Frodi adottata fl-2019, id-DG HOME bħalissa qed jaħdem biex jaġġorna l-Istrateġija tiegħu Kontra l-Frodi. L-għan tal-Istrateġija l-ġdida tad-DG HOME se jkun li jadatta għas-sitwazzjoni li qed tevolvi u jsaħħaħ aktar l-attivitajiet tad-DĠ kontra l-frodi. L-Istrateġija Kontra l-Frodi l-ġdida tad-DG HOME se tiġi adottata mhux aktar tard mill-2021.

Fl-2016, id-DG HOME stabbilixxa wkoll strateġija ta' kontroll għall-assistenza ta' emerġenza li se tkun il-bażi għall-istabbiliment tal-istrateġija ta' kontroll għall-parti dwar il-ġestjoni diretta/indiretta.

Barra minn hekk, għal **ġestjoni kondiviża**, f'Novembru tal-2015, id-DG HOME adotta Strateġija ta' Verifika għall-parti ta' ġestjoni kondiviża tal-Fond għall-Ażil, il-Migrazzjoni u l-Integrazzjoni (AMIF) u tal-Fond għas-Sigurtà Interna (ISF). Bħalissa qiegħda tiġi żviluppata Strateġija ta' Kontroll għall-ġestjoni kondiviża tal-AMIF/ISF mid-DG HOME. Din l-istrateġija se tinkludi l-kontrolli kollha meħtieġa għall-ġestjoni tal-programmi nazzjonali taħt l-AMIF u l-ISF.

*2.2.3. Stima u ġustifikazzjoni tal-kosteffettività tal-kontrolli (proporzjon tal-"ispejjeż tal-kontroll ÷ il-valur tal-fondi relatati ġestiti"), u valutazzjoni tal-livelli mistennija tar-riskju ta' żball (mal-ħlas u fl-għeluq)*

Spejjeż tal-kontroll negliġibbli u riskju ta' żbalji baxx ħafna.

L-ispejjeż tal-kontrolli huma mistennija li jibqgħu l-istess bħal fil-perjodu attwali.

Għall-**ġestjoni diretta/indiretta**, l-ispiża tal-kontrolli hija mistennija li tkun iżgħar milli għall-azzjonijiet tal-Unjoni, minħabba proċeduri standardizzati għall-applikazzjoni, l-evalwazzjoni u r-rappurtar, l-ispejjeż simplifikati u l-limitazzjonijiet qawwija għall-applikanti eliġibbli.

Għall-**ġestjoni kondiviża**, l-ispiża tal-kontrolli tista' potenzjalment titnaqqas għall-Istati Membri minħabba l-approċċ ibbażat fuq ir-riskju għall-ġestjoni u l-kontrolli li qed jiġu introdotti fil-proposta RDK. Għal dan iċ-ċiklu ta' programmar (2014-2020), b'seħħ mill-2017, il-kost kumulattiv tal-kontroll mill-Istati Membri hu stmat li jinsab f'madwar 5 % tal-ammont totali tal-pagamenti mitluba mill-Istati Membri għas-sena 2017.

## 2.3. Miżuri għall-prevenzjoni tal-frodi u tal-irregolaritajiet

*Speċifika l-miżuri ta' prevenzjoni u ta' protezzjoni eżistenti jew previsti, eż. mill-Istrateġija ta' Kontra l-Frodi.*

Tapplika l-istrateġija kontra l-frodi tad-DG HOME li hemm referenza għaliha fi 2.2.2.

## 3. IMPATT FINANZJARJU STMAT TAL-PROPOSTA/INIZJATTIVA

### 3.1. Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali u l-linja/i baġitarja/i ġodda tan-nefqa proposti

| Intesatatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | Linja baġitarja | Tip ta' nefqa | Kontribuzzjoni | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Intestatura 4: Il-Migrazzjoni u l-Ġestjoni tal-Fruntieri<br>Kapitolu 10: Migrazzjoni | Diff./Mhux diff.[63]. | minn pajjiżi tal-EFTA[64] | minn pajjiżi kandidati[65] | minn pajjiżi terzi | fis-sens tal-Artikolu [21(2)(b)] tar-Regolament Finanzjarju |
| 4 | 10 02 01- il-Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil | Diff. | LE | LE | IVA[66] | LE |
| 4 | 10 01 01 – Nefqa fuq appoġġ għall-"Fond għall-Migrazzjoni u l-Ażil" | Mhux diff. | LE | LE | IVA | LE |
| 4 | XX 01 01 01 (Kwartieri Ġenerali u l-Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni) | Mhux diff. | LE | LE | LE | LE |
| 4 | XX 01 01 02 (Kwartieri Ġenerali u l-Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni) | Mhux diff. | LE | LE | LE | LE |
| 4 | XX 01 01 02 (Kwartieri Ġenerali u l-Uffiċċji ta' Rappreżentanza tal-Kummissjoni) | Mhux diff. | LE | LE | LE | LE |

63 Diff. = Approprjazzjonijiet differenzjati / Mhux diff. = Approprjazzjonijiet mhux differenzjati.
64 EFTA: Assoċjazzjoni Ewropea tal-Kummerċ Ħieles.
65 Pajjiżi kandidati u, fejn ikun applikabbli, pajjiżi potenzjalment kandidati mill-Balkani tal-Punent.
66 kontribuzzjoni volontarja possibbli mill-Pajjiżi Assoċjati ta' Schengen jekk dawn jipparteċipaw fis-sistema ta' Dublin il-ġdida

### 3.2. Impatt stmat fuq in-nefqa

#### *3.2.1. Sommarju tal-impatt stmat fuq in-nefqa*

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

| **Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali** | **4** | Il-Migrazzjoni u l-Ġestjoni tal-Fruntieri |
|---|---|---|

| | | | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027** | ***Wara l-2027*** | **TOTAL** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Approprjazzjonijiet operazzjonali (maqsumin skont il-linji baġitarji elenkati taħt 3.1) | Impenji | (1) | | 87,800 | 120,100 | 225,500 | 226,300 | 226,300 | 227,500 | | 1 113,500 |
| | Pagamenti | (2) | | 70,240 | 113,640 | 204,420 | 226,140 | 226,300 | 227,260 | 45,500 | 1 113,500 |
| Approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva ffinanzjati mill-pakkett tal-programm[67] | Impenji = Pagamenti | (3) | | | | | | | | | |
| **TOTAL ta' approprazzjonijiet għall-pakkett tal-programm** | Impenji | =1+3 | | 87,800 | 120,100 | 225,500 | 226,300 | 226,300 | 227,500 | | 1 113,500 |
| | Pagamenti | =2+3 | | 70,240 | 113,640 | 204,420 | 226,140 | 226,300 | 227,260 | 45,500 | 1 113,500 |

67 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li tappoġġa l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

| Intestatura tal-qafas finanzjarju pluriennali | 7 | L-Amministrazzjoni Pubblika Ewropea |
|---|---|---|

Din it-taqsima jenħtieġ li timtela bl-użu tad-"*data* tal-baġit ta' natura amministrattiva" li se tiġi introdotta għall-ewwel darba fl-Anness għad-Dikjarazzjoni Finanzjarja Leġiżlattiva (LFS), li hija mtella' fuq DECIDE għal skopijiet ta' konsultazzjoni bejn is-servizzi.

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

| | | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | *Wara l-2027* | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Riżorsi umani | | | 1,815 | 1,815 | 1,815 | 1,815 | 1,815 | 1,815 | | 10,890 |
| Nefqa amministrattiva oħra | | | 0,120 | 0,120 | 0,120 | 0,120 | 0,120 | 0,120 | | 0,720 |
| **TOTAL tal-approprazzjonijiet taħt INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | (Total ta' impenji = Total ta' pagamenti) | | 1,935 | 1,935 | 1,935 | 1,935 | 1,935 | 1,935 | - | 11,610 |

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

| | | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | *Wara l-2027* | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL tal-approprijazzjonijiet fl-INTESTATURI** tal-qafas finanzjarju pluriennali | Impenji | | 89,735 | 122,035 | 227,435 | 228,235 | 228,235 | 229,435 | | 1 125,110 |
| | Pagamenti | | 72,175 | 115,575 | 206,355 | 228,075 | 228,235 | 229,195 | 45,500 | 1 125,110 |

### 3.2.2. *Sommarju tal-impatt stmat fuq l-approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva*

☐ Il-proposta/l-inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva

☑ Il-proposta/l-inizjattiva teħtieġ l-użu ta' approprjazzjonijiet ta' natura amministrattiva, kif spjegat hawn taħt:

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

| Snin | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | | 1,815 | 1,815 | 1,815 | 1,815 | 1,815 | 1,815 | 10,890 |
| Nefqa amministrattiva oħra | | 0,120 | 0,120 | 0,120 | 0,120 | 0,120 | 0,120 | 0,720 |
| **Subtotal INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | 1,935 | 1,935 | 1,935 | 1,935 | 1,935 | 1,935 | 11,610 |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **INTESTATURA 7 ta' barra[68] of the multiannual financial framework** | | | | | | | | |
| Riżorsi umani | | | | | | | | |
| Nefqa oħra ta' natura amministrattiva | | | | | | | | |
| **Subtotal INTESTATURA 7 ta' barra tal-qafas finanzjarju pluriennali** | | | | | | | | |

| | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **TOTAL** | | 1,935 | 1,935 | 1,935 | 1,935 | 1,935 | 1,935 | 11,610 |

L-approprjazzjonijiet meħtieġa għar-riżorsi umani u għal infiq ieħor ta' natura amministrattiva se jiġu ssodisfati b'approprjazzjonijiet mid-DĠ li diġà jkunu assenjati għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew kienu ġew ridistribwiti fi ħdan id-DĠ, flimkien, jekk dan ikun neċessarju, ma' kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura annwali ta' allokazzjoni u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

68 Assistenza teknika u/jew amministrattiva u nefqa li tappoġġa l-implimentazzjoni ta' programmi u/jew azzjonijiet tal-UE (li qabel kienu l-linji "BA"), riċerka indiretta, riċerka diretta.

3.2.2.1. Rekwiżiti stmati tar-riżorsi umani

☐ Il-proposta/inizjattiva ma teħtieġx l-użu ta' riżorsi umani.

☑ Il-proposta/l-inizjattiva tirrikjedi l-użu tar-riżorsi umani, kif spjegat hawn taħt:

*L-istima għandha tingħata f'unitajiet ekwivalenti għal full time*

| **Snin** | | **2021** | **2022** | **2023** | **2024** | **2025** | **2026** | **2027** |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **• Karigi fil-pjan ta' stabbiliment (uffiċjali u persunal temporanju)** | | | | | | | | |
| Kwartieri ġenerali u Uffiċċji tar-Rappreżentanza tal-Kummissjoni | | 11 | 11 | 11 | 11 | 11 | 11 | 11 |
| Delegazzjonijiet | | | | | | | | |
| Riċerka | | | | | | | | |
| **• Persunal estern (f'unità Ekwivalenti għall-Full time: FTE) - AC, AL, END, INT u JED** [69] Intestatura 7 | | | | | | | | |
| Iffinanzjat mill-INTESTATURA 7 tal-qafas finanzjarju pluriennali | - fil-Kwartieri Ġenerali | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 | 2 |
| | - fid-Delegazzjonijiet | | | | | | | |
| Iffinanzjati mill-pakkett tal-programm [70] | - fil-Kwartieri Ġenerali | | | | | | | |
| | - fid-Delegazzjonijiet | | | | | | | |
| Riċerka | | | | | | | | |
| Oħrajn (speċifika) | | | | | | | | |
| **TOTAL** | | **13** | **13** | **13** | **13** | **13** | **13** | **13** |

Ir-riżorsi umani meħtieġa sejrin jiġu ssodisfati minn persunal tad-DĠ li huwa diġà assenjat għall-ġestjoni tal-azzjoni u/jew li ġie skjerat mill-ġdid fid-DĠ, flimkien ma', jekk ikun hemm bżonn, kwalunkwe allokazzjoni addizzjonali li tista' tingħata lid-DĠ ta' ġestjoni skont il-proċedura ta' allokazzjoni annwali u fid-dawl tal-limitazzjonijiet baġitarji.

.

Deskrizzjoni tal-kompiti li jridu jitwettqu:

| | |
|---|---|
| Uffiċjali u persunal temporanju | Appoġġ, ipproċessar u monitoraġġ tal-attivitajiet relatati mal-implimentazzjoni ta' din il-proposta, l-aktar fir-rigward tal-mekkaniżmu ta' solidarjetà u l-qafas legali meħtieġ għall-implimentazzjoni tiegħu. 9 FTE (7 AD, 1 CA u 1 SNE) għandhom jiġu assenjati lill-unità ta' politika rilevanti u 4 FTE (2 AD u 2 AST) lill-unità ta' ġestjoni tal-fondi rilevanti. |
| Persunal estern | Jappoġġa, jipproċessa u jissorvelja l-attivitajiet relatati mal-implimentazzjoni ta' din il-proposta, l-aktar fir-rigward tat-tħaddim tal-proposta fir-rigward tad-determinazzjoni tar-responsabbiltà stabbilita għall-Istati Membri biex jeżaminaw l-applikazzjonijiet għall-protezzjoni internazzjonali. |

69 AC= Persunal Kuntrattwali; AL = Persunal Lokali; END = Esperti Nazzjonali Sekondati; INT = persunal tal-aġenzija; JPD= Esperti Subordinati fid-Delegazzjonijiet.

70 Sottolimitu għall-persunal estern kopert mill-approprjazzjonijiet operattivi (li qabel kienu l-linji "BA").

### *3.2.3. Kontribuzzjonijiet ta' partijiet terzi*[71]

Il-proposta/l-inizjattiva:

✓ ma tipprevedix il-kofinanzjament minn partijiet terzi

☐ tipprevedi l-kofinanzjament minn partijiet terzi u li qed jiġi stmat hawn taħt:

Approprjazzjonijiet f'EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

| Snin | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Speċifika l-korp ta' kofinanzjament | | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | |
| Approprjazzjonijiet TOTALI kofinanzjati | | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | p.m. | |

### 3.3. Impatt stmat fuq id-dħul

✓ Il-proposta/inizjattiva ma għandha l-ebda impatt finanzjarju fuq id-dħul.

☐ Il-proposta/l-inizjattiva għandha l-impatt finanzjarju li ġej:

☐ fuq ir-riżorsi proprji

☐ fuq dħul ieħor

jekk jogħġbok indika, jekk id-dħul huwa assenjat għal-linji tan-nefqa ☐

EUR miljun (sa tliet punti deċimali)

| Linja baġitarja tad-dħul: | Impatt tal-proposta/inizjattiva[72] | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | 2021 | 2022 | 2023 | 2024 | 2025 | 2026 | 2027 |
| Artikolu …………. | | | | | | | |

Għal dħul assenjat, speċifika l-linja(i) baġitarja(i) tan-nefqa affettwata(i).

Rimarki oħra (eż. metodu/formula użati għall-kalkolu tal-impatt fuq id-dħul jew kwalunkwe informazzjoni oħra).

---

71 Kontribuzzjoni possibbli mill-Pajjiżi Assoċjati ta' Schengen jekk dawn jipparteċipaw fis-sistema ta' Dublin il-ġdida

72 Fir-rigward tar-riżorsi proprji tradizzjonali (id-dazji doganali, id-dazji fuq iz-zokkor), l-ammonti indikati jridu jkunu ammonti netti, jiġifieri l-ammonti gross wara t-tnaqqis ta' 20 % għall-ispejjeż tal-ġbir.